IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI

## IL-KONTIJIET ANNWALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

IS-SENA FINANZJARJA 2007

### Volum I

### DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI KKONSOLIDATI U RAPPORTI KKONSOLIDATI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT

(2008/C 287/01)

WERREJ

*Paġna*

Nota li takkumpanja l-kontijiet konsolidati ..... 2

L-avvenimenti prinċipali u l-punti ewlenin ..... 3

L-implimentazzjoni u l-kontabilizzazzjoni tal-baġit tal-UE ..... 4

**PARTI I: Dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati tal-komunitajiet ewropej u noti ta' spjegazzjoni** ..... 10

A. Karta tal-Bilanċ ..... 11

B. Kont tar-Riżultat Ekonomiku ..... 12

C. Tabella tal-Flussi tal-Flus ..... 13

D. Dikjarazzjoni tal-Bidliet fl-Assi Netti ..... 14

E. Noti mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji ..... 15

**PARTI II: Rapporti kkonsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-komunitajiet ewropej u noti ta' spjegazzjoni** ..... 84

A. Rapporti konsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ..... 85

B. Noti ta' spjegazzjoni mar-rapporti kkonsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ..... 101

**NOTA LI TAKKUMPANJA L-KONTIJIET KONSOLIDATI**

Il-kontijiet annwali konsolidati tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena 2007 tħejjew skont l-informazzjoni ppreżentata mill-istituzzjonijiet u korpi oħrajn taħt l-Artikolu 129.2 tar-Regolament Finanzjarju. B'dan niddikjara li tħejjew f'konformità mat-Titolu VII tar-Regolament Finanzjarju tal-KE u skont il-prinċipji, regoli u metodi tal-kontabilità stipulati fl-anness tar-rendikonti finanzjarji.

Ksibt l-informazzjoni kollha neċessarja għall-produzzjoni tal-kontijiet, li juru l-assi u l-obbligi tal-Komunitajiet Ewropej u l-implimentazzjoni tal-baġit, mingħand l-uffiċjali tal-kontijiet ta' dawn l-istituzzjonijiet u l-korpi, li ċċertifikaw l-affidabbiltà tal-istess.

B'dan niċċertifika li skont din l-informazzjoni, u wara l-verifiki li dehrli neċessarji biex niffirma l-kontijiet tal-Kummissjoni Ewropea, għandi assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw veduta vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Komunitajiet Ewropej fl-aspetti materjali kollha.



Brian GRAY

*Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni Ewropea*

## L-AVVENIMENTI PRINĊIPALI U L-PUNTI EWLENIN

Il-kontijiet annwali tal-Komunitajiet Ewropej tal-2007 huma t-tielet ġabra ta' kontijiet li tħejjew skont ir-regoli dwar l-użu tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti li ddaħħlu mill-Komunitajiet Ewropej fl-2005. Fl-2007 kien hemm ukoll aġġornament tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej u l-verżjoni l-ġdida daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2007.

Bħal f'kull ġabra ta' kontijiet, il-Kummissjoni ħadmet biex ittejjeb dak li ġie ppubblikat qabel, bil-għan partikolari li tipprovdi lill-qarrej tagħrif aktar rilevanti u li jinftiehem.

Rigward il-preżentazzjoni tal-kontijiet tal-2007, ta' min isemmi l-bidliet li ġejjin:

— Ġiet introdotta taqsima ġdida li tispjega kif il-baġit tal-EU jiġi implimentat u kkontabilizzat. Din it-taqsima tagħti spjega ta' kif il-Komunitajiet huma ffinanzjati u kif il-flus, jintefqu, jiġu kkontrollati u kkontabilizzati.

— Ġiet miżjuda wkoll taqsima li tispjega aħjar l-irkupru ta' ħlasijiet mhux dovuti, inklużi dettalji dwar l-ammonti involuti (ara t-Taqsima **E.6**).

— It-tabelli tal-implimentazzjoni tal-baġit issa huma ppreżentati f'miljuni ta' euro. Ġiet miżjuda wkoll tabella ta' sinteżi sabiex tagħti ħarsa aktar ċara lejn id-dħul u l-infiq tal-baġit.

— Għall-ewwel darba ġiet ipprovduta wkoll rikonċiljazzjoni tar-riżultat ekonomiku tar-riżultat tal-baġit, fin-noti.

Fl-aħħar nett, għandu jiġi nnutat li l-ambitu tal-konsolidazzjoni żdied sa mill-2006 — issa hemm tliet impriżi konġunti meta kien hemm biss waħda fl-2006, u issa hemm 26 aġenzija kkonsolidata meta kien hemm 24 fl-2006.

PUNTI EWLENIN IMPORTANTI FIL-KONTIJIET ANNWALI TAL- 2007

— Il-bilanċ pożittiv tal-baġit kompla jonqos minn EUR 1 848 miljun għal EUR 1 529 miljun.

— Ir-riżultat ekonomiku għas-sena żdied minn bilanċ pożittiv ta' EUR 197 miljun fl-2006 għal bilanċ pożittiv ta' EUR 7 462 miljun fl-2007.

— L-assi totali żdiedu minn EUR 67 332 miljun fl-2006 għal EUR 75 386 miljun, filwaqt li l-obbligazzjonijiet totali żdiedu minn EUR 131 550 miljun għal EUR 134 006 miljun. Id-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet ser tkun iffinanzjata fil-futur immedjat mill-fondi baġitarji diġà vvutati, jew garantiti mill-Istati Membri fuq medda ta' żmien twila.

## L-IMPLIMENTAZZJONI U L-KONTABILIZZAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UE

### 1. IT-TĦEJJIJA TAL-BAĠIT ANNWALI

Il-Baġit tal-UE jiffinanzja firxa wiesgħa ta’ politiki u programmi madwar l-Unjoni. Skont il-prijoritajiet stabbiliti mill-Istati Membri, il-Kummissjoni twettaq programmi, attivitajiet u proġetti speċifiċi fil-qasam. Dawn jistgħu jvarjaw minn appoġġ għal proġetti tal-edukazzjoni għall-mobilità tal-istudenti u l-għalliema, sa proġetti mmirati li jappoġġjaw ambjent tax-xogħol aħjar għall-ħaddiema fl-UE, u t-tisħiħ tal-kontroll tal-fruntieri esterni.

Kważi 95 % tal-baġit tal-UE jmur għall-finanzjament ta’ dawn il-policies u attivitajiet tal-UE, li ġew maqbula mill-Istati Membri kollha. Ir-rabta diretta bejn il-baġit annwali u l-policies tal-UE hija assigurata permezz tal-ibbaġittjar ibbażat fuq l-attivitajiet (ABB). In-nomenklatura tal-baġit ibbażata fuq l-attivitajiet, li ġiet introdotta għall-ewwel darba fil-baġit tal-2004, tippermetti identifikazzjoni ċara tal-oqsma ta’ politika tal-Unjoni Ewropea u tal-ammont totali ta’ riżorsi allokati għal kull wieħed minn dawn l-oqsma.

It-32 qasam ta’ politika huma suddiviżi f’madwar 200 attività, li minnhom aktar minn 110 jinkludu intestaturi operattivi tal-baġit u għalhekk huma riflessi fin-nomenklatura tal-baġit bħala kapitoli tal-baġit. Dawn l-oqsma ta’ politika huma fil-biċċa l-kbira operattivi, peress li l-attivitajiet ċentrali tagħhom għandhom l-iskop li minnhom jibbenefikaw terzi, kull wieħed fl-ambitu ta’ attività rispettiv tiegħu. Oqsma oħra ta’ politika, madankollu, huma orizzontali u jassiguraw li l-Kummissjoni taħdem kif xieraq, bħal fil-każ tal-“Koordinazzjoni u Pariri Legali”, u l-“Baġit”. L-istruttura tal-attivitajiet tipprovdi qafas kunċettwali komuni għall-għażla tal-prijoritajiet, l-ippjanar, l-ibbaġitjar, il-monitoraġġ u r-rappurtar, bl-għan prinċipali li jittejjeb l-użu effiċjenti, ekonomiku u effettiv tar-riżorsi.

Il-proċedura interna għall-adozzjoni tal-abbozz tal-baġit tibda bit-tħejjija tiegħu mill-Kummissjoni qabel ma jgħaddi għand il-Kunsill, li jista’ jagħmel emendi jekk iħoss li dawn ikunu meħtieġa. Il-baġit aġġornat imbagħad imur għand il-Parlament Ewropew, li jista’ huwa wkoll jipproponi emendi jew jaċċetta jew iwarrab l-abbozz kurrenti. Ladarba jkun hemm qbil dwar l-emendi u l-aġġornamenti kollha (inkluż, jekk meħtieġ, abbozz ġdid għal kollox propost mill-Kummissjoni) il-baġit ikun adottat lejn nofs Diċembru mill-Parlament. Il-President tal-Parlament jiddikjara l-baġit adottat u mbagħad dan jista’ jiġi implimentat.

### 2. KIF INHI FFINANZJATA L-KE?

Il-KE għandha żewġ kategoriji ewlenin ta’ finanzjament: Dħul mir-riżorsi proprji u dħul varju

#### 2.1. **Dħul minn riżorsi proprji u riċevibbli**

Dħul ġej minn riżorsi proprji huwa dovut awtomatikament lill-UE sabiex jippermettilha tiffinanzja l-baġit tagħha mingħajr il-ħtieġa ta’ deċiżjoni sussegwenti mill-awtoritajiet nazzjonali (fl-2007 dan kien 93 % tad-dħul totali tagħha). L-ammont globali tar-riżorsi proprji meħtieġ għall-iffinanzjar tal-baġit huwa determinat min-nefqa totali bit-tnaqqis ta’ dħul ieħor. L-ammont totali ta’ riżorsi proprji ma jistax jaqbeż il-1,24 % tad-dħul gross nazzjonali (DGN) tal-UE. Ir-riżorsi proprji jistgħu jinqasmu fil-kategoriji li ġejjin:

1. Ir-riżorsi proprji tradizzjonali (RPT) jikkonsistu f’dazji doganali, dazji agrikoli u imposti fuq iz-zokkor. Dawn ir-riżorsi proprji jitħallsu mill-operaturi ekonomiċi u jinġabru mill-Istati Membri f’isem l-UE. Madankollu, l-Istati Membri jżommu 25 % bħala kumpens għall-ispejjeż tal-ġbir tagħhom. Id-dazji doganali u d-dazji agrikoli jinżammu fuq importazzjonijiet ta’ prodotti li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi, b’rati bbażati fuq it-Tariffa Doganali Komuni. L-imposti fuq iz-zokkor jitħallsu mill-produtturi taz-zokkor sabiex jiġu ffinanzjati r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għaz-zokkor. Ir-RPT normalment jirrappreżentaw madwar 15 % tad-dħul totali tar-riżorsi proprji.

2. Ir-riżorsa proprja bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tinżamm fuq il-bażijiet tal-VAT tal-Istati Membri, li huma armonizzati għal dan l-għan f’konformità mar-regoli tal-Komunità. L-istess perċentwal jinżamm fuq il-bażi armonizzata ta’ kull Stat Membru. Madankollu, il-bażi tal-VAT li trid titqies għandha limitu massimu ta’ 50 % tad-DGN ta’ kull Stat Membru. Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT normalment tirrappreżenta madwar 15 % tad-dħul tar-riżorsi proprji.

3. Ir-riżorsa bbażata fuq id-dħul gross nazzjonali (DGN) hija użata sabiex tibbilanċja d-dħul u l-infiq tal-baġit, jiġifieri sabiex tiffinanzja l-parti tal-baġit li mhix koperta mis-sorsi l-oħra tad-dħul. L-istess rata perċentwali hija miżmuma fuq id-DGN ta’ kull Stat Membru, li huwa stabbilit skont ir-regoli tal-Komunità. Ir-riżorsa proprja bbażata fuq id-DGN normalment tirrappreżenta madwar 70 % tad-dħul tar-riżorsi proprji.

Fir-rigward tal-ħlas ta’ dawn l-ammonti, kontijiet separati jinkludu r-riżorsi proprji tradizzjonali li, skont l-Artikolu 6(3)(b) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000, ġew stabbiliti mill-Istati Membri iżda ma tpoġġewx għad-dispożizzjoni tal-Komunitajiet għaliex għadhom ma ġewx irkuprati jew garantiti, jew għaliex ġew kontestati. Kull Stat Membru jibgħat lill-Kummissjoni dikjarazzjoni kull tliet xhur ta’ dawn il-kontijiet, bid-dettalji li ġejjin għal kull tip ta’ riżorsa:

— il-bilanċ pendenti tat-trimestru preċedenti,

— l-ammonti rkuprati matul dak it-trimestru,

— rettifiki tal-bażi (korrezzjonijiet/kanċellamenti) matul dak it-trimestru,

— ammonti li ġew imħassra,

— il-bilanċi li għandhom jiġu rkuprati fit-tmiem tal-istess trimestru.

Meta r-riżorsi proprji tradizzjonali mill-kont separat ikunu rkuprati, huma jridu jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol wara d-19-il jum tat-tieni xahar wara x-xahar li matulu l-intitolament kien irkuprat.

Tnaqqis fil-valur kontabbli ta' intitolamenti fil-kont separat għandhom isiru sabiex jirriflettu s-sitwazzjonijiet fejn l-irkupru effettiv ma jkunx probabbli. Dan it-tnaqqis fil-valur kontabbli huwa bbażat fuq stimi magħmula mill-Istati Membri nfushom skont l-Artikolu 6(4)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 li jistipula li: "Flimkien mad-dikjarazzjoni finali ta' kull trimestru għall-istess sena, l-Istati Membri se jippreżentaw l-ammont totali għall-intitolamenti inklużi fil-kont separat tal-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena li l-irkupru tagħhom sar improbabbli."

Fuq il-bażi tal-istimi mibgħuta mill-Istati Membri, it-tnaqqis fil-valur kontabbli jsir fuq il-partita għar-riċevibbli mill-Istati Membri fuq in-naħa tal-assi tal-karta tal-bilanċ. Madankollu, dan ma jfissirx li l-Kummissjoni qed taċċetta li mhux se jkun hemm irkupru fil-futur tal-ammonti koperti mill-aġġustament fil-valur kontabbli. Anki meta l-irkupru jkun jidher improbabbli ħafna, jekk mhux prattikament impossibbli, dan mhux bilfors ifisser li dawn l-ammonti jkunu mitlufa għall-baġit tal-Komunità bħala riżorsi proprji tradizzjonali. Dan għaliex intitolamenti mhux irkuprati huma mitlufa biss jekk l-Istat Membru jkun eżawrixxa l-modi kollha li hu marbut li juża sabiex iwettaq l-irkupru. Fejn l-Istat Membru ma jagħmilx dan, huwa miżmum finanzjarjament responsabbli u jkollu jħallas l-ammont lill-baġit tal-Komunità skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000.

### 2.2. **Dħul varju**

Id-dħul varju li jirriżulta mill-attivitajiet tal-Komunità Ewropea jikkostitwixxi madwar 7 % tad-dħul totali. Hemm, pereżempju, multi tal-kompetizzjoni u ordnijiet ta' rkupru lil debituri privati u pubbliċi fir-rigward tal-ġestjoni ta' proġetti tal-Komunità (bħal fl-eżempju aktar 'il fuq). Ħlasijiet ta' penali imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja fuq Stati Membri li jonqsu milli jikkonformaw ma' sentenza mogħtija jaqgħu wkoll f'din il-kategorija. Il-Kummissjoni tamministra mijiet ta' eluf ta' proġetti kull sena u jenħtiġilha tistabbilixxi madwar 12 000 ordni ta' rkupru kull sena. Kull dejn mhux imħallas fid-data li jkun dovut huwa suġġett għal imgħaxijiet. Fejn dejn ta' partijiet terzi tal-Komunità għajr Stati Membri jibqa' mhux imħallas, deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (u l-Kunsill) li jimponu l-obbligu tal-ħlas huma infurzabbli direttament f'konformità mar-regoli tal-proċedura ċivili fis-seħħ fit-territorju fejn ikollu jsir l-infurzar. Id-debituri li jibqa' huma segwiti mis-Servizz Legali bl-għajnuna ta' ditti legali esterni.

## 3. KIF JIĠI ĠESTIT U MINFUQ IL-BAĠIT TAL-KOMUNITà

### 3.1. **Nefqa operattiva primarja**

In-nefqa operattiva tal-Komunitajiet Ewropej tkopri l-intestaturi differenti tal-perspettiva finanzjarja u tieħu forom differenti, li jiddependu fuq kif jitħallsu u kif jiġu ġestiti l-flus. Skont ir-Regolament Finanzjarju, il-Komunitajiet jimplimentaw il-baġit ġenerali permezz tal-użu tal-metodi li ġejjin:

**Ġestjoni ċentralizzata diretta:** din hija fejn l-implimentazzjoni tal-baġit issir direttament mill-Istituzzjoni jew korp tal-Komunità li jkunu responsabbli.

**Ġestjoni ċentralizzata indiretta:** din tirreferi għall-każijiet fejn il-Komunitajiet jafdaw l-inkarigu ta' ġestjoni ta' parti mill-baġit lil korp tal-Komunitajiet jew ta' Stat Membru.

**Ġestjoni deċentralizzata:** dawn huma l-każijiet fejn il-Komunitajiet jiddelegaw ċerti inkarigi għall-implimentazzjoni tal-baġit lill-pajjiżi terzi.

**Ġestjoni maqsuma:** b'mod simili, taħt dan il-metodu ta' ġestjoni, il-Komunitajiet jiddelegaw ċerti inkarigi għall-implimentazzjoni tal-baġit lill-Istati Membri.

**Ġestjoni konġunta:** taħt dan il-metodu, il-Komunitajiet jafdaw ċerti inkarigi ta' implimentazzjoni lil organizzazzjoni internazzjonali.

Il-biċċa l-kbira tan-nefqa, li din is-sena hija ta' EUR 90 biljun (2006: EUR 91 biljun) taqa' taħt l-intestatura "Ġestjoni Maqsuma" li tinvolvi d-delegazzjoni ta' inkarigi lill-Istati Membri, li jkopru oqsma bħall-infiq tal-agrikoltura u l-Azzjonijiet Strutturali.

### 3.2. **L-atturi finanzjarji differenti**

Il-**Kulleġġ tal-Kummissarji** jassumi r-responsabbiltà politika kollettiva iżda m'għandu prattikament l-ebda poteri ta' implimentazzjoni tal-baġit. Huwa jiddelega dawn l-inkarigi kull sena lill-uffiċjali pubbliċi individwali li jirrispondu lill-Kulleġġ u huma suġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal. Il-persunal ikkonċernat — ġeneralment Diretturi-Ġenerali u Kapijiet tas-Servizzi — huma magħrufa bħala "Uffiċjali Awtorizzanti b'delega". Min-naħa tagħhom huma jistgħu jerġgħu jiddelegaw l-implimentazzjoni tal-inkarigi tal-baġit lil "Uffiċjali Awtorizzanti b'sotto-delega".

Ir-responsabbiltà tal-**Uffiċjali Awtorizzanti** tkopri l-proċess tal-ġestjoni kollu kemm hu, mid-deċiżjoni dwar x'għandu jsir sabiex jinkisbu l-objettivi tal-politika stabbiliti mill-istituzzjoni sal-ġestjoni tal-attivitajiet immedija sew mil-lat operattiv u kif ukoll minn dak baġitarju, inkluż l-iffirmar ta' impenji legali, il-monitoraġġ tar-riżultati, it-twettiq ta' ħlasijiet u anki l-irkupru ta' fondi jekk meħtieġ. L-uffiċjali awtorizzanti għandhom ukoll l-inkarigu li jaraw li jsiru valutazzjonijiet sabiex tiġi analizzata l-vijabilità tal-proposti tagħhom (valutazzjonijiet *ex ante*) u li jivvalutaw is-suċċess u l-effiċjenza ekonomika tal-programmi li jkunu diġà qed jitwettqu (valutazzjonijiet interim u *ex post*). Ir-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet huma użati sabiex jiġi mtejjeb il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jiżdiedu t-trasparenza, l-accountability u l-effiċjenza ekonomika tal-intervent tal-Komunità.

Il-ġestjoni finanzjarja soda u r-responsabbiltà xierqa huma assigurati f'kull DĠ permezz tas-separazzjoni tal-kontroll tal-ġestjoni (f'idejn l-uffiċjali awtorizzanti) mill-kontroll tal-verifika interna u l-konformità bi standards ta' kontroll intern ċari (ispirati mill-istandards internazzjonali tas-COSO), kontrolli *ex ante* u *ex post*, verifiki interni indipendenti abbażi ta' stimi tar-riskju, u rappurtar regolari dwar l-attivitajiet lill-Kummissarji individwali.

L-**Uffiċjal tal-Kontabilità** jwettaq l-ordinijiet ta' ħlas u rkupru mfassla mill-uffiċjali awtorizzanti u hu responsabbli għall-ġestjoni tat-teżor; jistabbilixxi r-regoli u l-metodi tal-kontabilità, jivvalida s-sistemi tal-kontabilità, iżomm il-kontijiet u jfassal il-kontijiet annwali tal-istituzzjoni, u jikkonsolidahom ma' dawk ta' entitajiet ikkonsolidati oħra. Minbarra dan, l-Uffiċjal tal-Kontabilità jeħtieġ li jiffirma l-kontijiet u jiddikjara li huma jagħtu stampa ċara u korretta tas-sitwazzjoni finanzjarja.

L-**Awditur Intern**, li mhuwiex attur finanzjarju fis-sens strett tal-kelma, huwa appuntat minn istituzzjoni sabiex jivverifika l-operat korrett tas-sistemi u l-proċeduri tal-implimentazzjoni tal-baġit u sabiex jagħti pariri lill-istituzzjoni dwar kwistjonijiet ta' ġestjoni tar-riskju. L-Awditur Intern joħroġ opinjonijiet indipendenti dwar il-kwalità tas-sistemi tal-ġestjoni u kontroll u jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kif dawn il-proċeduri għandhom jiġu mtejba u kif tiġi promossal-ġestjoni finanzjarja tajba.

### 3.3. **Impenji għall-infiq tal-baġit tal-UE**

Ladarba l-baġit jiġi approvat, id-DĠ Baġit, permezz tas-sistema tal-kontabilità tal-Kummissjoni, ipoġġi l-fondi għad-dispożizzjoni tad-dipartimenti differenti tal-Kummissjoni u tal-korpi l-oħra skont ir-responsabbiltajiet tagħhom ta' politika skont sistema msejħa bbaġitjar ibbażat fuq l-attività. Pereżempju, ir-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-linji tal-baġit li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent jiġu delegati lill-Kummissjoni jew lill-kap — jew Direttur-Ġenerali — tad-DĠ Ambjent (li, f'dan il-kuntest, jissejjaħ l-Uffiċjal Awtorizzanti għal-linji tal-baġit ikkonċernati).

Qabel ma jsir impenn legali (pereżempju ftehim ta' kuntratt jew għotja) ma' parti terza, irid ikun hemm linja tal-baġit li tawtorizza l-attività kkonċernata fil-baġit annwali. Irid ikun hemm ukoll biżżejjed fondi fil-linja tal-baġit ikkonċernata sabiex tiġi koperta n-nefqa. Jekk jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet, il-fondi meħtieġa jridu jiġu rriżervati fil-baġit permezz ta' impenn baġitarju magħmul fis-sistema tal-kontijiet tal-Kummissjoni.

Ladarba jitnieda impenn baġitarju mill-persuna responsabbli għall-proġett, magħrufa fil-Kummissjoni bħala "aġent inizjatur", dan għandu jsegwi proċedura — jew "ċirkwit finanzjarju" — prestabbilit li huwa proċess ta' dokumenti fiżiċi u elettroniċi li jinvolvu mill-anqas tnejn min-nies (l-hekk-imsejjaħ prinċipju tal-"erba' għajnejn"), l-inizjatur u l-verifikatur. Iċ-ċirkwiti finanzjarji stabbiliti jipprovdu għal kontrolli finanzjarji u operattivi qabel l-impenn jiġi approvat mill-Uffiċjal Awtorizzanti responsabbli.

L-ebda flus ma jistgħu jintefqu mill-baġit tal-Komunità sakemm il-Kummissjoni jew korp ieħor tal-KE u l-benefiċjarju possibbli tal-fondi tal-Komunità ma jkunux daħlu f'impenn legali bil-miktub. Taħt ġestjoni ċentralizzata diretta, dan l-impenn legali jieħu l-forma jew ta' kuntratt ma' kuntrattur jew ta' ftehim ta' għotja ma' benefiċjarju.

Ladarba jkun approvat, l-impenn baġitarju jiġi rreġistrat fis-sistema tal-kontabilità baġitarja u l-approprjazzjonijiet jiġu kkunsmati f'konformità ma' dan. Dan, madankollu, m'għandu l-ebda effett fuq il-kontijiet ġenerali (jew il-ledger ġenerali) ladarba tkun għadha ma saret l-ebda nefqa. Dan għaliex is-sistema tal-kontabilità tal-Komunitajiet Ewropej fiha żewġ elementi separati imma marbuta:

(a) kontijiet tal-baġit, li jipprovdu rekord dettaljat tal-implimentazzjoni tal-baġit; u kif ukoll

(b) kontijiet ġenerali, li jintużaw għat-tħejjija tal-karta tal-bilanċ u r-riżultat ekonomiku.

Il-kontijiet tal-baġit isegwu l-impenji u l-ħlasijiet magħmula fuq il-madwar 1 150 linja tal-baġit fuq bażi ta' kuljum. Huma bbażati fuq il-prinċipju tal-kontabilità bbażata fuq il-ħlasijiet, immodifikat, li fih nefqa jew dħul jiġu rreġistrati fil-kontijiet biss meta l-flus jiġu impenjati, mħallsa jew riċevuti. Dan it-tip ta' kontabilità huwa tipiku tas-settur pubbliku fejn, storikament, kien hemm it-tendenza li l-enfasi tkun fuq il-baġit u l-implimentazzjoni tiegħu. Il-Parlament Ewropew, jiġifieri l-istituzzjoni li quddiemha l-eżekuttiv, il-Kummissjoni, tirrispondi, huwa naturalment ħerqan li jivverifika li x-xewqat li esprima fl-adozzjoni tal-baġit jitwettqu mill-eżekuttiv. Kull xahar, il-Kummissjoni tippubblika ċifri li jiddeskrivu l-istat kurrenti tal-implimentazzjoni tal-baġit (l-infiq) fuq is-sit tal-internet Europa. Iċ-ċifri jingħataw skont l-intestatura tal-perspettiva finanzjarja u skont il-qasam ta' politika.

Il-kontijiet ġenerali (jew il-ledger ġenerali) jużaw il-metodu ta' żamma tal-kotba double-entry sabiex juru d-dħul u l-infiq kollu matul is-sena finanzarja (u, għalhekk, ir-riżultat ekonomiku) u jistabbilixxu l-pożizzjoni finanzjarja tal-KE fil-forma ta' karta tal-bilanċ tal-assi u l-obbligazzjonijiet fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena.

## 3.4. **It-twettiq ta' ħlas**

### 3.4.1. *Regoli ġenerali*

L-ebda ħlas ma jista' jsir jekk ma jkunx diġà ġie approvat impenn baġitarju mill-Uffiċjal Awtorizzanti tad-dipartiment tal-Kummissjoni li jkun qed jitratta l-operazzjoni kkonċernata. Meta jkollu jsir ħlas irid jiġi segwit proċess simili għal dak ta' impenn baġitarju. Dan isir fis-sistema tal-kontabilità u bi proċessi traċċabbli paralleli fiżiċi u elettroniċi. Għal darba oħra, il-proċess huwa mniedi mill-aġent inizjatur u finalment approvat mill-uffiċjal awtorizzanti b'sotto-delega. Ladarba l-ħlas ikun approvat, il-kontijiet sew baġitarji u kif ukoll ġenerali jiġu aġġornati awtomatikament.

Ladarba ħlas jiġi approvat fis-sistema tal-kontabilità, il-pass li jmiss huwa li jsir it-trasferiment għall-kont tal-benefiċjarju. Il-Kummissjoni, pereżempju, permezz tad-dipartiment tat-teżor tad-DĠ Baġit, tagħmel kważi l-ħlasijiet kollha tagħha permezz ta' trasferiment bankarju. Hija għandha kontijiet bankarji mat-Teżori, il-Banek Ċentrali u l-banek kummerċjali tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni tagħmel aktar minn miljun pagament fis-sena. Il-Kummissjoni tipparteċipa fi SWIFT (Society for Worldwide Interbank Financial Telecommunication). Kuljum, mill-inqas payment run waħda, mnedija taħt il-kontroll tad-dipartiment tat-teżor tad-Direttorat-Ġenerali għall-Baġit, tittraduċi l-ħlasijiet approvati fi struzzjonijiet ta' ħlas li jintbagħtu awtomatikament lill-bank tal-Kummissjoni, sabiex iħallsu lill-benefiċjarji indikati.

### 3.4.2. *Prefinanzjament*

Prefinanzjament huwa ħlas maħsub biex jipprovdi lill-benefiċjarju bi ħlas bil-quddiem ta' flus. Huwa jista' jinqasam f'numru ta' ħlasijiet fuq perjodu definit fil-ftehim partikolari ta' prefinanzjament. Il-*float* jew avvanz jintuża jew għall-iskop li għalih ikun provdut matul il-perjodu definit fil-ftehim jew jitħallas lura — jekk il-benefiċjarju ma' jkollux spejjeż eliġibbli huwa jkollu l-obbligu li jagħti lura l-avvanz ta' prefinanzjament lill-Komunitajiet Ewropej. Għalhekk, il-prefinanzjament imħallas mhux spiża definittiva sakemm il-kundizzjonijiet kuntrattwali relevanti jkunu ġew issodisfati u għalhekk huwa rreġistrat mal-assi fil-karta tal-bilanċ meta jsir il-ħlas inizjali. L-ammont tal-assi tal-prefinanzjament jitnaqqas (kompletament jew parzjalment) meta jiġu aċċettati l-ispejjeż eliġibbli u l-ammonti mogħtija lura. Meta l-ammont tal-prefinanzjament ikun kompletament jew parzjalment aċċettat mill-Komunitajiet, wara analiżi tal-eliġibilità ta' pretensjoni ta' spiża riċevuta (ara aktar 'l isfel), l-ammont aċċettat tan-nefqa eliġibbli jitneħħa mill-karta tal-bilanċ u jittieħed bħala spiża fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Dan jista' jikklerja l-ammont tal-prefinanzjament kompletament jew parzjalment.

Il-prefinanzjament huwa vvalutat skont l-ammont rikuperabbli tiegħu, meta titqies l-eżistenza ta' garanzija relatata marbuta mal-prefinanzjament. Il-prefinanzjament irrekuperabbli mistenni huwa rikonoxxut bħala spiża fil-kont tar-riżultat ekonomiku u tnaqqis fil-valur kontabbli tal-prefinanzjament fil-karta tal-bilanċ. L-imgħax ġeneralment jiddaħħal fuq il-prefinanzjament kollu li jitħallas (eċċezzjonijiet notevoli huma l-ammonti mħallsa lill-Istati Membri jew bħala għajnuna għal qabel is-sħubija). Dan l-imgħax jinqasam fiż-żewġ kategoriji tal-prefinanzjament eżistenti skont min ikun il-propjetarju tiegħu — il-Komunitajiet Ewropej jew Partijiet Terzi. Id-differenza bejn iż-żewġ kategoriji hija dik li l-imgħax iġġenerat mill-ammonti tal-prefinanzjament tal-"Komunitajiet Ewropej" jibqa l-propjetà tal-Komunitajiet u għalhekk għandu jingħata lura lill-Komunitajiet, filwaqt li dak li jiddaħħal mill-prefinanzjament tal-"Partijiet Terzi" huwa l-propjetà tal-benefiċjarju.

### 3.4.3. *Pretensjonijiet ta' spejjeż u eliġibilità tal-infiq*

Xi żmien wara l-ħlas tal-avvanz, jew prefinanzjament, pretensjoni ta' spiża tasal għand il-korp relevanti tal-KE sabiex tiġġustifika kif l-ammont tal-prefinanzjament ikun intefaq mill-benefiċjarju skont il-kuntratt. Ir-ritmu ta' dawn il-pretensjonijiet ta' spejjeż matul is-sena huwa varjabbli u jiddependi fuq it-tip ta' azzjoni li tkun qed tiġi ffinanzjata u l-kundizzjonijiet kuntrattwali, u mhux neċessarjament jiġu riċevuti fl-aħħar tas-sena.

Il-pretensjonijiet tal-infiq riċevuti għandhom ikunu reġistrati immedjatament bħala pagabbli kurrenti filwaqt li l-entrata tal-kontroparti tkun "L-eliġibilità għadha trid tiġi kkonfermata" (ammont ta' debitu). Dan huwa magħruf bħala "Fattura tal-1 Pass". Spiża tiġi rikonoxxuta fil-kontijiet ġenerali biss meta jkun seħħ l-"avveniment ġenerattiv" — jiġifieri meta d-dikjarazzjoni tal-ispiża tkun ġiet validata. Għaldaqstant, fl-"1 Pass" ma tiġi rikonoxxuta l-ebda spiża. Il-membru tal-persunal responsabbli għandu jwettaq il-kontrolli fuq id-dikjarazzjoni riċevuta u jista' jitlob aktar ġustifikazzjoni fejn meħtieġ qabel ma jivverifika fis-sistema u fuq dokumenti fiżiċi li d-dikjarazzjoni hija valida u li l-ħlas jista' jsir. Ladarba jkun sodisfatt li d-dikjarazzjoni hija valida, issir entrata fil-kontijiet li tittrasferixxi l-ammonti eliġibbli għall-kont tar-riżultat ekonomiku bħala spiża ("Fattura tat-2 Pass"). Il-bilanċi pendenti tal-prefinanzjament u tal-kredituri huma wkoll imnaqqsa bl-ammont ivvalidat. M'hemm l-ebda impatt fuq l-ammonti baġitarji ladarba l-ħlas inizjali ikun diġà ġie rreġistrat.

### 3.4.4. *Ħlas ta' ammonti oħra*

Jekk ammont addizzjonali għall-ħlas inizjali jintalab u jiġi vverifikat jew jekk ikun meħtieġ li jitħallas it-tieni ħlas jew ħlas finali skont il-kuntratt, titnieda talba ġdida għall-ħlas skont l-istess regoli msemmija. Huwa l-uffiċjal awtorizzanti b'delega li jagħti l-approvazzjoni finali qabel ma jista' jsir il-ħlas. Il-kriterji tal-eliġibilità jistgħu jiġu definiti fl-att bażiku, fis-sejħiet għall-proposti, f'dokumenti oħra ta' informazzjoni għall-benefiċjarji tal-għotjiet u/jew fil-klawsoli kuntrattwali tal-ftehimiet ta' għotja. Wara l-analiżi, l-ispejjeż eliġibbli jitpoġġew mal-infiq u l-benefiċjarju jiġi infurmat dwar kull ammont mhux eliġibbli. Ammonti li għalihom "l-eliġibilità għadha trid tiġi kkonfermata" għalhekk jirrappreżentaw pretensjonijiet ta' spejjeż li għalihom l-eliġibilità ma tkunx għadha ġiet ikkonfermata u għalhekk fejn l-avveniment li jwassal għar-realizzazzjoni tagħhom bħala spiża jkun għadu ma ntlaħaqx.

### 3.4.5. *Trattament kontabbli fl-aħħar tas-sena (cut-off)*

Fl-aħħar tas-sena ammonti pendenti ta' prefinanzjament huma stmati bl-ammont(i) oriġinali mħallsa b'dawn li ġejjin imnaqqsa minnhom: ammonti mogħtija lura, ammonti eliġibbli mgħoddija, ammonti eliġibbli stmati li għadhom mhumiex mgħoddija sal-aħħar tas-sena, u tnaqqis fil-valur. Garanziji relatati mal-ammonti tal-prefinanzjament huma ddikjarati barra mill-karta tal-bilanċ bħala assi kontinġenti.

Pretensjonijiet ta' spejjeż li ma jkunux għadhom waslu fl-aħħar tas-sena jitqiesu fil-proċeduri tal-cut-off tal-kontijiet ta' tmiem is-sena. B'mod partikolari għandha ssir valutazzjoni li tikkonċerna l-ispejjeż eliġibbli mġarrba minn benefiċjarji tal-fondi tal-Komunità imma li għadhom mhumiex irrappurtati lill-KE. Sabiex wieħed jasal għall-aħjar stima ta' dawn l-ammonti jiġu użati metodi differenti skont it-tip ta' attivitajiet u informazzjoni disponibbli. Wara dawn l-entrati tal-cut-off, l-estimi tal-ammonti eliġibbli jiddaħħlu bħala spejjeż dovuti, filwaqt li l-estimi tal-partijiet mhux eleġibbli jibqgħu miftuħa fuq il-kontijiet "eliġibiltà għadha mhux konfermata". Dawn l-ammonti jintwerew taħt obbligazzjonijiet kurrenti sabiex ma jsirx estimi għoli żżejjed tal-assi u l-obbligazzjonijiet.

## 3.5. **L-irkupru ta' ħlasijiet mhux dovuti**

L-eġibilità ta' nfiq iddebitat għall-baġit hija vverifikata mis-servizzi relevanti tal-KE, jew fil-każ tal-ġestjoni maqsuma, mill-Istati Membri, fuq il-bażi tad-dokumenti ta' appoġġ stipulati fir-regoli applikabbli jew fil-kundizzjonijiet ta' kull għotja. Bil-għan tal-ottimizzazzjoni tar-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji tas-sistemi ta' kontroll, kontrolli tad-dokumenti ta' appoġġ għat-talbiet finali għandhom it-tendenza li jkunu aktar intensivi minn dawk fuq talbiet proviżorji, u jistgħu jidentifikaw żbalji fi ħlasijiet proviżorji li jkunu korretti mill-aġġustament fil-ħlas finali. Minbarra dan, il-KE u/jew l-Istat Membru għandhom id-dritt li jivverifikaw il-korrettezza tad-dokumenti ta' appoġġ billi jagħmlu kontrolli fl-uffiċċji ta' dawk li jagħmlu t-talbiet, matul l-implimentazzjoni tal-azzjoni ffinanzjata u/jew wara (*ex-post*). Żbalji misjuba matul il-perjodu tal-implimentazzjoni jistgħu jiġu korretti bl-aġġustament ta' talbiet sussegwenti. Żbalji misjuba *ex-post* ikunu suġġetti għal ordni ta' rkupru. Ara wkoll it-Taqsima **E.6** għal aktar informazzjoni dwar dan il-qasam.

# 4. RAPPURTAR TA' TMIEM IS-SENA

## 4.1. **Kontijiet annwali**

Hija r-responsabbiltà tal-Uffiċjal tal-Kontabilità li jħejji l-kontijiet annwali u jassigura li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-UE. Il-kontijiet annwali jikkonsistu fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit. Huma jiġu adottati mill-Kummissjoni u ppreżentati lill-Qorti tal-Awdituri għall-verifika u fl-aħħar nett lill-Kunsill u lill-Parlament għar-rilaxx.

## 4.2. **Rapporti Annwali tal-Attività**

Kull Uffiċjal Awtorizzanti huwa meħtieġ li jħejji Rapport Annwali tal-Attività (RAA) dwar l-attivitajiet taħt ir-responsabbiltà tiegħu. F'dan ir-RAA kull uffiċjal awtorizzanti jirraporta fuq riżultati ta' politika u fuq l-assigurazzjoni raġonevoli li jista' jkollu li r-riżorsi assenjati lill-attivitajiet deskritti fir-rapport tiegħu ġew użati għall-għan maħsub tagħhom u skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u l-proċeduri ta' kontroll fis-seħħ jagħtu l-garanziji meħtieġa fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

5. VERIFIKA U RILAXX

## 5.1. **Verifika**

Il-kontijiet annwali u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-UE huma ssorveljati mill-awditur estern tagħha, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li tfassal rapport annwali għall-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Id-dmir ewlieni tal-Qorti huwa li twettaq verifika esterna u indipendenti tal-kontijiet annwali tal-Komunitajiet Ewropej. Bħala parti mill-attivitajiet tagħha, il-Qorti tal-Awdituri tipproduċi:

1. rapport annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mill-baġit ġenerali, li jagħti l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kontijiet annwali u t-tranżazzjonijiet sottostanti;
2. opinjoni, ibbażata fuq il-verifiki tagħha u mogħtija fir-rapport annwali fil-forma ta' dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni, dwar (i) l-affidabilità tal-kontijiet u (ii) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti li jinvolvu sew id-dħul miġbur minn persuni taxxabbli u l-ħlasijiet lil benefiċjarji finali;
3. rapporti speċjali li jagħtu l-osservazzjonijiet tal-verifiki dwar oqsma speċifiċi tal-ġestjoni.

Il-Qorti tal-Awdituri hija intitolata li jkollha aċċess għad-dokumenti li tkun teħtieġ waqt li tkun qed twettaq il-verifika tagħha. Il-Qorti tivverifika l-oqsma kollha tal-attivitajiet tal-KE, u saħansitra teżamina l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet u l-ħlasijiet individwali. Hija tivverifika wkoll il-kontijiet annwali nfushom, u tanalizza l-karta tal-bilanċ u l-kontijiet tar-riżultat ekonomiku individwali fejn meħtieġ, flimkien mal-preżentazzjoni globali tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji. Għaldaqstant, il-Qorti tista' toffri l-opinjoni tagħha mhux biss dwar iċ-ċifri ppreżentati, iżda wkoll dwar is-sistema u l-kontrolli li jkunu fis-seħħ.

## 5.2. **Rilaxx**

Il-kontroll finali huwa r-rilaxx tal-baġit għal sena partikolari. Il-Parlament Ewropew huwa l-awtorità tar-rilaxx fi ħdan il-KE. Dan ifisser li wara l-verifika u l-iffinalizzar tal-kontijiet annwali, huwa l-kompitu tal-Kunsill li jirrakkomanda u mbagħad tal-Parlament li jiddeċiedi jekk jagħtix ir-rilaxx lill-Kummissjoni u lill-korpi l-oħra tal-KE għall-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Komunitajiet għas-sena finanzjarja preċedenti. Din id-deċiżjoni hija bbażata fuq analiżi tal-kontijiet u r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri (li tinkludi dikjarazzjoni uffiċjali tal-assigurazzjoni) u r-risposti tal-Kummissjoni, u wkoll fuq mistoqsijiet u talbiet ta' informazzjoni supplimentari li jsiru lill-Kummissjoni.

Ir-rilaxx jirrappreżenta l-aspett politiku tal-kontroll estern tal-implimentazzjoni tal-baġit u huwa d-deċiżjoni li permezz tagħha l-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, "jeħles" lill-Kummissjoni mir-responsabbiltà tagħha għall-ġestjoni ta' baġit partikolari billi tistabbilixxi t-tmiem tal-eżistenza ta' dak il-baġit. Din il-proċedura ta' rilaxx tista' tipproduċi wieħed minn tliet riżultati: l-għoti, il-postponiment jew ir-rifjut tar-rilaxx. Meta jagħti r-rilaxx, il-Parlament jista' jenfasizza osservazzjonijiet li huwa jqis bħala importanti, u ta' sikwit jirrakkomanda azzjonijiet li l-Kummissjoni għandha tieħu dwar dawn il-kwistjonijiet. Il-Kummissjoni tistabbilixxi l-miżuri meħuda f'rapport ta' segwitu u pjan ta' azzjoni li hija tibgħat sew lill-Parlament u kif ukoll lill-Kunsill.

PARTI I

## DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI KONSOLIDATI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ U NOTI TA' SPJEGAZZJONI

WERREJ

*Paġna*


| | | |
|---|---|---|
| A. | Karta tal-Bilanċ | 11 |
| B. | Kont tar-Riżultat Ekonomiku | 12 |
| C. | Tabella tal-Flussi tal-Flus | 13 |
| D. | Dikjarazzjonijiet tal-Bidliet fl-Assi Netti | 14 |
| E. | Noti mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji: | 15 |
| | 1. Politiki Sinifikanti tal-kontabilità | 16 |
| | 2. Noti mal-Karta tal-Bilanċ | 27 |
| | 3. Noti mal-Kont tar-Riżultat Ekonomiku | 46 |
| | 4. Noti mat-Tabella tal-flussi tal-flus | 57 |
| | 5. Dikjarazzjonijiet ta' Barra l-Karta tal-Bilanċ | 57 |
| | 6. Irkupru ta' ħlasijiet mhux dovuti | 65 |
| | 7. Ġestjoni tar-riskju finanzjarju | 70 |
| | 8. Dikjarazzjonijiet dwar il-partijiet relatati | 79 |
| | 9. Avvenimenti wara d-data tal-karta tal-bilanċ | 80 |
| | 10. Entitajiet konsolidati | 81 |
| | 11. Entitajiet mhux konsolidati | 82 |

## A. **KARTA TAL-BILANĊ**

*miljuni ta' EUR*

| | Nota | 31.12.2007 | 31.12.2006 |
|---|---|---|---|
| ASSI MHUX KURRENTI: | | | |
| Assi intanġibbli | *2.1* | 44 | 37 |
| Propjetà, impjanti u tagħmir | *2.2* | 4 523 | 4 586 |
| Investimenti fit-tul | *2.3* | 1 973 | 2 157 |
| Self | *2.4* | 1 806 | 2 023 |
| Prefinanzjament għat-tul | *2.5* | 14 015 | 22 425 |
| Ammonti riċevibbli bi skadenza twila | *2.6* | 127 | 328 |
| | | **22 488** | **31 556** |
| ASSI KURRENTI: | | | |
| Inventarji | *2.7* | 88 | 115 |
| Investimenti għal żmien qasir | *2.8* | 1 420 | 1 426 |
| Prefinanzjament għal żmien qasir | *2.9* | 20 583 | 8 055 |
| Ammonti riċevibbli bi skadenza qasira | *2.10* | 12 051 | 9 796 |
| Flus u ekwivalenti | *2.11* | 18 756 | 16 384 |
| | | **52 898** | **35 776** |
| **Assi totali** | | **75 386** | **67 332** |
| OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI: | | | |
| Benefiċċji tal-impjegati | *2.12* | (33 480) | (32 200) |
| Proviżjonijiet għat-tul | *2.13* | (1 079) | (989) |
| Obbligazzjonijiet finanzjarji għat-tul | *2.14* | (1 574) | (1 862) |
| Obbligazzjonijiet għat-tul oħrajn | *2.15* | (1 989) | (2 020) |
| | | **(38 122)** | **(37 071)** |
| OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI: | | | |
| Proviżjonijiet għal żmien qasir | *2.16* | (369) | (379) |
| Obbligazzjonijiet finanzjarji għal żmien qasir | *2.17* | (135) | (20) |
| Kontijiet pagabbli | *2.18* | (95 380) | (94 080) |
| | | **(95 884)** | **(94 479)** |
| **Obbligazzjonijiet totali** | | **(134 006)** | **(131 550)** |
| ASSI NETTI | | **(58 620)** | **(64 218)** |
| Riżervi | *2.19* | 2 806 | 2 855 |
| Ammonti li għandhom jinġabru mill-Istati Membri: | *2.20* | | |
| *Benefiċċji tal-impjegati* (1) | | *(33 480)* | *(32 200)* |
| *Ammonti oħrajn* (2) | | *(27 946)* | *(34 873)* |
| ASSI NETTI | | **(58 620)** | **(64 218)** |

(1) Skont l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 kif emendat), l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu flimkien l-obbligazzjoni għall-pensjonijiet.

(2) Il-Parlament Ewropew adotta baġit fil-13 ta' Diċembru 2007 li stipula l-ħlas tal-obbligazzjonijiet bi skadenza qasira tal-Komunitajiet mir-riżorsi proprji li għandhom jinġabru mill-Istati Membri, jew jiġu mitluba lilhom, fl-2008.

B. **KONT TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU**

*miljuni ta' EUR*

| | Nota | 2007 | 2006 |
|---|---|---|---|
| DĦUL OPERATTIV | | | |
| Dħul minn riżorsi proprji u kontribuzzjonijiet | *3.1* | 112 084 | 105 118 |
| Dħul operattiv ieħor | *3.2* | 9 080 | 8 368 |
| | | **121 164** | **113 486** |
| SPEJJEŻ OPERATTIVI | | | |
| Spejjeż amministrattivi | *3.3* | (7 120) | (6 619) |
| Spejjeż operattivi | *3.4* | (104 682) | (106 803) |
| | | **(111 802)** | **(113 422)** |
| BILANĊ POŻITTIV MINN ATTIVITAJIET OPERATTIVI | | **9 362** | **64** |
| Dħul finanzjarju | *3.5* | 674 | 621 |
| Spejjeż finanzjarji | *3.6* | (354) | (331) |
| Moviment fl-obbligazzjoni relatata mal-benefiċċji tal-impjegati | *2.12* | (2 207) | 108 |
| Sehem mill-bilanċ pożittiv (negattiv) tal-assoċjati u l-impriżi konġunti | *3.7* | (13) | (265) |
| **RIŻULTAT EKONOMIKU GĦAS-SENA** | | **7 462** | **197** |

C. **TABELLA TAL-FLUSSI TAL-FLUS**

*miljuni ta' EUR*

| | Nota | 2007 | 2006 |
|---|---|---|---|
| **Riżultat ekonomiku għas-sena** | | 7 462 | 197 |
| *Attivitajiet operattivi* | *4.2* | | |
| Amortizzazzjoni | | 11 | 11 |
| Deprezzament | | 329 | 306 |
| (Treġġigħ lura ta') telf minn deterjorament ta' investimenti | | (3) | (3) |
| (Żieda)/tnaqqis fis-self | | 217 | 374 |
| (Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament għat-tul | | 8 410 | 307 |
| (Żieda)/tnaqqis f'riċevibbli għat-tul | | 201 | (84) |
| (Żieda)/tnaqqis fl-inventarji | | 27 | 11 |
| (Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament għal perjodu qasir | | (12 528) | (1 422) |
| (Żieda)/tnaqqis f'riċevibbli għal perjodu qasir | | (2 255) | (2 558) |
| Żieda/(tnaqqis) fi proviżjonijiet għat-tul | | 90 | (108) |
| Żieda/(tnaqqis) f'obbligazzjonijiet finanzjarji għat-tul | | (288) | (58) |
| Żieda/(tnaqqis) f'obbligazzjonijiet oħrajn għat-tul | | (31) | 167 |
| Żieda/(tnaqqis) fi proviżjonijiet għal perjodu qasir | | (10) | 104 |
| Żieda/(tnaqqis) f'obbligazzjonijiet finanzjarji għal perjodu qasir | | 115 | (2) |
| Żieda/(tnaqqis) fil-kontijiet pagabbli | | 1 300 | 11 552 |
| Bilanċ pożittiv tas-sena preċedenti meħud bħala dħul mhux fi FLUS | | (1 848) | (2 410) |
| Movimenti oħrajn mhux fi flus | | (15) | 140 |
| *Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjoni relatata mal-benefiċċji tal-impjegati* | | 1 280 | (956) |
| *Attivitajiet ta' investiment* | *4.3* | | |
| (Żieda)/tnaqqis fl-assi intanġibbli u l-propjetà, l-impjanti u t-tagħmir | | (284) | (772) |
| (Żieda)/tnaqqis f'investimenti għat-tul | | (5) | (156) |
| (Żieda)/tnaqqis f'investimenti għal żmien qasir | | 6 | 14 |
| **FLUSSI NETTI TAL-FLUS** | | **2 181** | **4 654** |
| ZIEDA/TNAQQIS NETT FI FLUS U EKWIVALENTI ([1]) | | 2 181 | 4 654 |
| FLUS U EKWIVALENTI FIL-BIDU TAS-SENA FINANZJARJA ([1]) | *2.11* | 16 824 | 12 170 |
| **FLUS U EKWIVALENTI FI TMIEM IS-SENA** ([1]) | *2.11* | 19 005 | 16 824 |

([1]) Jinkludu l-flus tal-Fond ta' Garanzija (ara n-nota 2.11).

## D. **DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI**

*miljuni ta' EUR*

| | Riżervi (A) | | Ammonti li għandhom jintalbu mingħand l-Istati Membri (B) | | Assi Netti =(A)+(B) |
|---|---|---|---|---|---|
| | Riżerva tal-valur ġust | Riżervi oħrajn | Bilanċ pożittiv/(negattiv) Akkumulat | Riżultat Ekonomiku tas-Sena | |
| **BILANĊ FIL-31 DIĊEMBRU 2005** | **81** | **2 727** | **(57 141)** | **(7 812)** | **(62 145)** |
| Moviment fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija | | 22 | (22) | | 0 |
| Movimenti fil-valur ġust | (77) | | | | (77) |
| Oħrajn | | 72 | 145 | | 217 |
| Allokazzjoni tar-riżultat ekonomiku 2005 | | 30 | (7 842) | 7 812 | 0 |
| Riżultat tal-baġit 2005 attribwit lill-Istati Membri | | | (2 410) | | (2 410) |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | | | | 197 | 197 |
| **BILANĊ FIL-31 DIĊEMBRU 2006** | **4** | **2 851** | **(67 270)** | **197** | **(64 218)** |
| Moviment fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija | | (135) | 135 | | 0 |
| Movimenti fil-valur ġust | 3 | | (26) | | (23) |
| Oħrajn | | 60 | (53) | | 7 |
| Allokazzjoni tar-riżultat ekonomiku 2006 | | 23 | 174 | (197) | 0 |
| Riżultat tal-baġit 2006 attribwit lill-Istati Membri | | | (1 848) | | (1 848) |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | | | | 7 462 | 7 462 |
| **BILANĊ FIL-31 DIĊEMBRU 2007** | **7** | **2 799** | **(68 888)** | **7 462** | **(58 620)** |

## E. NOTI MAD-DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI

*Paġna*


| | | |
|---|---|---|
| 1. | Politiki Sinifikanti tal-kontabilità | 16 |
| 2. | Noti mal-Karta tal-Bilanċ | 27 |
| 3. | Noti mal-Kont tar-Riżultat Ekonomiku | 46 |
| 4. | Noti mat-Tabella tal-flussi tal-flus | 57 |
| 5. | Dikjarazzjonijiet ta' Barra l-Karta tal-Bilanċ | 57 |
| 6. | Irkupru ta' ħlasijiet mhux dovuti | 65 |
| 7. | Ġestjoni tar-riskju finanzjarju | 70 |
| 8. | Dikjarazzjonijiet tal-partijiet relatati | 79 |
| 9. | Avvenimenti wara d-data tal-karta tal-bilanċ | 80 |
| 10. | Entitajiet konsolidati | 81 |
| 11. | Entitajiet mhux konsolidati | 82 |

1. POLITIKI SINIFIKANTI TAL-KONTABILITÀ

## 1.1. **ID-DISPOŻIZZJONIJIET LEGALI U R-REGOLAMENT FINANZJARJU**

Il-kontijiet isiru skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006, ĠU L 390, 30.12.2006) dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament Finanzjarju, kif l-aħħar modifikat fit-28 ta' Marzu 2007.

L-Artikolu 133 tar-Regolament Finanzjarju jistipula li l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni jadotta r-regoli u l-metodi tal-kontabilità li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet u l-korpi kollha. Għalhekk, huwa adotta r-regoli tal-kontabilità kurrenti tal-Komunitajiet fit-28 ta' Diċembru 2004. Dawn il-prinċipji ta' politika tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti huma meħuda mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS) jew, jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor, mill-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) kif maħruġa rispettivament mill-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSASB) u l-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASB). Dawn ir-regoli ġew adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni wara li dan irċieva l-opinjoni ta' Grupp Espert ta' Konsulenza għall-Istandards tal-Kontabilità li pprovda gwida professjonali. Ir-regoli tal-kontabilità jiġu riveduti u aġġornati fuq bażi regolari meta jkun meħtieġ.

Ir-regoli ta' valutazzjoni u kontabilità adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni huma applikati fl-Istituzzjonijiet u l-entitajiet Ewropej kollha li bħalissa jaqgħu fl-ambitu tal-konsolidazzjoni sabiex jistabbilixxu sett ta' regoli uniformi għall-kontabilità, il-valutazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet bl-għan li jiġi armonizzat il-proċess għat-tfassil tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji u tal-konsolidazzjoni.

L-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni għandu jissottometti l-kontijiet konsolidati provviżorji lill-Qorti tal-Awdituri għall-verifika sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-kontijiet konsolidati finali sal-31 ta' Lulju u dawn imbagħad jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali sal-15 ta' Novembru flimkien mar-rapport tal-assigurazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri. Kemm il-kontijiet annwali provviżorji u kif ukoll dawk finali huma ppreżentati kif ġej: Volum I fih il-kontijiet ikkonsolidati u Volum II fih il-kontijiet tal-Kummissjoni.

## 1.2. **IL-PRINĊIPJI TAL-KONTABILITÀ**

L-għanijiet tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji huma li jipprovdu informazzjoni li tkun utli għal ħafna nies li jkollhom bżonn jużawha dwar il-pożizzjoni finanzjarja, ir-rendiment u l-flussi tal-flus ta' entità. Għal entità tas-settur pubbliku bħall-Komunitajiet Ewropej, l-għanijiet huma, b'mod aktar speċifiku, li tiġi pprovduta informazzjoni utli għat-teħid tad-deċiżjonijiet, u biex tingħata prova tar-responsabbiltà tal-entità fir-rigward tar-riżorsi fdati lilha.

Biex jippreżentaw stampa vera u ġusta, ir-rendikonti finanzjarji m'għandhomx biss jipprovdu informazzjoni rilevanti biex jiddeskrivu n-natura u l-iskala tal-attivitajiet ta' Istituzzjoni jew Aġenzija, jispjegaw kif din tiġi ffinanzjata u jagħtu informazzjoni definittiva dwar l-operat tagħha, imma għandhom jagħmlu dan b'mod ċar u li jinftiehem u li jippermetti paraguni bejn snin finanzjarji. Huwa b'dawn l-għanijiet li d-dokument preżenti ġie mfassal.

Is-sistema ta' kontabilità tal-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji Ewropej tinkludi kontijiet ġenerali u kontijiet tal-baġit. Dawn il-kontijiet huma miżmuma fl-euro fuq il-bażi tas-sena kalendarja. Il-kontijiet tal-baġit jagħtu stampa dettaljata tal-implimentazzjoni tal-baġit. Huma bbażati fuq il-prinċipju mmodifikat tal-kontabilità bbażata fuq il-ħlasijiet. Il-kontijiet ġenerali jagħtu lok għall-preparazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji billi juru l-ispejjeż kollha u d-dħul kollu għas-sena finanzjarja abbażi tar-regoli tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti u huma maħsuba biex jistabbilixxu l-pożizzjoni finanzjarja taħt forma ta' karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru.

L-Artikolu 124 tar-Regolament Finanzjarju jistabbilixxi l-prinċipji tal-kontabilità li għandhom jiġu applikati fit-tfassil tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji:

— fuq il-bażi ta' entità attiva;

— prudenza;

— metodi konsistenti ta' kontabilità;

— paragunabbiltà tal-informazzjoni;

— materjalità;

— l-ebda tpaċija;

— ir-realtà fuq l-apparenza;

— il-kontabilità bbażata fuq id-dovuti.

## 1.3. KONSOLIDAZZJONI

L-ambitu tal-konsolidazzjoni tal-Komunitajiet Ewropej jinkludi 36 entità kkontrollata, assoċjat wieħed u tliet impriżi konġunti. Il-lista sħiħa tal-entitajiet ikkonsolidati tinsab fin-nota **E.10**. Meta mqabbel mal-2006, l-ambitu tal-konsolidazzjoni ġie estiż b'żewġ aġenziji u żewġ impriżi konġunti. L-impatt ta' dawn iż-żidiet fuq id-dikjarazzjoni finanzjarja kkonsolidata ma kienx materjali.

### Entitajiet kontrollati

L-entitajiet ikkontrollati huma l-entitajiet kollha li fuqhom il-Komunitajiet Ewropej għandhom is-setgħa li jirregolaw l-istrateġiji politiċi finanzjarji u operattivi tagħhom sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-attivitajiet ta' dawn l-entitajiet. Din is-setgħa għandha tkun eżerċitabbli fil-preżent. L-aktar indikatur komuni ta' kontroll, il-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot, fil-maġġoranza tal-każijiet ma japplikax għall-Komunitajiet Ewropej billi normalment m'hemm l-ebda konnessjoni ta' kapital bejn l-entitajiet.

L-Istituzzjonijiet Ewropej li jaqgħu fl-ambitu tal-konsolidazzjoni ġew stabbiliti permezz tat-trattati tat-twaqqif tagħhom. Huma jirrappreżentaw il-bażi tal-istruttura organizzativa tal-Komunitajiet Ewropej u jagħtu kontribut inkontestabbli għall-għanijiet tal-Komunitajiet Ewropej. Dawn l-Istituzzjonijiet jistgħu għalhekk jitqiesu bħala li huma taħt il-kontroll esklużiv tal-Komunitajiet Ewropej.

Bl-istess metodu, l-Entitajiet tal-Komunitajiet u l-Aġenziji Eżekuttivi li nħolqu permezz ta' att ta' leġiżlazzjoni sekondarju huma kkunsidrati li jaqgħu taħt il-kontroll esklussiv tal-Komunitajiet Ewropej u għalhekk huma inklużi fl-ambitu tal-konsolidazzjoni. Għandu jiġi nnutat li l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni tas-Suq Intern (Alicante) u l-Uffiċċju tal-Komunità għall-Varjetà tal-Pjanti (Angers), ma jirċevux sussidji mill-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet. Huma wkoll inklużi fl-ambitu tal-konsolidazzjoni żewġ aġenziji tat-tielet pilastru tal-Unjoni Ewropea li rċevew sussidju mill-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ara wkoll it-taqsima **E.10**). Barra minn hekk, il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar f'Likwidazzjoni (KEFA) hija wkoll meqjusa bħala entità kkontrollata.

L-entitajiet ikkontrollati huma konsolidati bl-użu tal-metodu ta' konsolidazzjoni sħiħa. It-tranżazzjonijiet u l-bilanċi kollha interni bejn l-entitajiet ikkontrollati tal-Komunitajiet Ewropej ġew eliminati. Qligħ u telf mhux realizzat fi tranżazzjonijiet bejn l-entitajiet mhumiex materjali u għalhekk ma ġewx eliminati.

### Assoċjati

L-assoċjati huma l-entitajiet kollha li fuqhom il-Komunitajiet Ewropej għandhom influwenza sinifikanti imma mhux kontroll, u li ġeneralment għandhom sehem ta' bejn l-20 % u l-50 % tad-drittijiet tal-vot fihom. Investimenti fl-assoċjati huma kontabilizzati permezz tal-metodu tal-kontabilità tal-ekwità u huma rikonoxxuti inizjalment skont kemm ikunu swew.

Is-sehem tal-Komunitajiet Ewropej mill-qligħ jew mit-telf wara l-akkwist tal-assoċjati tagħhom huwa rikonoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku, u s-sehem tagħhom mill-movimenti fir-riżervi wara l-akkwist huwa rikonoxxut taħt ir-riżervi. Il-movimenti kumulattivi ta' wara l-akkwist huma aġġustati mal-ammont kontabbli tal-investiment. Distribuzzjonijiet riċevuti minn assoċjat inaqqsu l-ammont kontabbli tal-investiment.

Qligħ u telf mhux realizzati fuq tranżazzjonijiet bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-assoċjati tagħhom mhumiex materjali u għalhekk ma ġewx eliminati.

Il-politika tal-kontabilità tal-assoċjati tista' tkun differenti minn dik adottata mill-Komunitajiet Ewropej għal tranżazzjonijiet u avvenimenti simili f'ċirkustanzi simili. Għal raġunijiet prattiċi, ma sar l-ebda aġġustament fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-assoċjati li ġew użati fl-applikazzjoni tal-metodu tal-ekwità.

F'każijiet fejn il-Komunitajiet Ewropej ikollhom 20 % jew aktar minn fond ta' kapital ta' riskju, il-Komunitajiet Ewropej ma jfittxux li jeżerċitaw influwenza sinifikanti. Dawn il-fondi huma għalhekk meqjusa bħala assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ u l-metodu tal-kapital mhuwiex applikat.

### Impriżi konġunti

Impriża konġunta hija arranġament b'kuntratt bejn il-Komunitajiet Ewropej u parti waħda jew aktar ("l-imprendituri") li bih dawn jidħlu għal attività ekonomika soġġetta għal kontroll konġunt. Il-kontroll konġunt huwa l-kontroll komuni fuq attività ekonomika li jkun miftiehem permezz ta' kuntratt. L-interessi f'entitajiet ikkontrollati b'mod konġunt huma kkontabilizzati bil-metodu tal-kontabilità tal-ekwità u huma rikonoxxuti inizjalment skont kemm ikunu swew.

Is-sehem tal-Komunitajiet Ewropej mill-qligħ jew it-telf tal-entitajiet tagħhom ikkontrollati b'mod konġunt huwa rikonoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku, u l-interessi tagħhom mill-movimenti fir-riżervi huwa rikonoxxut taħt ir-riżervi. Il-movimenti kumulattivi huma aġġustati mal-ammont kontabbli tal-investiment.

Qligħ u telf mhux realizzati fuq tranżazzjonijiet bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-assoċjati tagħhom mhumiex materjali u għalhekk ma ġewx eliminati.

Il-politika tal-kontabilità tal-assoċjati tista' tkun differenti minn dik adottata mill-Komunitajiet Ewropej għal tranżazzjonijiet u avvenimenti simili f'ċirkustanzi simili. Għal raġunijiet prattiċi, ma sar l-ebda aġġustament fir-rendikonti finanzjarji tal-assoċjati li ġew użati fl-applikazzjoni tal-metodu tal-ekwità.

**Entitajiet mhux konsolidati**

Il-fondi ġestiti mill-Komunitajiet kemm f'isem l-Iskema Konġunta ta' Assigurazzjoni tal-Mard għall-persunal tal-Komunitajiet Ewropej, kif ukoll għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp mhumiex ikkonsolidati fil-kontijiet tal-Komunitajiet Ewropej, peress li mhumiex ikkontrollati minnhom. Sal-31 ta' Diċembru 2007 l-assi totali tat-tnejn kienu ta' EUR 287 miljun u EUR 1 350 biljun rispettivament — ara n-nota **E.11**.

## 1.4. BAŻI TAL-PREPARAZZJONI

### 1.4.1. *Munita u bażi għall-konverżjoni*

**Munita operattiva u tar-rappurtar**

Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji huma ppreżentati f'miljuni ta' euro għaliex l-euro huwa l-munita funzjonali u tar-rappurtar tal-Komunitajiet Ewropej.

**Tranżazzjonijiet u bilanċi**

Tranżazzjonijiet fi flus barranin huma kkonvertiti f'euro bir-rati tal-kambju prevalenti fid-dati tat-tranżazzjonijiet.

Qligħ u telf li jirriżulta mill-ħlas ta' tranżazzjonijiet ta' valuti barranin u mit-traduzzjoni bir-rati tal-kambju tal-aħħar tas-sena ta' assi u obbligazzjonijiet monetarji denominati f'valuti barranin huma rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Il-bilanċi tal-aħħar tas-sena ta' assi u obbligazzjonijiet monetarji denominati fi flus barranin huma kkonvertiti f'euro fuq il-bażi tar-rati tal-kambju li kienu japplikaw fil-31 ta' Diċembru:

*Rati tal-Kambju tal-EURO*

| Munita | 31.12.2007 | 31.12.2006 |
|---|---|---|
| BGN | 1,9558 | 1,9558 |
| CYP | 0,5853 | 0,5782 |
| CZK | 26,6280 | 27,4850 |
| DKK | 7,4583 | 7,4560 |
| EEK | 15,6466 | 15,6466 |
| GBP | 0,73335 | 0,6715 |
| HUF | 253,7300 | 251,7700 |
| LVL | 0,6964 | 0,6972 |
| LTL | 3,4528 | 3,4528 |
| MTL | 0,4293 | 0,4293 |
| PLN | 3,5935 | 3,8310 |
| RON | 3,6077 | 3,3835 |
| SKK | 33,5830 | 34,4350 |
| SEK | 9,4415 | 9,0404 |
| JPY | 164,9300 | 156,9300 |
| USD | 1,4721 | 1,3170 |

Metodi ta' konverżjoni differenti japplikaw għall-intestaturi li ġejjin:

— propjetà, impjanti u tagħmir u assi intanġibbli, li jżommu l-valur tagħhom f'euro bir-rati li kienu japplikaw fid-data meta jkunu nxtraw; u kif ukoll

— ammonti ta' prefinanzjament imħallsa taħt is-Sezzjoni tal-Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija, li huma kkonvertiti skont ir-rati tal-kambju li japplikaw fl-10 jum tax-xahar ta' wara x-xahar li fih jingħataw.

Bidliet fil-valur ġust ta' titoli monetarji denominati f'munita barranija u kklassifikati bħala lesti għall-bejgħ li jirrigwardaw differenza fil-qlib huma rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Differenzi tat-traduzzjoni fuq assi u obbligi finanzjarji mhux monetarji miżmuma bil-valur ġust permezz ta' qligħ jew telf huma rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Id-differenzi fit-traduzzjoni fuq assi finanzjarji mhux monetarji kklassifikati bħala li huma disponibbli għall-bejgħ huma inklużi fir-riżerva tal-valur ġust.

1.4.2. ***Użu ta' stimi***

F'konformità mal-IPSAS u l-prinċipji tal-kontabilità aċċettati b'mod ġenerali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji neċessarjament jinkludu ammonti bbażati fuq stimi u suppożizzjonijiet mill-amministrazzjoni fuq il-bażi tal-aktar informazzjoni affidabbli disponibbli. Stimi sinifikanti jinkludu, imma mhumiex limitati għal, ammonti għall-obbligazzjonijiet tal-benefiċċji tal-impjegati, proviżjonijiet, riskju finanzjarju fuq inventarji u kontijiet riċevibbli, dħul u ħlasijiet dovuti, assi u obbligazzjonijiet kontinġenti, u grad ta' deterjorament ta' assi intanġibbli u propjetà, impjanti u tagħmir. Ir-riżultati attwali jistgħu jkunu differenti minn dawn l-istimi. Il-bidliet fl-istimi huma riflessi fil-perjodu li fih isiru magħrufa.

1.5. **KARTA TAL-BILANĊ**

1.5.1. ***Assi intanġibbli***

Liċenzji akkwistati ta' softwer tal-kompjuter huma kontabilizzati skont kemm ikunu nxtraw bl-ammortizzazzjoni u t-telf mid-deterjorament akkumulati mnaqqsa minn dan. L-assi huma amortizzati fuq bażi ta' "linja dritta" fuq it-tul tal-ħajja utli stmata tagħhom, li hija ta' erba' snin. Assi intanġibbli prodotti internament huma bħalissa inklużi fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Spejjeż assoċjati mal-iżvilupp jew il-manteniment ta' programmi ta' softwer tal-kompjuter huma rikonoxxuti bħala spejjeż imġarrba, u l-istess japplika għar-riċerka xjentifika u l-ispejjeż tal-iżvilupp.

1.5.2. ***Propjetà, impjanti u tagħmir***

Kull propjetà, impjanti u tagħmir huma kontabilizzati skont kemm ikunu nxtraw bl-ammortizzazzjoni u t-telf mid-deterjorament akkumulati mnaqqsa minn dan. Il-prezz storiku jinkludi l-infiq li jkun attribwibbli direttament għall-akkwist tal-assi.

L-ispejjeż sussegwenti huma inklużi fl-ammont kontabbli tal-assi jew rikonoxxuti bħala assi separat, kif ikun jixraq, biss meta huwa probabbli li l-benefiċċji ekonomiċi futuri assoċjati ma' dak l-element ikunu se jmorru għand il-Komunitajiet Ewropej u l-prezz tiegħu jkun jista' jitkejjel b'mod affidabbli. Kwalunkwe tiswija u manteniment ieħor ikunu ddebitati lill-kont tar-riżultat ekonomiku matul il-perjodu finanzjarju li fih ikunu mġarrba. Ladarba l-Komunitajiet Ewropej ma jissellfux flus sabiex jiffinanzjaw l-akkwist ta' propjetà, impjanti u tagħmir, m'hemm l-ebda spejjeż ta' self relatati ma' dan.

L-art u x-xogħlijiet tal-arti mhumiex deprezzati għax jitqiesu li għandhom ħajja infinita. Assi taħt kostruzzjoni mhumiex deprezzati għax għadhom mhumiex disponibbli għall-użu. Id-deprezzament fuq assi oħrajn jiġi kkalkulat bil-metodu tal-'linja dritta' biex tiġi allokata l-ispiża tagħhom lill-valuri residwi tagħhom fuq it-tul maħsub taż-żmien tal-utilità tagħhom, kif ġej:

*Rati ta' deprezzament*

| Tip ta' Assi | Rata ta' deprezzament "linja dritta" |
|---|---|
| Propjetà immobbli | 4 % |
| Impjant, makkinarju u tagħmir | 10 % sa 25 % |
| Għamara | 10 % sa 25 % |
| Armar | 10 % sa 33 % |
| Vetturi | 25 % |
| Hardware tal-kompjuter | 25 % |
| Assi tanġibbli oħra | 10 % sa 33 % |

Qligħ u telf fuq bejgħ huma determinati billi jitqabblu d-dħul, bl-ispejjeż tal-bejgħ imnaqqsa minnu, mal-ammont kontabbli tal-assi mibjugħ. Dawn huma inklużi fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

**Kirjiet**

Il-kiri ta' assi tanġibbli, fejn il-Komunitajiet Ewropej għandhom sostanzjalment ir-riskji u l-vantaġġi kollha ta' propjetà, huwa kklassifikat bħala kiri finanzjarju. Il-kiri finanzjarju huwa kkapitalizzat fil-bidunett tal-kirja fl-inqas mill-valur ġust tal-assi mikrija u l-valur preżenti tal-ħlasijiet minimi tal-kiri. Kull ħlas tal-kiri huwa allokat bejn l-obbligi u l-ħlasijiet finanzjarji sabiex tinkiseb rata kostanti fuq il-bilanċ finanzjarju pendenti. L-obbligazzjonijiet tal-kiri, wara li jkunu ġew imnaqqsal-ħlasijiet finanzjarji, huma inklużi f'obbligazzjonijiet oħrajn (ta' skadenza twila u qasira.) L-element ta' imgħax tal-ispiża finanzjarja huwa ddebitat lill-kont tar-riżultat ekonomiku matul il-perjodu tal-kiri b'mod li jipproduċi rata perjodika ta' imgħax kostanti fuq il-bilanċ li jibqa' tal-obbligazzjoni għal kull perjodu. L-assi akkwistati taħt kiri finanzjarju huma deprezzati matul l-iqsar żmien bejn l-utilità tal-assi u t-terminu tal-kiri.

Kiri fejn sid il-kera jżomm sehem sinifikanti mir-riskji u l-benefiċċji marbuta mal-propjetà huwa kklassifikat bħala kiri operattiv. Ħlasijiet li jsiru taħt kiri operattiv huma ddebitati lill-kont tar-riżultat ekonomiku fuq linja dritta matul il-perjodu tal-kirja.

### 1.5.3. *Deterjorament ta' assi mhux finanzjarji*

Assi li għandhom żmien ta' utilità indefinit mhumiex soġġetti għall-amortizzazzjoni u huma ttestjati kull sena fir-rigward tad-deterjorament. Assi li huma soġġetti għall-amortizzazzjoni huma riveduti fir-rigward tad-deterjorament kull darba li avvenimenti jew bidliet fiċ-ċirkustanzi jindikaw il-possibbiltà li l-ammont miżmum jista' ma jkunx irkuprabbli. Telf minħabba deterjorament huwa rikonoxxut bħala d-differenza li biha l-ammont miżmum tal-assi jaqbeż l-ammont li jista' jiġi rkuprat tiegħu. L-ammont li jista' jkun irkuprat huwa l-ogħla mill-valur ġust tal-assi, bl-ispejjeż tal-bejgħ imnaqqsa minnu, u l-valur fl-użu.

Il-valuri residwi u l-ħajja utli tal-assi intanġibbli u l-propjetà, l-impjanti u t-tagħmir jiġu riveduti, u aġġustati jekk ikun hemm bżonn, ma' kull data tal-karta tal-bilanċ. L-ammont kontabbli ta' assi jiġi mnaqqas immedjatament għall-ammont li jista' jerġa' jiġi rkuprat jekk l-ammont miżmum tal-assi jkun akbar mill-ammont stmat li jista' jerġa' jiġi rkuprat tiegħu.

### 1.5.4. *Investimenti*

**Investimenti f'Assoċjati u interessi f'Impriżi Konġunti**

Investimenti f'assoċjati u interessi f'impriżi konġunti huma kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità.

**Investimenti f'Fondi ta' Kapital tar-Riskju**

*Klassifikar u kejl*

Investimenti f'Fondi ta' Kapital tar-Riskju huma klassifikati bħala assi disponibbli għall-bejgħ u għalhekk għandhom jintwerew skont il-valur ġust tagħhom bil-qligħ u t-telf li jirriżulta mill-bidliet fil-valur ġust (inklużi differenzi fit-traduzzjoni) rikonoxxuti fir-riżerva tal-valur ġust.

*Kunsiderazzjonijiet tal-valur ġust*

Ladarba m'għandhomx prezz tas-suq ikkwotat f'suq attiv u fl-assenza ta' teknika affidabbli oħra ta' valutazzjoni, investimenti f'Fondi ta' Kapital tar-Riskju huma stmati linja b'linja abbażi tal-inqas mill-prezz tax-xiri jew il-valur tal-assi netti ("NAV") attribwibbli kif irrapurtati mill-amministratur tal-fondi sad-data tal-karta tal-bilanċ, li b'hekk teskludi kwalunkwe qligħ mhux realizzat li jista' jkun attribwit u li jista' jkun prevalenti fil-portafoll ta' investimenti ta' bażi. Investimenti fil-Fondi ta' Kapital tar-Riskju li ilhom jeżistu għal inqas minn sentejn mid-data tal-karta tal-bilanċ jiġu valutati fuq il-bażi tal-istess prinċipji, ħlief f'każ ta' telf mhux realizzat dovut biss għal spejjeż amministrattivi fejn, minħabba l-istadju bikri tal-portafoll tal-investiment ta' bażi, dan it-telf mhux realizzat mhuwiex qed jiġi meqjus.

B'dan il-metodu, il-valur ġust tal-investimenti f'Fondi tal-Kapital tar-Riskju jinkiseb bl-applikazzjoni tal-kunċett tal-Valur tal-Assi Netti ("NAV") li impliċitament jassumi li jekk l-NAVs tal-fondi jistgħu jitqiesu bħala konformi mal-IAS 39, allura l-aggregazzjoni tal-NAVs tal-fondi kollha tkun hi nnifisha konformi mal-IAS 39.

Skont dan il-metodu, il-fondi huma kklassifikati fi tliet kategoriji:

— Kategorija I — fondi li adottaw ir-rekwiżiti tal-valur ġust tal-IAS 39.

— Kategorija II — fondi li adottaw linji gwida ta' valutazzjoni oħrajn (jiġifieri linji gwida ta' valutazzjoni tal-AFIC, tal-BVCA u tal-EVCA) jew standards li jistgħu jitqiesu li jikkonformaw mal-IAS 39.

— Kategorija III — fondi li ma adottawx ir-rekwiżiti tal-valur ġust tal-IAS 39 jew kwalunkwe linji ta' gwida ta' stima oħrajn li jikkonformaw mal-IAS 39.

Għall-Kategoriji I u II, gwadanji mhux realizzati li jirriżultaw mill-valutazzjoni tal-valur ġust huma rikonoxxuti fir-riżervi u telf mhux realizzat huwa stmat għal deterjorament sabiex jiġi ddeterminat jekk għandux jiġi rikonoxxut bħala telf ta' deterjorament fil-kont tar-riżultat ekonomiku jew bħala bidla fir-riżerva tal-valur ġust.

Il-valur ġust tal-NAV attribwibbli huwa ddeterminat billi wieħed japplika jew il-perċentwal tas-sehem mill-fond tal-Komunitajiet Ewropej għall-NAV rifless fl-aktar rapport reċenti jew, sa fejn hu disponibbli, il-valur eżatt tal-ishma fl-istess data, ippreżentat mill-Amministratur tal-Fondi rispettiv.

Investimenti li jaqgħu taħt il-kategorija III huma valutati skont kemm swew bit-tnaqqis tat-telf mid-deterjorament (għalkemm bħalissa m'huma miżmuma l-ebda investimenti ta' dan it-tip).

**Strumenti finanzjarji**

*Klassifikazzjoni*

Il-Komunitajiet Ewropej jikklassifikaw l-investimenti tagħhom fil-kategoriji li ġejjin: assi finanzjarji skont il-valur ġust minn qligħ jew telf; self u ammonti riċevibbli; investimenti li jinżammu sakemm jimmaturaw; u assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ. Il-klassifikazzjoni tal-investimenti hija ddeterminata mar-rikonoxximent inizjali u terġa' tiġi evalwata f'kull data tal-karta tal-bilanċ.

(i) *Assi finanzjarji b'valur ġust minn qligħ jew telf*

Din il-kategorija tinqasam f'żewġ sotto-kategoriji: assi finanzjarji miżmuma għan-negozju, u dawk stabbiliti b'valur ġust permezz ta' profitt jew telf mill-bidunett. L-assi finanzjarji huma kklassifikati f'din il-kategorija jekk ikunu akkwistati prinċipalment bl-iskop li jinbiegħu f'terminu qasir jew jekk ikun hekk indikat mill-Komunitajiet Ewropej. Id-derivattivi huma wkoll kategorizzati bħala miżmuma għal skopijiet ta' negozju sakemm ma jkunux jikkwalifikaw għall-hedge accounting. L-assi f'din il-kategorija jiġu kklassifikati bħala assi kurrenti jekk ikunu mistennija li jiġu realizzati fi żmien 12-il xahar mid-data tal-karta tal-bilanċ.

(ii) *Self u ammonti riċevibbli*

Self u ammonti riċevibbli huma assi finanzjarji mhux derivattivi bi ħlasijiet fissi jew li jistgħu jiġu determinati li mhumiex ikkwotati f'suq attiv. Dawn jinħolqu meta l-Komunitajiet Ewropej jipprovdu flus, oġġetti jew servizzi direttament lil debitur bl-ebda intenzjoni li jinnegozjaw ir-riċevibbli. Huma inklużi fl-assi mhux kurrenti, minbarra fil-każ ta' maturitajiet ta' inqas minn 12-il xahar mid-data tal-karta tal-bilanċ.

(iii) *Investimenti li jinżammu sal-maturità*

Investimenti li jinżammu sal-maturità huma assi finanzjarji mhux derivattivi bi ħlasijiet fissi jew li jistgħu jiġu ddeterminati, u maturitajiet fissi li l-Komunitajiet Ewropej ikollhom l-intenzjoni u l-abilità li jżommu sakemm jimmaturaw. Matul din is-sena finanzjarja, il-Komunitajiet Ewropej ma żammewx investimenti f'din il-kategorija.

(iv) *Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ*

Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ huma assi mhux derivattivi li huma jew ikklassifikati f'din il-kategorija jew li mhumiex ikklassifikati fl-ebda waħda mill-kategoriji l-oħrajn. Huma inklużi fl-assi mhux kurrenti kemm-il darba l-Komunitajiet Ewropej ma jkollhomx il-ħsieb li jiddisponu mill-investiment fi żmien 12-il xahar mid-data tal-karta tal-bilanċ.

*Rikonoxximent u valutazzjoni inizjali*

Xiri u bejgħ ta' assi finanzjarji bil-valur ġust minn qligħ jew telf, dawk li jinżammu sal-maturità u dawk disponibbli għall-bejgħ jiġu rikonoxxuti fid-data tan-negozju — id-data li fiha l-Komunitajiet Ewropej jikkommettu ruħhom li jixtru jew ibigħu l-assi. Is-self huwa rikonoxxut meta l-flus jingħataw lil min jissellef. L-investimenti huma rikonoxxuti inizjalment bil-valur ġust flimkien mal-ispejjeż tat-tranżazzjoni għall-assi finanzjarji kollha li ma jkunux kontabilizzati bil-valur ġust minn qligħ jew telf. Assi finanzjarji kontabilizzati b'valur ġust minn qligħ jew telf huma rikonoxxuti inizjalment bil-valur ġust u l-ispejjeż tat-tranżazzjoni huma mniżżla fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Il-valur ġust ta' assi finanzjarji fir-rikonoxximent inizjali huwa normalment il-prezz tat-tranżazzjoni (jiġifieri l-valur ġust tal-konsiderazzjoni riċevuta). Madankollu, meta jingħata self fit-tul li m'għandux imgħax jew li għandu imgħax inqas mill-kundizzjonijiet tas-suq, il-valur ġust tiegħu jista' jkun stmat bħala l-valur preżenti tal-ħlasijiet futuri kollha skontati skont ir-rata ta' imgħax prevalenti fis-suq għal strument simili bi klassifika tal-kreditu simili.

Fil-każ ta' self lil uffiċjali mogħti mill-KEFA f'likwidazzjoni, jintuża l-prezz tat-tranżazzjoni bħala valur ġust inizjali indipendentement minn kull rata ta' imgħax preferenzjali li tingħata, għal raġunijiet prattiċi u fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' materjalità.

L-investimenti ma jibqgħux rikonoxxuti meta jiskadu d-drittijiet li wieħed jirċievi flussi tal-flus mill-investimenti jew jiġu trasferiti u l-Komunitajiet Ewropej ikunu ttrasferew sostanzjalment r-riskji u l-benefiċji kollha tal-propjetà.

*Valutazzjoni sussegwenti*

Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ u assi finanzjarji bil-valur ġust minn qligħ jew telf huma sussegwentement kontabilizzati skont il-valur ġust. Qligħ u telf li jseħħu minn bidliet fil-valur ġust tal-kategorija 'assi finanzjarji bil-valur ġust minn qligħ jew telf' huma inklużi fil-kont tar-riżultat ekonomiku fil-perjodu meta jseħħu.

Bidliet fil-valur ġust ta' titoli monetarji denominati f'munita barranija u kklassifikati bħala lesti għall-bejgħ li jirrigwardaw differenza fil-qlib huma rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Bidliet fil-valur ġust ta' assi finanzjarji mhux monetarji kklassifikati bħala lesti għall-bejgħ huma rikonoxxuti fir-riżerva tal-valur ġust. Meta assi finanzjarji kklassifikati bħala lesti għall-bejgħ ikunu mibjugħa jew isofru deterjorament, l-aġġustamenti kumulattivi fil-valur ġust li qabel kienu rikonoxxuti fir-riżerva tal-valur ġust huma rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

L-imgħax fuq assi finanzjarji lesti għall-bejgħ ikkalkulat bil-metodu ta' imgħax effettiv huwa rikonoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Id-dividendi fuq strumenti azzjonarji lesti għall-bejgħ huma rikonoxxuti meta jiġi stabbilit id-dritt tal-Komunitajiet Ewropej li jirċievu ħlas.

Il-valuri ġusti ta' investimenti kkwotati fi swieq attivi huma bbażati fuq il-prezzijiet kurrenti tax-xiri. Jekk is-suq għal assi finanzjarji ma jkunx attiv (u għal titoli mhux ikkwotati), il-Komunitajiet Ewropej jistabbilixxu valur ġust billi jużaw tekniċi ta' stima. Dawn jinkludu l-użu ta' tranżazzjonijiet indipendenti ("*arm's length*") riċenti, referenza għal strumenti oħrajn li huma sostanzjalment l-istess, analiżi tal-flussi tal-flus skontati, mudelli ta' prezzar ta' *options* u tekniki ta' stima oħrajn li huma komunement użati minn parteċipanti fis-suq.

Fil-każijiet fejn il-valur ġust ta' investimenti fi strumenti azzjonarji li m'għandhomx prezz tas-suq ikkwotat f'suq attiv ma jkunx jista' jiġi vvalutat b'mod li wieħed jista' jorbot fuqu, dawn l-investimenti huma vvalutati skont kemm jiswew bit-tnaqqis tat-telf minn deterjorament.

Self u ammonti riċevibbli u investimenti miżmuma sal-maturità jintwerew bil-prezz amortizzat bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettivi. Fil-każ ta' self mogħti fuq fondi missellfa, il-metodu tal-imgħax effettiv jista' ma jiġix applikat separatament għall-għoti u teħid b'self, fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' materjalità. L-ispejjeż tat-tranżazzjoni magħmula mill-Komunitajiet Ewropej u mbagħad iddebitati mill-ġdid lill-benefiċjarju tas-self huma direttament rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

*Deterjorament ta' assi finanzjarji*

Ma' kull data tal-karta tal-bilanċ il-Komunitajiet Ewropej jagħmlu stima biex jaraw jekk hemmx evidenza oġġettiva li xi assi finanzjarju sofra deterjorament. Assi finanzjarji jkunu sofrew deterjorament, u b'hekk jiġġarrab telf minħabba d-deterjorament biss jekk ikun hemm evidenza oġġettiva ta' deterjorament bħala riżultat ta' avveniment jew avvenimenti li seħħew wara r-rikonoxximent inizjali tal-assi, u dak l-avveniment (jew avvenimenti) ta' telf ikollu impatt fuq il-flussi tal-flus futuri futuri stmati tal-assi finanzjarji li jistgħu jkunu stmati b'mod li wieħed jista' jorbot fuqu.

(i) Assi kontabilizzati bi prezz amortizzat

Jekk hemm evidenza oġġettiva li ġie mġarrab telf minħabba deterjorament fuq self u riċevibbli jew investimenti li jinżammu sal-maturità kontabilizzati bil-prezz ammortizzat, l-ammont tat-telf jiġi vvalutat bħala d-differenza bejn l-ammont kontabbli tal-assi u l-valur preżenti tal-flussi futuri stmati tal-flus (minbarra telfiet futuri tal-kreditu li ma ġġarrbux) imnaqqas bir-rata ta' imgħax effettiva oriġinali tal-assi finanzjarji. L-ammont kontabbli tal-assi jiġi mnaqqas u l-ammont tat-telf jiġi rikonoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Jekk self jew investiment li jinżamm sal-maturità jkollu rata ta' imgħax varjabbli, ir-rata ta' skont għall-valutazzjoni ta' kwalunkwe telf minħabba deterjorament tkun ir-rata preżenti u effettiva ta' imgħax iddeterminata fil-kuntratt.

Il-kalkolu tal-valur preżenti tal-flussi tal-flus futuri stmati ta' assi finanzjarji kollateralizzati jirrifletti l-flussi tal-flus li jistgħu jirriżultaw minn għeluq bikri tal-assi bit-tnaqqis tal-ispejjeż għall-kisba u l-bejgħ tal-kollaterali, kemm jekk il-foreclosure ikun probabbli u kif ukoll jekk le.

Jekk, f'perjodu sussegwenti, l-ammont tat-telf minħabba deterjorament jonqos u dan it-tnaqqis ikun jista' jiġi relatat b'mod oġġettiv ma' avveniment li jseħħ wara li d-deterjorament kien rikonoxxut, it-telf minħabba deterjorament rikonoxxut preċedentement jiġi maqlub permezz tal-kont tar-riżultat ekonomiku.

(ii) Assi miżmuma b'valur ġust

Fil-każ ta' titoli azzjonarji klassifikati bħala disponibbli għall-bejgħ, tnaqqis sinifikanti jew fit-tul fil-valur ġust tat-titolu taħt il-prezz tiegħu jiġi kkunsidrat fid-determinazzjoni ta' jekk it-titoli ddeterjorawx. Jekk kwalunkwe evidenza ta' dan it-tip teżisti għal assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ, it-telf kumulattiv — ivvalutat bħala d-differenza bejn il-prezz tal-akkwist u l-valur ġust kurrenti, bit-tnaqqis ta' kwalunkwe telf minħabba deterjorament fuq dawk l-assi finanzjarji rikonoxxut preċedentement fil-kont tar-riżultat ekonomiku — huwa mnaqqas mir-riżervi u rikonoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Telf minħabba deterjorament rikonoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku fuq strumenti azzjonarji ma jkunx ikkanċellat permezz tal-kont tar-riżultat ekonomiku. Jekk, f'perjodu sussegwenti, il-valur ġust ta' strument ta' debitu kklassifikat bħala disponibbli għall-bejgħ jiżdied u ż-żieda tista' tkun relatata b'mod oġġettiv ma' avveniment li jkun seħħ wara li t-telf minħabba deterjorament kien rikonoxxut, it-telf minħabba deterjorament jiġi kkanċellat permezz tal-kont tar-riżultat ekonomiku.

### 1.5.5. ***Inventarji***

L-inventarji huma rrappurtati skont l-inqas wieħed mill-valur tal-prezz tax-xiri u l-valur nett realizzabbli. Il-prezz huwa ddeterminat skont il-metodu tal-ewwel li jinxtara, l-ewwel li jinbiegħ (FIFO). L-ispiża tal-oġġetti lesti u tax-xogħol fl-idejn jinkludi l-ispejjeż tal-materja prima, xogħol dirett, spejjeż diretti oħrajn u spejjeż tal-produzzjoni marbuta (ibbażati fuq kapaċità operattiva normali). Il-valur nett realizzabbli huwa l-prezz tal-bejgħ stmat fil-kors normali tan-negozju, bit-tnaqqis tal-ispejjeż għat-tlestija u l-ispejjeż tal-bejgħ.

Meta inventarji jiġu miżmuma għad-distribuzzjoni mingħajr ħlas jew bi ħlas nominali, dawn jiġu vvalutati skont l-inqas mill-prezz tax-xiri u l-prezz kurrenti tas-sostituzzjoni. Il-prezz kurrenti tas-sostituzzjoni huwa l-prezz li l-Komunitajiet Ewropej iġarrbu kieku kellhom jakkwistaw l-assi fid-data tar-rappurtar.

### 1.5.6. *Ammonti ta' prefinanzjament*

Prefinanzjament huwa ħlas maħsub biex jipprovdi lill-benefiċjarju bi ħlas bil-quddiem ta' flus. Huwa jista' jinqasam f'numru ta' ħlasijiet fuq perjodu definit fil-ftehim partikolari ta' prefinanzjament. Is-somma jew il-ħlas bil-quddiem jitħallas lura jew jiġi użat għall-għan li għalih kien ipprovdut matul il-perjodu definit fil-ftehim. Jekk il-benefiċjarju ma jġarrabx spejjeż eliġibbli, għandu l-obbligu li jrodd lura l-prefinanzjament lill-Komunitajiet Ewropej. L-ammont tal-prefinanzjament jitnaqqas (kollu kemm hu jew parzjalment) meta jiġu aċċettati spejjeż eliġibbli u ammonti mogħtija lura.

Fl-aħħar tas-sena ammonti pendenti ta' prefinanzjament huma stmati bl-ammont(i) oriġinali mħallsa bit-tnaqqis ta': ammonti mogħtija lura, ammonti eliġibbli mgħoddija, ammonti eliġibbli stmati li għadhom mhumiex mgħoddija sal-aħħar tas-sena, u tnaqqis fil-valur.

L-imgħax fuq il-prefinanzjamenti huwa rikonoxxut hekk kif dan jiġi ggwadanjat skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehim rilevanti. Stima tad-dħul mill-imgħaxijiet akkumulati, fuq il-bażi tal-aktar informazzjoni reċenti, issir fl-aħħar tas-sena u hija inkluża fil-karta tal-bilanċ. Garanziji relatati mal-ammonti tal-prefinanzjament huma żvelati barra mill-karta tal-bilanċ bħala assi kontinġenti.

### 1.5.7. *Riċevibbli*

Ir-riċevibbli huma miżmuma fl-ammont oriġinali nieqes it-tnaqqis fil-valur minħabba deterjorament. It-tnaqqis fil-valur minħabba deterjorament ta' riċevibbli jiġi stabbilit meta jkun hemm evidenza oġġettiva li l-Komunitajiet Ewropej mhux se jkunu jistgħu jiġbru l-ammonti kollha dovuti skont it-termini oriġinali tar-riċevibbli. L-ammont tat-tnaqqis fil-valur huwa d-differenza bejn l-ammont miżmum tal-assi u l-ammont li jista' jiġi rkuprat, li huwa l-valur preżenti tal-flussi tal-flus futuri mistennija, skontat bir-rata ta' imgħax tas-suq għal debituri simili. L-ammont tat-tnaqqis fil-valur huwa rikonoxxut fir-rendikont tal-kont tar-riżultat ekonomiku. Huwa rikonoxxut ukoll tnaqqis ġenerali tal-valur ta' 20 % fis-sena għal ordnijiet pendenti ta' rkupru li ma jkunux għadhom soġġetti għal tnaqqis speċifiku.

Ara wkoll in-nota **1.5.13** hawn taħt dwar it-trattament ta' dħul dovut rikonoxxut fl-aħħar tas-sena.

### 1.5.8. *Flus u ekwivalenti*

Il-flus u l-ekwivalenti huma definiti bħala assi għal perjodu qasir. Dawn jinkludu flus disponibbli, depożiti miżmuma mal-banek li jistgħu jiġu miġbuda bla dewmien, investimenti likwidi oħrajn ta' skadenza qasira b'maturitajiet oriġinali ta' tliet xhur jew inqas, u overdrafts bankarji. Overdrafts bankarji huma mniżżlin bħala obbligazzjonijiet finanzjarji taħt obbligazzjonijiet kurrenti fil-karta tal-bilanċ.

### 1.5.9. *Benefiċċji tal-impjegati*

**L-obbligi tal-pensjoni**

Il-Komunitajiet Ewropej joperaw pjanijiet ta' pensjoni b'benefiċċju definit. Pjan ta' benefiċċju definit huwa pjan ta' pensjoni li ġeneralment jiddefinixxi ammont li impjegat jirċievi meta jirtira, li ssoltu jiddependi fuq fattur wieħed jew aktar bħall-età, is-snin ta' servizz u l-kumpens. Filwaqt li l-persunal jikkontribwixxi mis-salarju terz ta' kemm hu mistenni li jiswew dawn il-benefiċċji, l-obbligazzjoni m'hijiex finanzjata.

L-obbligazzjoni rikonoxxuta fil-karta tal-bilanċ fir-rigward tal-pjanijiet ta' pensjoni b'benefiċċju definit hija l-valur preżenti tal-obbligu tal-benefiċċju definit sad-data tal-karta tal-bilanċ bit-tnaqqis tal-valur ġust tal-assi kollha tal-pjan. L-obbligu definit tal-benefiċċju huwa kkalkulat minn attwarji indipendenti li jużaw il-metodu ta' unità tal-kreditu stmat. Il-valur preżenti tal-obbligu tal-benefiċċju definit jiġi determinat billi l-ħruġ tal-flus stmat fil-futur jiġi skontat bl-użu ta' rati ta' imgħax ta' bonds ta' kwalità għolja maħruġa minn kumpaniji li huma denominati fil-munita li l-benefiċċji se jitħallsu biha, u li għandhom termini ta' maturità li joqorbu lejn it-termini tal-obbligazzjoni tal-pensjoni relatata.

Qligħ u telf attwarjali li jseħħu minħabba li jsiru aġġustamenti bbażati fuq l-esperjenza, u bidliet f'suppożizzjonijiet attwarjali huma rikonoxxuti immedjatament fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Spejjeż ta' servizz mogħti fil-passat huma rikonoxxuti immedjatament fil-kont tar-riżultat ekonomiku, kemm-il darba l-bidliet fil-pjan tal-pensjoni jkunu marbuta mall-kundizzjoni li l-impjegati jibqgħu fis-servizz għal perjodu ta' żmien speċifikat (il-perjodu ta' assenjazzjoni). F'dan il-każ, l-ispejjeż tas-servizz mogħti fil-passat jiġu amortizzati fuq bażi tal-linja dritta waqt il-perjodu ta' assenjazzjoni.

**Benefiċċji tal-mard wara l-irtirar**

Il-Komunitajiet Ewropej jipprovdu benefiċċji tas-saħħa lill-impjegati permezz ta' rimborż tal-ispejjeż mediċi. Għall-amministrazzjoni ta' kuljum inħoloq fond ("RCAM") separat. Jibbenefikaw mis-sistema kemm impjegati preżenti, kif ukoll pensjonanti, romol u l-benefiċjarji tagħhom.

Il-benefiċċji mogħtija lill-persuni "inattivi" (pensjonanti, orfni, eċċ.) huma klassifikati bħala "Benefiċċji tal-Impjegati ta' wara l-Impjieg". Minħabba n-natura ta' dawn il-benefiċċji, huwa meħtieġ kalkolu attwarju. L-obbligazzjoni fil-karta tal-bilanċ hija ddeterminata b'mod simili bħal fil-każ ta' obbligi tal-pensjoni (ara hawn fuq).

1.5.10. ***Proviżjonijiet***

Proviżjonijiet huma rikonoxxuti meta l-Komunitajiet Ewropej ikollhom obbligu preżenti legali jew kostruttiv b'konsegwenza ta' avvenimenti tal-imgħoddi, u b'hekk huwa probabbli li ħruġ ta' riżorsi jkun meħtieġ biex jitħallas l-obbligu, u l-ammont ikun jista' jiġi stmat b'mod li wieħed jista' jorbot fuqu. M'humiex rikonoxxuti proviżjonijiet għal telf operattiv fil-futur. L-ammont tal-proviżjoni huwa l-aħjar stima tal-ispejjeż mistennija li jkunu meħtieġa sabiex jitħallas l-obbligu preżenti sad-data tar-rappurtaġġ. Fejn id-dispożizzjoni tinvolvi għadd kbir ta' elementi, l-obbligu jiġi stmat billi wieħed jagħti piż lil kull riżultat possibbli skont il-probabiltajiet assoċjati tagħhom (il-metodu tal-"valur mistenni").

Fejn l-effett tal-valur taż-żmien tal-flus ikun materjali, l-ammont tal-proviżjon huwa l-valur preżenti tal-ispejjeż mistennija li jkunu meħtieġa biex jitħallas l-obbligu. Ir-rata ta' skont użata hija rata li tirrifletti stimi kurrenti tas-suq tal-valur taż-żmien tal-flus u r-riskji speċifiċi għall-obbligazzjoni imma mhux ir-riskji li għalihom ġew aġġustati l-estimi futuri tal-flussi tal-flus.

1.5.11. ***Obbligazzjonijiet finanzjarji***

L-obbligazzjonijiet finanzjarji jinkludu fondi missellfa u obbligazzjonijiet miżmuma biex jiġu nnegozjati. Il-fondi missellfa jikkonsistu f'fondi missellfa minn istituzzjonijiet ta' kreditu u djun ipprovati minn ċertifikati. L-ammonti missellfa huma rikonoxxuti inizjalment skont il-valur ġust, li huwa r-rikavat mill-ħruġ tagħhom (valur ġust ta' kunsiderazzjoni riċevuta) nett mill-ispejjeż tat-tranżazzjoni mġarrba, imbagħad sussegwentement murija skont l-ispiża amortizzata bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv; kwalunkwe differenza bejn rikavati, nett milll-ispejjeż tat-tranżazzjoni, u l-valur tar-rimborż hija rikonoxxuta fil-kont tar-riżultat ekonomiku matul il-perjodu tas-self/djun ipprovati minn ċertifikati li jużaw il-metodu ta' imgħax effettiv. Huma kklassifikati bħala obbligi mhux kurrenti, bl-eċċezzjoni ta' maturitajiet ta' inqas minn 12-il xahar wara d-data tal-karta tal-bilanċ. Fil-każ ta' self mogħti fuq fondi missellfa, il-metodu tal-imgħax effettiv jista' ma jiġix applikat separatament għall-għoti u teħid b'self, fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' materjalità. L-ispejjeż tat-tranżazzjoni magħmula mill-Komunitajiet Ewropej u mbagħad iddebitati mill-ġdid lill-benefiċjarju tas-self huma direttament rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Obbligazzjonijiet miżmuma biex jiġu nnegozjati jinkludu derivattivi li ma jikkwalifikawx għal hedge accounting meta l-valur ġust tagħhom ikun negattiv. Huma jirċievu l-istess trattament kontabbli bħall-assi miżmuma biex jiġu nnegozjati, ara n-nota 1.5.4.

1.5.12. ***Ammonti pagabbli***

Ammont sinifikattiv tal-pagabbli tal-Komunitajiet mhumiex marbuta max-xiri ta' oġġetti jew servizzi — iżda minflok huma talbiet għal pagamenti minn benefiċjarji ta' għotjiet jew fondi oħrajn tal-Komunitajiet li ma tħallsux. Dawn huma mniżżlin bħala pagabbli għall-ammont rikjest meta t-talba għal pagament tiġi riċevuta u, wara verifikazzjoni, aċċettata bħala eliġibbli mill-aġenti finanzjarji rilevanti. F'dan l-istadju, dawn huma stmati skont l-ammont aċċettat u eliġibbli.

Ammonti li għandhom jitħallsu u li jinħolqu mix-xiri ta' oġġetti u servizzi huma rikonoxxuti meta tiġi riċevuta l-fattura għall-ammont oriġinali u l-ispejjeż relevanti jitniżżlu fil-kontijiet meta l-provvisti jew servizzi jaslu u jkunu aċċettati mill-Komunitajiet Ewropej.

1.5.13. ***Dħul u spejjeż dovuti u differiti***

Element kritiku fil-kontabilità bbażata fuq id-dovuti huwa l-eżerċizzju li jiġi assigurat li t-tranżazzjonijiet jiġu rreġistrati fis-sena kontabbli li jkunu marbuta magħha. Dan l-eżerċizzju jissejjaħ l-eżerċizzju tal-*cut-off*. B'mod partikolari għandha ssir valutazzjoni li tikkonċerna l-ispejjeż eliġibbli mġarrba minn benefiċjarji tal-fondi tal-Komunitajiet imma li għadhom mhumiex irrappurtati lill-Komunitajiet (ħlasijiet dovuti). Sabiex wieħed jasal għall-aħjar stima ta' dawn l-ammonti jiġu użati metodi differenti skont it-tip ta' attivitajiet u informazzjoni disponibbli. Bil-maqlub, xi ħlasijiet isiru fis-sena kurrenti għalkemm huma relatati ma' perjodi sussegwenti (ħlasijiet differiti) u dawk għandhom jiġu identifikati u inklużi fil-perjodu/i sussegwenti.

Skont ir-regoli tal-kontabilità tal-Komunitajiet Ewropej, it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti huma rikonoxxuti fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji fil-perjodu li għandhom x'jaqsmu miegħu. Fi tmiem il-perjodu tal-kontabilità, l-ispejjeż dovuti huma rikonoxxuti abbażi tal-ammont stmat tal-obbligu tat-trasferiment tal-perjodu. Il-kalkolu tal-ispejjeż dovuti jsir skont il-linji gwida operattivi u prattiċi dettaljati maħruġa mill-Kummissjoni li għandhom il-mira li jiżguraw li d-dikjarazzjonijiet finanzjarji jagħtu stampa vera u ġusta.

Id-dħul għandu jkun kontabilizzat ukoll fil-perjodu li huwa relatat miegħu. Fl-aħħar tas-sena, jekk fattura ma tkunx għadha ntbagħtet u s-servizz ikun ingħata, jew il-provvisti ikunu ġew ipprovduti mill-Kummissjoni, jew ikun jeżisti ftehim kuntrattwali (jiġifieri, b'referenza għal trattat), jiġi rikonoxxut dħul dovut fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

Minbarra dan, fi tmiem is-sena, jekk tinħareġ fattura iżda s-servizzi ma jkunux għadhom ingħataw jew l-oġġetti pprovduti jkunu għadhom ma ġewx ikkunsinjati, id-dħul jiġi diferit u rikonoxxut fil-perjodu sussegwenti tal-kontabilità.

1.6. **KONT TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU**

1.6.1. ***Dħul***

**Dħul mhux mill-kambju**

Dan jifforma l-maġġoranza ewlenija tad-dħul tal-Komunitajiet u jinkludi fil-biċċa l-kbira taxxi diretti u indiretti u ammonti ta' riżorsi proprji. Barra mit-taxxi, il-Komunitajiet Ewropej jistgħu wkoll jirċievu ħlasijiet minn partijiet oħrajn, bħal dazji, multi u donazzjonijiet.

*Riżorsi bbażati fuq id-DGN u riżorsi mill-VAT*

Ammonti riċevibbli u dħul relatat huma rikonoxxuti meta l-Komunitajiet Ewropej joħorġu sejħa għall-fondi lill-Istati Membri u jitolbu l-kontribuzzjoni tagħhom. Huma vvalutati skont "l-ammont imsejjaħ" tagħhom. Billi r-riżorsi mill-VAT u mid-DGN huma bbażati fuq stimi tad-*data* għas-sena baġitarja kkonċernata, dawn jistgħu jkunu riveduti sakemm toħroġ id-*data* finali mill-Istati Membri. L-effett ta' bidla fl-istima huwa inkluż meta jiġu determinati il-bilanċi pożittivi jew negattivi netti għal dak il-perjodu li fih tkun seħħet il-bidla.

*Ir-riżorsi proprji tradizzjonali*

Ammonti riċevibbli u dħul relatat huma rikonoxxuti meta d-dikjarazzjonijiet relevanti A ta' kull xahar (li jinkludu d-dazji miġbura u l-ammonti dovuti li huma ggarantiti u mhux kontestati) ikunu riċevuti mingħand l-Istati Membri. Fid-data tar-rappurtaġġ, id-dħul miġbur mill-Istati Membri għal dak il-perjodu iżda li jkun għadu mhux imħallas lill-Komunitajiet Ewropej huwa stmat u rikonoxxut bħala dħul dovut. Ir-rendikonti B ta' kull tliet xhur (li jinkludu dazji la miġbura u lanqas garantiti, kif ukoll ammonti garantiti li ġew ikkuntestati mid-debitur) riċevuti mill-Istati Membri huma rikonoxxuti bħala dħul bit-tnaqqis tal-ispejjeż tal-ġbir (25 %) li għalih huma intitolati. Barra minn hekk, tnaqqis fil-valur huwa rikonoxxut għall-ammont stmat tad-differenza fl-irkupru fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

*Multi*

Ammonti riċevibbli u dħul relatat huma rikonoxxuti meta d-deċiżjoni tal-Komunitajiet li jimponu multa tkun ittieħdet u tkun ġiet innotifikata uffiċjalment lid-destinatarju. Jekk ikun hemm dubji dwar is-solvenza tal-impriża, għandu jiġi rikonoxxut tnaqqis fil-valur tal-intitolament. Wara d-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa, id-debituri għandhom xahrejn mid-data tan-notifikazzjoni biex:

— jew jaċċettaw id-deċiżjoni, u b'hekk ikunu jridu jħallsu l-multa fiż-żmien stipulat u l-ammont ikun definittivament miġbur mill-Komunitajiet;

— jew ma jaċċettawx id-deċiżjoni, u f'dak il-każ jappellaw taħt il-liġi tal-Komunitajiet.

Madankollu, is-somma tal-multa għandha titħallas fiż-żmien stipulat ta' tliet xhur billi l-appell m'għandux l-effett ta' sospensjoni (Artikolu 242 tat-Trattat tal-KE). Id-debituri għandhom żewġ għażliet; jistgħu jħallsu l-multa provviżorjament jew jippreżentaw garanzija bankarja għall-ammont.

Jekk l-intrapriża tappella kontra d-deċiżjoni, u tkun diġà ħallset il-multa provviżorjament, l-ammont jiġi reġistrat bħala obbligazzjoni kontinġenti. Madankollu, billi appell tad-destinatarju kontra deċiżjoni tal-Komunitajiet m'għandux effett ta' sospensjoni, il-flus riċevuti jintużaw biex ineħħu l-ammont riċevibbli. Jekk tingħata garanzija minflok il-ħlas, il-multa tibqa' tingħadd bħala ammont riċevibbli, u l-garanzija tiddaħħal bħala assi kontinġenti.

Jekk ikun jidher probabbli li l-Qorti tal-Prima Istanza ma tkunx se tiddeċiedi favur il-Kummissjoni, tiġi rikonoxxuta proviżjoni sabiex tkopri r-riskju. Jekk minflok tkun ingħatat garanzija, allura l-ammont riċevibbli pendenti jkun imnaqqas kif meħtieġ. L-imgħax akkumulat riċevut mill-Komunitajiet Ewropej fuq il-kontijiet bankarji fejn ħlasijiet riċevuti jkunu depożitati huwa rikonoxxut bħala dħul, u kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti tiżdied skont dan.

*Irkupru ta' spejjeż*

Għal operazzjonijiet li jwasslu għal rimbors ta' spejjeż li qabel ikunu tħallsu mill-baġit Ewropew lil benefiċjarju finali, pajjiż terz jew Stat Membru, ordnijiet ta' rkupru huma stabbiliti u kontabilizzati kif ġej:

— Irkupru ta' spejjeż: Għal dawn it-tipi ta' rkupri, ir-regoli tal-kontabilità jitolbu li jekk ordni ta' rkupru tinħareġ fl-istess sena li fiha jsir il-ħlas oriġinali, hija għandha tirriżulta f'reċivibbli mill-benefiċjarju bi tnaqqis li jikkorrispondi magħha fl-ispejjeż ta' dik is-sena. Jekk, madankollu, l-ordni ta' rkupru tinħareġ f'sena oħra, hija tirriżulta f'riċevibbli u l-entrata li tikkorrispondi magħha tkun dħul fil-kont tar-riżultat ekonomiku (taħt l-intestatura "rkupru ta' spejjeż") għal dik is-sena; jew

— Irkupru ta' ammonti tal-prefinanzjament: f'dan il-każ, l-ammont huwa inkluż taħt l-intestatura tal-prefinanzjament.

**Dħul mill-kambju**

Dħul mill-bejgħ ta' oġġetti huwa rikonoxxut meta r-riskju u l-benefiċċji sinifikanti tal-propjetà tal-oġġetti jiġu trasferiti lil min jixtri.

Dħul assoċjat ma' tranżazzjoni li tinvolvi l-forniment ta' servizzi huwa rikonoxxut b'referenza għall-istadju ta' kompletar tat-tranżazzjoni fid-data tar-rappurtaġġ.

**Dħul u spejjeż minn imgħax**

Dħul u spejjeż minn imgħax huma rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku bl-użu tal-metodu ta' imgħax effettiv. Dan huwa metodu biex tiġi kkalkulata l-ispiża amortizzata ta' assi finanzjarja jew ta' obbligazzjoni finanzjarja, u biex jiġi allokat id-dħul mill-imgħax jew l-ispiża ta' imgħax matul il-perjodu rilevanti. Ir-rata effettiva tal-imgħax hija r-rata li tiskonta eżattament ħlasijiet ta' flus futuri stmati jew riċevuti fit-tul tal-ħajja mistennija tal-istrument finanzjarju (jew, fejn xieraq, perjodu iqsar) mill-ammont nett miżmum tal-assi finanzjarju jew tal-obbligazzjoni finanzjarja. Meta tiġi kkalkulata r-rata effettiva tal-imgħax, il-Komunitajiet Ewropej jistmaw il-flussi tal-flus billi jikkunsidraw it-termini kuntrattwali kollha tal-istrument finanzjarju (pereżempju, għażliet għall-ħlas bil-quddiem) imma ma jikkunsidrawx telfiet futuri tal-kreditu. Il-kalkolu jinkludi l-onorarji u l-punti kollha mħallsa jew riċevuti bejn partijiet fil-kuntratt li huma parti integrali mir-rata effettiva ta' imgħax, mill-ispejjeż tat-tranżazzjoni u mill-primjums jew l-iskonti l-oħrajn kollha.

Fil-każ ta' self mogħti fuq fondi missellfa, il-metodu tal-imgħax effettiv jista' ma jiġix applikat separatament għall-għoti u teħid b'self, fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' materjalità. L-ispejjeż tat-tranżazzjoni magħmula mill-Komunitajiet Ewropej u mbagħad iddebitati mill-ġdid lill-benefiċjarju tas-self huma direttament rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Ladarba assi finanzjarju jew grupp ta' assi finanzjarji simili jkunu mnaqqsa bħala riżultat ta' telf minħabba deterjorament, id-dħul mill-imgħax ikun rikonoxxut bl-użu tar-rata ta' imgħax użata biex tiskonta l-flussi tal-flus futuri bl-iskop li jitkejjel it-telf minħabba deterjorament.

**Dħul minn dividendi**

Id-dħul minn dividendi huwa rikonoxxut meta jiġi stabbilit id-dritt li jiġi rċevut ħlas.

1.6.2. ***Infiq***

Spejjeż tal-kambju li jinħolqu mix-xiri ta' oġġetti u servizzi huma rikonoxxuti meta l-provvisti jiġu fornuti lill-Komunitajiet Ewropej u aċċettati minnhom. Dawn jiġu vvalutati permezz tal-prezz oriġinali tal-fattura.

L-ispejjeż mhux tal-kambju huma speċifiċi għall-Komunitajiet Ewropej u jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-ispejjeż tagħhom. Dawn huma marbuta ma' trasferimenti lil benefiċjarji u jistgħu jkunu ta' tliet tipi: intitolamenti, trasferimenti bi ftehim u għotjiet diskrezzjonali, kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet.

It-trasferimenti huma rikonoxxuti bħala spejjeż matul il-perjodu li fih l-avvenimenti li jwasslu għat-trasferiment ikunu seħħew, bil-kondizzjoni li n-natura tat-trasferiment tkun permessa mir-regolament (ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolamenti tal-Persunal, jew regolament ieħor) jew ikun ġie ffirmat kuntratt li jawtorizza t-trasferiment; kull kriterju ta' eliġibbiltà jkun ġie ssodisfat mill-benefiċjarju; u tkun tista' ssir stima raġonevoli tal-ammont.

Meta kwalunkwe rikjesta għal ħlas jew pretensjoni ta' spiża tiġi riċevuta u tissodisfa l-kriterji ta' rikonoxximent, tiġi rikonoxxuta bħala spiża għall-ammont eliġibbli. Fl-aħħar tas-sena spejjeż eliġibbli mġarrba li jkunu diġà dovuti lill-benefiċjarji imma li jkunu għadhom mhux irrapportati jiġu stmati u reġistrati bħala spejjeż dovuti.

1.7. **ASSI U OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI**

**Assi kontinġenti**

L-assi kontinġenti huwa assi possibbli li jirriżulta minn avvenimenti tal-imgħoddi u li l-eżistenza tiegħu tiġi kkonfermata biss meta jseħħu jew ma jseħħux avvenimenti jew avvenimenti li mhumiex ċerti fil-futur u li mhumiex totalment fil-kontroll tal-Komunitajiet Ewropej. Assi kontinġenti huma ddikjarati meta jkun probabbli d-dħul ta' benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz.

L-assi kontinġenti huma eżaminati ma' kull data tal-karta tal-bilanċ sabiex ikun żgurat li l-iżviluppi jkunu riflessi kif xieraq fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji. Jekk ikun hemm virtwalment ċertezza li se jkun hemm dħul ta' benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz, u l-valur tal-assi ikun jista' jiġi mkejjel b'mod li wieħed ikun jista' joqgħod fuqu, l-assi u d-dħul relatat miegħu jiġu rikonoxxuti fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-perjodu li fih isseħħ il-bidla.

**Obbligazzjonijiet kontinġenti**

L-obbligazzjoni kontinġenti hija obbligu possibbli li jinħoloq minn avvenimenti tal-imgħoddi u li l-eżistenza tiegħu tiġi kkonfermata biss meta jseħħu jew ma jseħħux avveniment jew avvenimenti li mhumiex ċerti fil-futur u li mhumiex totalment fil-kontroll tal-Komunitajiet Ewropej; jew obbligu preżenti li jirriżulta minn avvenimenti tal-imgħoddi imma li ma jkunx rikonoxxut għax mhux probabbli li ħruġ ta' riżorsi li jinkorporaw benefiċċji ekonomiċi, jew potenzjal ta' servizz ikun meħtieġ biex jitħallas l-obbligu, jew, f'ċirkostanzi estremament rari fejn l-ammont tal-obbligu ma jkunx jista jiġi vvalutat b'mod suffiċjentement affidabbli.

L-obbligazzjoni kontinġenti hija ddikjarata, ħlief jekk il-possibbiltà ta' ħruġ ta' riżorsi li jinkorporaw benefiċċji ekonomiċi jew li jkollhom potenzjal ta' servizz tkun remota. Filwaqt li l-KE hija esposta għal xi riskji minħabba n-natura tal-attivitajiet ta' kuljum tagħha (pereżempju l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġijiet u l-istandards tal-UE), u bħal ħafna entitajiet pubbliċi xi wħud minn dawn ir-riskji huma awto-assigurati, l-ebda obbligazzjoni kontinġenti ma hija ddikjarata sakemm ma jkunx seħħ avveniment speċifiku, ladarba sa dak il-punt, il-possibilità ta' ħruġ ta' riżorsi hija remota.

L-obbligazzjonijiet kontinġenti huma eżaminati f'kull data tal-karta tal-bilanċ biex ikun determinat jekk il-ħruġ ta' riżorsi li jinkorporaw benefiċċji ekonomiċi jew il-potenzjal ta' servizz ikunx sar probabbli. Jekk il-ħruġ ta' riżorsi li jinkorporaw benefiċċji ekonomiċi jew il-potenzjal ta' servizz ikunu meħtieġa għal oġġett li jiġi ttrattat bħala obbligazzjoni kontinġenti, tiġi rikonoxxuta proviżjoni fir-rendikonti finanzjarji tal-perjodu li fih isseħħ il-bidla fil-probabbiltà.

### Impenji għal finanzjament futur

Impenn għal finanzjament futur jirrappreżenta impenn legali jew kostruttiv, normalment kuntrattwali, li l-Komunitajiet Ewropej daħlu fih u li jista' jitlob ħruġ ta' riżorsi fil-futur.

### Garanziji

Il-garanziji huma assi jew obbligazzjonijiet possibbli li jirriżultaw minn avvenimenti tal-imgħoddi u li l-eżistenza tagħhom tiġi kkonfermata meta jseħħ jew ma jseħħx l-oġġett tal-garanzija. Il-garanziji għalhekk jikkwalifikaw bħala assi jew obbligazzjonijiet kontinġenti. Garanzija tkun imħallsa meta l-oġġett tal-garanzija ma jibqax jeżisti. Dan isir konkret meta jitwettqu l-kundizzjonijiet għat-talba għall-ħlas min-naħa tal-garanti.

2. NOTI MAL-KARTA TAL-BILANĊ

*ASSI MHUX KURRENTI*

2.1. **ASSI INTANĠIBBLI**

*miljuni ta' EUR*

| | Ammont |
|---|---|
| Ammont kontabbli gross fil- 31 ta' Diċembru 2006 | 82 |
| Żidiet | 22 |
| Tnaqqis | (2) |
| Trasferimenti bejn kategoriji ta' assi | 13 |
| Bidliet oħra | (10) |
| **Ammont kontabbli gross fil-31 ta' Diċembru 2007** | **105** |
| Amortizzazzjoni akkumulata fil-31 ta' Diċembru 2006 | 45 |
| Tnaqqis għal amortizzazzjoni għas-sena | 11 |
| Tnaqqis | (2) |
| Trasferimenti bejn kategoriji ta' assi | 8 |
| Bidliet oħra | (1) |
| **Amortizzazzjoni akkumulata fil-31 ta' Diċembru 2007** | **61** |
| **AMMONT KONTABBLI NETT FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2007** | **44** |
| **Ammont kontabbli nett fil-31 ta' Diċembru 2006** | **37** |

L-assi intanġibbli huma identifikabbli bħala assi mhux monetarji li m'għandhomx sustanza fiżika. Sabiex jikkwalifikaw għal rikonoxximent bħala assi, huma jridu jkunu kkontrollati mill-entità u jiġġeneraw benefiċċji ekonomiċi futuri għall-Komunitajiet Ewropej. L-ammonti jirrigwardaw primarjament is-softwer tal-kompjuter.

2.2. **PROPJETà, IMPJANTI U TAGĦMIR**

2.2.1. ***Art u bini***

F'xi pajjiżi, il-valur tal-art ma jistax jiġi separat mill-valur tal-bini għax it-tnejn inxtraw flimkien bħala ħaġa waħda. Il-valur tal-art, li mhux suġġett għal deprezzament, mhux se jiġi vvalutat separatament sakemm dan ma jkunx meħtieġ, jiġifieri għal infiq sussegwenti bħall-kostruzzjoni ta' propjetà ġdida jew il-bejgħ parzjali.

### 2.2.2. *Assi taħt kostruzzjoni*

Fl-1 ta' Frar 2007 l-Kunsill iffirma l-kuntratt tal-akkwist tal-bini LEX għall-prezz finali ta' EUR 260 miljun. Il-valur relatat fil-31 ta' Diċembru 2006 inkluż taħt din l-intestatura ta' EUR 224 miljun ġie trasferit għal "Art u Bini" fl-2007. F'Ottubru 2004 il-Parlament iffirma kuntratt ta' kiri finanzjarju, bil-possibbiltà li jixtri, rigward kumpless ta' bini fi Brussell, li l-kostruzzjoni tiegħu bdiet fl-2004. F'Novembru 2004 sar l-ewwel ħlas bil-quddiem ta' EUR 40 miljun. Sakemm jiġi ffirmat ir-rapport ta' approvazzjoni temporanja l-Parlament għandu l-jedd li jagħmel pagamenti bil-quddiem addizzjonali u sal-31 ta' Diċembru 2007 tħallsu EUR 318 miljun, li jirriflettu x-xogħol li sar sa din id-data (mill-31 ta' Diċembru 2006 kienu tħallsu EUR 253 miljun).

**PROPJETÀ, IMPJANTI U TAGĦMIR**

*miljuni ta' EUR*

| | Art u bini | Impjanti u tagħmir | Għamara u vetturi | Hardware | Other tangible assi | Kirjiet finanzjarji | Assi taħt kostruzzjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ammont kontabbli gross fil-31 ta' Diċembru 2006 | 3 580 | 331 | 181 | 427 | 110 | 1 926 | 483 | 7 038 |
| Żidiet | 54 | 34 | 10 | 64 | 15 | 16 | 76 | 269 |
| Tnaqqis | (2) | (8) | (6) | (38) | (10) | 0 | (1) | (65) |
| Trasferimenti bejn kategoriji ta' assi | 227 | (10) | 3 | (9) | 3 | 0 | (227) | (13) |
| Bidliet oħra | 1 | 3 | 6 | 2 | (3) | 1 | 1 | 11 |
| **Ammont kontabbli gross fil-31 ta' Diċembru 2007** | **3 860** | **350** | **194** | **446** | **115** | **1 943** | **332** | **7 240** |
| Deprezzament akkumulat fil-31 ta' Diċembru 2006 | 1 354 | 265 | 130 | 314 | 77 | 312 | | 2 452 |
| Deprezzament għas-sena | 154 | 28 | 14 | 61 | 9 | 63 | | 329 |
| Tnaqqis | (2) | (8) | (5) | (36) | (9) | 0 | | (60) |
| Trasferimenti bejn kategoriji ta' assi | | (7) | 2 | (7) | 4 | 0 | | (8) |
| Bidliet oħra | | 3 | 1 | 1 | 0 | (1) | | 4 |
| **Deprezzament akkumulat fil-31 ta' Diċembru 2007** | **1 506** | **281** | **142** | **333** | **81** | **374** | | **2 717** |
| **AMMONT KONTABBLI NETT FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2007** | **2 354** | **69** | **52** | **113** | **34** | **1 569** | **332** | **4 523** |
| **Ammont kontabbli nett fil-31 ta' diċembru 2006** | 2 226 | 66 | 51 | 113 | 33 | 1 614 | 483 | 4 586 |

Spejjeż li għadhom iridu jitħallsu fir-rigward ta' kirjiet finanzjarji u intitolamenti simili kif murija fl-obbligazzjonijiet għat-tul u għal żmien qasir fil-karta tal-bilanċ (ara wkoll in-noti **E.2.15** u **E.2.18.1**). Dawn jinqasmu kif ġej:

**KIRJIET FINANZJARJI**

*miljuni ta' EUR*

| Deskrizzjoni | Spejjeż kumulattivi (A) | Ammonti futuri li għandhom jitħallsu | | | | Valur Totali | Nefqa sussegwenti fuq assi | Valur tal-assi | Deprezzament | Ammont kontabbli nett |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | < 1 sena | > 1 sena | > 5 snin | Obbligazzjoni totali (B) | A+B | (C) | A+B+C | (E) | A+B+C+E |
| Art u bini | 328 | 28 | 159 | 1 349 | 1 536 | 1 864 | 61 | 1 925 | (372) | **1 553** |
| Assi tanġibbli oħra | 3 | 4 | 11 | 0 | 15 | 18 | 0 | 18 | (2) | **16** |
| **Total fil-31.12.2007** | **331** | **32** | **170** | **1 349** | **1 551** | **1 882** | **61** | **1 943** | **(374)** | **1 569** |
| *Total sal- 31.12.2006* | *304* | *28* | *143* | *1 391* | *1 562* | *1 866* | *60* | *1 926* | *(312)* | *1 614* |

2.3. **INVESTIMENTI FIT-TUL**

*miljuni ta' EUR*

| | Nota | Bilanċ fil-31.12.2007 | Bilanċ fil-31.12.2006 |
|---|---|---|---|
| Investiment f'Assoċjati | *2.3.1* | 246 | 208 |
| Interess f'Impriżi konġunti: | *2.3.2* | 32 | 62 |
| Il-Fond ta' Garanzija | *2.3.3* | 1 149 | 1 371 |
| Assi disponibbli għall-bejgħ | *2.3.4* | 533 | 495 |
| Assi miżmuma biex jiġu nnegozjati | *2.3.4* | 13 | 21 |
| **Investimenti Totali** | | **1 973** | **2 157** |

Din l-intestatura tkopri investimenti magħmula bil-ħsieb li jiġu stabbiliti konnessjonijiet permanenti u appoġġ għall-attivitajiet tal-Komunitajiet Ewropej. Hija tinkludi wkoll l-assi netti tal-Fond ta' Garanzija.

2.3.1. ***Investimenti f'assoċjati: EIF***

*miljuni ta' EUR*

| | Ammont |
|---|---|
| **Ammont fil-31 ta' Diċembru 2006** | **208** |
| Akkwisti | 31 |
| Sehem mill-bilanċ pożittiv/(negattiv) nett | 13 |
| Movimenti oħra ta' ekwità (dividendi) | (6) |
| **Ammont fil-31 ta' Diċembru 2007** | **246** |

Il-Fond Ewropew għall-Investiment (EIF) huwa l-istituzzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea li tispeċjalizza fil-kapital tar-riskju u fil-garanziji għall-SMEs. Taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 1994, il-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentati mill-Kummissjoni, issottoskrivew għal total ta' 600 miljun ECU mill-kapital tal-EIF, li huma 600 sehem jew 30 % tal-kapital tal-EIF. Fil-31 ta' Diċembru 2006 il-Kummissjoni kienet ħallset il-kapital imsejjaħ kollu, li kien jammonta għal 20 % tal-kapital totali ta' dak iż-żmien, filwaqt li s-sehem tagħha mill-kapital mhux imsejjaħ (80 %) kien jammonta għal EUR 480 miljun.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/247/KE tad-19 ta' April 2007 ddeċidiet dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunitajiet fiż-żieda tal-kapital tal-EIF. Għalhekk, wara din id-deċiżjoni, matul l-2007, il-Kummissjoni ssottoskriviet għal 91 sehem minn total ta' 770 sehem maħruġ. Il-KE ssottoskriviet għal ammont nominali totali ta' EUR 91 miljun, li minnhom tħallsu 20 % tal-ammont nominali (EUR 18 miljun) u primjum fuq l-ishma ta' EUR 12-il miljun. Il-primjum tal-ishma ġie stabbilit billi ġie determinat il-prezz il-ġdid tal-ishma abbażi tal-Valur tal-Assi Netti għal kull sehem fil-31 ta' Diċembru 2006. Fil-31 ta' Diċembru 2007 l-Kummissjoni ssottoskriviet għal ammont totali ta' EUR 691 miljun (minn EUR 2 770 miljun) tal-kapital azzjonarju tal-EIF. Dan jirrappreżenta 24,95 % tal-kapital totali tal-ishma tal-EIF. Il-Kummissjoni ħallset 20 %, u l-bilanċ li ma ssejjaħx kien jikkorrispondi għal ammont ta' EUR 553 miljun fil-31 ta' Diċembru 2007.

Skont ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment (EIB) iffirmat fl-2005, il-Kummissjoni hija intitolata li tbigħ l-ishma tagħha fi kwalunkwe żmien lill-EIB bil-prezz li jikkorrispondi mal-valutazzjoni tal-EIF diviża bin-numru totali ta' ishma maħruġa. Il-valur tal-*put option* huwa kważi żero għaliex il-formula użata biex tiddetermina l-prezz tal-bejgħ tal-ishma hija simili għal dik użata biex ikun determinat il-kapital nett tal-EIF.

Il-metodu tal-ekwivalenza huwa użat sabiex jiġi vvalutat is-sehem tal-Komunitajiet fl-EIF, f'konformità mar-regoli tal-kontabilità tal-KE. L-ishma huma għalhekk ivvalutati bħala 24,95 % tal-assi netti tal-EIF, li fil-31 ta' Diċembru 2007 kienu jammontaw għal EUR 246 miljun (2006: EUR 208 miljun), li minnhom EUR 13-il miljun jikkonċernaw ir-riżultat għall-2007. Fl-2007 ttieħed dividend ta' EUR 6 miljun li jikkonċernaw is-sena finanzjarja 2006.

2.3.2. ***Interessi f'impriżi konġunti***

*miljuni ta' EUR*

| | Galileo | SESAR | ITER | Total |
|---|---|---|---|---|
| **Ammont fil-31 ta' Diċembru 2006** | **62** | **0** | **0** | **62** |
| Akkwisti | 0 | 10 | 39 | 49 |
| Tnaqqis u rtirar | (53) | 0 | 0 | (53) |
| Sehem mill-bilanċ pożittiv/(negattiv) nett | (9) | 0 | (17) | (26) |
| **Ammont fil-31 ta' Diċembru 2007** | **0** | **10** | **22** | **32** |

**Galileo**

Għat-twettiq tal-fażi tal-iżvilupp tal-programm Galileo, impriża konġunta skont it-tifsira tal-Artikolu 171 tat-Trattat twaqqfet permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 għal perjodu ta' 4 snin (2002 sal-2006). Il-mira ta' din l-entità ġuridika hija li tiżgura l-unità tal-amministrazzjoni u l-kontroll finanzjarju tal-programm Galileo għall-iżvilupp tiegħu, u għal dan l-għan li timmobilizza l-fondi assenjati għal dak il-programm. Il-membri fundaturi huma l-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentati mill-Kummissjoni, u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA). Il-Kummissjoni, permezz ta' għotjiet mogħtija mill-baġit tan-netwerks tranż-Ewropej (TEN), poġġiet għad-dispożizzjoni tal-impriża konġunta Galileo (GJU) l-fondi mitluba għall-kofinanzjament tal-attivitajiet relatati tal-fażi tal-iżvilupp.

L-Awtorità Superviżorja Ewropea tal-GNSS (GSA), Aġenzija tal-Komunità maħluqa fl-2004, uffiċjalment ħadet ir-responsabbiltà mill-GJU fl-1 ta' Jannar 2007, hekk kif il-GJU tpoġġiet f'likwidazzjoni. Filwaqt li dan il-korp il-ġdid kien oriġinarjament maħsub sabiex iħaddem is-sħubija pubblika privata, wara deċiżjoni tal-Kunsill li saret f'Novembru 2007 il-programm Galileo issa għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit tal-UE. Fi tmiem l-2007, minkejja l-firma ta' ftehim bejn il-partijiet interessati (GJU, l-Aġenzija Spazjali Ewropea, GSA), il-propjetà tal-assi tal-proġett kien għadu ma ġiex trasferit għal kollox mill-ESA għall-KE. Ladarba għad hemm xi inċertezza u dewmien fit-trasferiment tal-assi, għal raġunijiet ta' prudenza l-KE ma rrikonoxxietx l-assi tal-programm fil-karta tal-bilanċ tagħha. Ladarba dawn il-kwistjonijiet tat-trasferiment ikunu ġew solvuti huwa maħsub li l-assi jiġu rikonoxxuti.

L-assi netti tal-GJU f'likwidazzjoni fi tmiem is-sena għalhekk kienu jammontaw għal EUR 0 miljuni. Il-kontijiet tal-Galileo jsiru permezz tal-metodu tal-ekwità. Għall-2007, is-sehem tal-Kummissjoni mit-telf tal-impriża konġunta kien ta' EUR 9 miljun. Għalhekk, il-valur tal-investiment fil-31 ta' Diċembru 2007 kien ta' EUR 0 miljun li kienu l-investiment ta' EUR 585 miljun bis-sehem akkumulat tat-telf, EUR 585, imnaqqas minnhom. EUR 53 miljun tal-kapital imħallas ġie rimbursat lill-Komunitajiet Ewropej fl-2007.

**Sesar**

L-għan ta' din l-impriża konġunta huwa li tassigura l-modernizzazzjoni tas-sistema Ewropea tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru billi tikoordina u tikkonċentra l-isforzi kollha relevanti ta' riċerka u żvilupp fl-UE. L-Impriża Konġunta SESAR ġiet stabbilita sa mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-eżistenza tagħha għandha tintemm tmien snin wara l-approvazzjoni mill-Kunsill tal-Master Plan Ewropew dwar it-Traffiku tal-Ajru.

Il-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta tal-SESAR huma:

— il-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentati mill-Kummissjoni Ewropea,

— L-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni tal-Ajru (Eurocontrol), irrappreżentata mill-Aġenzija tagħha.

Il-membri għandu jkollhom voti skont il-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom. Iż-żewġ membri fundaturi għandhom l-istess kontribuzzjonijiet ibbaġittjati u għalhekk għandhom l-intenzjoni li jkollhom l-istess numru ta' voti, u dan jeskludi kontroll minn parti waħda.

Il-programmi bdew fi tmiem l-2007 u fil-31 ta' Diċembru 2007, il-Kummissjoni għamlet investiment inizjali ta' EUR 10 miljun. Fl-assenza ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji disponibbli għall-2007, l-investiment tkejjel skont kemm sewa.

**ITER**

L-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Enerġija tal-Fużjoni (ITER) tinvolvi lill-Komunitajiet Ewropej u investituri oħra miċ-Ċina, l-Indja, ir-Russja, il-Korea, il-Ġappun u l-Istati Uniti. ITER inħolqot sabiex:

(a) tibni, topera, tutilizza u żżarma l-faċilitajiet tal-ITER skont l-għanijiet tekniċi u d-disinn ġenerali ppreżentat fir-rapport finali tal-Attivitajiet ta' Disinn tal-Inġinerija tal-ITER;

(b) tinkoraġġixxxi l-isfruttament tal-faċilitajiet ITER mil-laboratorji, istituzzjonijiet oħra u persunal li jkunu qed jieħdu sehem fi programmi ta' riċerka u żvilupp tal-enerġija tal-fużjoni fil-membri;

(c) tippromwovi l-għarfien pubbliku u l-aċċettazzjoni tal-enerġija mill-fużjoni; u kif ukoll

(d) twettaq, f'konformità mal-Ftehim tal-Investituri, kull attività oħra meħtieġa biex jintlaħaq l-għan tagħha.

Il-Kunsill huwa l-organu ewlieni tal-ITER u jikkonsisti f'rappreżentanti tal-membri. Kull Membru għandu jaħtar sa massimu ta' erba' rappreżentanti fil-Kunsill. Id-deċiżjonijiet strateġiċi ewlenin se jittieħdu b'vot unanimu. Il-piż rispettiv tal-voti tal-Membri jirrifletti l-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-ITER. Il-Komunitajiet investew direttament EUR 39 miljun fl-ITER sal-31 ta' Diċembru 2007.

### 2.3.3. *Il-Fond ta' Garanzija*

**ASSI NETTI TAL-FOND TA' GARANZIJA** (1)

*miljuni ta' EUR*

| | Bilanċ fil-31.12.2007 | Bilanċ fil-31.12.2006 |
|---|---|---|
| Investimenti għal żmien qasir: Assi disponibbli għall-bejgħ | 901 | 932 |
| Flus u ekwivalenti | 249 | 440 |
| **Assi kurrenti** | **1 150** | **1 372** |
| **Obbligazzjonijiet kurrenti** | **(1)** | **(1)** |
| **Assi netti** | **1 149** | **1 371** |

(1) Wara l-eliminazzjoni tal-ammonti tal-MFA.

Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni jkopri self garantit mill-Komunitajiet bħala riżultat ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, b'mod partikolari l-operazzjonijiet ta' self tal-Bank Ewropew għall-Investiment (EIB) barra mill-Unjoni Ewropea u self taħt l-għajnuna makrofinanzjarja (self MFA) u self tal-Euratom barra mill-Unjoni Ewropea. Il-Fond huwa mogħni bi ħlasijiet mill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet ekwivalenti għal 9 % tal-valur kapitali tal-operazzjonijiet, id-dħul minn investimenti magħmula mill-assi tal-Fond, u l-ammonti rkuprati minn debituri li ma kinux qed iħallsu u li għalihom il-Fond kellu jattiva l-garanzija tiegħu. Kull bilanċ annwali li jirriżulta għandu jitħallas lura lil intestatura speċjali fid-dikjarazzjoni tad-dħul tal-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

Il-Komunitajiet Ewropej huma obbligati li jinkludu riżerva ta' garanzija sabiex ikopru s-self lil pajjiżi terzi. Din ir-riżerva hija maħsuba biex tkopri l-ħtiġijiet tal-Fond ta' Garanzija u, fejn neċessarju, il-garanziji attivati li jaqbżu l-ammont disponibbli fil-Fond, sabiex dawn l-ammonti jkunu jistgħu jiġu ddebitati lill-baġit.

Din ir-riżerva ta' EUR 1 118 miljun tikkorrispondi mal-mira ta' 9 % tas-self pendenti fil-31 ta' Diċembru 2007. L-assi netti tal-Fond fil-31 ta' Diċembru 2007 jammontaw għal EUR 1 152 miljun (qabel l-eliminazzjoni taċ-ċertifikat tad-dejn tal-MFA). Id-differenza bejn l-assi netti u l-ammont tar-riżerva tikkorrispondi mal-bilanċ pożittiv li għandu jitħallas lura lill-baġit, jiġifieri EUR 34 miljun.

Il-Fond ta' Garanzija għandu nota waħda b'rata flessibbli maħruġa mill-Komunitajiet Ewropej (MFA) għal ammont ta' EUR 3 miljuni, u għalhekk sew l-assi (GF) u kif ukoll l-obbligazzjonijiet (MFA) iridu jiġu eliminati mill-kontijiet tal-Komunitajiet. Il-bidliet fil-valur ġust tal-portafoll ta' titoli ta' dejn tal-AFS ġew rikonoxxuti fl-ekwità fl-2007 bl-ammont ta' EUR (19-il) miljun (2006: EUR (32) miljun.)

Il-politika tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju tal-Fond ta' Garanzija hija deskritta fit-taqsima **E.7**.

### 2.3.4. *Investimenti oħrajn*

#### 2.3.4.1. *Assi disponibbli għall-bejgħ*

Din l-intestatura tinkludi investimenti u parteċipazzjonijiet mixtrija sabiex jgħinu lill-benefiċjarji jiżviluppaw l-attivitajiet kummerċjali tagħhom.

**Assi għat-tul disponibbli għall-bejgħ**

*miljuni ta' EUR*

| | EBRD | RCO | Faċilità ETF Start up | EFSE | Oħrajn | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ammonti fil-31.12.2006 | 157 | 211 | 74 | 49 | 4 | 495 |
| Akkwisti | 0 | 27 | 38 | 3 | 1 | 69 |
| Tneħħijiet/irtirar | 0 | (16) | (13) | 0 | 0 | (29) |
| Proporzjon tal-bilanċ pożittiv/(negattiv) tar-rivalutazzjoni mal-kapital | 0 | (2) | 12 | 3 | 0 | 13 |
| Telf minn deterjorament | 0 | (2) | (13) | 0 | 0 | (15) |
| **Ammonti fil-31.12.2007** | **157** | **218** | **98** | **55** | **5** | **533** |

## Investiment tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD)

Il-Kummissjoni ssottoskriviet għal 3 % tal-kapital totali tal-EBRD għal EUR 20 biljun. Fid-data tal-karta tal-bilanċ, l-ammont imsejjaħ kien ta' EUR 157 miljun, li minnhom tħallsu EUR 154 miljun. Il-ħlasijiet pendenti fuq il-kapital imsejjaħ (EUR 3 miljun) huma rreġistrati bħala obbligazzjonijiet għat-tul u huma kontabilizzati skont il-prezz amortizzat. Il-ħlasijiet pendenti fuq il-kapital mhux maħruġ jammontaw għal EUR 443 miljun u huma inklużi bħala obbligi kontinġenti barra mill-karta tal-bilanċ. Ladarba l-EBRD m'hu kkwotat fuq l-ebda borża u minħabba r-restrizzjonijiet kuntrattwali inklużi fl-artikoli tal-inkorporazzjoni tal-EBRD dwar, fost l-oħrajn, il-bejgħ ta' interessi ta' parteċipazzjoni, li huwa limitat għall-prezz tal-akkwist u awtorizzat li jsir biss lill-azzjonisti eżistenti, is-sehem tal-Kummissjoni huwa vvalutat daqs kemm sewa wara li jitnaqqas minn dan kull tnaqqis fil-valur kontabbli minħabba deterjorament tal-assi.

## Operazzjonijiet ta' Kapital tar-Riskju (RCO)

Taħt l-operazzjonijiet ta' kapital tar-riskju l-ammonti jingħataw lil intermedjarji finanzjari għall-iffinanzjar ta' investimenti fil-kapital. Minkejja li xi wħud minn dawn il-kuntratti għandhom il-karatteristiċi, ladarba l-maġġoranza l-kbira ta' dawn il-kuntratti ta' finanzjament m'għandhomx il-karatteristiċi bażiċi u essenzjali ta' self (għax mhemmx skeda ta' rimbors jew rata ta' imgħax miftiehma għall-kunsiderazzjoni prinċipali), il-portafoll kollu huwa trattat bħala investimenti indiretti f'ekwità. Huma miżmuma bi prezz storiku bi kwalunkwe proviżjonijiet għal deterjorament imnaqqsa minnhom, għaliex m'hemmx prezzijiet ikkwotati disponibbli f'suq attiv u l-valur ġust tagħhom ma jistax fil-preżent jitkejjel b'mod affidabbli.

## Investimenti oħrajn

L-ammonti l-aktar sinifikanti jirrigwardaw il-programm Tkabbir u Impjiegi u l-programm MAP, li hu l-fiduċjarju tiegħu l-EIF, li jagħtu għajnuna fil-ħolqien u l-finanzjament ta' impriżi żgħar jew ta' daqs medju li jkunu għadhom qed jibdew billi jinvestu f'fondi ta' kapital ta' riskju speċjalizzati (EUR 98 miljun). Huma wkoll inklużi l-EUR 55 miljun relatati mal-Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa, kumpanija tal-investiment b'kapital tal-ishma varjabbli (SICAV). L-għan globali tal-EFSE huwa li jinkoraġġixxi l-iżvilupp ekonomiku u l-prosperità fix-Xlokk tal-Ewropa billi jipprovdi b'mod sostenibbli finanzjament addizzjonali għall-iżvilupp permezz ta' intermedjarji finanzjarji lokali. Id-drittijiet kurrenti tal-vot tal-Komunitajiet jammontaw għal 16 %.

2.3.4.2. *Assi miżmuma biex jiġu nnegozjati*

Il-KEFA f'likwidazzjoni (KEFA) daħlet fi ftehim ta' swap tar-rata tal-interessi u taħlita ta' ftehim ta' swap tar-rata tal-interessi u swap inkroċjata tar-rata tal-interessi u l-muniti. Il-valur ġust ta' dawn l-iswaps tar-rati tal-interessi nkiseb billi ġew skontati l-flussi tal-flus netti fissi permezz ta' rati ta' swaps b'kupun ta' żero fid-data tal-karta tal-bilanċ. Dan il-valur ġust (inklużi l-interessi dovuti) ta' dawn l-iswaps b'maturità finali ta' aktar minn sena wara d-data tal-karta tal-bilanċ huwa ta' EUR 13-il miljun (2006: EUR 21 miljun

2.4. **SELF**

Din l-intestatura tkopri ammonti ta' self dovuti lill-Komunitajiet Ewropej u li jimmaturaw f'aktar minn sena.

2.4.1. ***Self mogħti mill-baġit tal-Komunitajiet Ewropej u l-KEFA f'likwidazzjoni***

*miljuni ta' EUR*

| | Self b'kundizzjonijiet speċjali | KEFA f'likwidazzjoni | Total |
|---|---|---|---|
| Total sal- 31.12.2006 | 161 | 39 | 200 |
| Ħlas lura | (18) | (8) | (26) |
| Bidliet fl-ammont kontabbli | 12 | 3 | 15 |
| **Total fil-31.12.2007** | **155** | **34** | **189** |

### Self b'Kundizzjonijiet Speċjali

Self b'kundizzjonijiet speċjali huwa self mogħti b'rati preferenzjali bħala parti mill-kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux membri. Ir-rati effettivi tal-interessi fuq dan is-self ivarjaw bejn 7,39 % u 12,36 %.

### Self residenzjali tal-KEFA f'likwidazzjoni (KEFA)

Self residenzjali huwa self mogħti mill-KEFA mill-fondi proprji tagħha skont l-artikoli 54 u 54.2 tat-Trattat tal-KEFA. Dan is-self jingħata bir-rata fissa ta' 1 % u għalhekk jitqies bħala self b'rati preferenzjali. Ir-rati effettivi tal-interessi fuq dan is-self ivarjaw bejn 2,806 % u 22,643 %.

### 2.4.2. *Self mogħti minn fondi missellfa*

*miljuni ta' EUR*

| | Għajnuna Makrofinanzjarja (MFA) | Self tal-Euratom | KEFA f'likwidazzjoni | Total |
|---|---|---|---|---|
| Total sal-31.12.2006 | 977 | 442 | 499 | 1 918 |
| Self ġdid | 0 | 39 | 88 | 127 |
| Ħlas lura | (183) | (1) | (71) | (255) |
| Differenzi tal-kambju | 0 | 0 | (34) | (34) |
| Bidliet fl-ammont kontabbli | 1 | 2 | (4) | (1) |
| Total fil-31.12.2007 | 795 | 482 | 478 | 1 755 |
| **Ammont dovut < sena 1** | **63** | **0** | **75** | **138** |
| **Ammont dovut > sena 1** | **732** | **482** | **403** | **1 617** |

### Self ta' Għajnuna Makrofinanzjarja (MFA)

L-MFA huwa strument finanzjarju ibbażat fuq l-oqsma ta' politika, ta' għajnuna mhux marbuta u ġenerali għall-bilanċ tal-pagamenti u/jew appoġġ għall-baġit għal pajjiżi terzi sħab ġeografikament qrib it-territorju tal-UE. Huwa jieħu l-forma ta' self jew għotjiet fit-tul/għal tul medju jew taħlita xierqa tat-tnejn u ġeneralment jikkumplimenta finanzjament ipprovdut fil-kuntest ta' programm ta' aġġustament u ta' riforma appoġġjat mill-IMF.

Fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' materjalità, il-metodu tar-rata tal-imgħax effettiva mhux applikat separatament għall-għoti u t-teħid b'self. L-ispejjeż tat-tranżazzjoni huma rreġistrati direttament bħala spejjeż fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

### Self tal-Euratom

Il-Euratom hija entità legali separata tal-Unjoni Ewropea rrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea. L-għan finanzjarju ta' din l-entità huwa li tagħti self lill-Istati Membri u lil Stati mhux Membri kif ġej:

— Self tal-Euratom lil Stati Membri jingħata għall-iskop tal-iffinanzjar ta' proġetti ta' investiment fl-Istati Membri dwar il-produzzjoni industrijali tal-elettriku fi stazzjonijiet tal-enerġija nukleari u f'istallazzjonijiet industrijali fuel cycle.

— Self tal-Euratom lil Stati mhux Membri jingħata għall-iskop tat-titjib tal-livell tas-sikurezza u l-effiċjenza tal-impjanti tal-enerġija nukleari u l-istallazzjonijiet fiċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari li huma operattivi jew li qed jinbnew.

Fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' materjalità, il-metodu tar-rata tal-imgħax effettiva mhux applikat separatament għall-għoti u t-teħid b'self. L-ispejjeż tat-tranżazzjoni huma rreġistrati direttament bħala spejjeż fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

### Għotjiet b'self tal-KEFA f'likwidazzjoni

Din il-partita tinkludi l-aktar self mogħti mill-KEFA f'likwidazzjoni fuq fondi missellfa skont l-artikoli 54 u 56 tat-Trattat tal-KEFA u kif ukoll żewġ titoli tad-dejn mhux kwotati maħruġa mill-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI) bħala sostitut għal debitur involventi. Dawn it-titoli tad-dejn jinżammu sal-maturità finali tagħhom (2017 u 2019) sabiex ikun kopert il-ħlas tal-imgħaxijiet fuq teħid b'self relatat. Il-bidliet fl-ammont irreġistrat jikkorrispondu għall-bidliet fl-imgħaxijiet akkumulati flimkien mal-amortizzazzjoni tas-sena tal-primjums imħallsa u l-ispejjeż tat-tranżazzjoni li jseħħu fil-bidu, ikkalkulati skont il-metodu tar-rata effettiva tal-imgħax.

Ir-rati ta' imgħax effettivi (espressi bħala firxa ta' rati tal-imgħax) kienu kif ġej:

| Tehid b'self | 31.12.2007 | 31.12.2006 |
|---|---|---|
| Għajnuna Makrofinanzjarja (MFA) | 3,82 % — 4,822 % | 3,222 % — 4,54 % |
| Euratom | 4,446 % — 5,76 % | 3,372 % — 5,76 % |
| KEFA f'likwidazzjoni | 4,375 % — 12,077 % (1) | 3,064 % — 12,077 % (1) |

(1) Il-valur ogħla marbut huwa relatat mas-self b'rata fissa kopert bl-iswap tar-rati tal-imgħaxijiet (ara l-punt **2.3.4.2**).

## 2.5. PREFINANZJAMENT GĦAT-TUL

*miljuni ta' EUR*

| Tip ta' ġestjoni | Bilanċ fil-31.12.2007 | Bilanċ fil-31.12.2006 |
|---|---|---|
| **Prefinanzjament tal-Komunitajiet Ewropej:** | | |
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | 382 | 300 |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | 315 | 549 |
| Ġestjoni deċentralizzata | 31 | 50 |
| Oħrajn | 11 | 21 |
| Total | **739** | **920** |
| **Prefinanzjament Partijiet terzi:** | | |
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | 41 | 57 |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | 3 | 30 |
| Ġestjoni deċentralizzata | 33 | 224 |
| Ġestjoni maqsuma | 12 875 | 20 744 |
| Ġestjoni konġunta | 324 | 450 |
| Total | **13 276** | **21 505** |
| **Ammonti totali ta' prefinanzjament fit-tul** | **14 015** | **22 425** |

L-ammonti ta' prefinanzjament fit-tul l-aktar sinifikanti jirrigwardaw l-azzjonijiet taħt il-Fond Strutturali. Ladarba ħafna mill-proġetti huma għat-tul, huwa neċessarju li l-ħlas bil-quddiem relatat ikun disponibbli għal aktar minn sena. B'hekk dawn l-ammonti ta' prefinanzjament jintwerew bħala assi għat-tul. It-tnaqqis sinifikanti fl-ammont tal-prefinanzjament bil-ġestjoni maqsuma ġej mill-Fondi Strutturali, fejn it-Tranżazzjonijiet li jirrigwardaw il-programmi tal-2000-2006 issa ġew riklassifikati taħt prefinanzjament għal perjodu qasir (ara n-nota **E.2.9**). Dan huwa minħabba li l-programmi jirrigwardaw miżuri li għandhom jitwettqu sa tmiem l-2008. L-ammonti relevanti tal-prefinanzjament għalhekk se jiġu kklerjati jew matul l-2008, jew bħala parti mill-eżerċizzju tal-għeluq tal-kontijiet ta' tmiem is-sena.

## 2.6. AMMONTI RIĊEVIBBLI BI SKADENZA TWILA

*miljuni ta' EUR*

| | Bilanċ fil-31.12.2007 | Bilanċ fil-31.12.2006 |
|---|---|---|
| Dovuti mingħand l-Istati Membri | 93 | 272 |
| Self tal-persunal tal-KEFA | 15 | 17 |
| Oħrajn | 13 | 34 |
| Garanziji u depożiti | 6 | 5 |
| **Total** | **127** | **328** |

Ammonti li għandhom jiġu rċevuti mill-Istati Membri jirreferu għal ammonti dovuti lill-KEFA f'likwidazzjoni minn dawk li kienu l-pajjiżi tal-adeżjoni. Il-kontribuzzjoni totali tammonta għal EUR 212 miljun (inklużi l-Bulgarija u r-Rumanija) u għandha tithallas f'erba' pagamenti sal-2012. Il-valur preżenti nett ta' dawn il-kontribuzzjonijiet kien EUR 144 miljun fl-aħħar tas-sena (2006: EUR 138 miljun), li jinqasmu bejn riċevibbli għat-tul, EUR 93 miljun (2006: EUR 104 miljun), u riċevibbli għal perjodu qasir, EUR 51 miljun (2006: EUR 34 miljun Fl-31 ta' Diċembru 2006 kien hemm ukoll 168 miljun EUR dovuti mingħand l-Istati Membri relatati ma' deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2005 li tnaqqas l-għajnuna mogħtija mill-ERDF lil Stat Membru wieħed. Dan l-ammont issa huwa inkluż bħala riċevibbli għal żmien qasir għaliex huwa dovut fl-2008.

*ASSI KURRENTI*

2.7. **INVENTARJI**

*miljuni ta' EUR*

| Deskrizzjoni | Bilanċ fil-31.12.2007 | Bilanċ fil-31.12.2006 |
|---|---|---|
| Tagħmir Xjentifiku: | | |
| Materjal xjentifiku | 9 | 11 |
| Materjal fissili u heavy water | 19 | 30 |
| Materjal xjentifiku għal bejgħ mill-ġdid | 45 | 60 |
| Tilqim | 8 | 7 |
| Materjali għall-produzzjoni | 7 | 7 |
| Pubblikazzjonijiet u prodotti għal bejgħ mill-ġdid | 0 | 0 |
| **Total** | **88** | **115** |

Il-ħażna ta' pubblikazzjonijiet miżmuma u/jew ġestiti mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet hija vvalutata skont l-anqas mill-ispiża u l-valur realizzabbli nett, li huwa kważi żero. Minbarra dan, il-pubblikazzjonijiet imqassma b'xejn ġew imħassra għal kollox mill-kontijiet għax il-valur realizzabbli nett tagħhom huwa żero. Dan it-tħassir jammonta għal EUR 18-il miljun u jirriżulta fl-ammont kontabbli ta' żero għall-pubblikazzjonijiet, muri aktar 'il fuq.

2.8. **INVESTIMENTI GĦAL ŻMIEN QASIR**

Investimenti għal żmien qasir jikkonsistu f'titoli disponibbli għall-bejgħ, li jinxtraw għar-rendiment tagħhom bħala investiment, jew jinżammu sabiex tiġi stabbilita struttura partikolari tal-assi jew sors sekondarju ta' likwidità u għalhekk jistgħu jinbiegħu bħala reazzjoni għal ħtieġa ta' likwidità jew bidliet fir-rati tal-interessi.

2.8.1. ***Assi għal żmien qasir li huma disponibbli għall-bejgħ***

*miljuni ta' EUR*

| | KEFA f'likwidazzjoni | Oħrajn | Total |
|---|---|---|---|
| Ammonti fil-31.12.2006 | 1 401 | 25 | 1 426 |
| Akkwisti | 593 | 0 | 593 |
| Tnaqqis u rtirar | (542) | (22) | (564) |
| Aġġustament għal spejjeż amortizzati | (18) | 0 | (18) |
| Bidla fl-ammont kontabbli | 3 | 0 | 3 |
| Proporzjon tal-bilanċ pożittiv/(negattiv) tar-rivalutazzjoni mal-kapital | (20) | 0 | (20) |
| **Ammonti fil-31.12.2007** | **1 417** | **3** | **1 420** |

## KEFA f'likwidazzjoni

L-investimenti kollha huma titoli ta' dejn denominati f'EUR u kkwotati f'suq attiv. Dettalji tal-portafoll ta' investimenti skont in-natura ta' min joħroġhom u skont il-klassifikazzjoni huma mogħtija fit-taqsima **E.7**. Fil-31 ta' Diċembru 2007, it-titoli tad-dejn (espressi bil-valur ġust tagħhom) li jimmaturaw matul l-2008 jammontaw għal EUR 146 miljuni (2006: EUR 135 miljun

2.9. **PREFINANZJAMENT GĦAL ŻMIEN QASIR**

Il-qsim tal-ammonti pendenti bejn it-tipi ta' ġestjoni jirrifletti l-ħlasijiet fi prefinanzjament li saru mill-2005. L-ammonti ta' prefinanzjament mhux allokati huma dawk li kienu inklużi għall-ewwel darba fil-karta tal-bilanċ tal-2005 u qegħdin jintwerew separatament f'linja waħda għaliex ma hija disponibbli l-ebda informazzjoni dwar il-qsim skont it-tip ta' ġestjoni tal-baġit ta' qabel il-31.12.2004.

Tnaqqisiet akkumulati jirrappreżentaw l-ammont ta' spejjeż eliġibbli li kien stmat li intefqu mill-benefiċjarji tal-ammonti ta' prefinanzjament pendenti fl-aħħar tas-sena, iżda li kienu għadhom ma ġewx irrappurtati lill-Komunitajiet. Dawn l-ammonti huma meqjusa bħala spejjeż fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Iż-żieda sinifikanti meta mqabbla mal-2006 hija dovuta primarjament għat-trasferiment tal-ammonti tal-Fondi Strutturali minn 'fit-tul' għal 'għal żmien qasir' (ara n-nota **E.2.5** aktar 'il fuq). Minkejja li dawn l-ammonti jirrigwardaw il-ġestjoni maqsuma, huma ppreżentati fuq il-linja tal-'ammonti mhux allokati' għaliex dawn huma ħlasijiet ta' prefinanzjament li saru qabel il-31 ta' Diċembru 2004 (ara aktar 'il fuq).

**AMMONTI TA' PREFINANZJAMENT GĦAL ŻMIEN QASIR**

*miljuni ta' EUR*

| Tip ta' ġestjoni | | Bilanċ fil-31.12.2007 | Bilanċ fil-31.12.2006 |
|---|---|---|---|
| **Ammonti grossi ta' Prefinanzjament tal-Komunitajiet Ewropej:** | | | |
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | *Għotjiet għal azzjonijiet* | 9 715 | 8 850 |
| | *Għotjiet għall-funzjona-ment* | 142 | 167 |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | *Aġenziji nazzjonali* | 1 736 | 778 |
| | *Attivitajiet finanzjarji* | 3 | 12 |
| | *Oħrajn* | 497 | 6 |
| Ġestjoni deċentralizzata | | 545 | 381 |
| Oħrajn | | 615 | 686 |
| Prefinanzjament implimentat minn Istituzzjonijiet u Aġenziji | | 189 | 8 |
| Bilanċi ta' prefinanzjament mhux allokati | | 2 126 | 3 577 |
| Ammonti totali grossi ta' prefinanzjament | | **15 568** | **14 465** |
| **Bl-ispejjeż dovuti mnaqqsa:** | | | |
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | | (9 234) | (8 189) |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | | (1 973) | (1 135) |
| Ġestjoni deċentralizzata | | (595) | (232) |
| Oħrajn | | (336) | (75) |
| **Prefinanzjament totali tal-Komunitajiet Ewropej** | | **3 430** | **4 834** |
| **Prefinanzjament Partijiet terzi:** | | | |
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | *Akkwisti pubbliċi* | 638 | 545 |
| | *Operattivi* | 457 | 470 |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | | 29 | 3 |
| Ġestjoni deċentralizzata | | 735 | 599 |
| Ġestjoni maqsuma | | 3 229 | 937 |
| Ġestjoni konġunta | | 1 135 | 578 |
| Prefinanzjament implimentat minn Istituzzjonijiet u Aġenziji | | 15 | 177 |
| Bilanċi ta' prefinanzjament mhux allokati | | 19 278 | 2 930 |
| Ammonti totali grossi ta' prefinanzjament | | **25 516** | **6 239** |
| **Bl-ispejjeż dovuti mnaqqsa:** | | | |
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | | (1 235) | (1 532) |
| Ġestjoni deċentralizzata | | (699) | (468) |
| Ġestjoni maqsuma | | (5 579) | (906) |
| Ġestjoni konġunta | | (798) | (79) |
| Oħrajn | | (52) | (33) |
| **Prefinanzjament totali Partijiet terzi:** | | **17 153** | **3 221** |
| **Ammonti totali ta' prefinanzjament għal żmien qasir** | | **20 583** | **8 055** |

## 2.10. **AMMONTI RIĊEVIBBLI BI SKADENZA QASIRA**

*miljuni ta' EUR*

| | Bilanċ fil-31.12.2007 | Bilanċ fil-31.12.2006 |
|---|---|---|
| Il-porzjon kurrenti tar-riċevibbli għat-tul | 160 | 119 |
| Riċevibbli kurrenti | 5 441 | 4 193 |
| Riċevibbli varji | 27 | 26 |
| Dħul dovut u spejjeż differiti | 6 423 | 5 458 |
| **Total** | **12 051** | **9 796** |

2.10.1. ***Il-porzjon kurrenti tar-riċevibbli għat-tul***

Dawn l-ammonti jirrigwardaw primarjament self li l-maturitajiet finali li baqgħalhom huma ta' anqas minn 12-il xahar wara d-data tal-karta tal-bilanċ (EUR 138 miljun, ara n-nota **2.4** aktar 'il fuq għal aktar dettalji).

2.10.2. ***Riċevibbli kurrenti***

*miljuni ta' EUR*

| Grupp kontabbli | Fil-31.12.2007 | | | Fil-31.12.2006 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ammont gross | Tnaqqis tal-valur kontabbli | Valur Nett | Ammont gross | Tnaqqis tal-valur kontabbli | Valur Nett |
| Klijenti | 3 897 | (171) | 3 726 | 2 865 | (169) | 2 696 |
| Stati Membri | 2 873 | (1 256) | 1 617 | 2 724 | (1 257) | 1 467 |
| Oħrajn | 111 | (13) | 98 | 42 | (12) | 30 |
| **Total** | **6 881** | **(1 440)** | **5 441** | **5 631** | **(1 438)** | **4 193** |

2.10.2.1. *Klijenti*

Dawn huma ordnijiet ta' rkupru inklużi fil-kontijiet fil-31 ta' Diċembru 2007 bħala intitolamenti stabbiliti li għandhom jiġu rkuprati u li kienu għadhom mhumiex inklużi taħt intestaturi oħra fuq in-naħa tal-assi tal-karta tal-bilanċ. L-akbar parti ta' dan il-bilanċ tirrigwarda multi maħruġa mill-Kummissjoni, li huma ta' ammont gross ta' EUR 3 650 miljun. Dawn ir-riċevibbli huma konsiderevolment aktar għolja minn dawk tal-2006, li kienu jammontaw għal EUR 2 687 miljun.

2.10.2.2. *Ammonti Riċevibbli mill-Istati Membri*

*miljuni ta' EUR*

| | Bilanċ fil-31.12.2007 | Bilanċ fil-31.12.2006 |
|---|---|---|
| **Riċevibbli EAGF** | | |
| Riċevibbli EAGF | 902 | 1 009 |
| Valur kontabbli mnaqqas | (483) | (477) |
| Total | **419** | **532** |
| **VAT imħallsa u rekuperabbli mill-Istati Membri** | **24** | **22** |
| **Riżorsi proprji** | | |
| Stabbilit fil-kont A, sal-irkupru | 75 | 79 |
| Stabbilit fil-kont separat, sal-irkupru | 1 333 | 1 347 |
| Valur kontabbli mnaqqas | (773) | (779) |
| Oħrajn | 38 | 0 |
| Total | **673** | **647** |
| **Riċevibbli oħra mill-Istati Membri** | **501** | **266** |
| **Total** | **1 617** | **1 467** |

### Riċevibbli tal-Garanzija EAGF

Din il-partita tkopri l-ammonti dovuti mill-benefiċjarji tal-EAGF fil-31 ta' Diċembru 2007, kif iddikjarati u ċċertifikati mill-Istati Membri fil-15 ta' Ottubru 2007, u b'20 % fil-mija tal-ammont, li l-Istati Membri jistgħu jżommuhom sabiex ikopru l-ispejjeż amministrattivi, imnaqqsa minnhom. Kellha ssir ukoll stima għall-ammonti riċevibbli li joħorġu wara din id-dikjarazzjoni u sal-31 ta' Diċembru 2007. Il-Kummissjoni qed tik-kalkula wkoll tnaqqis fil-valur kontabbli tal-ammonti dovuti minn benefiċjarji, li mhux probabbli li jiġu rkuprati. Il-fatt li dan l-aġġustament huwa mniżżel fil-kontijiet ma jfissirx li l-Kummissjoni qed taċċetta li mhux se jkun hemm irkupru fil-futur ta' dawn l-ammonti.

### Riżorsi proprji

Għandu jiġi nnutat li l-Istati Membri huma intitolati li jżommu 25 % tar-riżorsi proprji tradizzjonali bħala spejjeż tal-ġbir, u għalhekk iċ-ċifri ta' hawn fuq huma murija wara dan it-tnaqqis. Abbażi ta' stimi mibgħuta mill-Istati Membri, sar tnaqqis fil-valur kontabbli ta' EUR 773 miljun mir-reċivibbli mill-Istati Membri. Madankollu, dan ma jfissirx li l-Kummissjoni qed taċċetta li mhux se jkun hemm irkupru fil-futur tal-ammonti koperti mill-aġġustament fil-valur kontabbli.

**Riċevibbli oħra mill-Istati Membri**

Riċevibbli oħra mill-Istati Membri jinkludu EUR 19-il miljun fi rkupru ta' spejjeż u avvanzi tal-EAGF ta' EUR 227 miljun. Din l-intestatura tinkludi wkoll EUR 168 miljun relatati ma' deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2005 li tnaqqas l-għajnuna mogħtija mill-ERDF lil Stat Membru wieħed.

### 2.10.3. *Dħul dovut u spejjeż differiti*

L-ammont prinċipali taħt din l-intestatura huwa dħul dovut ta' EUR 6,129 miljun. L-ammonti tad-dħul dovut l-aktar sinifikanti jirrigwardaw ir-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji agrikoli, imposti fuq iz-zokkor u dazji tad-dwana). Fil-31 ta' Diċembru 2007 dawn kienu jammontaw għal EUR 2,7 biljun. Ammonti sinifikanti oħrajn huma EUR 1,3 biljun fi dħul agrikolu assenjat għal Novembru u Diċembru 2007, EUR 1,5 biljun mir-ristrutturar temporanju tas-settur taz-zokkor, EUR 350 miljun li jirrigwardaw deċiżjonijiet ta' korrezzjoni tal-konformità tal-EAGF mhux eżegwiti u EUR 82 miljun li jirrigwardaw l-irkupri prevedibbli tal-ispejjeż mill-programm tal-Fond Strutturali dwar is-sajd 1994-1999. L-ammonti l-oħrajn inklużi bħala dħul dovut huma dħul ta' interessi tard, interessi bankarji dovuti u interessi dovuti fuq ammonti ta' prefinanzjament.

Huma inklużi wkoll spejjeż differiti li jammontaw għal EUR 243 miljun li minnhom l-ammonti prinċipali huma ħlasijiet antiċipati ta' EUR 49 miljun għal kera ta' uffiċċji u EUR 24 miljun għal trasformazzjoni ta' uffiċċji u EUR 57 miljun imħallsa għal ftehimiet bilaterali tas-sajd ma' pajjiżi terzi.

## 2.11. FLUS U EKWIVALENTI

*miljuni ta' EUR*

| | Bilanċ fil-31.12.2007 | Bilanċ fil-31.12.2006 |
|---|---|---|
| **Flus mhux marbuta:** | | |
| Kontijiet mat-Teżori u l-Banek Ċentrali | 11 313 | 11 467 |
| Kontijiet kurrenti | 956 | 933 |
| Kontijiet imprest | 81 | 82 |
| Trasferimenti (flus fi tranżitu) | 2 | 3 |
| Depożiti għal żmien qasir u ekwivalenti oħrajn ta' flus | 1 367 | 975 |
| **Total** | **13 719** | **13 460** |
| **Flus marbuta** | **5 037** | **2 924** |
| **Total** | **18 756** | **16 384** |

### 2.11.1. *Flus mhux marbuta*

Il-flus mhux marbuta jkopru l-fondi kollha li l-Kummissjoni żżomm fil-kontijiet tagħha f'kull Stat Membru u pajjiż tal-EFTA (teżor jew bank ċentrali), kif ukoll f'kontijiet kurrenti, kontijiet tal-imprest, depożiti bankarji għal żmien qasir u ammonti żgħar ta' flus kontanti.

Il-bilanċ relattivament għoli mat-Teżori u l-Banek Ċentrali jirriżulta mill-fatt li wara r-rettifikazzjoni tal-baġit fl-aħħar tas-sena, kellhom jitħallsu lura EUR 5 889 miljun lill-Istati Membri, u dan sar fl-ewwel jum ta' xogħol tal-2008. L-obbligazzjoni relatata hija murija taħt l-ammonti pagabbli kurrenti — ara wkoll in-nota **2.18.2** aktar 'l isfel.

### 2.11.2. *Flus marbuta*

Flus marbuta tirreferi għal ammonti riċevuti fir-rigward ta' multi maħruġa mill-Kummissjoni li għalihom il-każ ikun għadu miftuħ. Dawn jinżammu f'kontijiet ta' depożitu speċifiċi li mhumiex użati għal attivitajiet oħra.

Flus u ekwivalenti tinkludi dan li ġej għall-fini tad-dikjarazzjoni tal-flussi tal-flus:

*miljuni ta' EUR*

| | Bilanċ fil-31.12.2007 | Bilanċ fil-31.12.2006 |
|---|---|---|
| Flus u ekwivalenti | 18 756 | 16 384 |
| Flus u ekwivalenti — Fond ta' Garanzija (ara n-nota **2.3.3**) | 249 | 440 |
| **Total** | **19 005** | **16 824** |

*OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI*

2.12. **BENEFIĊĊJI TAL-IMPJEGATI**

*miljuni ta' EUR*

| | Ammont fil-31.12.2006 | Tibdil fil-proviżjoni | Ammonti użati | Ammont fil-31.12.2007 |
|---|---|---|---|---|
| Pensjonijiet — Persunal | 29 204 | 1 844 | (836) | **30 212** |
| Pensjonijiet — Oħrajn | 225 | 267 | (11) | **481** |
| L-Iskema ta' Assigurazzjoni Konġunta kontra l-Mard | 2 771 | 96 | (80) | **2 787** |
| **Total** | **32 200** | **2 207** | **(927)** | **33 480** |

2.12.1. ***Pensjonijiet — Persunal***

Fil-31 ta' Diċembru 2007, ir-regoli dwar l-Iskema tal-Pensjonijiet tal-Uffiċjali Ewropej (PSEO) ġew definiti mill-verżjoni l-ġdida tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (fis-seħħ mill-1 ta' Mejju 2004). Ir-regoli dwar il-pensjonijiet tal-persunal huma applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha. L-arranġament ikopri d-diversi tipi ta' pensjonijiet u allowances (dawk tal-età, tal-invalidità u tas-superstiti).

Skont l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-benefiċċji mħallsa skont l-iskema tal-pensjonijiet jiġu debitati lill-baġit tal-Komunitajiet. Il-proviżjoni għal dan mhix finanzjata, iżda l-Istati Membri jiggarantixxu l-ħlas ta' dawn il-benefiċċji b'mod kollettiv skont l-iskala stabbilita għall-iffinanzjar ta dan l-infiq. L-uffiċjali jikkontribwixxu terz għall-iffinanzjar fit-tul tal-iskema permezz ta' kontribuzzjoni obbligatorja.

L-obbligazzjonijiet tal-PSEO ġew valutati skont il-popolazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2007 u skont ir-regoli applikabbli fl-istatut f'dik id-data. Din il-valutazzjoni tkopri l-benefiċċji assoċjati mal-età, l-invalidità u tas-superstiti (tipi differenti ta' pensjonijiet kif ukoll l-allowance tal-invalidità). Din twettqet skont il-metodoloġija tal-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità 19 (IAS 19). Dan l-istandard tal-kontabilità jirrikjedi li dak li jħaddem jiddetermina l-impenji attwarji tiegħu fuq bażi kontinwa, u f'dan iqis sew il-benefiċċji mwiegħda matul il-ħajja attiva tal-impjegati kif ukoll iż-żidiet prevedibbli fil-pagi.

Il-metodu ta' valutazzjoni attwarja użat sabiex tiġi kkalkulata din l-obbligazzjoni huwa magħruf bħala l-metodu tal-projezzjoni tal-unità ta' kreditu (projected unit credit method). Il-presuppożizzjonijiet attwarji prinċipali użati fid-data tal-valutazzjoni kienu kif ġej:

1. Ir-rata ta' skont nominali kienet ibbażata fuq il-bonds tal-gvern f'Diċembru 2007 fiż-żona tal-Euro għal tul li huwa qrib għal dak tal-iskema (19-il sena), bħala stima tal-kurva tar-rendiment tal-kupun żero f'Diċembru 2007 għall-istess tul, li hija 4,7 %. Skont l-IAS 19, ir-rata tal-inflazzjoni għandha tkun ir-rata tal-inflazzjoni mistennija matul il-perjodu ta' żmien tal-iskema: għandha mbagħad tiġi stabbilita b'mod prospettiv, ibbażata fuq valuri prospettivi kif espressi mill-bond marbuta mal-indiċi fuq is-swieq finanzjarji Ewropej. Ir-rata ta' inflazzjoni mistennija fit-tul kienet ta' 2,3 %, u għalhekk ir-rata ta' skont reali użata kient ta' 2,4 %.

2. It-Tabella tal-Ħajja hija l-istess bħal dik użata fil-valutazzjonijiet tal-obbligazzjonijiet mill-2004. ("it-Tabella tal-Ħajja tal-UE-2004").

3. It-tkabbir ġenerali tal-pagi (GSG), li huwa ugwali għar-rivalutazzjoni ġenerali tal-pensjonijiet, kien ibbażat fuq statistika tar-rivalutazzjoni tal-pagi u l-pensjonijiet fuq medja li tinbidel ta' 12-il sena matul il-perjodu 1996-2007, li kienet ta' 0,4 %; Il-progressjoni individwali tas-salarji (ISP) aktar mir-rata tal-GSG kienet aġġornata sabiex tqis il-promozzjonijiet tal-2007. Din it-tabella tipprovdi dettalji dwar ir-rata ISP skont il-grad u l-iskala u s-sena tal-irtirar mistennija mill-2008 sal-2052.

4. Il-koeffiċjenti taż-żwiġijiet għal uffiċjali attivi fiż-żmien meta jirtiraw kienu bbażati fuq statistika tal-popolazzjoni ta' uffiċjali li kienet ta' 90 % għall-irġiel u 60 % għan-nisa — għall-ex-uffiċjali (pensjonanti u invalidi) ttieħdet is-sitwazzjoni attwali taż-żwiġijiet.

5. L-irtirar jitqies li jseħħ fiż-żmien meta l-uffiċjal jibbenefika mid-drittijiet sħaħ tiegħu, filwaqt li jitqies it-tnaqqis għall-irtirar kmieni u l-Inizjattiva ta' Barċellona għall-irtirar tard, l-aktar sa 65 sena.

L-obbligazzjonijiet ikopru d-drittijiet definiti aktar 'il fuq għall-persuni li ġejjin:

1. Persunal f'impjieg attiv fil-31 ta' Diċembru 2007 fl-Istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha inklużi fil-PSEO;

2. Persunal f'sitwazzjoni differita, jiġifieri li temporanjament jew definittivament telqu l-Istituzzjonijiet iżda ħallew id-drittijiet tagħhom tal-pensjoni fil-PSEO (biss dawk li akkumulaw mill-anqas 10 snin ta' servizz;

3. Ex-uffiċjali u impjegati oħra li qed jibbenefikaw minn pensjoni tal-irtirar;

4. Ex-uffiċjali u impjegati oħra li qed jibbenefikaw minn pensjoni tal-invalidità;

5. Ex-uffiċjali u impjegati oħra li qed jibbenefikaw minn benefiċċju tal-invalidità;

6. Dawk li qed jirċievu pensjoni tas-superstiti (romol, orfni, dipendenti).

Il-popolazzjoni tal-PSEO fil-31 ta' Diċembru 2007 ttieħdet mid-database tal-Kummissjoni. Ir-riżultati miksuba fil-qafas ta' dan l-istudju tqabblu mal-estimi bbażati fuq il-valutazzjoni attwarja preċedenti tal-31 ta' Diċembru 2006.

Il-punti ewlenin li għandhom jiġu nnutati huma:

— L-obbligazzjoni attwarja grossa kienet ivvalutata għal EUR 34 567 miljun fil- 31 ta' Diċembru 2007.

— Ir-rata reali ta' skont inbidlet minn 1,9 % fl-2006 għal 2,4 % fl-2007; meta jitqies ukoll l-effett tat-tkabbir tas-salarju ġenerali (0,5 % fl-2006 u 0,4 % fl-2007), ir-rata ta' skont nett inbidlet minn 1,4 % fl-2006 għal 2 % fl-2007. Din hija waħda mir-raġunijiet ewlenin għat-tnaqqis fl-obbligazzjoni globali.

— L-ispejjez tas-servizz fl-2007 kienu vvalutati għal EUR 1 300 miljun u l-ispejjeż tal-interessi għal EUR 1 313 miljun.

— It-telf attwarju stmat għas-sena kien ta' EUR 1 943 miljun

— Il-popolazzjoni tal-membri tal-iskema tal-pensjonijiet tal-persunal żdiedet bi 3 317 individwu.

— Il-kalkolu tal-pensjonijiet grossi u l-benefiċċji tal-familja huma bbażati fuq ir-Regolamenti tal-Persunal.

— It-taxxi pagabbli mill-benefiċjarji jitnaqqsu mill-obbligazzjoni grossa biex tinstab l-obbligazzjoni netta li tiġi inkluża fil-karta tal-bilanċ fir-rigward ta' dawn il-pagamenti futuri (għaliex it-taxxa titnaqqas fuq il-ħlas tal-pensjonijiet u tiġi kkreditata mad-dħul tal-Komunitajiet fis-sena tal-ħlas).

### 2.12.2. *Pensjonijiet — Oħrajn*

Din tirreferi għall-obbligazzjoni li tirrigwarda –obbligazzjonijiet tal-pensjonijiet tal-membri u l-eks-membri tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja (u l-Qorti tal-Prim'Istanza) u l-Qorti tal-Awdituri, is-Segretarji Ġenerali tal-Kunsill, l-Ombudsman, il-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-*Data* u t-Tribunal tas-Servizz Ċivili tal-Unjoni Ewropea. Hija inkluża wkoll taħt din l-intestatura, għall-ewwel darba, obbligazzjoni li tirrigwarda l-pensjonijet ta' ċerti Membri tal-Parlament.

### 2.12.3. *L-Iskema ta' Assigurazzjoni Konġunta kontra l-Mard*

Isir ukoll kalkolu tal-obbligi stmati li l-Komunitajiet għandhom rigward il-kontribuzzjonijiet tagħhom fl-Iskema ta' Assigurazzjoni Konġunta kontra l-Mard għall-persunal irtirat tagħha.

## 2.13. PROVIŻJONIJIET GĦAT-TUL

*miljuni ta' EUR*

| | Ammont fil-31.12.2006 | Proviżjonijiet addizzjonali | Ammonti mhux użati mogħtija lura | Ammonti użati | Trasferiment għal proviżjonijiet għal perjodu qasir | Skontar għall-valur preżenti | Ammont fil-31.12.2007 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kawżi legali | 75 | 226 | (3) | (1) | 0 | 0 | 297 |
| Żarmar ta' siti nukleari | 806 | 0 | 0 | 0 | (42) | (20) | 744 |
| Finanzjarji | 105 | 0 | (50) | 0 | (44) | 3 | 14 |
| Fond Veterinarju ta' Emerġenza | 0 | 21 | 0 | 0 | 0 | 0 | 21 |
| Oħrajn | 3 | 1 | | (1) | 0 | 0 | 3 |
| **Total** | **989** | **248** | **(53)** | **(2)** | **(86)** | **(17)** | **1 079** |

### Kawżi legali

Din hija l-istima ta' ammonti li huwa probabbli li jitħallsu wara l-2008 fir-rigward ta' numru ta' kawżi legali li jinsabu għaddejjin. L-akbar parti minnhom, EUR 277 miljun, tirrigwarda kawżi legali pendenti fil-31 ta' Diċembru 2007 fir-rigward tal-korrezzjonijiet finanzjarji għan-nefqa tal-EAGF Garanzija u kawżi oħra legali dwar in-nefqa agrikola.

**Żarmar ta' siti nukleari**

Fl-2002 konsorzju ta' esperti indipendenti wettaq studju dwar l-ispejjeż stmati taż-żarmar tal-faċilitajiet nukleari tal-JRC u l-programm tal-ġestjoni tal-iskart tagħhom. L-istima tagħhom ta' EUR 1,145 miljun (inklużi EUR 76 miljun bħala stima tal-ispiża meħtieġa għall-għażla "green field", jiġifieri d-distruzzjoni totali tal-bini kollu) hija meħuda bħala l-bażi tal-proviżjoni li għandha tiġi inkluża fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji. Sabiex ikunu applikati kompletament ir-regoli tal-Komunitajiet, din il-proviżjoni hija indiċizzata għall-inflazzjoni (b'rata fissa ta' 2,5 %) u mbagħad skontata sal-valur preżenti nett tagħha (bl-użu tal-kurva tal-iswaps tal-kupun żero tal-Euro). Fil- 31 ta' Diċembru 2007, dan irriżulta fi proviżjon ta' EUR 960 miljun, bl-ispiża li ntefqet s'issa ta' EUR 138 miljun imnaqqsa minnu, li jwassal għall-figura ta' EUR 822 miljun maqsuma bejn ammonti li hu mistenni li jintużaw fl-2008 (EUR 78 miljun) u wara (EUR 744 miljun).

Minħabba t-tul stmat ta' dan il-programm (madwar 30 sena), ta' min jinnota li hemm xi ftit inċertezza dwar din l-istima, u l-ispiża finali tista' tkun differenti mill-ammonti mdaħħla fil-preżent.

**Proviżjonijiet finanzjarji**

Taħt il-Faċilità ta' Garanzija tal-SME 1998 u l-Faċilità ta' Garanzija tal-SME 2001, il-Fond Ewropew għall-Investiment (EIF) huwa awtorizzat li joħroġ garanziji f'ismu stess iżda li jkunu għall-Kummissjoni u għar-riskju tagħha. Madankollu, ir-riskju finanzjarju marbut mal-garanziji użati u mhux użati huwa limitat. Fid-data tal-karta tal-bilanċ, il-proviżjonijiet finanzjarji taż-żewġ faċilitajiet jikkorrispondu mal-obbligi tal-ħlas lill-intermedjarji finanzjarji wara li jkunu tnaqqsu t-talbiet netti ta' ħlasijiet magħmula sa dik id-data. Proviżjonijiet finanzjarji għat-tul huma skontati sal-valur nett preżenti tagħhom (bl-użu tal-kurva tal-iswaps tal-kupun żero tal-Euro).

**Proviżjoni tal-Fond Veterinarju ta' Emerġenza**

Din il-proviżjoni tikkonċerna l-estimi tal-kontributi tal-Komunitajiet lil diversi Stati Membri taħt il-Fond Veterinarju ta' Emerġenza għal ċerti epidemiji ta' mard tal-annimali, li jammontaw għal 42 miljun EUR (2006: EUR 35 miljun) maqsuma bejn l-ammonti mistennija li jitħallsu fl-2008 (EUR 21 miljun) u wara (EUR 21 miljun). L-ammonti ta' EUR 9 miljun li diġà huwa miftiehem li jitħallsu huma inklużi bħala pagabbli lill-Istati Membri.

2.14. **OBBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI GĦAT-TUL**

2.14.1. ***Teħid b'self***

*miljuni ta' EUR*

| Isem | Bilanċ fil-31.12.2006 | Teħid b'self ġdid | Ħlas lura | Differenzi tal-kambju | Bidla fl-ammont kontabbli | Bilanċ fil-31.12.2007 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| MFA | 969 | 0 | (177) | 0 | 0 | 792 |
| Euratom | 442 | 39 | (1) | 0 | 2 | 482 |
| KEFA f'likwidazzjoni | 463 | 0 | (2) | (37) | 0 | 424 |
| **Total** | **1 874** | **39** | **(180)** | **(37)** | **2** | **1 698** |

**Kif jinqasmu l-ammonti meħuda b'self bejn dawk għat-tul u dawk għal żmien qasir**

*miljuni ta' EUR*

| Teħid b'self | Maturità < sena 1 | Maturità > sena 1 | Total fil-31.12.2007 |
|---|---|---|---|
| MFA | 60 | 732 | 792 |
| Euratom | 0 | 482 | 482 |
| KEFA f'likwidazzjoni | 71 | 353 | 424 |
| **Total** | **131** | **1 567** | **1 698** |

Din l-intestatura tinkludi self dovut mill-Komunitajiet Ewropej li jimmatura f'aktar minn sena (innota li ċ-ċifri kollha huma netti mill-ammonti miżmuma mill-Fond ta' Garanzija). L-ammonti meħuda b'self jinkludu djun ippruvati b'ċertifikati li jammontaw (wara l-eliminazzjoni) għal EUR 1 344 miljun (2006: EUR 1 502 miljun Il-bidliet fl-ammont kontabbli jikkorrispondu għall-bidliet fl-imgħaxijiet dovuti flimkien ma', fil-każ tat-teħid b'self tal-KEFA f'likwidazzjoni, l-amortizzazzjoni tas-sena tal-ispejjeż materjali tat-tranżazzjoni li jseħħu fil-bidu, ikkalkulati skont il-metodu tar-rata effettiva tal-imgħax. Ir-rati ta' imgħax effettivi (espressi bħala firxa ta' rati ta' imgħaxijiet) kienu kif ġej:

| Tehid b'self | 31.12.2007 | 31.12.2006 |
|---|---|---|
| Għajnuna Makrofinanzjarja (MFA) | 3,816 % — 4,822 % | 3,222 % — 4,54 % |
| Euratom | 4,366 % — 5,6775 % | 3,292 % — 5,6775 % |
| KEFA f'likwidazzjoni | 4,375 % — 11,875 % ([1]) | 3,0 % — 11,875 % ([1]) |

([1]) Il-valur ogħla marbut huwa relatat mas-self b'rata fissa kopert bl-iswap tar-rati tal-imgħaxijiet (ara l-punt **2.3.4.2**).

## 2.14.2. *Obbligazzjonijiet miżmuma biex jiġu nnegozjati*

*miljuni ta' EUR*

| Swaps tal-KEFA f'likwidazzjoni | Bilanċ fil-31.12.2007 | Bilanċ fil-31.12.2006 |
|---|---|---|
| Għat-tul | 7 | 8 |
| Għal żmien qasir | 4 | 0 |
| **Total** | **11** | **8** |

Ara l-assi miżmuma biex jiġu nnegozjati, fin-nota **2.3.4.2** aktar 'il fuq, għal aktar dettalji.

## 2.15. **OBBLIGAZZJONIJIET GĦAT-TUL OĦRAJN**

*miljuni ta' EUR*

| | Bilanċ fil-31.12.2007 | Bilanċ fil-31.12.2006 |
|---|---|---|
| Djun ta' kiri finanzjarju | 1 519 | 1 534 |
| Bini mħallas bin-nifs | 427 | 425 |
| Oħrajn | 43 | 61 |
| **Total** | **1 989** | **2 020** |

Din il-partita tkopri prinċipalment obbligazzjonijet ta' kera dovuti f'aktar minn sena waħda (ara n-nota **2.2** aktar 'il fuq) u ammonti li jirrigwardaw ċerti binjiet li l-Kummissjoni xtrat, fejn il-prezz tax-xiri se jitħallas bin-nifs. Dan mhux kuntratt ta' kera ladarba t-titolu għadda immedjatament f'idejn il-Kummissjoni.

*OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI*

## 2.16. **PROVIŻJONIJIET GĦAL ŻMIEN QASIR**

*miljuni ta' EUR*

| | Ammont fil-31.12.2006 | Proviżjonijiet addizzjonali | Ammonti mhux użati mogħtija lura | Ammonti użati | Trasferimenti lil/minn intestaturi oħra | Skontar għall-valur preżenti | Ammont fil-31.12.2007 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kawżi legali | 72 | 19 | (16) | (47) | 0 | 0 | 28 |
| Żarmar ta' siti nukleari | 64 | 0 | 0 | (30) | 42 | 2 | 78 |
| Fond Veterinarju ta' Emerġenza | 35 | 1 | (8) | (7) | 0 | 0 | 21 |
| Proviżjonijiet finanzjarji | 173 | 57 | (2) | (41) | 44 | 2 | 233 |
| Oħrajn | 35 | 0 | (4) | 0 | (22) | 0 | 9 |
| **Total** | **379** | **77** | **(30)** | **(125)** | **64** | **4** | **369** |

Din l-intestatura tinkludi l-porzjon ta' dispożizzjonijiet li l-ħlas tagħhom huwa dovut f'anqas minn sena.

## 2.17. **OBBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI GĦAL ŻMIEN QASIR**

Din l-intestatura tinkludi teħid b'self ta' EUR 131 miljun li jimmaturaw matul it-12-il xahar wara d-data tal-karta tal-bilanċ (nota **2.14.1**) u EUR 4 miljuni li jirrrigwardaw l-obbligazzjonijiet miżmuma għan-negozju (nota **2.14.2**).

2.18. **KONTIJIET PAGABBLI**

*miljuni ta' EUR*

| | Bilanċ fil-31.12.2007 | Bilanċ fil-31.12.2006 |
|---|---|---|
| Il-porzjon kurrenti tal-obbligazzjonijiet għat-tul | 65 | 60 |
| Pagabbli kurrenti | 13 939 | 24 723 |
| Pagabbli varji | 189 | 220 |
| Spejjeż dovuti u dħul differit | 81 187 | 69 077 |
| **Total** | **95 380** | **94 080** |

### 2.18.1. Il-porzjon kurrenti tal-obbligazzjonijiet għat-tul

*miljuni ta' EUR*

| | Bilanċ fil-31.12.2007 | Bilanċ fil-31.12.2006 |
|---|---|---|
| Obbligazzjonijiet ta' kirjiet finanzjarji | 32 | 28 |
| Oħrajn | 33 | 32 |
| **Total** | **65** | **60** |

### 2.18.2. Pagabbli kurrenti

*miljuni ta' EUR*

| Tip | Bilanċ fil-31.12.2007 | Bilanċ fil-31.12.2006 |
|---|---|---|
| Stati Membri | 12 328 | 22 943 |
| Fornituri u oħrajn | 2 244 | 2 888 |
| L-Eliġibilità għadha trid tiġi kkonfermata | (633) | (1 108) |
| **Total** | **13 939** | **24 723** |

Il-pagabbli kurrenti jikkonċernaw l-aktar dikjarazzjonijiet ta' spejjeż riċevuti mill-Kummissjoni fil-qafas tal-attivitajiet ta' għoti. Huma kkreditati għall-ammont pretiż mill-mument li tkun riċevuta l-pretensjoni. Jekk il-kontroparti jkun Stat Membru, ikunu kklassifikati bħala tali. L-istess proċedura tintuża għall-fatturi u noti ta' kreditu riċevuti f'attivitajiet ta' akkwist.

Il-pretensjonijiet ta' spejjeż ikkonċernati ttieħdu f'kunsiderazzjoni fil-proċeduri tal-għeluq fl-aħħar tas-sena (ara n-nota **2.18.3** aktar 'l isfel). Wara dawn l-entrati finali, l-ammonti eliġibbli stmati għalhekk ġew irreġistrati bħala spejjeż dovuti, filwaqt li l-partijiet mhux eliġibbli għadhom miftuħa fuq il-kontijiet "eliġibilità għadha trid tiġi kkonfermata". Sabiex ma jsirux stimi għoljin wisq tal-assi u l-obbligazzjonijet, ġie deċiż li l-ammont nett jiġi ppreżentat sabiex jitħallas taħt l-obbligazzjonijiet kurrenti.

It-tnaqqis kbir li deher taħt din l-intestatura huwa dovut l-aktar għal moviment tal-ammonti bejn il-pagabbli kurrenti u l-intestaturi tal-ispejjeż dovuti. Dan irriżulta minħabba għeluq kmieni tas-sistema tal-kontijiet fi tmiem is-sena, li kellu r-riżultat li anqas ammonti ġew maqbuda bħala pagabbli meta mqabbla mas-senat ta' qabel. Dan fisser ukoll li l-ispejjeż dovuti kienu ogħla milli fl-2006, ladarba l-ammonti rreġistrati qabel bħala pagabbli kellhom jiġu rreġistrati bħala spejjeż dovuti.

**Stati Membri**

L-ammonti primarji hawn kienu jirrigwardaw EUR 6 287 miljun fi pretensjonijiet mhux imħallsa ta' spejjeż għal azzjonijiet tal-fond strutturali u kif ukoll EUR 5 889 miljun dovuti lura lill-Istati Membri wara baġit ta' rettifika li sar fi tmiem l-2007 (2006: EUR 7 415 miljun).

**Fornituri u oħrajn**

Flimkien mal-ammonti li jirrigwardaw l-attivitajiet ta' għotjiet, huma inklużi wkoll taħt din l-intestatura ammonti dovuti b'riżultat ta' attivitajiet ta' akkwist. Din l-intestatura tkopri wkoll ammonti pagabbli lil diversi entitajiet pubbliċi (universitajiet, istituti, kmamar tal-kummerċ, in-Nazzjonijiet Uniti, il-BEI, eċċ.) u entitajiet mhux konsolidati, inkluż l-EDF.

**L-Eliġibilità għadha trid tiġi kkonfermata**

L-ammonti pagabbli huma mnaqqsa b'EUR 633 miljun, li huma dik il-parti tat-talbiet għar-rimbors riċevuti, iżda li għadhom ma ġewx iċċekkjati, li tqiesu bħala mhux eliġibbli. L-ammonti l-aktar importanti jirrigwardaw id-DĠ REGIO (EUR 299 miljun), id-DĠ EMPL (EUR 194 miljun), id-DĠ AGRI (EUR 109 miljun), id-DĠ ENV (EUR 20 miljun) u d-DĠ FISH (EUR 21 miljun).

Bilanċ ta' EUR 18-il miljun għadu miftuħ bħala "fatturi li għadhom iridu jiġu kkontrollati", l-aktar fil-qafas ta' attivitajiet ta' akkwist. Dawn jirrigwardaw fatturi riċevuti u talbiet għal rimbors li għalihom il-fattura għadha trid tiġi ċċekkjata mal-oġġetti u s-servizzi fornuti u t-talbiet għall-prefinanzjament.

2.18.3. **Spejjeż dovuti u dħul differit**

*miljuni ta' EUR*

| | Bilanċ fil-31.12.2007 | Bilanċ fil-31.12.2006 |
|---|---|---|
| Spejjeż dovuti | 80 937 | 68 937 |
| Dħul pospost | 47 | 26 |
| Oħrajn | 203 | 114 |
| **Total** | **81 187** | **69 077** |

L-aktar ammonti sinifikanti ta' spejjeż dovuti jirrappreżentaw spejjeż dovuti li jirrigwardaw in-nefqa tal-EAGF. Fil-31 ta' Diċembru 2007 dawn kienu jammontaw għal EUR 45,4 biljun meta mqabbla ma' EUR 45,5 biljun is-sena ta' qabel. L-ammonti ewlenin ikkonċernati kienu: EUR 28,6 biljun (EUR 26,6 biljun fl-2006) ikopru spejjeż li saru bejn is-16 ta' Ottubru u l-31 ta' Diċembru 2007 li huma ddikjarati mill-Istati Membri u mħallsa f'Jannar u Frar 2008, EUR 13,8 biljun (EUR 16,7 biljun fl-2006) li jkopru għajnuna diretta (dawn jikkonsistu f'intitolamenti li nħolqu fl-2007 b'konsegwenzi finanzjarji fl-2008), EUR 3,1 biljun li jirrigwardaw ir-ristrutturar temporanju tas-settur taz-zokkor.

Element sinifikanti ieħor kienu l-ispejjeż dovuti dwar il-fondi strutturali (din tikkonsisti f'nefqa eliġibbli li saret mill-operaturi jew mill-awtoritajiet tal-ħlas sal-31 ta' Diċembru 2007, li għalihom għadha ma ntbagħtet l-ebda talba għall-ħlas lill-Kummissjoni). L-ammonti ewlenin kienu: EUR 6,7 biljun li jirrigwardaw l-EARDF, EUR 16,9 biljun għall-ERDF 2000-2006, ISPA, azzjonijiet innovattivi (EUR 12,2 biljun fl-2006), EUR 7,8 biljun għall-ESF (EUR 5,6 biljun fl-2006). L-ammont ta' ħlasijiet dovuti EUR 3,9 biljun li jibqa' jkopri għal oqsma ta' politika oħrajn, li fosthom l-aktar sinifikattiv huwa l-qasam tar-riċerka b'madwar EUR 1,2 biljun dovuti.

Kif imsemmi fin-nota **2.18.2** aktar 'il fuq, iż-żieda f'dawn l-ammonti meta mqabbla mal-2006 hija dovuta għall-għeluq aktar kmieni tas-sistema tal-kontijiet fi tmiem is-sena.

*ASSI NETTI*

2.19. **RIŻERVI**

*miljuni ta' EUR*

| | Bilanċ fil-31.12.2007 | Bilanċ fil-31.12.2006 |
|---|---|---|
| Riżerva tal-valur ġust | **7** | **4** |
| Riżervi oħra: | | |
| Il-Fond ta' Garanzija | 1 118 | 1 253 |
| Riżerva ta' rivalutazzjoni | 57 | 57 |
| Attivitajiet ta' għoti u teħid b'self | 1 525 | 1 459 |
| Oħrajn | 99 | 82 |
| Total | **2 799** | **2 851** |
| **Total** | **2 806** | **2 855** |

2.19.1. ***Riżerva tal-valur ġust***

F'konformità mar-regoli tal-kontabilità, l-aġġustamenti għall-valur ġust ta' assi disponibbli għall-bejgħ huma rreġistrati fir-riżerva tal-valur ġust.

2.19.2. ***Riżervi oħrajn***

**Il-Fond ta' Garanzija**

Ara wkoll in-nota **2.3.3** dwar l-operat tal-Fond ta' Garanzija. Din ir-riżerva tirrifletti l-mira ta' 9 % mill-ammonti pendenti garantiti mill-Fond li għandhom jinżammu bħala assi. Kif dikjarat qabel, kull bilanċ tal-assi tal-Fond aktar minn din il-mira ta' 9 % jitħallas lura fil-baġit.

**Riżerva ta' rivalutazzjoni**

Ir-riżerva tar-rivalutazzjoni tikkonsisti fir-rivalutazzjonijiet tal-propjetà, l-impjanti u t-tagħmir. Il-bilanċ fl-aħħar tas-sena ta' EUR 57 miljun jirrigwarda r-rivalutazzjoni tal-art u l-bini tal-Kummissjoni, li kienet diġà seħħet qabel it-tranżizzjoni għar-regoli l-ġodda tal-kontabilità.

**Riżerva tal-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self**

Dawn l-ammonti jinkludu r-riżervi li jirrigwardaw l-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self tal-Komunitajiet. L-ammont prinċipali jirrigwarda primarjament ir-riżervi tal-KEFA f'likwidazzjoni, li l-akbar waħda minnhom hija r-riżerva għall-assi tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar. Din ir-riżerva nħolqot fil-kuntest tal-istralċ tal-KEFA, u kienet tammonta għal EUR 1 169 miljun fil-31 ta' Diċembru 2007.

2.20. **AMMONTI LI GĦANDHOM JINĠABRU MILL-ISTATI MEMBRI**

*miljuni ta' EUR*

| | Ammont |
|---|---|
| Ammonti li għandhom jinġabru mingħand l-Istati Membri fil-31 ta' Diċembru 2006 | **67 073** |
| Ritorn tal-bilanċ tal-baġit 2006 lill-Istati Membri | 1 848 |
| Moviment fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija | (135) |
| Movimenti oħra fir-riżervi | 79 |
| KEFA f'likwidazzjoni: allokazzjoni tar-riżultat tal-2006 | 23 |
| Riżultat ekonomiku (bilanċ pożittiv) għas-sena | (7 462) |
| **Ammonti totali li għandhom jinġabru mill-Istati Membri fil-31 Diċembru 2007** | **61 426** |

Dan l-ammont jirrappreżenta l-ispejjeż li diġà għamlu l-Komunitajiet sal-31 ta' Diċembru 2007 li jridu jitħallsu minn baġits futuri. B'hekk bosta spejjeż jiġu rikonoxxuti skont ir-regoli tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti fis-sena N għalkemm dawn fil-fatt jistgħu jitħallsu fis-sena N+1 permezz tal-baġit tas-sena N+1. Din l-inklużjoni fil-kontijiet tal-obbligazzjonijiet tal-Komunitajiet flimkien mal-fatt li l-ammonti li jikkorrispondu magħhom huma ffinanzjati minn baġits futuri wasslet biex ikun hemm ħafna aktar obbligazzjonijiet milli assi fl-aħħar tas-sena. L-ammonti l-aktar sinifikanti li għandhom jiġu enfasizzati huma l-attivitajiet tal-EAGF. L-ammont tal-ħlasijiet dovuti lill-Istati Membri għall-perjodu mis-16 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2007 kien ta' EUR 28,6 biljun. Il-biċċa l-kbira tal-ammonti li għandhom jinġabru fil-fatt jitħallsu mill-Istati Membri f'anqas minn 12-il xahar wara t-tmiem tas-sena finanzjarja kkonċernata bħala parti mill-baġit tas-sena ta' wara.

Huwa essenzjalment biss l-obbligu tal-benefiċċji tal-impjegati tal-Komunitajiet fir-rigward tal-persunal tagħha li jitħallas fuq perjodu itwal, filwaqt li jiġi nnutat li l-finanzjament tal-ħlasijiet tal-pensjonijiet mill-baġits annwali huwa garantit mill-Istati Membri. Għall-finijiet tal-informazzjoni biss, hawn taħt qed tingħata stima tal-ħlasijiet futuri tal-benefiċċji tal-impjegati.

*miljuni ta' EUR*

| | Ammont |
|---|---|
| Fuq medda ta' żmien qasira: ammonti li għandhom jitħallsu fl-2008 | 981 |
| Fuq medda ta' żmien itwal: ammonti li għandhom jitħallsu wara l-2008 | 32 499 |
| **Obbligazzjoni totali tal-benefiċċji tal-impjegati fil-31.12.2007** | **33 480** |

Ta' min jinnota wkoll li dan ta' hawn fuq m'għandu l-ebda effett fuq ir-riżultat tal-baġit — id-dħul tal-baġit għandu dejjem ikun daqs in-nefqa tal-baġit jew iżjed minnha u kwalunkwe dħul żejjed jingħata lura lill-Istati Membri.

3. NOTI MAL-KONT TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU

3.1. **DĦUL MINN RIŻORSI PROPRJI U KONTRIBUZZJONIJIET**

*miljuni ta' EUR*

| | Nota | 2007 | 2006 |
|---|---|---|---|
| Dħul mir-riżorsi propji: | *3.1.1* | | |
| Riżorsi mid-DGN | | 73 922 | 70 134 |
| Riżorsi mill-VAT | | 19 442 | 17 207 |
| Riżorsi Proprji Tradizzjonali: | | | |
| Dazji agrikoli | | *1 429* | *1 300* |
| Dazji doganali | | *15 288* | *13 764* |
| Imposti fuq iz-zokkor | | *(36)* | *183* |
| Total tar-riżorsi proprji tradizzjonali | | 16 681 | 15 247 |
| Aġġustamenti tal-baġit | *3.1.2* | 1 892 | 2 395 |
| Kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi terzi (inkl. pajjiżi tal-EFTA) | | 147 | 135 |
| **Total** | | **112 084** | **105 118** |

Id-dħul mir-riżorsi proprji huwa l-element primarju tad-dħul operattiv tal-Komunitajiet Ewropej. Għaldaqstant, il-parti ewlenija tan-nefqa hija ffinanzjata minn riżorsi proprji, għaliex id-dħul l-ieħor jirrappreżenta biss parti żgħira mill-finanzjament totali.

3.1.1. ***Dħul mir-riżorsi propji***

Hemm tliet kategoriji ta' riżorsi proprji: ir-riżorsi proprji tradizzjonali, ir-riżorsa tal-VAT u r-riżorsa tad-DGN. Ir-riżorsi proprji tradizzjonali jikkonsistu fid-dazji agrikoli, l-imposti fuq iz-zokkor u d-dazji doganali. Mekkaniżmu ta' korrezzjoni fir-rigward ta' żbilanċji baġitarji (ir-Rifużjoni tar-Renju Unit) huwa wkoll parti mis-sistema tar-riżorsi proprji. L-Istati Membri jżommu, għall-ispejjeż tal-ġbir, 25 % tar-riżorsi proprji tradizzjonali, u l-ammonti ta' hawn fuq huma murija netti minn dan it-tnaqqis.

Ir-riżorsi proprji tal-VAT jiġu mill-applikazzjoni ta' rata uniformi, għall-Istati Membri kollha, għall-bażi armonizzata tal-VAT, bażi li ma tistax taqbeż il-50 % tad-DGN għall-Istati Membri kollha. Ir-riżorsa tad-DGN hija riżorsa varjabbli maħsuba sabiex tforni d-dħul meħtieġ, f'kull sena, sabiex tiġi koperta n-nefqa li taqbeż l-ammont miġbur mir-riżorsi proprji tradizzjonali, ir-riżorsi tal-VAT u d-dħul varju. Id-dħul jiġi mill-applikazzjoni ta' rata uniformi għad-DGN aggregat tal-Istati Membri kollha.

Iż-żieda f'dan id-dħul tista' tiġi marbuta direttament mad-dħul miżjud tal-baġit għall-2007 meta mqabbel mal-2006 (żieda ta' EUR 6 biljun). Aktar speċifikament, għad-dazji doganali żieda fl-importazzjonijiet f'termini ta' valur, żieda fit-tariffa medja u l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija wasslu għal dħul akbar. Id-dħul mill-VAT żdied wara ż-żieda fil-bażijiet tal-VAT, u dan kien ikkumpensat bi tnaqqis żgħir fir-rata uniformi. Ladarba r-riżorsa tad-DGN tkopri l-ħtiġijiet li jibqa' tad-dħul, hija wkoll żdiedet skont iż-żieda fin-nefqa baġitarja.

3.1.2. ***Aġġustamenti tal-baġit***

L-aġġustamenti tal-baġit jinkludu l-bilanċ pożittiv tal-baġit mill-2006 (EUR 1 848 biljun) li jiġi rifuż indirettament lill-Istati Membri permezz ta' tnaqqis tal-ammonti li huma għandhom jittrasferixxu lill-Komunità fis-sena ta' wara — għaldaqstant dan huwa dħul għall-2007. Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit jingħata korrezzjoni fir-rigward tal-iżbilanċi baġitarji. Ladarba dan l-ammont huwa ffinanzjat mill-Istati Membri l-oħra, m'għandu jkun hemm l-ebda effett nett fuq ir-riżultat ekonomiku jew ir-riżultat tal-eżekuzzjoni tal-baġit. Madankollu, ammont ta' EUR 57 miljun kien irreġistrat taħt din l-intestatura, u dan jikkonsisti fid-differenzi fir-rati tal-Euro użati għall-finijiet tal-baġit (ara l-Artikolu 10 (3) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000) u r-rati fis-seħħ fiż-żmien meta dawk l-Istati Membri li ma jiffurmawx parti mill-EMU effettivament għamlu l-ħlas tagħhom.

3.2. **DĦUL OPERATTIV IEĦOR**

*miljuni ta' EUR*

| | Nota | 2007 | 2006 |
|---|---|---|---|
| Multi | *3.2.1* | 3 339 | 2 217 |
| Imposti agrikoli | *3.2.2* | 2 634 | 1 695 |
| Rkupru ta' spejjeż: | *3.2.3* | | |
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | | 93 | 50 |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | | 10 | (22) |
| Ġestjoni deċentralizzata | | 133 | 8 |
| Ġestjoni maqsuma | | 577 | 1 244 |
| Ġestjoni konġunta | | 1 | 16 |
| Total | | 814 | 1 296 |
| Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi: | *3.2.4* | | |
| Persunal | | 908 | 856 |
| Dħul relatat mal-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir | | 26 | 23 |
| Dħul amministrattiv ieħor | | 181 | 103 |
| Total | | 1 115 | 982 |
| Dħul operattiv varju: | *3.2.5* | | |
| Aġġustamenti/ proviżjonijiet | | 23 | 43 |
| Qligħ mill-kambju | | 276 | 111 |
| Oħrajn | | 879 | 2 024 |
| Total | | 1 178 | 2 178 |
| **Total** | | **9 080** | **8 368** |

3.2.1. ***Multi***

Dan id-dħul jirrigwarda multi imposti mill-Kummissjoni għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni. Ammonti riċevibbli u dħul relatat huma rikonoxxuti meta d-deċiżjoni tal-Komunitajiet li timponi multa tkun ittieħdet u tkun ġiet innotifikata uffiċjalment lid-destinatarju. Mhux inkluża f'dan hija multa ta' EUR 899 miljun innotifikata mill-Kummissjoni Ewropea fi Frar 2008 lil kumpanija tas-softwer għal aġir antikompetittiv sostenut. L-istess kumpanija, li kienet diġà ġiet immultata EUR 280 miljun fl-2006 u EUR 497 miljun f'Marzu 2004, appellat minn din il-multa kurrenti.

3.2.2. ***Imposti agrikoli***

Dawn l-ammonti jirrigwardaw l-imposti tal-ħalib ta' EUR 232 miljun (2006: EUR 436 miljun) u l-imposti taz-zokkor ta' EUR 2 402 miljun (2006: EUR 1 259 miljun). L-imposti tal-ħalib fil-fatt huma għodda tal-ġestjoni tas-suq immirata sabiex tippenalizza lill-produtturi tal-ħalib li jeċċedu l-kwantitajiet ta' referenza tagħhom. Ladarba din mhix marbuta ma' ħlasijiet preċedenti mill-Kummissjoni, hija fil-prattika meqjusa bħala dħul għal skop speċifiku. L-imposti taz-zokkor jirrigwardaw il-fond tar-ristrutturar taz-zokkor, li bih is-settur taz-zokkor naqqas il-prezz intern taz-zokkor sabiex inaqqas id-differenza bejn il-prezz tal-UE u l-prezz internazzjonali. Sabiex produtturi taz-zokkor inqas kompetittivi jiġu inkoraġġiti jħallu s-suq, inħoloq fond ta' ristrutturazzjoni li jiffinanzja lilu nnifsu, iffinanzjat mid-dħul li jiġi minn taxxa temporanja fuq il-produtturi taz-zokkor, li hija trattata bħala dħul assenjat. L-iskema għandha ddum erba' snin. Hija meqjusa bħala dħul għal skop speċifiku.

3.2.3. ***Rkupru ta' spejjeż***

Din l-intestatura tirrappreżenta l-ordnijiet ta' rkupru maħruġa mill-Kummissjoni, u rreġistrati fis-sistema tal-kontijiet tagħha, għall-irkupru ta' ammonti li kienu mħallsa qabel mill-baġit ġenerali, abbażi ta' kontrolli, verifiki magħluqa jew analiżi tal-eliġibilità, flimkien ma ordnijiet ta' rkupru maħruġa mill-Istati Membri lill-benefiċjarji tal-infiq tal-EAGF Garanzija. Hija tinkludi wkoll il-varjazzjoni ta' estimi ta' dħul dovut mit-tmiem tas-sena preċedenti sa dak kurrenti. Madankollu, hija ma turix għal kollox l-irkupri magħmula fuq infiq tal-KE, partikolarment għall-oqsma ta' nfiq sinifikanti tal-Azzjonijiet Strutturali, fejn hemm mekkaniżmi speċifiċi maħsuba biex jiżguraw ir-ritorn ta' flus li ma kienx hemm eliġibilità għalihom, li l-biċċa l-kbira minnhom ma jinvolvux il-ħruġ ta' ordni ta' rkupru. L-irkupru ta' ammonti ta' prefinanzjament ukoll mhumiex inklużi bħala dħul, f'konformità mar-regoli tal-kontabilità tal-KE. Għal aktar informazzjoni dwar l-irkupru ta' ħlasijiet mhux dovuti, ara t-Taqsima **E.6**.

**Rkupru ta' spejjeż: Ġestjoni maqsuma**

It-total ta' EUR 577 miljun inklużi taħt din is-sottointestatura jikkonsisti f'EUR 500 miljun li jirrigwardaw il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (EAGF) u EUR 77 miljun għall-Azzjonijiet Strutturali.

(a) *Agrikoltura, EAGF*

Fil-qafas tal-agrikoltura, l-ammonti kkontabilizzati bħala dħul għas-sena taħt din l-intestatura huma EUR 500 miljun, li jikkonsistu f'li ġej:

— korrezzjonijiet ta' konformità deċiżi matul is-sena, EUR 532 miljun bi tnaqqis fid-dħul dovut fi tmiem is-sena ta' EUR 172 miljun;

— rimborsi dovuti għal frodi u irregolaritajiet iddikjarati mill-Istati Membri u rkuprati matul is-sena ta' EUR 247 miljun.

— it-tnaqqis fl-ammonti pendenti ddikjarati mill-Istati Membri li għandhom jiġu rkuprati fi tmiem is-sena fir-rigward ta' frodi u irregolaritajiet, EUR 107 miljun (EUR 902 miljun fi tmiem is-sena 2007 meta mqabbla ma' EUR 1 009 miljun fi tmiem is-sena 2006) — ara wkoll in-nota **E.2.10.2.2**.

Fil-31 ta' Diċembru 2007, l-ammont ta' nfiq tal-EAGF suġġett għal korrezzjonijiet futuri wara verifiki li ma kinux għadhom finalizzati huwa ta' EUR 1,5 biljun. Dan l-ammont huwa muri bħala assi kontinġenti barra mill-karta tal-bilanċ (ara n-nota **E.5.4.1**).

(b) *Azzjonijiet tal-Fond Strutturali*

L-irkupru tal-infiq taħt l-azzjonijiet Strutturali inklużi taħt din l-intestatura ammonta għal EUR 77 miljun. L-ammonti ekwivalenti għall-2006 kienu ta' EUR 483 miljun ogħla meta mqabbla mas-sena kurrenti — dan huwa dovut prinċipalment għal deċiżjoni tal-Kummissjoni li tnaqqas l-għajnuna mogħtija mill-ERDF lil Stat Membru wieħed fejn EUR 418 miljun kienu kontabilizzati bħala dħul fl-2006.

Din is-sottointestatura tinkludi ordnijiet ta' rkupru maħruġa mill-Kummissjoni sabiex tirkupra nfiq mhux dovut magħmul fis-snin preċedenti, EUR 113 miljun, ordni ta' rkupru għal EUR 6 miljun relatati mal-Fond tas-Solidarjetà u l-varjazzjoni tad-dħul dovut fi tmiem is-sena EUR (42) miljun. L-ordnijiet ta' rkupru jinħarġu biss fil-każijiet li ġejjin:

— deċiżjonijiet ta' korrezzjoni finanzjarja formali magħmula mill-Kummissjoni wara li jiġi identifikat infiq irregolari fl-ammonti ddikjarati mill-Istati Membri.

— aġġustamenti fl-għeluq ta' programm li jwasslu għal tnaqqis fil-kontribuzzjoni tal-UE fejn Stat Membru ma ddikjarax nefqa eliġibbli suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-ħlasijiet totali tal-prefinanzjament u dawk provviżorji li jkunu diġà saru; dawn l-operazzjonijet jistgħu jsiru mingħajr deċiżjoni formali tal-Kummissjoni jekk ikunu aċċettati mill-Istat Membru;

— il-ħlas lura ta' ammonti rkuprati wara l-għeluq wara l-konklużjoni ta' proċedimenti legali li kienu pendenti fiż-żmien tal-għeluq.

L-ordnijiet ta' rkupru maħruġa fl-2007 għall-irkupru ta' spejjeż, li jammontaw għal EUR 119 miljun, jistgħu jinqasmu kif ġej: EUR 6 miljuni għall-Fond tas-Solidarjetà, EUR 6 miljuni għall-korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi fl-2006, EUR 18 miljun għall-korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi fl-2007 u EUR 89 miljun għall-ordnijiet ta' rkupru mhux ikklassifikati bħala korrezzjonijiet finanzjarji. Ordnijiet ta' rkupru oħrajn maħruġa taħt l-Azzjonijiet Strutturali jirrigwardaw l-irkupru ta' prefinanzjament (EUR 35 miljun), li minnhom EUR 20 miljun jirrigwardaw korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi fl-2007. Dawn l-ammonti mhumiex murija bħala dħul, iżda kkreditati għall-intestatura dwar il-prefinanzjament fuq il-karta tal-bilanċ.

Ammont ta' EUR 2,9 biljun li jirrigwarda korrezzjonijiet finanzjarji possibbli li huma fil-proċess li jiġu rkuprati mill-Istati Membri huwa muri bħala assi kontinġenti (ara n-nota **E.5.4.1**).

**Rkupru ta' spejjeż: Tipi oħra ta' ġestjoni**

Din is-sottointestatura tinkludi ordnijiet ta' rkupru maħruġa mill-Kummissjoni sabiex tirkupra ħlasijiet mhux dovuti magħmula fis-snin preċedenti, EUR 194 miljun, u l-varjazzjoni tad-dħul dovut fi tmiem is-sena (EUR 52 miljun). Irkupri oħra taħt it-tipi l-oħra ta' ġestjoni jirrigwardaw l-irkupru ta' prefinanzjament (EUR 162 miljun). Dawn l-ammonti mhumiex murija bħala dħul, iżda kkreditati għall-intestatura dwar il-prefinanzjament fuq il-karta tal-bilanċ.

3.2.4. ***Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi***

Dan id-dħul jirriżulta minn tnaqqis mill-pagi tal-persunal u huwa magħmul primarjament minn żewġ ammonti — kontribuzzjonijiet għall-pensjonijiet u taxxi fuq id-dħul.

### 3.2.5. *Dħul operattiv varju*

Ammont ta' 296 miljun EUR (2006: EUR 358 miljun) jirrigwarda l-ammonti riċevuti mill-pajjiżi tal-adeżjoni. Waħda mir-raġunijiet ewlenin għat-tnaqqis fid-dħul operattiv varju meta mqabbel mas-sena li għaddiet hija li s-sena li għaddiet inkludiet dħul ta' EUR 397 miljun li kienu jirrigwardaw tnaqqis iżgħar fil-valur tar-riċevibbli tal-EAGF. Minbarra dan, is-sena ta' qabel inkludiet ukoll ammont eċċezzjonali ta' EUR 778 miljun li jirrigwardaw ammonti ta' prefinanzjament inklużi fil-karta tal-bilanċ għall-ewwel darba, li l-kontroparti tagħhom tidher ukoll taħt din l-intestatura — l-akbar ammont, EUR 652 miljun, jirrigwarda l-flus imħallsa taħt il-Faċilità ta' Schengen. Fl-2007, iċ-ċifra li tikkorrispondi ma' din hija ta' EUR 33 miljun.

Qligħ mill-kambju, minbarra fuq attivitajiet finanzjarji diskussi fin-nota **3.5** ta' hawn taħt, huwa wkoll inkluż taħt din l-intestatura. Dan jirriżulta mill-attivitajiet ta' kuljum u tranżazzjonijiet relatati li jsiru f'muniti oħra barra l-Euro, u kif ukoll ir-rivalutazzjoni tal-aħħar tas-sena meħtieġa sabiex jiġu ppreparati l-kontijiet. Huwa jinkludi qligħ sew irrealizzat u kif ukoll mhux irrealizzat.

## 3.3. SPEJJEŻ AMMINISTRATTIVI

*miljuni ta' EUR*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| Spejjeż tal-istaff | 4 289 | 3 998 |
| Spejjeż intanġibbli u relatati mal-PPE | 343 | 348 |
| Spejjeż amministrattivi oħrajn | 2 488 | 2 273 |
| **Total** | **7 120** | **6 619** |

Dawn huma spejjeż amministrattivi li ntefqu bħala parti mill-attivitajiet tal-Komunitajiet u jinkludu spejjeż tal-persunal u spejjeż relatati mal-assi intanġibbli u proprjetà, impjanti u tagħmir (bħad-deprezzament, l-ispejjeż tal-manutenzjoni, eċċ).

## 3.4. SPEJJEŻ OPERATTIVI

*miljuni ta' EUR*

| | Nota | 2007 | 2006 |
|---|---|---|---|
| **Spejjeż operattivi primarji:** | *3.4.1* | | |
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | | 9 504 | 12 273 |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | | 1 185 | 677 |
| Ġestjoni deċentralizzata | | 1 978 | 1 809 |
| Ġestjoni maqsuma | | 89 778 | 90 828 |
| Ġestjoni konġunta | | 949 | 34 |
| Total | | **103 394** | **105 621** |
| **Spejjeż operattivi oħra:** | *3.4.2* | | |
| Aġġustamenti/proviżjonijiet | | 260 | 116 |
| Telf mill-kambju | | 399 | 126 |
| Oħrajn | | 629 | 940 |
| Total | | **1 288** | **1 182** |
| **Total** | | **104 682** | **106 803** |

### 3.4.1. *Spejjeż operattivi primarji*

In-nefqa operattiva tal-Komunitajiet Ewropej tkopri l-intestaturi differenti tal-perspettiva finanzjarja u tieħu forom differenti, li jiddependu fuq kif jitħallsu u kif jiġu ġestiti l-flus. Il-biċċa l-kbira tan-nefqa, 87 %, taqa' taħt l-intestatura "Ġestjoni Maqsuma" li tinvolvi d-delegazzjoni ta' dmirijiet lill-Istati Membri, u dan ikopri oqsma bħall-infiq tal-EAGF u l-Azzjonijiet Strutturali.

Ħafna miż-żieda fin-nefqa operattiva tista' tiġi attribwita għall-fatt li sa mill-2006 xi proġetti li qed jiġu ffinanzjati kienu fil-proċess li jiġu magħluqa, filwaqt li oħrajn kienu inqas avvanzati milli kien previst fl-2006. Għall-ġestjoni maqsuma kien hemm tnaqqis ta' EUR 4,5 biljun għall-azzjonijiet strutturali, l-aktar l-ERDF, l-aktar minħabba r-raġunijiet imsemmija aktar 'il fuq. Dan it-tnaqqis kien parzjalment ikkumpensat minn żieda ta' EUR 3,3 biljun fin-nefqa agrikola dovuta għall-introduzzjoni ta' fond ġdid għall-iżvilupp rurali, l-EARDF.

It-tnaqqis ta' EUR 2,7 biljun f'infiq ta' ġestjoni ċentralizzata diretta huwa parzjalment ikkumpensat minn żieda ta' EUR 0,9 biljun fi nfiq b'ġestjoni konġunta, ikkawżat minn klassifikazzjoni aħjar ta' dawn il-proġetti. It-tnaqqis li baqa' jista' jiġi spjegat ukoll permezz tar-raġunijiet imsemmija aktar 'il fuq, jiġifieri l-għeluq ta' xi proġetti u l-fatt li xi proġetti huma anqas avvanzati milli kien previst fl-2006.

### 3.4.2. *Spejjeż operattivi oħrajn*

Telf mill-kambju, minbarra fuq attivitajiet finanzjarji li titkellem dwarhom in-nota **3.6** ta' hawn taħt, iseħħ fl-attivitajiet ta' kuljum u tranżazzjonijiet relatati li jsiru f'muniti li mhumiex l-Euro, kif ukoll ir-rivalutazzjoni tal-aħħar tas-sena meħtieġa sabiex jiġu ppreparati l-kontijiet — dan huwa kemm realizzat kif ukoll mhux realizzat.

Is-sottointestatura "oħrajn" tinkludi korrezzjonijiet ta' prefinanzjament u ammonti mnaqqsa/mitlufa mar-realizzazzjoni li jirrigwardaw debituri tal-Kummissjoni. Inkluż ukoll huwa ammont ta' EUR 224 miljun fir-rigward ta' aġenzija kkonsolidata — dan jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-programm CARDS fil-Kosovo, is-Serbja u l-Montenegro.

## 3.5. DĦUL FINANZJARJU

*miljuni ta' EUR*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul mid-dividendi** (minn Fondi ta' Kapital tar-Riskju) | **6** | **6** |
| **Dħul mill-imgħax:** | | |
| Fuq prefinanzjament | 33 | 43 |
| Fuq ħlasijiet tard | 81 | 65 |
| Fuq swaps | 19 | 20 |
| Fuq assi disponibbli għall-bejgħ | 97 | 92 |
| Fuq self | 106 | 96 |
| Fuq flus u ekwivalenti | 263 | 123 |
| Oħrajn | 12 | 1 |
| Total | **611** | **440** |
| **Dħul ieħor finanzjarju:** | | |
| Qligħ realizzat fuq bejgħ ta' assi finanzjarji | 6 | 25 |
| Treġġigħ lura ta' telf minħabba deterjorament ta' assi finanzjarji | 1 | 2 |
| Oħrajn | 23 | 104 |
| Total | **30** | **131** |
| **Aġġustamenti fil-valur preżenti** | **24** | **43** |
| **Qligħ mill-kambju** | **3** | **1** |
| **Total** | **674** | **621** |

Id-dħul finanzjarju tal-Komunitajiet jikkonsisti prinċipalment minn dħul ta' imgħaxijiet derivati minn self, mogħti jew mill-baġit ġenerali jew minn fondi missellfa, kif ukoll minn titoli ta' dejn u strumenti derivattivi. Jiġu riċevuti wkoll imgħaxijiet fuq ammonti miżmuma f'kontijiet bankarji u depożiti bankarji għal żmien qasir.

3.6. **SPEJJEŻ FINANZJARJI**

*miljuni ta' EUR*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Spejjeż tal-imgħax:** | | |
| Kiri | 101 | 102 |
| Fuq swaps | 17 | 16 |
| Fuq fondi missellfa | 91 | 81 |
| Oħrajn | 5 | 1 |
| Total | **214** | **200** |
| **Spejjeż finanzjarji oħra:** | | |
| Aġġustamenti għad-dispożizzjonijiet finanzjarji | 11 | 38 |
| Spejjeż finanzjarji fuq strumenti baġitarji | 57 | 55 |
| Telf realizzat fuq bejgħ ta' assi finanzjarji | 9 | 0 |
| Telf minħabba deterjorament ta' assi finanzjarji | 15 | 10 |
| Oħrajn | 35 | 23 |
| Total | **127** | **126** |
| **Aġġustamenti fil-valur preżenti** | **7** | **0** |
| **Telf mill-kambju** | **6** | **5** |
| **Total** | **354** | **331** |

L-ispiża finanzjarja ewlenija mġarrba mill-Komunitajiet Ewropej tikkonsisti f'imgħax; primarjament fuq kuntratti ta' kiri finanzjarju u fuq self meħud sabiex jiffinanzja attivitajiet ta' għoti ta' self. Minbarra t-telf fuq il-bejgħ u t-tnaqqis fil-valur kontabbli tal-assi finanzjarji, spejjeż finanzjarji oħra jinkludu wkoll l-aġġustamenti magħmula għad-dispożizzjonijiet finanzjarji u d-drittijiet tal-ġestjoni mħallsa lill-fiduċjarji.

3.7. **SEHEM MILL-BILANĊ POŻITTIV/(NEGATTIV) NETT TAL-ASSOĊJATI U L-IMPRIŻI KONĠUNTI**

F'konformità mal-metodu tal-kontabilità tal-ekwità, il-Komunitajiet jinkludu fil-kont tar-riżultat ekonomiku tagħhom is-sehem tagħhom mill-qligħ nett tal-assoċjat tagħhom, l-EIF, u l-impriżi konġunti tiegħu (ara wkoll in-noti **E.2.3.1 & E.2.3.2**).

3.8. **RAPPURTAR SKONT IS-SEGMENTI**

Dan ir-rapport jaqsam id-dħul operattiv u l-ispejjeż skont il-qasam ta' politika, fuq il-bażi ta' struttura ta' Baġit Ibbażat fuq l-Attivitajiet, fi ħdan il-Kummissjoni. Dawn l-oqsma tal-politika jistgħu jinġabru taħt tliet taqsimiet akbar — Attivitajiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea, Attivitajiet barra l-Unjoni Ewropea, u Servizzi u oħrajn.

"Attivitajiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea" hija l-akbar fost dawn it-taqsimiet peress li tiġbor taħtha ħafna oqsma ta' politika fi ħdan l-Unjoni Ewropea. "Attivitajiet barra l-Unoni Ewropea" tikkonċerna l-politika li tiġi operata barra l-Unjoni, bħall-kummerċ u l-għajnuna. "Servizzi u oħrajn" huma l-attivitajiet interni u orizzontali meħtieġa biex l-Istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Komunitajiet jiffunzjonaw.

L-aġenziji konsolidati huma integrati fl-oqsma ta' politika differenti. Istituzzjonijiet oħra, għajr il-Kummissjoni, huma miġbura f'qasam politiku speċifiku. Id-diversi oqsma ta' politika jirrappreżentaw ċifri grossi qabel it-tnaqqis tal-konsolidazzjoni u t-tnaqqis tal-konsolidazzjoni jsir b'mod globali f'kolonna waħda.

Ta' min jinnota li r-riżorsi proprji u l-kontribuzzjonijiet m'humiex maqsuma bejn l-attivitajiet varji billi dawn huma kkalkulati, miġbura u ġestiti minn servizzi ċentrali tal-Kummissjoni. Dawn qed jintwerew hawnhekk sabiex jippermettu li jsir tqabbil tar-riżultat nett mal-Kont tar-Riżultat Ekonomiku.

**RAPPURTAR SKONT IS-SEGMENTI — FIL-QOSOR**

*miljuni ta' EUR*

| | Attivitajiet fi ħdan l-UE | Attivitajiet barra l-UE | Servizzi u Oħrajn | KEFA f'likwidazzjoni | Istituzzjonijiet Oħra | Eliminazzjonijiet ta' konsolidazzjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul operattiv:** | | | | | | | |
| Multi | 3 339 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 3 339 |
| Imposti agrikoli | 2 634 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 634 |
| Rkupru ta' spejjeż | 611 | 211 | 1 | 0 | 0 | (9) | 814 |
| Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi | 78 | 26 | 749 | 0 | 360 | (98) | 1 115 |
| Dħul operattiv ieħor | 1 419 | 319 | 264 | 1 | 1 | (826) | 1 178 |
| DĦUL OPERATTIV TOTALI | 8 081 | 556 | 1 014 | 1 | 361 | (933) | **9 080** |
| **Spejjeż amministrattivi:** | **(2 069)** | **(958)** | **(1 804)** | **0** | **(2 438)** | **149** | **(7 120)** |
| Spejjeż tal-istaff | (1 497) | (678) | (950) | 0 | (1 172) | 8 | (4 289) |
| Assi intanġibbli u spejjeż relatati mal-PPE | (88) | (10) | (108) | 0 | (137) | 0 | (343) |
| Spejjeż amministrattivi oħrajn | (484) | (270) | (746) | 0 | (1 129) | 141 | (2 488) |
| **Spejjeż operattivi:** | **(98 267)** | **(6 192)** | **(955)** | **(52)** | **0** | **784** | **(104 682)** |
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | (6 403) | (2 917) | (637) | 0 | 0 | 453 | (9 504) |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | (1 159) | (258) | (2) | 0 | 0 | 234 | (1 185) |
| Ġestjoni deċentralizzata | (17) | (1 961) | 0 | 0 | 0 | 0 | (1 978) |
| Ġestjoni maqsuma | (89 778) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | (89 778) |
| Ġestjoni konġunta | (151) | (799) | 0 | 0 | 0 | 1 | (949) |
| Spejjeż operattivi oħrajn | (759) | (257) | (316) | (52) | 0 | 96 | (1 288) |
| SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI | **(100 336)** | **(7 150)** | **(2 759)** | **(52)** | **(2 438)** | **933** | **(111 802)** |
| **SPEJJEŻ OPERATTIVI NETTI** | **(92 255)** | **(6 594)** | **(1 745)** | **(51)** | **(2 077)** | **0** | **(102 722)** |
| Dħul minn riżorsi proprji u kontribuzzjonijiet | | | | | | | **112 084** |
| **Bilanċ pożittiv minn attivitajiet operattivi** | | | | | | | **9 362** |
| Dħul finanzjarju nett | | | | | | | 320 |
| Moviment fl-obbligazzjonijiet relatati mal-benefiċċji tal-impjegati | | | | | | | (2 207) |
| Sehem tal-assoċjati/riżultati ta' intrapriżi konġunti | | | | | | | (13) |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena** | | | | | | | **7 462** |

**RAPPURTAĠĠ SKONT IS-SEGMENTI — ATTIVITAJIET FI ĦDAN L-UE**

*miljuni ta' EUR*

| | Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji | Intrapriża u Industrija | Kompetizzjoni | Impjiegi | Agrikoltura | Trasport & Enerġija | Ambjent | Riċerka | Soċjetà tal-Informazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul operattiv:** | | | | | | | | | |
| Multi | 0 | 0 | 3 339 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Imposti agrikoli | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 634 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Rkupru ta' spejjeż | 0 | 0 | 0 | 91 | 504 | 3 | 0 | 4 | 8 |
| Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi | 0 | 9 | 0 | 0 | 0 | 2 | 1 | 0 | 9 |
| Dħul operattiv ieħor | 0 | 152 | 0 | 36 | 41 | 207 | 36 | 339 | 19 |
| DĦUL OPERATTIV TOTALI | **0** | **161** | **3 339** | **127** | **3 179** | **212** | **37** | **343** | **36** |
| **Spejjeż amministrattivi:** | **(48)** | **(181)** | **(60)** | **(88)** | **(97)** | **(180)** | **(86)** | **(171)** | **(119)** |
| Spejjeż tal-istaff | (42) | (129) | (56) | (69) | (83) | (137) | (64) | (146) | (91) |
| Assi intanġibbli u spejjeż relatati mal-PPE | 0 | (8) | 0 | (1) | 0 | (1) | (1) | 0 | 0 |
| Spejjeż amministrattivi oħrajn | (6) | (44) | (4) | (18) | (14) | (42) | (21) | (25) | (28) |
| **Spejjeż operattivi:** | **(32)** | **(310)** | **(22)** | **(9 848)** | **(55 493)** | **(995)** | **(205)** | **(3 215)** | **(890)** |
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | (32) | (241) | 0 | (182) | (30) | (652) | (180) | (3 193) | (818) |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | (58) | (10) | (2) | (43) |
| Ġestjoni deċentralizzata | 0 | 0 | 0 | 0 | (1) | (16) | 0 | 0 | 0 |
| Ġestjoni maqsuma | 0 | 0 | 0 | (9 643) | (55 227) | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Ġestjoni konġunta | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | (136) | 0 | 0 | 0 |
| Spejjeż operattivi oħrajn | 0 | (69) | (22) | (23) | (235) | (133) | (15) | (20) | (29) |
| SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI | **(80)** | **(491)** | **(82)** | **(9 936)** | **(55 590)** | **(1 175)** | **(291)** | **(3 386)** | **(1 009)** |
| **SPEJJEŻ OPERATTIVI NETTI** | **(80)** | **(330)** | **3 257** | **(9 809)** | **(52 411)** | **(963)** | **(254)** | **(3 043)** | **(973)** |

*miljuni ta' EUR*

| | Centre commun de recherche | Sajd | Internal Market | Politika Reġjonali | Tassazzjoni u Dwana | Edukazzjoni u Kultura | Saħħa u Protezzjoni tal-Konsumatur | Ġustizzja, Libertà u Sigurtà | Totali tal-Attivitajiet fi ħdan |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul operattiv:** | | | | | | | | | |
| Multi | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 3 339 |
| Imposti agrikoli | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 634 |
| Rkupru ta' spejjeż | 0 | (46) | 0 | 30 | 0 | 11 | 5 | 1 | 611 |
| Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi | 53 | 0 | 0 | 0 | 0 | 4 | 0 | 0 | 78 |
| Dħul operattiv ieħor | 52 | 1 | 189 | (1) | 0 | 181 | 85 | 82 | 1 419 |
| DĦUL OPERATTIV TOTALI | **105** | **(45)** | **189** | **29** | **0** | **196** | **90** | **83** | **8 081** |
| **Spejjeż amministrattivi:** | **(355)** | **(32)** | **(138)** | **(63)** | **(41)** | **(196)** | **(135)** | **(79)** | **(2 069)** |
| Spejjeż tal-istaff | (224) | (27) | (93) | (51) | (35) | (96) | (93) | (61) | (1 497) |
| Assi intanġibbli u spejjeż relatati mal-PPE | (67) | 0 | (3) | 0 | (1) | (2) | (3) | (1) | (88) |
| Spejjeż amministrattivi oħrajn | (64) | (5) | (42) | (12) | (5) | (98) | (39) | (17) | (484) |
| **Spejjeż operattivi:** | **(107)** | **(792)** | **(51)** | **(24 239)** | **(37)** | **(1 216)** | **(379)** | **(436)** | **(98 267)** |
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | (90) | (274) | (7) | (20) | (37) | (147) | (322) | (178) | (6 403) |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | 0 | 0 | 0 | (31) | 0 | (998) | (16) | (1) | (1 159) |
| Ġestjoni deċentralizzata | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | (17) |
| Ġestjoni maqsuma | 0 | (516) | 0 | (24 173) | 0 | 0 | 0 | (219) | (89 778) |
| Ġestjoni konġunta | 0 | 0 | 0 | (15 ) | 0 | 0 | 0 | 0 | (151) |
| Spejjeż operattivi oħrajn | (17) | (2) | (44) | 0 | 0 | (71) | (41) | (38) | (759) |
| SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI | **(462)** | **(824)** | **(189)** | **(24 302)** | **(78)** | **(1 412)** | **(514)** | **(515)** | **(100 336)** |
| **SPEJJEŻ OPERATTIVI NETTI** | **(357)** | **(869)** | **0** | **(24 273)** | **(78)** | **(1 216)** | **(424)** | **(432)** | **(92 255 )** |

**RAPPURTAĠĠ SKONT IS-SEGMENTI — ATTIVITAJIET BARRA L-UE**

*miljuni ta' EUR*

| | Relazzjonijiet esterni | Kummerċ | Żvilupp | Tkabbir | Ghajnuna Umanitarja | Total ta' Attivitajiet barra l-UE |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul operattiv:** | | | | | | |
| Rkupru ta' spejjeż | 61 | 0 | 6 | 142 | 2 | 211 |
| Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi | 25 | 0 | 1 | 0 | 0 | 26 |
| Dħul operattiv ieħor | 69 | 0 | (2) | 252 | 0 | 319 |
| DĦUL OPERATTIV TOTALI | **155** | **0** | **5** | **394** | **2** | **556** |
| **Spejjeż amministrattivi:** | **(684)** | **(46)** | **(133)** | **(74)** | **(21)** | **(958)** |
| Spejjeż tal-istaff | (451) | (41) | (119) | (53) | (14) | (678) |
| Assi intanġibbli u spejjeż relatati mal-PPE | (8) | 0 | 0 | (2) | 0 | (10) |
| Spejjeż amministrattivi oħrajn | (225) | (5) | (14) | (19) | (7) | (270) |
| **Spejjeż operattivi:** | **(2 943)** | **(9)** | **(853)** | **(1 709)** | **(678)** | **(6 192)** |
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | (1 540) | (8) | (508) | (389) | (472) | (2 917) |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | (32) | 0 | (1) | (225) | 0 | (258) |
| Ġestjoni deċentralizzata | (711) | 0 | (348) | (902) | 0 | (1 961) |
| Ġestjoni konġunta | (644) | (1) | 15 | 34 | (203) | (799) |
| Spejjeż operattivi oħrajn | (16) | 0 | (11) | (227) | (3) | (257) |
| SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI | **(3 627)** | **(55)** | **(986)** | **(1 783)** | **(699)** | **(7 150)** |
| **SPEJJEŻ OPERATTIVI NETTI** | **(3 472)** | **(55)** | **(981)** | **(1 389)** | **(697)** | **(6 594)** |

## RAPPURTAĠĠ SKONT IS-SEGMENTI — SERVIZZI U OĦRAJN

*miljuni ta’ EUR*

| | Stampa u Komunikazzjoni | Uffiċju ta’ kontra l-Frodi | Koordinazzjoni | Persunal u Amministrazzjoni | Il-Eurostat | Baġit | VERIFIKA | Lingwi | Oħrajn | Total ta’ Servizzi u Oħrajn |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul operattiv:** | | | | | | | | | | |
| Rkupru ta’ spejjeż | 0 | 0 | 0 | 2 | (1) | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi | 2 | 5 | 0 | 616 | 0 | 43 | 0 | 83 | 0 | 749 |
| Dħul operattiv ieħor | (2) | (1) | 5 | 15 | 0 | 10 | 0 | 2 | 235 | 264 |
| DĦUL OPERATTIV TOTALI | **0** | 4 | **5** | **633** | **(1)** | **53** | **0** | **85** | **235** | **1 014** |
| **Spejjeż amministrattivi:** | **(93)** | **(45)** | **(146)** | **(1 152)** | **(62)** | **(45)** | **(8)** | **(316)** | **63** | **(1 804)** |
| Spejjeż tal-istaff | (59) | (31) | (120) | (414) | (57) | (36) | (7) | (252) | 26 | (950) |
| Assi intanġibbli u spejjeż relatati mal-PPE | (2) | 0 | 0 | (106) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | (108) |
| Spejjeż amministrattivi oħrajn | (32) | (14) | (26) | (632) | (5) | (9) | (1) | (64) | 37 | (746) |
| **Spejjeż operattivi:** | **(82)** | **(11)** | **(2)** | **(44)** | **(56)** | **(473)** | **0** | **(1)** | **(286)** | **(955)** |
| Ġestjoni ċentralizzata diretta | (79) | (11) | (1) | (39) | (56) | (470) | 0 | (1) | 20 | (637) |
| Ġestjoni ċentralizzata indiretta | (2) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | (2) |
| Spejjeż operattivi oħrajn | (1) | 0 | (1) | (5) | 0 | (3) | 0 | 0 | (306) | (316) |
| SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI | **(175)** | **(56)** | **(148)** | **(1 196)** | **(118)** | **(518)** | **(8)** | **(317)** | **(223)** | **(2 759)** |
| **SPEJJEŻ OPERATTIVI NETTI** | **(175)** | **(52)** | **(143)** | **(563)** | **(119)** | **(465)** | **(8)** | **(232)** | **12** | **(1 745)** |

4. NOTI MAT-TABELLA TAL-FLUSSI TAL-FLUS

4.1. **GĦAN U PREPARAZZJONI TAT-TABELLA TAL-FLUSSI TAL-FLUS**

Informazzjoni dwar il-flussi tal-flus hija użata sabiex tipprovdi bażi għall-valutazzjoni tal-kapaċità tal-Komunitajiet sabiex jiġġeneraw flus u ekwivalenti, u l-bżonnijiet tagħhom li jużaw dawk il-flus.

It-tabella tal-flussi tal-flus tiġi ppreparata permezz tal-metodu indirett. Dan ifisser illi l-bilanċ pożittiv jew negattiv nett għas-sena finanzjarja jiġi aġġustat skont l-effetti ta' tranżazzjonijiet ta' natura mhux ta' flus, kull posponiment jew akkumulazzjoni ta' dħul jew pagamenti operattivi ta' flus kemm passati kif ukoll futuri, u oġġetti ta' dħul jew infiq assoċjati mal-investiment tal-flussi tal-flus.

Flussi tal-flus li jiġu minn tranżazzjonijiet f'munita barranija huma rreġistrati fil-munita tal-Komunitajiet Ewropej li biha jsir ir-rapport (l-euro), billi tiġi applikata fuq l-ammont tal-munita barranija r-rata tal-kambju bejn l-euro u l-munita barranija fid-data tal-fluss tal-flus.

It-tabella tal-flussi tal-flus murija aktar 'il fuq tirrapporta flussi ta' flus matul il-perjodu kklassifikati f'attivitajiet operattivi u dawk ta' investimenti (il-Komunitajiet m'għandhomx attivitajiet ta' finanzjament).

4.2. **ATTIVITAJIET OPERATTIVI**

Attivitajiet operattivi huma l-attivitajiet tal-Komunitajiet li mhumiex attivitajiet ta' investiment. Dawn huma l-maġġoranza tal-attivitajiet li jsiru. Self mogħti lill-benefiċjarji (u s-self relat meta applikabbli) mhumiex ikkunsidrati bħala attivitajiet ta' investiment (jew finanzjament) peress illi huma parti mill-objettivi ġenerali u għalhekk huma operazzjonijiet ta' kuljum tal-Komunitajiet. Attivitajiet operattivi jinkludu wkoll investimenti bħall-EIF, l-EBRD u l-fondi tal-kapital tar-riskju. Tabilħaqq, l-għan ta' dawn l-attivitajiet huwa li jkun hemm parteċipazzjoni fil-kisba tar-riżultati li jikkostitwixxu l-mira tal-politika.

4.3. **ATTIVITAJIET TA' INVESTIMENT**

Attivitajiet ta' investiment huma l-akkwist u l-bejgħ ta' assi intanġibbli u propjetà, impjanti u tagħmir u ta' investimenti oħra li mhumiex inklużi fl-ekwivalenti ta' flus. Attivitajiet ta' investiment ma jinkludux self mogħti lil benefiċjarji. L-għan huwa li jintwerew l-investimenti reali li jsiru mill-Komunitajiet.

Għandu jiġi nnutat li EUR 5 037 miljun ta' flus u ekwivalenti miżmuma mill-Komunitajiet mhumiex disponibbli għall-użu mill-Komunitajiet. Dawn huma l-flus li jiġu riċevuti bħala ħlas ta' multi imposti, fejn il-parti l-oħra qiegħda tappella mill-impożizzjoni tal-multa. Dawn l-ammonti huma murija b'mod ċar bħala "flus ristretti" taħt in-nota **2.11** ta' hawn fuq.

5. DIKJARAZZJONIJIET TA' BARRA L-KARTA TAL-BILANĊ

**ASSI KONTINĠENTI**

*miljuni ta' EUR*

| | Nota | 31.12.2007 | 31.12.2006 |
|---|---|---|---|
| **Garanziji riċevuti:** | 5.1 | | |
| Garanziji rċevuti fir-rigward ta' prefinanzjament | 5.1.1 | 1 147 | 1 182 |
| Garanziji riċevuti fir-rigward ta' każijiet pendenti ta' multi | 5.1.2 | 2 563 | 1 783 |
| Garanziji oħra riċevuti | 5.1.3 | 784 | 954 |
| Total | | **4 494** | **3 919** |
| **Ftehimiet ta' self iffirmat** | 5.2 | **0** | **0** |
| **Assi kontinġenti li għandhom x'jaqsmu ma' każijiet ta' frodi u irregolaritajiet fir-rigward ta' azzjonijiet strutturali** | 5.3 | **1 701** | **1 477** |
| **Assi kontinġenti oħra** | 5.4 | **4 455** | **1 274** |
| **Assi Kontinġenti Totali** | | **10 650** | **6 670** |

**L-OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI U L-IMPENJI GĦALL-FINANZJAMENT FIL-FUTUR**

*miljuni ta' EUR*

| Obbligazzjonijiet Kontinġenti | Nota | 31.12.2007 | 31.12.2006 |
|---|---|---|---|
| **Garanziji mogħtija:** | 5.5 | | |
| Garanziji mogħtija għal self tal-EIB | 5.5.1 | 15 787 | 14 792 |
| Garanziji oħra mogħtija | 5.5.2 | 76 | 0 |
| Total | | **15 863** | **14 792** |
| **Multi — appelli fil-Qorti tal-Ġustizzja** | 5.6 | **8 682** | **5 611** |
| **EAGF — sentenzi pendenti tal-qorti** | 5.7 | **1 095** | **1 255** |
| **Ammonti relatati ma' każijiet legali u tilwim ieħor** | 5.8 | **2 043** | **2 429** |
| **Obbligazzjonijiet kontinġenti oħra** | 5.9 | **19** | **7** |
| **Obbligazzjonijiet Kontinġenti Totali** | | **27 702** | **24 094** |

| Impenji għal finanzjament futur | Nota | 31.12.2007 | 31.12.2006 |
|---|---|---|---|
| **Impenji li ma ġewx użati** | 5.10 | **239** | **256** |
| **Impenji kontra approprjazzjonijiet li għadhom mhumiex ikkunsmati** | 5.11 | **95 992** | **90 040** |
| **Impenji legali dwar azzjonijiet multiannwali** | 5.12 | | |
| Operazzjonijiet strutturali | 5.12.1 | 385 722 | 0 |
| Protokolli ma' Pajjiżi Meditteranji | 5.12.2 | 262 | 260 |
| Ftehimiet tas-sajd | 5.12.3 | 225 | 337 |
| Total | | **386 209** | **597** |
| **Kontribuzzjonijiet għal organizzazzjonijiet relatati** | 5.13 | | |
| Kapital azzjonarju mhux imsejjaħ EBRD | 5.13.1 | 443 | 443 |
| Kapital azzjonarju mhux imsejjaħ EIF | 5.13.2 | 553 | 480 |
| Total | | **996** | **923** |
| **Impenji ta' kirjiet operattivi** | 5.14 | **2 003** | **1 660** |
| **Impenji kuntrattwali** | 5.15 | **806** | **567** |
| **Impenji Totali għall-finanzjament fil-futur** | | **486 245** | **94 043** |

L-obbligazzjonijiet u l-impenji kollha kontinġenti jiġu ffinanzjati, meta jkunu dovuti, mill-baġit tal-Komunitajiet fis-snin li ġejjin. Il-baġit tal-Komunitajiet huwa ffinanzjat mill-Istati Membri.

*ASSI KONTINĠENTI*

## 5.1. GARANZIJI RIĊEVUTI

### 5.1.1. *Garanziji rċevuti fir-rigward ta' prefinanzjament*

Dawn huma garanziji li l-Komunitajiet Ewropej jitolbu mingħand il-benefiċjarji meta jħallsu pagamenti bil-quddiem (prefinanzjament). Hemm żewġ valuri li għandhom jiġu żvelati għal dan it-tip ta' garanzija, il-valur "nominali" u dak "kurrenti". Għall-valur "nominali", l-avveniment ġenerattiv huwa marbut mal-eżistenza tal-garanzija. Il-valur nominali huwa żvelat bħala assi kontinġenti. Għall-valur "kurrenti", l-avveniment ġenerattiv tal-garanzija huwa l-ħlas tal-prefinanzjament u/jew l-approvazzjonijiet sussegwenti. Il-valur "kurrenti" huwa żvelat fin-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

Fil-31 ta' Diċembru 2007, il-valur "nominali" tal-garanziji riċevuti mingħand il-Kummissjoni fir-rigward tal-ammonti ta' prefinanzjament huwa ta' EUR 1 007 miljun imqabbla ma' EUR 772 miljun għall-valur "kurrenti". Ara wkoll in-noti **E.2.5** u **E.2.9** għal aktar dettalji dwar il-prefinanzjament għal perjodu qasir jew twil.

### 5.1.2. *Garanziji riċevuti fir-rigward ta' każijiet pendenti ta' multi*

Dawn huma garanziji riċevuti mid-destinatarju ta' multa tal-Komunitajiet li jkun jixtieq jappella minn din il-multa. Garanzija bankarja tista' tingħata għall-ammont tal-multa (u l-imgħax) in kwistjoni minflok ma jsir pagament provviżorju.

5.1.3. ***Garanziji oħra riċevuti***

*miljuni ta' EUR*

| | 31.12.2007 | 31.12.2006 |
|---|---|---|
| Self Euratom: garanziji minn pajjiżi terzi | 474 | 436 |
| Garanziji għall-implimentazzjoni | 217 | 402 |
| Garanziji rċevuti bħala parti minn offerti | 4 | 5 |
| Garanziji għal dewmien fil-pagament | 6 | 18 |
| Oħrajn | 83 | 93 |
| **Total** | **784** | **954** |

Il-Kummissjoni rċeviet garanziji minn garanti terzi fir-rigward ta' self mogħti permezz tal-Euratom. Il-Kummissjoni ma rċevietx garanziji minn terzi persuni għal self mogħti taħt l-iskema ta' asistenza finanzjarja (MFA). Madanakollu, dan is-self huwa garantit mill-Fond tal-Garanzija. Garanziji tal-implimentazzjoni xi drabi jintalbu sabiex jiżguraw li benefiċjarji tal-għoti ta' fondi tal-Komunitajiet iwettqu l-obbligazzjonijiet tal-kuntratti tagħhom mal-Komunitajiet. Garanziji oħra jinkludu EUR 73 miljun fil-31 ta' Diċembru 2007 (2006: EUR 83 miljun) fir-rigward ta' garanziji rċevuti mill-KEFA f'likwidazzjoni għall-garanziji mogħtija (kif speċifikat fil-kuntratti relatati).

5.2. **FTEHIMIET TA' SELF IFFIRMATI**

Dawn huma ftehimiet ta' teħid b'self li għamlu l-Komunitajiet iżda li għadhom ma nġibdux il-fondi tagħhom qabel l-aħħar tas-sena — ma kien hemm l-ebda wieħed minn dawn fil-31 ta' Diċembru 2007 jew 2006.

5.3. **FRODI U IRREGOLARITAJIET — AZZJONIJIET STRUTTURALI**

It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta l-ammont potenzjali tal-irkupri li jistgħu jsiru mill-Istati Membri wara li jinstabu pretensjonijiet irregolari fuq fondi strutturali. Hija bbażata fuq rapporti formali sottomessi mill-Istati Membri skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1681/94, bl-ammonti mqassma skont l-Istati Membri.

It-tabella ta' hawn taħt turi l-ammonti identifikati mill-Istati Membri bħala li għadhom iridu jiġu rkuprati.

**ASSI KONTINĠENTI: KAŻIJIET TA' FRODI U IRREGOLARITAJIET**

*miljuni ta' EUR*

| Stat Membru | 31.12.2007 | 31.12.2006 |
|---|---|---|
| L-Awstrija | 15 | 15 |
| Il-Belġju | 16 | 15 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 1 | 0 |
| Id-Danimarka | 10 | 12 |
| L-Estonja | 1 | 0 |
| Il-Finlandja | 3 | 3 |
| Franza | 12 | 13 |
| Il-Ġermanja | 592 | 580 |
| Il-Greċja | 69 | 65 |
| L-Ungerija | 1 | 0 |
| L-Irlanda | 1 | 2 |
| l-Italja | 434 | 412 |
| Il-Latvja | 1 | 0 |
| L-Olanda | 12 | 12 |
| Il-Polonja | 11 | 1 |

*miljuni ta' EUR*

| Stat Membru | 31.12.2007 | 31.12.2006 |
|---|---|---|
| Il-Portugall | 83 | 73 |
| Is-Slovakkja | 1 | 0 |
| Is-Slovenja | 0 | 1 |
| Spanja | 249 | 157 |
| L-Iżvezja | 2 | 1 |
| Ir-Renju Unit | 178 | 115 |
| **Total** | **1 692** | **1 477** |

Il-figuri mogħtija f'din it-tabella jirrappreżentaw massimu teoretiku minflok l-ammonti li fil-fatt ser ikunu disponibbli għall-baġit tal-Komunitajiet, għar-raġunijiet li ġejjin:

— L-Istati Membri ma jirrapurtawx dejjem ir-riżultati tal-operazzjonijiet ta' rkupru tagħhom.

— Minkejja li l-Istati Membri huma marbuta li jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-probabbiltà tal-irkupru, huwa impossibbli li jiġi stabbilit eżatt liema proporzjon tal-ammonti li għadhom iridu jiġu rkupruati fil-fatt se jiġu rkuprati. Il-liġijiet nazzjonali minn xi drabi jipprovdu għall-perjodu ta' limitazzjoni ta' 30 sena, li jistgħu tabilħaqq iwasslu lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex idewmu t-tneħħija formali tad-debitu anke jekk il-possibbiltajiet ta' rkupru jkunu biss teoretiċi. Għal operazzjonijiet strutturali, l-Istati Membri jridu issa jibagħtu lill-Kummissjoni ta' darba f'sena prospett tal-ammonti li qegħdin jistennew irkupru (Artikolu 8 ta' Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 438/2001) sabiex jagħtu stampa aktar ċara tas-sitwazzjoni attwali.

— Anki jekk l-Istat Membru kkonċernat iniedi proċeduri ta' rkupru fil-ħin, mhux dejjem huwa garantit riżultat pożittiv. Dan huwa partikolarment il-każ fejn l-ordnijiet ta' rkupru jiġu kkontestati fil-qrati.

— Proġetti individwali huma kofinanzjati bħala parti mill-programmi multiannwali. Sakemm programm multiannwali ma jiġix magħluq, huwa impossibbli li titqiegħed figura eżatta fuq l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati għaliex il-finanzjament użat għal infiq irregolari jista', f'xi ċirkustanzi, jiġu riallokat għal proġetti oħrajn leġittimi u għaliex pagamenti sussegwenti, b'mod partikolari pagamenti finali, jistgħu minn xi drabi jiġu użati bħala mezz ta' aġġustament għal infiq irregolari preċedenti. Il-figuri f'dawn it-tabelli huma figuri proviżorji bbażati fuq ir-rapporti rċevuti u pproċessati sal-aħħar ta' Frar 2007. Dawn il-figuri jistgħu għalhekk jinbidlu skont rapporti oħra li jidħlu tard.

Il-prospetti ta' rkupru f'każijiet individwali ma jistgħux jiġu valutati bi preċiżjoni biżżejjed mill-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri. Il-movimenti prinċipali sa mill-2006 jirrigwardaw żidiet li jikkonċernaw: Każijiet tal-Fond Soċjali Ewropew (l-Italja, EUR 11-il miljun); Każijiet tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp u Reġjonali (ir-Renju Unit EUR 40 mijun, Spanja EUR 109 miljun, il-Polonja EUR 10 miljun, u l-Ġermanja EUR 10 miljun); il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (ir-Renju Unit EUR 23 miljun); u każijiet tal-Fond ta' Koeżjoni (Spanja: EUR 30 miljun). L-ammonti dovuti minn Spanja li jirrigwardaw każijiet tal-Fond Soċjali Ewropew naqsu b'EUR 50 miljun meta mqabbla mal-2006.

Huma inklużi wkoll taħt din l-intestatura EUR 9 miljun fir-rigward ta' ammonti tal-Gwida EAGGF għall-perjodu 1994-1999.

## 5.4. ASSI KONTINĠENTI OĦRA

Ħafna min-nefqa tal-KE hija min-natura tagħha provviżorja ladarba, għal raġunijiet ta' kontroll u ġestjoni finanzjarja tajba, il-Kummissjoni żżomm id-dritt li tivverifika/tikkontrolla/tapprova fondi mħallsa qabel ma tiddikjarahom bħala finali. Għalhekk, sakemm ammont/ proġett/ programm speċifiku jkun ġie ddikjarat eliġibbli f'konformità mal-kuntratt u jew regolament relevanti, tibqal-possibilità li l-fondi jiġu rkuprati mill-benefiċjarji, jew li ħlasijiet futuri jkunu mnaqqsa. Il-Kummissjoni għandha d-dritt li tagħmel kontrolli wara l-aħħar pagament, u jekk neċessarju tirkupra ammonti li ma kellhomx jitħallsu.

### 5.4.1. *Ammonti kwantifikati*

Għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, l-ammonti ddikjarati mill-Istati Membri jibqgħu provviżorji sakemm il-kontijiet annwali jiġu approvati, fil-prinċipju sat-30 ta' April N+1 abbażi taċ-ċertifikazzjoni annwali u valutazzjoni mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' wkoll tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji taħt "deċiżjonijiet ta' konformità" iżda biss għal perjodu limitat għall-24 xahar qabel issir verifika fuq qasam speċifiku ta' nfiq iddikjarat minn Stat Membru speċifiku. Għalhekk, ammont ta' EUR 1,515 miljun huma inklużi hawn bħala assi kontinġenti, u dawn huma stimi ta' ammonti li għandhom jiġu riċevuti taħt id-deċiżjonijiet tal-korrezzjonijiet finanzjarji tal-konformità agrikola għall-verifiki li jkopru ċertu nfiq iddikjarat fil-perjodu 2001-2006. Dawn l-ammonti ma ġewx rikonoxxuti fuq il-karta tal-bilanċ minħabba li għadhom mhux definittivi.

Din is-sena ammont ta' EUR 2,9 biljun ġew ukoll inklużi bħala assi kontinġenti fir-rigward ta' korrezzjonijiet finanzjarji potenzjali li għandhom jiġu rkuprati mill-Istati Membri. Dan l-ammont huwa bbażat fuq osservazzjonijiet tal-verifika tal-Kummissjoni u dawk tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li kollha kemm huma qed jiġu segwiti mid-Direttorati Ġenerali. Din hija l-aħjar stima fiż-żmien tal-għeluq tal-kontijiet tal-2007, u tieħu in kunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tas-segwitu tal-verifiki, l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni ta' rimedju u l-ittri tal-pożizzjonijiet finali maħruġa. Dan l-ammont jista' jinbidel wara l-proċedura għas-sospensjonijiet u l-korezzjonijiet finanzjarji, li fiha l-Istati Membri jingħataw l-opportunità li jippreżentaw, f'seduta, aktar provi sabiex jappoġġjaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom.

### 5.4.2. *Ammonti mhux kwantifikati*

**Il-Fond ta' Garanzija tal-Parteċipanti**

Il-Fond ta' Garanzija tal-Parteċipanti (PGF) huwa strument ta' benefiċċju reċpiproku mwaqqaf taħt is-Seba' Programm ta' Qafas għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (FP7). L-għan ewlieni tiegħu huwa li jkopri r-riskji finanzjarji tal-Komunitajiet u l-parteċipanti matul l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet indiretti tal-FP7, li l-kapital u l-imgħax tiegħu jikkostitwixxu sigurtà għall-implimentazzjoni. Il-parteċipanti kollha ta' azzjonijiet indiretti li jieħdu l-forma ta' għotja jikkontribwixxu għall-kapital tiegħu għat-tul tal-azzjoni. Bħala tali huma s-sidien tal-PGF, u l-Komunitajiet irrappreżentati mill-Kummissjoni huma l-aġent eżekuttiv tagħhom. Fi tmiem ta' azzjoni indiretta, il-parteċipanti jirkupraw il-kontribuzzjoni tagħhom b'mod sħiħ, ħlief fejn il-PGF isofri telf dovut għal benefiċjarji li jonqsu mill-ħlasijiet tagħhom — u f'dan il-każ, il-parteċipanti għandhom jirkupraw, bħala minimu, 80 % tal-kontribuzzjoni tagħhom.

Il-Fond ta' Garanzija tal-Parteċipanti jiggarantixxi l-imgħax finanzjarju sew tal-Komunitajiet u kif ukoll tal-parteċipanti. Bħal tali, il-PGF jista' jitqies bħala assi kontinġenti tal-Komunitajiet, iżda madankollu, l-ammont tal-assi kontinġenti jiddependi fuq jekk iseħħux jew le numru ta' avvenimenti futuri inċerti u għalhekk ma jistax jiġi kkalkulat b'mod affidabbli fil-preżent. Għalhekk, mhuwa muri l-ebda ammont bħala assi kontinġenti. Għall-informazzjoni, fil-31 ta' Diċembru 2007, ammont totali ta' EUR 38 miljun ġew ikkontribwiti lill-PGF mill-parteċipanti.

*OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI*

## 5.5. GARANZIJI MOGĦTIJA

### 5.5.1. *Fuq self mogħti mill-Fond Ewropew għall-Investiment (EIB) mir-riżorsi tiegħu stess.*

*miljuni ta' EUR*

| | Qsim tar-riskju 31.12.2007 | Mingħajr qsim tar-riskju 31.12.2007 | | Pendenti tal-31.12.2007 Total | Pendenti 31.12.2006 |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Awtorità pubblika | Kumpanija privata | | |
| 65 % garantit | 1 756 | 7 063 | 1 319 | **10 138** | 8 040 |
| 70 % garantit | 191 | 2 799 | 235 | **3 225** | 3 747 |
| 75 % garantit | 0 | 1 116 | 129 | **1 245** | 1 487 |
| 100 % garantit | 0 | 886 | 293 | **1 179** | 1 518 |
| **Total** | **1 947** | **11 864** | **1 976** | **15 787** | **14 792** |

Il-Baġit tal-Komunitajiet jiggarantixxi self iffirmat u mogħti mill-BEI mir-riżorsi tiegħu stess lil pajjiżi terzi fil-31 ta' Diċembru 2007 (inkluż self mogħti lil Stati Membri qabel l-adeżjoni tagħhom). Madanakollu, il-garanzija tal-Komunità hija limitata għal perċentwal tal-massimu tal-linji ta' kreditu awtorizzati: 65 %, 70 %, 75 % jew 100 %. Fejn il-massimu ma jintlaħaqx, il-garanzija tal-Komunitajiet tkopri l-ammont kollu. Fil-31 ta' Diċembru 2007, l-ammont pendenti kien ta' EUR 15 787 miljun (2006: EUR 14 792 miljun) u dan, għalhekk, huwa r-riskju massimu ffaċċat mill-Komunitajiet.

Għal self kopert mill-garanziji tal-baġit tal-Komunitajiet, l-EIB jikseb ukoll garanziji minn partijiet terzi (Stati, istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi jew privati); f'dawn il-każijiet il-Kummissjoni hija garanti sekondarja. Il-garanzija tal-baġit tal-Komunitajiet tkopri biss r-riskju politiku tal-garanziji pprovduti taħt it-titolu ta' "qsim tar-riskji". Ir-riskji l-oħra huma koperti mill-EIB jekk il-garanti primarju ma jonorax l-obbligi tiegħu. Għall-garanziji pprovduti taħt it-titolu ta' "mingħajr qsim tar-riskju", ir-riskji kollha huma koperti mill-baġit tal-Komunitajiet jekk il-garanti primarju ma jonorax l-obbligi tiegħu. Jekk il-garanti primarju huwa awtorità pubblika dawn ir-riskji huma bħala regola limitati għar-riskju politiku, iżda meta l-garanziji huma pprovduti minn istituzzjoni jew kumpanija privata, il-baġit tal-Komunità jista' jkollu jkopri wkoll ir-riskju kummerċjali.

5.5.2. ***Garanziji oħra mogħtija***

Taħt il-Faċilità Finanzjarja tal-Qsim tar-Riskju (RSFF), il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni tintuża bħala proviżjoni għar-riskju finanzjarju fuq self u garanziji mogħtija mill-BEI għal proġetti ta' riċerka eliġibbli. B'kollox, huwa previst baġit tal-Kummissjoni li jammonta sa' EUR 1 biljun għall-perjodu 2007-2013 li minnhom sa EUR 800 miljun huma mill-programm speċifiku "Kooperazzjoni" u sa EUR 200 miljun huma mill-programmi speċifiċi "Kapaċitajiet". L-EIB impenja ruħu li jipprovdi l-istess ammont.

Ammont ta' EUR 34 miljun ġie bblukkat mill-Kummissjoni bħala "Allokazzjoni Kapitali". Din l-Allokazzjoni Kapitali tkopri telf mhux mistenni fuq self u garanziji mogħtija mill-BEI fil-qafas tal-RSFF. Dan huwa t-telf massimu li l-Kummissjoni tista' ssofri fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas lura ta' self jew garanziji mogħtija. Dan huwa l-limitu massimu tal-garanzija mogħtija mill-Kummissjoni fir-rigward tal-RSFF u huwa għalhekk meqjus bħala obbligazzjoni kontinġenti tal-KE.

Bħala parti mill-programm MEDA, il-Kummissjoni ħolqot mekkaniżmu ta' garanzija permezz ta' Fond speċifiku, li se jibbenefika lil żewġ organizzazzjonijiet Marokkini, jiġifieri l-Caisse Centrale de Garantie u l-Fonds Dar Ad-Damane. Fil-31 ta' Diċembru 2007, il-volum totali ta' faċilitajiet ta' kreditu jammonta għal MAD 1 050 miljun, li minnhom MAD 465 miljun (EUR 41 miljun) jaqgħu taħt il-garanzija tal-Kummissjoni.

5.6. **MULTI**

Dawn l-ammonti jirrigwardaw multi imposti mill-Kummissjoni għal ksur ta' regoli tal-kompetizzjoni li ġew imħallsa provviżorjament u fejn jew sar appell jew mhux magħruf jekk hux se jsir appell. L-obbligazzjoni kontinġenti tinżamm sa meta deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-każ tkun finali. Imgħax miksub fuq pagamenti proviżorji (309 miljun EUR) huwa inkluż fir-riżultat ekonomiku għas-sena u wkoll bħala passiv kontinġenti sabiex jirrifletti l-inċertezza tat-titolu tal-Kummissjoni għal dawn l-ammonti.

5.7. **EAGF — SENTENZI PENDENTI TAL-QORTI**

Dawn huma obbligazzjonijiet kontinġenti lejn l-Istati Membri konnessi mad-deċiżjonijiet ta' konformità tal-EAGF, sakemm ikun hemm sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Id-determinazzjoni tal-ammont finali tal-obbligazzjoni u s-sena li fiha l-effett ta' appell li jirnexxi jkun attribwit lill-baġit jiddependu fuq it-tul tal-proċeduri quddiem il-Qorti. Stima tal-ammonti probabbli li għandhom jitħallsu (216 miljun EUR) ġiet inkluża bħala proviżjoni għat-tul fil-karta tal-bilanċ — ara n-nota **E.2.13**.

5.8. **AMMONTI RELATATI MA' KAWŻI LEGALI U TILWIM IEĦOR**

Din l-intestatura għandha x'taqsam ma' azzjonijiet għad-danni li fil-preżent qed jinġiebu kontra l-Komunitajiet, tilwimiet legali oħra u l-ispejjeż legali stmati. L-ammonti l-aktar sinifikanti huma mqassra hawn taħt:

— Azzjoni li nġiebet kontriha f'Ġunju 2003 fir-rigward ta' deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni. Il-pretensjoni inizjali hija għal GBP 518 miljun. Il-Kummissjoni ppreżentat ir-risposta tagħha fi Frar 2005. F'Mejju 2008, il-pretensjoni tnaqqset għal GBP 257 miljun. Is-sentenza hija mistennija aktar tard matul l-2008.

— Azzjoni li nġiebet kontriha f'Ottubru 2003, fir-rigward ta' deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni. Il-pretensjoni kienet għal ammont ta' EUR 1 664 miljun. Il-Qorti tal-Prim Istanza (CFI) tat sentenza dwar dan il-każ f'Lulju 2007 fejn ikkundannat lill-Kummissjoni sabiex tħallas danni. Madankollu, dawn id-danni ma ġewx kwantifikati mill-Qorti. Għad irid jiġi appuntat espert indipendenti u l-ebda stima affidabbli tad-danni m'hi disponibbli. Minbarra dan, l-appell tal-Kummissjoni kontra s-sentenza tas-CFI għadu pendenti. Fid-dawl ta' dawn l-elementi ta' inċertezza, l-obbligazzjoni kontinġenti qed tinżamm fuq il-valur tal-pretensjoni oriġinali.

Ammonti oħra huma relatati ma' tilwimiet li jinvolvu fornituri, kuntratturi u eks-membri tal-persunal. Għandu jiġi nnutat illi f'azzjoni għad-danni taħt Artikolu 288 KE l-applikant għandu juri ksur serju biżżejjed, mill-istituzzjoni, tar-regola tal-liġi maħsuba sabiex tagħti drittijiet lill-individwi, dannu reali li sofra l-applikant, u rabta ta' kawża u effett bejn l-att illegali u d-dannu.

5.9. **OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI OĦRA**

Hija inkluża wkoll taħt din l-intestatura l-obbligazzjoni possibbli, stmata li hi ta' EUR 5 miljun, li tirrigwarda ċerti spejjeż ta' qerda tal-mard li jistgħu jkollhom jinġarru mill-baġit tal-Kummissjoni.

*IMPENJI GĦAL FINANZJAMENT FUTUR*

5.10. **IMPENJI LI MA ĠEWX UŻATI**

Dawn huma ftehimiet ta' self u ta' investimenti f'ekwità li tagħhom huma parti l-Kummissjoni u l-KEFA f'likwidazzjoni (mhux koperti mill-RAL) iżda li ma nġibdux kollha mill-parti l-oħra qabel l-aħħar tas-sena.

5.11. **IMPENJI KONTRA APPROPRJAZZJONIJIET LI GĦADHOM MHUMIEX IKKUNSMATI**

Ir-RAL ("Reste à Liquider") tal-baġit huwa ammont li jirrappreżenta l-impenji miftuħa li għalihom għadhom ma sarux il-ħlasijiet u/jew diżimpenji. Fil-31 ta' Diċembru 2007, ir-RAL tal-baġit kien jammonta għal EUR 138 740 miljun. L-ammont li ġie indikat bħala impenn futur li għandu jiġi ffinanzjat huwa dan ir-RAL tal-baġit li minnu jitnaqqsu l-ammonti relatati li ġew inklużi bħala spejjeż fil-Kont tar-Riżultat Ekonomiku tal-2007, li jagħti total ta' EUR 95 992 biljun.

Ir-RAL tal-baġit hija l-konsegwenza normali tal-eżistenza ta' programmi multiannwali. Sabiex ikun aktar ċar minn xiex jikkonsisti dan l-ammont, ġie deċiż li jiġu identifikati separatament l-eqdem impenji jew dawk li fir-rigward tagħhom l-ebda ċaqliq ma ġie nnutat. Għalhekk, il-kunċett ta' "RAL Potenzjalment Anormali" (PAR) ġie definit. Dan jikkonsisti f'dawk l-impenji li jissodisfaw waħda miż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

— Impenji li jkun ilhom aktar minn ħames snin.

— Impenji li għalihom ebda tranżazzjoni ta' kontabilità (ħlas jew diżimpenn) ma ġiet innutata matul l-aħħar sentejn.

Bħala riżultat tad-dikjarazzjonijiet konġunti ta' Novembru 2002 u 2003, il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill enfasizzaw il-bżonn li gradwalment jitneħħa dan ir-RAL potenzjalment anormali. Għalhekk fil-bidu ta' kull sena finanzjarja l-impenji li jaqgħu taħt din id-definizzjoni huma identifikati u huma s-suġġett ta' analiżi individwali. Dawn l-impenji huma kklassifikati fi 8 kategoriji separati skont il-każ ipotetiku identifikat. Huwa essenzjali li wieħed jinnota li l-maġġoranza tal-impenji li jissodisfaw il-kriterju tal-PAR huma kklassifikati mis-servizzi bħala impenji jew kuntratti normali li għadhom miftuħa (minkejja l-fatt li d-data li fiha l-fattura/dokumentazzjoni ta' appoġġ kienet dovuta diġà għaddiet). L-għan tal-eżerċizzju annwali tal-PAR huwa li jiġi mminimizzat is-sehem ta' RAL mhux ġustifikati billi jiġi eżaminat kull impenn potenzjalment anormali, jiġu aġġornati l-klassifikazzjonijiet tas-servizzi u jiġi aċċertat li l-impenji relatati mal-kuntratti li jistgħu jingħalqu huma fil-fatt eliminati.

5.12. **IMPENJI LEGALI DWAR AZZJONIJIET MULTIANNWALI**

Dawn l-impenji oriġinaw minħabba li l-Kummissjoni ddeċidiet li tidħol f'impenji legali fit-tul fir-rigward ta' ammonti li kienu għadhom mhumiex koperti minn approprjazzjonijiet għall-impenji fil-baġit. Mhux il-programmi multiannwali kollha fihom impenji li jirrikjedu inklużjoni taħt din l-intestatura ladarba n-nefqa fis-snin futuri hija kkundizzjonata mid-deċiżjonijiet annwali tal-awtorità tal-baġit jew minn bidliet fir-regoli kkonċernati.

5.12.1. ***Operazzjonijiet Strutturali***

It-tabella ta' hawn taħt turi tqabbil bejn l-impenji legali li għalihom għadhom ma sarux impenji tal-baġit u l-impenji massimi fir-rigward tal-ammonti previsti fil-qafas finanzjarju (il-perspettiva finanzjarja) 2007-2013:

*miljuni ta' EUR*

| | Ammonti tal-Perspettiva finanzjarja 2007-2013 (A) | Impenji legali konklużi (B) | Impenji tal-baġit 2007 (C) | Impenji legali bl-impenji tal-baġit imnaqqsa minnhom (= B - C) | Impenn massimu (= A - C) |
|---|---|---|---|---|---|
| Fondi tal-politika ta' koeżjoni | 346 542 | 341 514 | 44 822 | 296 692 | 301 720 |
| Riżorsi Naturali | 92 599 | 67 816 | 9 941 | 57 875 | 82 658 |
| Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni | 1 629 | 1 629 | 285 | 1 344 | 1 344 |
| **Total** | **440 770** | **410 959** | **55 048** | **355 911** | **385 722** |

L-Operazzjonijiet Strutturali jirrappreżentaw l-għajnuna ppjanata għall-perjodu 2007-2013. Perjodu ġdid tal-Qafas Finanzjarju beda fl-2007 u l-format u l-għanijiet huma differenti minn dawk tal-perjodu preċedenti. Minħabba li dan huwa l-bidu ta' perjodu ġdid, l-impenji legali huma pjuttost sinifikanti, partikolarment meta mqabbla mal-2006 fejn ma kien hemm l-ebda ammont li kellu jintwera għax ma kien hemm l-ebda impenji pendenti fil-31 ta' Diċembru 2006.

5.12.2. ***Protokolli ma' Pajjiżi Mediterranji***

L-impenji magħmula taħt protokolli finanzjarji ma' pajjiżi tal-Meditterran li mhumiex membri: l-ammont inkluż hawnhekk huwa d-differenza bejn l-ammont totali tal-protokolli ffirmati u l-ammont tal-impenji tal-baġit li ddaħħlu fil-kontijiet. Dawn il-Protokolli huma trattati internazzjonali li ma jistgħux jitħassru mingħajr il-qbil taż-żewġ partijiet, għalkemm il-proċess (tal-għeluq tagħhom) jinsab għaddej.

5.12.3. ***Ftehimiet tas-sajd***

Il-ftehimiet tas-sajd ikopru l-impenji li saru ma' terzi għal operazzjonijiet oħra taħt l-azzjonijiet esterni u tas-sajd, fuq perjodu ta' żmien fiss.

5.13. **KONTRIBUZZJONIJIET GĦAL ORGANIZZAZZJONIJIET RELATATI**

Din is-somma tirrappreżenta ħlasijiet pendenti fuq kapital li mhux imsejjaħ sottoskritt mill-Kummissjoni.

5.13.1. ***Kapital azzjonarju mhux imsejjaħ: EBRD***

*miljuni ta' EUR*

| EBRD | Total kapital EBRD | Sottoskrizzjoni tal-Kummissjoni |
|---|---|---|
| Kapital | 19 794 | 600 |
| Imħallas | (5 198) | (157) |
| Mhux Imsejjaħ | 14 596 | **443** |

5.13.2. ***Kapital azzjonarju mhux imsejjaħ: EIF***

*miljuni ta' EUR*

| EIF | Total kapital EIF | Sottoskrizzjoni tal-Kummissjoni |
|---|---|---|
| Kapital | 2 770 | 691 |
| Imħallas | (554) | (138) |
| Mhux Imsejjaħ | 2 216 | **553** |

Fil-Laqgħa Annwali Ġenerali tal-Azzjonisti tal-EIF li saret fis-7 ta' Mejju 2007, ġie deċiż li jinħarġu 1 000 sehem ġdid identiċi għall-2 000 eżistenti (b'valur nominali ta' EUR 1 miljun kull wieħed; imħallsa bir-rata ta' 20 %). L-azzjonisti tal-Fond għandhom l-għażla li jissottoskrivu pro-rata, fuq id-diskrezzjoni tagħhom, fuq perjodu ta' erba' snin sa jibda fl-2007 u jintemm fl-2010 għal dawn l-ishma l-ġodda. L-EIB se jissottoskrivi sat-30 ta' Ġunju 2010 għall-ishma kollha li l-azzjonisti l-oħra ma jkunux għadhom issottoskrivew għalihom.

Matul l-2007, total ta' 770 sehem b'ammont nominali ta' EUR 1 biljun kull sehem kienu sottoskritti mill-azzjonisti tal-EIF. Il-primjum fuq kull sehem kien ta' EUR 136 544,84. Il-Komunitajiet issottoskrivew għal 91 sehem, li minnhom 20 % tal-ammont nominali u l-primjum tħallsu fl-2007. Il-parteċpazzjoni tal-Komunitajiet hija limitata għal 900 sehem (ta' EUR 900 miljun).

5.14. **IMPENJI TA' KIRJIET OPERATTIVI**

*miljuni ta' EUR*

| Deskrizzjoni | Ammonti futuri li għandhom jitħallsu | | | |
|---|---|---|---|---|
| | < 1 sena | 1 — 5 snin | > 5 snin | Total |
| Proprjetà immobbli | 268 | 889 | 823 | 1 980 |
| Materjali tal-IT u tagħmir ieħor | 8 | 12 | 3 | 23 |
| **Total** | **276** | **901** | **826** | **2 003** |

Din l-intestatura tkopri bini u tagħmir ieħor mikri taħt kuntratti ta' kirjiet operattivi li ma jilħqux il-kundizzjonijiet għad-dħul fl-assi tal-karta tal-bilanċ. L-ammonti indikati jikkorrispondu ma' impenji li għadhom iridu jitħallsu matul it-terminu tal-kuntratti.

Fl-2007, EUR 275 miljun ġew rikonoxxuti bħala spiża fil-kont tar-riżultat ekonomiku fir-rigward tal-kirjiet operattivi.

### 5.15. **IMPENJI KUNTRATTWALI**

Din l-intestatura tkopri ammonti li l-Komunitajiet Ewropej huma impenjati li jħallsu fil-futur taħt il-kuntratti eżistenti fid-data tal-karta tal-bilanċ. Huma jkopru primarjament kuntratti multiannwali li jirrigwardaw il-forniment ta' servizzi bħas-sigurtà, it-tindif, eċċ, iżda wkoll impenji kuntrattwali li jirrigwardaw proġetti speċifiċi bħal xogħlijiet tal-bini. L-ammonti indikati jikkorrispondu ma' ammonti li ġew impenjati sabiex jitħallsu matul it-terminu tal-kuntratti.

Inkluża hawn hija l-obbligazzjoni kuntrattwali pendenti ta' EUR 22 miljun li tirrigwarda kuntratti relatati mal-bini tal-Kunsill, u kif ukoll EUR 367 miljun li jirrigwardaw kuntratti ta' bini tal-Parlament. L-ammont l-ieħor sinifikanti inkluż huwa 348 miljun EUR li jirrigwarda l-estensjoni tal-bini tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Lussemburgu.

## 6. IRKUPRU TA' ĦLASIJIET MHUX DOVUTI

### 6.1. **DAĦLA**

L-irkupru ta' ħlasijiet mhux dovuti huwa l-aħħar fażi fl-operazzjoni tas-sistemi ta' kontroll, u l-evalwazzjoni ta' dawn l-irkupri hija essenzjali sabiex tintwera ġestjoni finanzjarja tajba. L-ammonti rkuprati ġeneralment jirrigwardaw infiq ikkontabilizzat fi snin preċedenti, li jkun dovut fiż-żmien li jgħaddi bejn id-data tal-ħlas u dik ta' verifika ex-post, u ż-żmien meħtieġ għal proċeduri kontradittorji u sabiex jiġi stabbilit l-ammont finalment dovut. Fil-qasam tal-agrikoltura, dan iż-żmien huwa estiż aktar jekk l-Istat Membru kkonċernat jitlob proċedura ta' konċiljazzjoni.

Meta jkunu qed jikkontrollaw proġett iffinanzjat mill-UE, l-awdituri jippruvaw li jivverifikaw l-applikazzjoni korretta tar-regoli finanzjarji u kuntrattwali li xi kultant huma kumplikati. Minkejja li żbalji, irregolaritajiet u frodi jistgħu jseħħu fi kwalunkwe stadju ta' proġett jew kuntratt tal-UE, huwa l-aktar probabbli li dawn jinstabu fl-istadju finali: jiġifieri meta l-benefiċjarju jibgħat it-talba għall-ħlas finali.

L-għan ta' dan il-kapitolu huwa li jagħti ħarsa lejn il-proċedura stabbilita għall-irkupru ta' ħlasijiet mhux dovuti u jippreżenta l-aħjar estimu tal-ammont totali. Hemm bosta modi kif jiġu rkuprati l-ħlasijiet tard mill-Kummissjoni Ewropea fejn ikun hemm każ ċar ta' żball jew irregolarità finanzjarji, li huma spjegati hawn isfel. Għall-Azzjonijiet Strutturali, meta jsiru avvanzi li jkunu ogħla mill-ispejjeż finali ta' proġett, irid jiġi rkuprat il-prefinanzjament mhux użat. Dawn l-irkupri mhumiex meqjusa bħala rkupru ta' żbalji jew irregolaritajiet, u huma għalhekk esklużi mill-analiżi ta' hawn isfel.

### 6.2. **IRKUPRU TA' ĦLASIJIET MHUX DOVUTI MAGĦMULA TAĦT IL-ĠESTJONI MAQSUMA**

Madwar 80 % tal-baġit huwa ġestit konġuntament bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri. Din innefqa tal-ġestjoni maqsuma tinkludi prinċipalment infiq fuq l-agrikoltura, l-azzjonijiet strutturali u s-sajd.

Meta l-Kummissjoni Ewropea timplimenta l-baġit b'ġestjoni maqsuma, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-implimentazzjoni, inkluża l-korrezzjoni tan-nefqa ineliġibbli, huma delegati lill-Istati Membri: għaldaqstant huma primarjament responsabbli għall-korrezzjoni tal-irregolaritajiet imwettqa mill-benefiċjarji. Il-Kummissjoni Ewropea għandha rwol ta' superviżjoni ġenerali: hija tikkontrolla s-suffiċjenza tal-ġestjoni finanzjarja tal-Istati Membri u timponi korrezzjonijiet jekk hi ssib li Stat Membru ma kienx ħares b'mod adegwat il-baġit tal-KE minn irregolaritajiet. Dawn il-korrezzjonijiet jistgħu jirriżultaw minn verifiki u kontrolli mwettqa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri jew investigazzjonijiet tal-OLAF.

Il-katina tal-kontroll ma tkunx kompluta mingħajr mekkaniżmu li jassigura li l-Istati Membri jwettqu l-ħidma tagħhom b'mod korrett u li, jekk huma jonqsu milli jagħmlu dan, jimponi l-konsegwenzi finanzjarji neċessarji.

Il-Kummissjoni għandha l-poter li tapplika korrezzjonijiet estrapolati jew b'rata fissa f'ċerti każijiet fejn ma jkunx possibbli jew prattikabbli li jiġi kkwantifikat b'mod preċiż l-ammont tal-infiq irregolari, jew fejn ikun sproporzjonat li n-nefqa kkonċernata tiġi kkanċellata b'mod sħiħ. L-estrapolazzjoni tintuża fejn ikun hemm riżultati ta' kampjun rappreżentattiv ta' fajls disponibbli fir-rigward ta' irregolarità sistemika. Korrezzjonijiet b'rata fissa huma applikati fil-każ ta' ksur individwali jew irregolaritajiet sistemiċi fejn l-impatt finanzjarju ma jistax jiġu kkwantifikat b'mod preċiż minħabba li huwa suġġett għal numru kbir wisq ta' elementi varjabbli jew minħabba li l-effetti tiegħu huma diffużi.

### 6.2.1. *Irkupru ta' nfiq iddebitat għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali*

Taħt l-EAGF u l-EARDF, li ħadu post it-taqsima Garanzija tal-EAGGF, il-mekkaniżmu tal-irkupru jikkonsisti fl-approvazzjoni tal-kontijiet u l-irkupru tal-irregolaritajiet.

#### Il-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet

Il-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet hija operata mill-Kummissjoni u tinkludi approvazzjoni finanzjarja annwali tal-kontijiet ta' kull aġenzija tal-ħlas u approvazzjoni multiannwali tal-konformità li tkopri l-konformità tal-infiq iddikjarat mill-Istati Membri mar-regoli tal-UE. Fil-każ tal-EAGF, dawn l-ammonti kollha huma rreġistrati fil-kont tar-riżultat ekonomiku tal-Kummissjoni bħala dħul. Għall-EARDF, l-ammonti rkuprati mill-Istati Membri nfushom, u kif ukoll dawk li jirriżultaw mill-approvazzjoni finanzjarja annwali tal-kontijiet, huma bħala regola ġenerali riutilizzabbli għall-programm.

*Approvazzjoni finanzjarja:* Il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni annwali tal-approvazzjoni tal-kontijiet, li biha hija formalment taċċetta l-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-ħlas fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet tal-maniġment, u taċ-ċertifikati u r-rapporti milll-korpi taċ-ċertifikazzjoni.

*L-approvazzjoni tal-konformità* hija mfassla sabiex teskludi mill-finanzjament tal-UE nfiq li ma jkunx sar f'konformità mar-regoli tal-UE, biex b'hekk il-baġit Komunitarju jiġi protett kontra spejjeż li m'għandhomx ikunu ddebitati lilu. L-approvazzjoni tal-konformità mhix, għalhekk, mekkaniżmu li bih il-ħlasijiet irregolari jiġu rkuprati direttament mingħand il-benefiċjarji finali. Madankollu, il-korrezzjonijiet finanzjarji huma inċentiva qawwija għall-Istati Membri sabiex itejbu s-sistemi tal-ġestjoni u l-kontroll tagħhom u b'hekk jevitaw jew jidentifikaw u jirkupraw ħlasijiet irregolari lil benefiċjarji finali. Minbarra dan, korrezzjoni ta' konformità ma teħlisx lill-Istat Membru mir-responsabbiltà tiegħu li jsegwi l-irregolaritajiet identifikati, altrimenti tista' tiġi mnedija proċedura ta' ksur. Filwaqt li l-approvazzjoni finanzjarja hija eżerċizzju annwali, l-approvazzjoni tal-konformità ma ssegwix ċiklu annwali. Hija tkopri nefqa li tkun saret f'aktar minn sena finanzjarja waħda, bl-eċċezzjoni ta' nfiq li jsir aktar minn 24 xahar qabel ma l-Kummissjoni uffiċjalment tinnotifika lill-Istat Membru dwar l-osservazzjonijiet tal-verifika tagħha.

*Approvazzjoni finanzjarja ta' ħlasijiet li jsiru mingħajr ma jiġu rrispettati l-iskadenzi regolatorji:* Għas-sistemi ta' appoġġ l-aktar importanti taħt l-EAGF, ir-regolamenti jipprevedu li l-Istati Membri jridu jagħmlu ħlasijiet lill-benefiċjarji sa ċerti limiti ta' żmien. Ir-rispett tal-iskadenzi fissi huwa kkontrollat sistematikament tliet darbiet fis-sena f'konformità mal-Art. 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2006. Fil-każ ta' nuqqas ta' rispett tal-iskadenzi, il-Kummissjoni teffettwa tnaqqis, suġġett għal ċerti konċessjonijiet għal każijiet speċjali u ċirkustanzi eċċezzjonali, u kif ukoll il-proporzjonalità. It-tnaqqis isir fil-kuntest ta' ħlasijiet ta' kull xahar u fl-approvazzjoni finanzjarja annwali. Il-korrezzjonijiet finanzjarji għan-nuqqas ta' rispett tal-iskadenzi għall-ħlas huma trattati bħala 'ħlasijiet negattivi' u kontabilizzati fil-kont tar-riżultat ekonomiku bħala tnaqqis fl-ispejjeż.

#### Irkupru ta' irregolaritajiet iddikjarati mill-Istati Membri

L-Istati Membri huma obbligati li jirkupraw somom mitlufa b'riżultat ta' irregolaritajiet fir-rispett tar-regoli u l-proċeduri nazzjonali tagħhom. Jekk jirnexxilhom jirkupraw mill-benefiċjarji, huma jikkreditaw is-somom irkuprati lill-Kummissjoni u dawn jiġu kkontabilizzati fil-kont tar-riżultat ekonomiku bħala dħul. Madankollu, mhux dejjem faċli li jiġu rkuprati s-somom li jkunu ntefqu b'mod irregolari. Jekk l-Istat Membru jeħtieġ aktar minn erba' snin sabiex jirkupra, jew tmien snin fil-każ ta' proċedimenti f'qorti nazzjonali kontra l-benefiċjarju, il-Kummissjoni tiddebita 50 % tas-somma pendenti lill-Istat Membru kkonċernat, sabiex tħares l-imgħax finanzjarju tal-UE (l-hekk-imsejħa "regola 50/50"). Dan isir permezz tal-proċedura ta' approvazzjoni finanzjarja deskritta aktar 'il fuq. Wara dan l-eżerċizzju ta' kontabilità, l-Istat Membru xorta waħda jkun għadu obbligat li jkompli l-azzjonijiet tiegħu ta' rkupru. 50 % tas-somom irkuprati b'dan għandhom jiġu ttrasferiti lill-baġit tal-UE. Għandu jiġi nnutat li huwa permess li l-ammonti rkuprati jiġu trasferiti lill-Kummissjoni wara tnaqqis ta' 20 % mill-Istati Membri sabiex ikopru l-ispejjeż. Taħt kull ċirkustanza, il-Kummissjoni għandha żżomm għajnejha fuq l-azzjonijiet ta' rkupru tal-Istati Membri. Jekk Stat Membru ma jsegwix l-irkupru jew ma jkunx diliġenti fl-azzjonijiet tiegħu, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tintervjeni permezz ta' proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità u timponi korrezzjoni finanzjarja fuq l-Istat Membru kkonċernat.

### 6.2.2. *Irkupru ta' nfiq taħt l-Azzjonijiet Strutturali*

F'dan il-qasam, il-mekkaniżmu ta' rkupru ta' żbalji, irregolaritajiet u frodi jikkonsisti l-aktar f'korrezzjonijiet finanzjarji.

*Korrezzjonijiet finanzjarji:* L-infiq li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tal-finanzjament, minħabba irregolarità, għandu jiġi eskluż mill-kofinanzjament mill-baġit tal-UE. Din l-esklużjoni tissejjaħ "korrezzjoni finanzjarja". L-iskop tal-korrezzjonijiet finanzjarji huwa sabiex jerġgħu joħolqu sitwazzjoni fejn 100 % tan-nefqa ddikjarata għall-kofinanzjament mill-Azzjonijiet Strutturali tkun konformi mar-regoli u regolamenti nazzjonali u Komunitarji applikabbli.

Il-korrezzjonijiet finanzjarji jistgħu jirriżultaw mill-kontrolli u l-verifiki f'kull livell tas-sistema tal-kontroll fl-Istati Membri jew mill-verifiki tal-Kummissjoni jew tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri jew l-investigazzjonijiet tal-OLAF. L-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà primarja għall-korrezzjoni finanzjarji tal-irregolaritajiet imwettqa mill-benefiċjarji. Fejn l-Istat Membru jaqbel li jagħmel korrezzjoni b'riżultat ta' attività ta' kontroll jew verifika tagħhom stess jew tal-KE, huwa jista' jirtira n-nefqa irregolari u jerġa' juża l-finanzjament tal-UE għal infiq ieħor taħt il-programm ikkonċernat, iżda li ma jkunx relatat mal-operazzjoni jew operazzjonijiet li kienu s-suġġett tal-korrezzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea tista' tieħu deċiżjoni fomali sabiex tapplika korrezzjonijiet finanzjarji għall-Istat Membru fejn l-Istat Membru jkun naqas li jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa jew fejn ikun hemm nuqqas serju fis-sistemi tal-ġestjoni u l-kontroll li jista' jwassal għal irregolaritajiet sistemiċi. Korrezzjoni finanzjarja applikata b'deċiżjoni tal-Kummissjoni tinvolvi tnaqqis fil-finanzjament tal-KE għall-programm ikkonċernat. Il-korrezzjonijiet effettwati mill-Istati Membri wara verifiki tagħhom jew tal-KE mhumiex irreġistrati fis-sistema tal-kontabilità tal-Kummissjoni, u l-informazzjoni hija rrapurtata mill-Istati Membri darba fis-sena. Il-korrezzjonijiet finanzjarji biss li huma implimentati b'ordni ta' rkupru jew bi tnaqqis fil-ħlas finali huma inklużi fil-kontijiet tal-KE.

## 6.3. IRKUPRU TA' ĦLASIJIET MHUX DOVUTI — TIPI OĦRA TA' ĠESTJONI

Il-mekkaniżmi previsti huma ordnijiet ta' rkupru jew tnaqqis fil-pagament li jkun imiss. Bosta proġetti tal-UE jdumu għaddejjin diversi snin u l-korrezzjonijiet normalment huma applikati permezz ta' aġġustament tal-pretensjonijiet sussegwenti u/jew il-ħlasijiet finali, wara kontrolli perjodiċi jew skrutinju ta' ċertifikati indipendenti ta' verifika. L-informazzjoni fuq l-irkupri kollha magħmula bi tnaqqis minn ħlas sussegwenti, u għalhekk fejn ma tinħariġx ordni ta' rkupru, mhumiex faċilment identifikabbli fis-sistema tal-kontabilità tal-Kummissjoni għaliex huwa biss l-ammont tal-ħlas aġġustat li jiġi rreġistrat fil-kontijiet.

Mal-għeluq tal-proġett jew wara, il-Kummissjoni Ewropea tista' tapplika wkoll korrezzjonijiet ulterjuri abbażi tal-verifiki fuq il-post tagħha jew tal-Qorti tal-Awdituri. Dawn il-korrezzjonijiet jistgħu jsiru fis-snin ta' wara u tinħareġ ordni ta' rkupru.

## 6.4. ANALIŻI TAL-IRKUPRU TA' ĦLASIJIET MHUX DOVUTI DEĊIŻI FL-2007

Iċ-ċifri ppreżentati aktar 'l isfel huma stabbiliti fejn possibbli "fuq il-bażi tad-dovuti" jiġifieri l-irkupru huwa allokat għas-sena li fiha:

— tkun inħarġet l-ordni ta' rkupru, jew ikun sar ħlas imnaqqas;

— tiġi deċiża korrezzjoni mill-Kummissjoni jew jaqblu dwarha l-Istati Membri; jew

— taħt l-EAGF u l-EARDF, l-ammont tal-irregolaritajiet huwa rkuprat u ddikjarat mill-Istati Membri.

### 6.4.1. *Ġestjoni Maqsuma*

#### 6.4.1.1. *Irkupru ta' nfiq iddebitat għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali: EAGF u EARDF*

Matul is-sena kalendarja 2007, il-Kummissjoni ddeċidiet, fir-rigward tal-EAGF, li tirkupra mill-Istati Membri EUR 607 miljun wara korrezzjonijiet finanzjarji. Minbarra dan, matul l-istess sena, l-Istati Membri ħallsu lura lill-Kummissjoni EUR 247 miljun li jirrappreżentaw infiq irregolari li kienu rkupraw mingħand il-benefiċjarji. Fir-rigward tal-EARDF, minħabba li din kienet l-ewwel sena tal-fond, ma kien hemm l-ebda rkupru ta' ħlasijiet mhux dovuti fl-2007. Dawn l-irkupri kollha huma rreġistrati fis-sistema tal-kontabilità tal-Kummissjoni u inklużi fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

*miljuni ta' EUR*

| | 2007 |
|---|---|
| Korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi, li huma: | |
| *Approvazzjoni tal-konformità* | *532* |
| *Approvazzjoni finanzjarja u skadenzi tal-ħlas mhux rispettati* | *75* |
| Total | 607 |
| Irregolaritajiet iddikjarati mill-Istati Membri | 247 |
| **Total** | **854** |

Il-Kummissjoni tista' wkoll tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji taħt "deċiżjonijiet ta' konformità" iżda biss għal infiq iddikjarat f'perjodu limitat għall-24 xahar qabel issir verifika fuq qasam speċifiku ta' nfiq iddikjarat minn Stat Membru speċifiku. L-ammont li għandu jiġi riċevut taħt id-deċiżjonijiet tal-korrezzjonijiet finanzjarji tal-konformità agrikola li għadu jrid jittieħed wara l-verifiki tal-Kummissjoni huwa stmat li huwa ta' EUR 1,5 biljun. Dan jirrigwarda ċertu nfiq iddikjarat matul il-perjodu 2001-2007 u huwa muri bħala assi kontinġenti fin-noti ma' dawn id-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

6.4.1.2. *Irkupru ta' nfiq taħt l-Azzjonijiet Strutturali*

Il-korrezzjonijiet finanzjarji totali magħmula għall-programmi, li rrizultaw minn xogħol ta' verifika mill-Kummissjoni, xogħol ta' verifika mill-Qorti tal-Awdituri u l-proċess ta' għeluq għaż-żewġ perjodi ta' programmar huma murija hawn isfel:

**KORREZZJONIJIET FINANZJARJI TOTALI LI JIRRIGWARDAW IL-PROGRAMMI/PROĠETTI TAL-2000-2006**

*miljuni ta' EUR*

| | Total ta' korrezzjonijiet finanzjarji 31.12.2006 | Korrezzjonijiet finanzjarji 2007 mingħajr deċiżjoni tal-Kummissjoni | Korrezzjonijiet finanzjarji 2007 b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni | Total ta' korrezzjonijiet finanzjarji 31.12.2007 |
|---|---|---|---|---|
| Fond ta' Koeżjoni | 99 | 4 | 0 | 103 |
| ERDF | 1 382 | 179 | 0 | 1 561 |
| ESF | 438 | 37 | 0 | 475 |
| FIFG | 0 | 0 | 0 | 0 |
| EAGGF Gwida | 1 | 0 | 0 | 1 |
| **Total** | **1 920** | **220** | **0** | **2 140** |

Iċ-ċifri mogħtija fin-noti mal-kontijiet finali tal-2006, punt 3.1.4, (total ta' EUR 1 915 miljun), għall-ERDF, għall-Fond ta' Koeżjoni u għall-ESF inkludew xi ammonti stmati stabbiliti għall-ERDF u l-Fond ta' Koeżjoni f'ittri inizjali lill-Istati Membri li nedew proċeduri ta' korrezzjoni finanzjarja. Dawn iċ-ċifri, li kienu jammontaw għal EUR 20,7 miljun (EUR 18,7 miljun għall-Fond ta' Koeżjoni, EUR 1 miljun għall-ERDF u EUR 1 miljun għall-ESF), huma esklużi mill-kalkolu tal-korrezzjonijiet finanzjarji totali minħabba n-natura provviżorja tagħhom. Għall-ERDF u l-Fond ta' Koeżjoni ġew miżjuda EUR 25,7 miljun oħra ta' korrezzjonijiet finanzjarji li jirrappreżentaw deċiżjonijiet formali tal-Kummissjoni adottati fl-2006 jew qabel (EUR 17,7 miljun għall-Fond ta' Koeżjoni u EUR 8 miljun għall-ERDF) li ma kinux ġew irrappurtati qabel.

**KORREZZJONIJIET FINANZJARJI TOTALI LI JIRRIGWARDAW IL-PROGRAMMI/PROĠETTI TAL-1994-99**

*miljuni ta' EUR*

| | Total ta' korrezzjonijiet finanzjarji 31.12.2006 | Korrezzjonijiet finanzjarji 2007 mingħajr deċiżjoni tal-Kummissjoni | Korrezzjonijiet finanzjarji 2007 B'Deċiżjoni tal-Kummissjoni | Total ta' korrezzjonijiet finanzjarji 31.12.2007 |
|---|---|---|---|---|
| Fond ta' Koeżjoni | 202 | 0 | 23 | 225 |
| ERDF | 818 | 4 | 36 | 858 |
| ESF | 340 | 0 | 5 | 345 |
| FIFG | 15 | 24 | 0 | 39 |
| EAGGF Gwida | 30 | 4 | 80 | 114 |
| **Total** | **1 405** | **32** | **144** | **1 581** |

Iċ-ċifri mogħtija fin-noti mal-kontijiet finali tal-Kummissjoni tal-2006, punt 3.1.4, (total ta' EUR 1 677 miljun), għall-ERDF u l-Fond ta' Koeżjoni inkludew xi ammonti stmati stabbiliti f'ittri inizjali lill-Istati Membri li nedew proċeduri ta' korrezzjoni finanzjarja. Dawn iċ-ċifri, li ammontaw għal EUR 300 miljun (EUR 58 miljun għall-Fond ta' Koeżjoni u EUR 242 miljun għall-ERDF), huma esklużi mill-kalkolu tal-korrezzjonijiet finanzjarji totali minħabba n-natura provviżorja tagħhom. Ġew miżjuda EUR 16-il miljun oħra ta' korrezzjonijiet finanzjarji għall-ERDF u EUR 10 miljun għall-ESF, li jirrappreżentaw deċiżjonijiet formali tal-Kummissjoni adottati fl-2006 jew qabel, u EUR 2 miljun għall-FIFG li ma kinux ġew irrappurtati qabel.

Il-korrezzjonijiet finanzjarji totali għall-Azzjonijiet Strutturali 2007, li ammontaw għal EUR 396 miljun, jistgħu jinqasmu kif ġej:

*miljuni ta' EUR*

| | ERDF | CF | ESF | FIFG | EAGGF_G | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Korrezzjonijiet finanzjarji li jirrigwardaw il-perjodu 1994-99: | | | | | | |
| B'ordni ta' rkupru (1) | 29 | 3 | 3 | 2 | 15 | 52 |
| Tnaqqis fil-ħlas | 11 | 20 | 2 | 22 | 69 | 124 |
| **Total parzjali għall-perjodu 1994-99** | **40** | **23** | **5** | **24** | **84** | **176** |
| Korrezzjonijiet finanzjarji 2000-2006: | | | | | | |
| Ftehim sabiex jiġi rtirat infiq ineliġibbli | 179 | 4 | 37 | 0 | 0 | 220 |
| **Total parzjali għall-perjodu 2000-2006** | **179** | **4** | **37** | **0** | **0** | **220** |
| **Total ta' korrezzjonijiet finanzjarji** | **219** | **27** | **42** | **24** | **84** | **396** |

(1) Ordnijiet ta' rkupru għal ammont ta' EUR 1,5 miljun se jinħarġu fl-2008 (EUR 3 miljuni għall-Fond ta' Koeżjoni, EUR 10 miljun għall-ERDF u EUR 2 miljun għall-EAGGF-G). Għal korrezzjonijiet finanzjarji applikati fl-għeluq tal-programm, l-ammont tal-ordni ta' rkupru jirriżulta sew mill-ammont tal-korrezzjoni finanzjarja u kif ukoll mill-bilanċ tal-aħħar talba għall-ħlas.

Din it-tabella ma tinkludix ir-riżultati tal-kontrolli tal-Istati Membri stess dwar l-infiq tal-Fondi Strutturali. Minbarra dan, ammont ta' EUR 2,9 biljun jirrigwarda l-korrezzjonijiet finanzjarji potenzjali li għandhom jiġu rkuprati mill-Istati Membri. Dan l-ammont huwa bbażat fuq osservazzjonijiet tal-verifika tal-Kummissjoni u dawk tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li kollha kemm huma qed jiġu segwiti mid-Direttorati Ġenerali. Din hija l-aħjar stima fiż-żmien tal-għeluq tal-kontijiet tal-2007, li tieħu in kunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tas-segwitu tal-verifiki, l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni ta' rimedju u l-ittri tal-pożizzjonijiet finali maħruġa.

**Attività ta' korrezzjoni finanzjarja (irtirar, irkupru u irkupru pendenti) mill-Istati Membri għal Azzjonijiet Strutturali għall-2007**

Il-Kummissjoni titlob li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni, sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, dwar l-irtirar, l-irkupru u l-irkupru pendenti ta' azzjonijiet Strutturali għas-sena kkonċernata u kumulattivament għall-perjodu kollu ta' programmar 2000-06, għall-Fondi Strutturali u l-Inizjattivi tal-Komunità kollha (ERDF, ESF, EAGGF u FIFG). Iċ-ċifri provviżorji għall-irtirar u l-irkupru fl-2007 (madwar EUR 540 miljun) ġew irċevuti mill-Kummissjoni u se jiġu aġġustati wara li l-Kummissjoni tkun iċċarat ċerti kwistjonijiet mal-Istati Membri kkonċernati. Iċ-ċifri reveduti se jiġu ppreżentati fl-anness għad-19-il Rapport Annwali dwar l-Implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali li għandu joħroġ aktar tard fl-2008. Fir-rigward tal-korrezzjonijiet finanzjarji proposti mill-Kummissjoni abbażi tax-xogħol ta' verifika tagħha u tal-korpi l-oħra tal-KE iżda aċċetatti u mwettqa mill-Istati Membri, hemm duplikazzjoni potenzjali ma' dejta dwar l-irtirar ikkomunikata mill-Istati Membri.

Għandu jiġi nnutat ukoll li l-Kummissjoni bħalissa qed tivverifika l-informazzjoni pprovduta minn numru ta' Stati Membri taħt l-Azzjoni 6.2 tal-Pjan ta' Azzjoni sabiex issaħħħ ir-rwol ta' superviżjoni tal-Kummissjoni fil-ġestjoni konġunta tal-azzjonijiet strutturali (COM(2008) 97). Ir-riżultati ta' din il-ħidma se jippermettu li jinlaħqu konklużjonijiet definittivi dwar il-kompletezza u l-affidabilità tad-dejta bħala bażi għall-azzjoni ta' segwitu sabiex isir it-titjib meħtieġ fir-rappurtar tal-korrezzjonijiet finanzjarji.

6.4.2. ***Irkupru ta' nfiq taħt tipi oħra ta' ġestjoni***

Għal tipi oħra ta' ġestjoni, l-informazzjoni dwar id-djun stabbiliti permezz ta' ordnijiet ta' rkupru hija ppreżentata fit-tabella li ġejja. L-irkupri magħmula bi tnaqqis minn ħlas sussegwenti ma kinux irreġistrati fir-rekords tal-kontabilità fl-2007. Ordnijiet ta' rkupru maħruġa matul is-sena sabiex jiġu rkuprati ammonti mħallsa preċedentement kienu jammontaw għal EUR 259 miljun. Minn dawn, EUR 138 miljun jirrigwardaw irkupru ta' spejjeż u EUR 121 miljun irkupru ta' prefinanzjament. Għal din l-aħħar kategorija, ir-rekords tal-kontabilità ma jippermettux differenzjazzjoni bejn ammonti li jirrigwardaw irkupri ta' avvanzi mhux użati u ammonti li jirrigwardaw l-irkupru ta' nfiq mhux dovut mitlub mill-benefiċjarju. Madankollu, għall-kuntrarju tal-azzjonijiet strutturali, materjalment il-prefinanzjament kollu li huwa rkuprat, minbarra dak li jirrigwarda r-riżultat tal-aġenziji, jitqies bħala rkupru ta' ammonti mitluba meta mhux dovuti.

*miljuni ta' EUR*

| Ordnijiet ta' rkupru għal ħlasijiet mhux dovuti maħruġa fl-2007 | 2007 |
|---|---|
| Azzjonijiet Esterni | 178 |
| Politika interna | 81 |
| **Total** | **259** |

### 6.5. TAQSIRA TAL-IRKUPRU TA' ĦLASIJIET MHUX DOVUTI 2007

It-tabella li jmiss tippreżenta l-aħjar estimi tal-ammont totali li ġie deċiż fl-2007 li għandu jiġi rkuprat. Kif spjegat aktar 'il fuq, dawn ma jinkludux ir-riżultati tal-kontrolli tal-Istati Membri stess tal-infiq tal-Azzjonijiet Strutturali, u lanqas ma jinkludu l-irkupri kollha magħmula bit-tnaqqis minn ħlas sussegwenti fuq azzjonijiet esterni jew politika interna. L-ordnijiet ta' rkupru stabbiliti fuq ir-riskji tal-prefinanzjament huma aktar milli suppost b'ammonti li jirrigwardaw il-ħlas lura ta' avvanzi mhux użati (mhux relatati ma' ħlasijiet irregolari).

**Taqsira tal-irkupru ta' ħlasijiet mhux dovuti**

*miljuni ta' EUR*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **EAGGF** | | |
| — korrezzjonijiet finanzjarji | 607 | 839 |
| — irregolaritajiet iddikjarati mill-Istati Membri | 247 | 108 |
| **Fondi strutturali u ta' koeżjoni (il-programmi tal-1994-1999 u l-2000-2006)** | 396 | 807 |
| **Ordnijiet ta' rkupru ta'ħlasijiet mhux dovuti:** | | |
| — azzjonijiet Esterni | 178 | 172 |
| — politika interna | 81 | 85 |
| **Total** | **1 509** | **2 011** |

## 7. ĠESTJONI TAR-RISKJU FINANZJARJU

*OPERAZZJONIJIET TAT-TEŻOR TAL-KUMMISSJONI EWROPEA*

Id-dikjarazzjonijiet li ġejjin jirrigwardaw l-operazzjonijiet tat-teżor imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea sabiex timplimenta l-baġit tagħha. Ir-regoli u l-prinċipji għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet tat-teżor tal-Kummissujoni għall-implimentazzjoni tal-baġit huma stabbiliti fir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 (kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2028/2004) u fir-Regolament (KE, Euratom) (Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006) u r-Regoli tal-Implimentazzjoni tiegħu (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002, emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 478/2007).

B'riżultat ta' dawn ir-regolamenti, japplikaw il-prinċipji ewlenin li ġejjin:

— Ir-riżorsi proprji huma mħallsa mill-Istati Membri f'kontijiet miftuħa għal dan l-għan f'isem il-Kummissjoni mat-Teżor jew il-korp appuntat minn kull Stat Membru. Il-Kummissjoni tista' tiġbed minn dawn il-kontijiet biss sabiex tkopri l-ħtiġijiet ta' flus tagħha.

— Ir-Riżorsi Proprji jitħallsu mill-Istati Membri fil-muniti nazzjonali tagħhom, filwaqt li l-ħlasijiet tal-Kummissjoni huma l-aktar denominati f'EUR.

— Il-kontijiet bankarji miftuħa f'isem il-Kummissjoni ma jistgħux jinġibdu flus minnhom b'tali mod li dawn ikollhom bilanċ negattiv.

— Il-bilanċi tal-kontijiet miżmuma f'muniti oħra għajr l-EUR huma jew użati għall-ħlasijiet fl-istess muniti jew perjodikament maqluba f'EUR (f'konformità mar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000, meta dan jirrigwarda fondi miżmuma fil-kontijiet tar-riżorsi proprji).

Minbarra l-kontijiet tar-riżorsi proprji, kontijiet bankarji oħra nfetħu mill-Kummissjoni, mal-banek ċentrali u banek kummerċjali, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' ħlasijiet u sabiex jiġu riċevuti ammonti oħra għajr il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit. Dawn il-kontijiet kollha (bl-eċċezzjoni tal-kontijiet għall-ammonti riċevuti) huma riforniti ta' kuljum fuq il-bażi tal-ħlasijiet li għandhom isiru minnhom. Bilanċi minimi ta' flus huma miżmuma fuq dawn il-kontijiet kollha sabiex tkun possibbli l-eżekuzzjoni ta' ħlasijiet urġenti jekk b'mod eċċezzjonali jkun hemm xi dewmien fil-finanzjament tagħhom. Il-bilanċi tal-kontijiet tad-dħul huma regolarment trasferiti għall-kontijiet tar-riżorsi proprji jew għall-kontijiet l-oħra, skont il-ħtiġijiet tat-teżor.

Il-banek kummerċjali kollha li magħhom il-Kummissjoni għandha kontijiet bankarji jintgħażlu b'sejħa għall-offerti. Kontijiet tal-imprest jinfetħu f'konformità mal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju u jinfetħu kontijiet bankarji għall-ħtiġijiet tagħhom, bil-banek magħżula skont proċedura ssimplifikata ta' offerti.

### 7.1. **RISKJU OPERATTIV**

L-operazzjonijiet tat-teżor u tal-ħlas huma awtomatizzati ħafna u jiddependu fuq sistemi moderni tal-informatika. Proċeduri speċifiċi huma applikati sabiex tiġi garantita s-sigurtà tas-sistema u sabiex tiġi assigurata s-segregazzjoni tad-dmirijiet f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, l-istandards ta' kontroll interni tal-Kummissjoni, u l-prinċipji tal-verifika. Ġabra miktuba ta' linji gwida u proċeduri jirregolaw il-ġestjoni tal-operazzjonijiet tat-teżor u tal-ħlas bil-għan li jiġi limitat ir-riskju operattiv u finanzjarju u li jiġi assigurat livell adegwat ta' kontroll. Huma jkopru l-oqsma differenti ta' operazzjoni u l-konformità mal-linji gwida u l-proċeduri hija vverifikata regolarment. Huma jinkludu b'mod partikolari:

— Il-ftuħ u l-għeluq ta' kontijiet bankarji

— Il-parametrizzazzjoni tas-sistemi finanzjarji

— L-ippjanar u t-tbassir tat-teżor

— L-eżekuzzjoni tal-ħlasijiet u l-ġestjoni tal-flus

— L-operazzjonijiet tal-kambju tal-muniti

— L-għażla tal-banek

— Il-monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet u r-rikonċiljazzjoni bankarja

— Iż-żamma u l-kontroll tal-fajls tal-partijiet terzi

### 7.2. **RISKJU FINANZJARJU**

***Riskju tal-munita:***

Ir-riżorsi proprji mħallsa mill-Istati Membri f'muniti oħra minbarra l-EUR jinżammu fil-kontijiet tar-riżorsi proprji. Huma jiġu kkonvertiti f'EUR meta jkunu meħtieġa sabiex ikopru l-eżekuzzjoni tal-ħlasijiet f'EUR jew, f'numru limitat ta' każijiet, jiġu użati direttament għal ħlasijiet li jkollhom isiru fl-istess muniti.

Numru ta' kontijiet f'muniti tal-UE minbarra l-EUR, u fid-USD, huma miżmuma mill-Kummissjoni ma' numru ta' banek kummerċjali, sabiex jitwettqu ħlasijet denominati fl-istess muniti. Dawn il-kontijiet huma riforniti skont l-ammont tal-ħlasijiet li jkollhom isiru; b'konsegwenza ta' dan, il-bilanċi tagħhom bejn jum u ieħor jinżammu baxxi ħafna u jirrappreżentaw biss esponiment limitat għaċ-ċaqliq fir-rati tal-kambju tal-muniti barranin.

Meta d-dħul varju (minbarra r-riżorsi proprji) jiġi riċevut f'muniti oħra minbarra l-EUR, huwa jew jiġi trasferit għal kontijiet oħra fl-istess muniti, jekk ikun meħtieġ sabiex ikopri l-eżekuzzjoni ta' ħlasijiet, jew jiġi konvertit f'EUR u trasferit għal kontijiet oħra tal-EUR skont il-ħtiġijiet tat-teżor. Il-kontijiet imprest miżmuma f'muniti oħra minbarra l-EUR huma riforniti skont l-istima tal-ħtiġijiet tal-ħlasijiet lokali fl-istess muniti. Bilanċi fuq dawn il-kontijiet jinżammu fi ħdan il-limiti rispettivi tagħhom.

***Riskju tal-kreditu:***

Il-biċċa l-kbira tar-riżorsi tat-teżor huma miżmuma, skont ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000, f'kontijiet miftuħa mill-Istati Membri għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tagħhom (riżorsi proprji). Dawn il-kontijiet kollha huma miżmuma mat-teżori tal-Istati Membri jew mal-banek ċentrali nazzjonali. Dawn l-istituzzjonijiet m'għandhom prattikament l-ebda riskju tal-kreditu għall-Kummissjoni.

Parti żgħira mir-riżorsi tat-teżor tal-Kummissjoni jinżammu mal-banek kummerċjali, sabiex tiġi koperta l-eżekuzzjoni tal-ħlasijiet, jew operazzjonijiet bankarji oħra. Hija prattika normali li jiġu riforniti l-kontijiet f'banek kummerċjali biss fil-mument meta jkun meħtieġ. B'konsegwenza ta' dan, l-ammonti li jinżammu minn jum għall-ieħor f'dawn il-kontijiet huma dejjem baxxi ħafna (medja ta' madwar EUR 100 miljun u EUR 200 miljun, imqassma fuq aktar minn 30 kont bankarju) u għalhekk il-Kummissjoni hija esposta biss b'mod limitat għar-riskju tal-kreditu. Minbarra dan, linji gwida speċifiċi huma applikati għall-għażla tal-banek kummerċjali sabiex ikompli jitnaqqas ir-riskju tal-kreditu.

Il-banek kummerċjali kollha jintgħażlu b'sejħa għall-offerti. Il-klassifikazzjoni minima tal-kreditu għal perjodu qasir li hija meħtieġa għall-ammissjoni fil-proċeduri tat-tfigħ tal-offerti hija P-1 ta' Moody's jew ekwivalenti (S&P A-1 jew Fitch F1). Jista' jkun meħtieġ livell anqas għoli f'ċirkustanzi speċifiċi. Il-kuntratti kollha jipprovdu għall-possibilità ta' terminazzjoni immedjata mill-Kummissjoni fil-każ li l-klassifikazzjoni tal-kontroparti tiġi reveduta u taqa' taħt il-livell minimu meħtieġ.

Il-kontijiet imprest jinżammu ma' banek lokali magħżula bi proċedura simplifikata ta' offerti. Ir-rekwiżiti tal-klassifikazzjoni jiddependu fuq is-sitwazzjoni lokali u jistgħu jvarjaw ħafna minn pajjiż għal ieħor. Sabiex jiġi limitat l-esponiment għar-riskju tal-kreditu, il-bilanċi fuq dawn il-kontijiet jinżammu fl-aktar livell baxx possibbli (meta jitqiesu l-ħtiġijiet operattivi), huma riforniti regolarment, u l-limiti massimi applikati huma reveduti fuq bażi annwali.

***Riskju tar-rati tal-imgħax:***

Il-kontijiet miftuħa mat-Teżori jew il-Banek Ċentrali Nazzjonali tal-Istati Membri f'konformità mal-Art. 9 tar-Regolament Nru 1150/2000, ma jrendux imgħax u ma jinżamm l-ebda ħlas għalihom. Għall-kontijiet l-oħra kollha miżmuma mal-Banek Ċentrali Nazzjonali, ir-remunerazzjoni tiddependi fuq il-kundizzjonijiet speċifiċi offruti minn kull bank; ir-rati tal-imgħax applikati huma varjabbli u aġġustati għaċ-ċaqliq tas-suq.

Għall-kontijiet kollha miżmuma mal-banek kummerċjali, l-imgħax jiġi kkalkulat fuq bażi varjabbli, marbuta mar-rata marġinali tal-BĊE għall-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament tiegħu, u aġġustati sabiex jirriflettu ċ-ċaqliq ta' din ir-rata. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ma ġġorr l-ebda riskju tar-rati tal-imgħax.

7.3. **ĠESTJONI TA' MULTI MSARRFA PROVVIŻORJAMENT**

Id-dikjarazzjonijiet li ġejjin jirrigwardaw l-operazzjonijiet tat-teżor imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea għall-ġestjoni tal-multi msarrfa provviżorjament (flus ristretti).

***Riskju tal-munita:***

Ladarba l-multi kollha huma imposti u mħallsa f'EUR, il-Kummissjoni mhix esposta għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rati tal-kambju tal-muniti barranin.

***Riskju tal-kreditu:***

Huma applikati linji gwida għall-għażla tal-banek fejn jinżammu l-fondi, u l-esponiment għal kontroparti waħda huwa limitat. Il-fondi kollha jinżammu f'kontijiet kurrenti u jistgħu jiġu miġbuda fi kwalunkwe żmien, mingħajr avviż minn qabel. Il-banek jintgħażlu b'sejħa għall-offerti. Il-klassifikazzjoni minima għad-depożiti bankarji għal perjodu twil li hija meħtieġa għall-ammissjoni fil-proċeduri tat-tfigħ tal-offerti hija Aa ta' Moody's jew ekwivalenti (S&P AA- jew Fitch AA-).

L-esponiment ma' kontroparti waħda huwa limitat għal 5 % tal-"Kapital + riżervi + self subordinat" tagħha, kif jirriżulta mill-kontijiet ikkonsolidati ċċertifikati. Dan il-limitu huwa revedut mill-anqas fuq bażi annwali. Il-kuntratti kollha jipprovdu għall-possibilità ta' terminazzjoni immedjata mill-Kummissjoni fil-każ li l-klassifikazzjoni tal-kontroparti tiġi reveduta u taqa' taħt il-livell minimu meħtieġ.

***Riskju tar-rati tal-imgħax:***

Għall-kontijiet kollha, l-imgħax jiġi kkalkulat fuq bażi varjabbli, marbuta mar-rata marġinali tal-BĊE għall-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament tiegħu, u aġġustati sabiex jirriflettu ċ-ċaqliq ta' din ir-rata. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ma ġġorr l-ebda riskju tar-rati tal-imgħax.

*ATTIVITAJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF U L-FOND TA' GARANZIJA*

Id-dikjarazzjonijiet li ġejjin jirrigwardaw l-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self tal-Kummissjoni Ewropea permezz tal-Assistenza Makrofinanzjarja (MFA) u l-Euratom, flimkien mal-Fond ta' Garanzija.

7.4. **POLITIKA TA' ĠESTJONI TAR-RISKJU U ATTIVITAJIET TA' KOPERTURA**

***MFA & Euratom:***

It-tranżazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self, flimkien mal-ġestjoni relatata tat-teżor, jitwettqu mill-Komunitajiet skont id-Deċiżjonijiet rispettivi tal-Kunsill tal-Euratom ([1]), jekk applikabbli, u l-linji gwida interni. Manwali ta' proċedura bil-miktub li jkopru oqsma bħall-għoti u teħid tas-self u ġestjoni tat-teżor ġew żviluppati u huma użati mill-unitajiet relevanti operattivi. Riskji finanzjarji u operattivi huma identifikati u valutati u l-qbil mal-linji ta' gwida u proċeduri interni huma verifikati regolarment.

Bħala regola ġenerali, ma jsiru l-ebda attivatijiet ta' kopertura ladarba l-operazzjonijiet ta' għoti b'self huma ffinanzjati minn operazzjonijiet "back to back" u għaliex ma teżisti l-ebda pożizzjoni miftuħa ta' muniti.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/212/Euratom tat-23 April 1990 li temenda Deċiżjoni 77/271/Euratom dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 77/270/Euratom li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nuklejari, ĠU L 112, 3.5.1990, p. 26.
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/271/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 77/270/Euratom li tagħti l-poteri lill-Kummissjoni biex toħroġ self mill-Euratom għall-għan ta' kontribuzzjoni lejn l-iffinanzjar ta' impjanti tal-enerġija nukleari, ĠU L 88, 6.4.1977, p. 11.
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/179/Euratom tal-21 ta' Marzu 1994 li temenda d-Deċiżjoni 77/270/Euratom, sabiex tawtorizza l-Kummissjoni li tikkuntratta tislif għal Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-iffinanzjar rikjest sabiex jiġi mtejjeb il-grad ta' sigurtà u effiċjenza ta'power stations nuklejari f'ċerti pajjiżi li m'humiex membri, ĠU L 84, 29.3.1994, p. 41.

***Fond ta' Garanzija:***

Ir-regoli u l-prinċipji tal-ġestjoni tal-assi tal-Fond tal-Garanzija (ara t-Taqsima **E.2.3.3**) huma stipulati fil-Konvenzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) bid-data tal-25 ta' Novembru 1994 u l-emendi sussegwenti bid-data tas-17/23 ta' Settembru 1996 u 8 ta' Mejju 2002.

Il-prinċipji ewlenin, kif jirriżultaw b'mod dirett mill-Konvenzjoni, huma dawn li ġejjin:

— Il-Fond ta' Garanzija se jopera f'munita waħda: l-EURO. L-investiment għandu jsir biss f'din il-munita sabiex jiġi evitat kull riskju tar-rati tal-kambju.

— Il-ġestjoni tal-assi se tkun ibbażata fuq ir-regoli tradizzjonali tal-prudenza li jiġu osservati għall-attivitajiet finanzjarji. Se tingħata attenzjoni partikolari sabiex jitnaqqsu r-riskji u sabiex jiġi żgurat li l-assi li jiġu ġestiti jkollhom grad suffiċjenti ta' likwidità u trasferibbiltà, filwaqt li jittieħed kont tal-impenji li jkollu l-Fond ta' Garanzija.

— Il-Fond ta' Garanzija ser ikun f'pożizzjoni li juża l-istrumenti kollha ta' kopertura kontra r-riskji tas-suq u l-imgħax, li huma diġà użati mid-Diviżjoni tal-Portafoll tal-BEI.

— Il-ġestjoni tal-portafoll se tkun ibbażata fuq it-tul ottimali u fuq l-aħjar allokazzjoni possibbli bejn il-medda qasira u dik twila, sabiex jittieħed vantaġġ reali mill-kurva tar-rati. Sabiex tkun f'pożizzjoni li jim-modifika malajr it-tul taż-żmien tal-portafoll skont it-tbassir tal-kundizzjonijiet futuri tas-suq, il-promotur ser juża, bl-għan esklussiv ta' kopertura, l-istrumenti disponibbli fuq is-suq li dwarhom il-BĊE diġà għandu l-esperjenza meħtieġa.

7.5. **RISKJU TAL-MUNITA**

Peress illi l-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji kollha huma denominati f'euro, il-Komunitajiet ma jesponux il-pożizzjoni finanzjarja u l-fluss tal-flus tagħhom għall-effetti taċ-ċaqliq fir-rati tal-kambju ta' muniti barranin.

7.6. **RISKJU TAR-RATI TAL-IMGĦAX**

Minħabba n-natura tal-attivitajiet tagħhom ta' għoti u teħid ta' self, il-Komunitajiet għandhom ammont sinifikanti ta' assi u obbligazzjonijiet li jġorru l-imgħax.

***MFA & Euratom:***

Teħid b'self magħmul b'rati varjabbli jesponi lill-Komunitajiet għar-riskju tar-rata tal-imgħax relattiva għall-fluss tal-flus. Dawn jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor 93 % tal-volum totali tal-ammonti missellfa. Madankollu, ir-riskji tar-rati tal-kambju li jirriżultaw minn ammonti missellfa huma kkumpensati b'ammonti mislufa li huma ekwivalenti fit-termini u kundizzjonijiet (operazzjonijiet "back-to-back"). Dakinhar tad-data tal-karta tal-bilanċ, il-Komunitajiet kellhom self (li jiġi espress f'ammonti nominali) b'rati varjabbli ta' EUR 1,18 biljun (2006: EUR 1,32 biljun), bil-prezzijiet jiġu stabbiliti mill-ġdid kull sitt xhur. Il-Komunitajiet għandhom ukoll ammonti mislufa (li jiġu espressi f'ammonti nominali) b'rati fissi għal EUR 85 miljun fl-2007 (2006: 85 miljun EUR), li għandhom data ta' skadenza ta' aktar minn ħames snin.

***Fond ta' Garanzija:***

Strumenti ta' kopertura tar-riskju jistgħu jintużaw sabiex jamministraw ir-riskju (tas-suq) tar-rati tal-imgħax għall-Fond ta' Garanzija. Madanakollu kif miftiehem mill-Kummissjoni u l-EIB, l-ebda riskju sinifikanti ma qiegħed jittieħed bħalissa u għalhekk mhi qed issir l-ebda kopertura. Peress illi t-tranżazzjonijiet u l-operazzjonijiet huma denominati fl-Euro biss, l-ebda koperturi oħra mhuma meħtieġa. Id-distribuzzjoni tal-holdings tal-Fond ta' Garanzija fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006 (il-valur tas-suq mingħajr l-imgħax dovut) hija murija fid-dettall fit-tabella:

*miljuni ta' EUR*

| Segmenti | Investimenti b'rata fissa | | | | | | Titoli b'rata varjabbli | | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Anqas minn 3 xhur | | 3 xhur sa sena | | 1 sa 10 snin | | | | | |
| | 2007 | 2006 | 2007 | 2006 | 2007 | 2006 | 2007 | 2006 | 2007 | 2006 |
| Kontijiet kurrenti | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **1** | 1 |
| Depożiti għal żmien qasir — nominali | 247 | 437 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **247** | 437 |
| Assi disponibbli għall-bejgħ | 25 | 57 | 84 | 51 | 703 | 733 | 71 | 76 | **883** | 917 |
| **Total** | **273** | 495 | **84** | 51 | **703** | 733 | **71** | 76 | **1 131** | 1 355 |
| Perċentwal | **24 %** | 36 % | **7 %** | 4 % | **63 %** | 54 % | **6 %** | 6 % | **100 %** | 100 % |

Fil- 31 ta' Diċembru 2007, għall-flus u ekwivalenti (depożiti għal żmien fiss), ir-rata tal-imgħax effettiva tvarja bejn 4,12 % u 4,83 %. Għall-portafoll tat-titoli Disponibbli-għall-Bejh (AFS), ir-rata effettiva tal-imgħax tvarja bejn 2,94 % u 5,52 %.

7.7. **RISKJU TAL-KREDITU**

Il-Komunitajiet għandhom espożizzjoni għal riskju ta' kreditu, li huwa r-riskju li kontroparti ma tkunx f'pożizzjoni li tħallas ammonti meta dawn jiġu dovuti. L-espożizzjoni għal riskju ta' kreditu hija ġestita, l-ewwelnett billi jinkisbu garanziji mill-pajjiżi fil-każ ta' Euratom, imbagħad permezz tal-Fond ta' Garanzija. Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni ([1]) twaqqaf fl-1994 sabiex ikopri r-riskji ta' nuqqas ta' ħlas, relatati mal-ammonti missellfa li jiffinanzjaw self lil pajjiżi barra l-Unjoni Ewropea. Sabiex jiġi evitat kull dewmien f'pagamenti dovuti mill-Entità, dan is-self isir permezz ta' avvanzi ta' likwidità mill-baġit tal-Komunitajiet. Jekk, tliet xhur wara li ħlas isir dovut, jiġi kkonfermat li l-pajjiż benefiċjarju jkun naqas milli jħallas, l-avvanzi ta' likwidità jingħataw lura lill-baġit mill-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni.

***MFA & Euratom:***

L-akbar konċentrazzjonijiet ta' riskju ta' kreditu li l-Komunitajiet għandhom huma dawk li jirrigwardaw il-Bulgarija, is-Serbja-Montenegro u r-Rumanija. Dawn il-pajjiżi jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor 27 %, 28 % u 22 % rispettivament tal-volum totali tas-self. Safejn għandhom x'jaqsmu l-operazzjonijiet tat-teżor, għandhom jiġu applikati linji ta' gwida fuq l-għażla tal-kontroparti. Għaldaqstant, l-unità operattiva tkun tista' tidħol fi ftehimiet biss ma' banek eliġibbli li jkunu parti minn "lista tan-negozju ta' banek awtorizzati" u li jkollhom limiti suffiċjenti tal-kontraparti.

***Fond ta' Garanzija:***

*Depożiti b'Terminu Fiss tal-Fond ta' Garanzija — Profil tal-kontropartijiet*

Skont il-ftehim bejn il-Komunità u l-EIB fuq il-ġestjoni tal-Fond ta' Garanzija, l-investimenti kollha bejn il-banek għandu jkollhom għallinqas il-klassifika ta' kreditu A1. L-investimenti għal perjodu qasir bejn il-banek, inkluż imgħax dovut, skont it-tip ta' kontroparti fil-31.12.2007 huma kif ġej:

*miljuni ta' EUR*

| Klassifikazzjoni | 31.12.2007 | | 31.12.2006 | |
|---|---|---|---|---|
| A1 | 75 | 30 % | 171 | 39 % |
| A2 | 0 | 0 % | 0 | 0 % |
| Aa1 | 20 | 8 % | 44 | 10 % |
| Aa2 | 53 | 22 % | 57 | 13 % |
| Aa3 | 100 | 40 % | 167 | 38 % |
| **Total** | **248** | **100 %** | **439** | **100 %** |

*Assi tal-Fond ta' Garanzija disponibbli għall-bejgħ — Profil ta' min joħroġhom*

Il-profil ta' min joħroġhom, il-valur tas-suq minbarra l-imgħax dovut, fil- 31 ta' Diċembru 2007 huma kif ġej:

*miljuni ta' EUR*

| Min joħroġ l-assi | 31.12.2007 | | 31.12.2006 | |
|---|---|---|---|---|
| Oħrajn AAA | 310 | 35 % | 361 | 40 % |
| Supra Aaa | 5 | 1 % | 15 | 2 % |
| Gvern/Aġenziji Aaa | 196 | 22 % | 225 | 25 % |
| Gvern/Aġenziji Aa1 | 72 | 8 % | 58 | 6 % |
| Gvern/Aġenziji Aa2 | 0 | 0 % | 0 | 0 % |
| Gvern/Aġenziji Aa3 | 81 | 9 % | 67 | 7 % |
| Gvern/Aġenziji A1 | 73 | 8 % | 49 | 5 % |
| Gvern/Aġenziji A2 | 132 | 15 % | 122 | 13 % |
| Gvern/Aġenziji A3 | 4 | 1 % | 10 | 1 % |
| Gvern/Aġenziji Baa1 | 10 | 1 % | 10 | 1 % |
| Gvern/Aġenziji NR | 0 | 0 % | 0 | 0 % |
| **Total** | **883** | **100 %** | **917** | **100 %** |

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' garanzija għall-azzjonijiet esterni, ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1.

It-titoli miżmuma jilħqu lkoll il-kriterji li ġejjin:

— Jew jinħarġu minn stati fl-Unjoni Ewropea, jew minn istituzzjonijiet garantiti minnha, il-G10 jew korpi supranazzjonali;

— Jew jinħarġu minn stat sovran ieħor bi klassifikazzjoni ta' mill-anqas AA3;

— Jew jinħarġu minn xi ħadd ieħor bi klassifikazzjoni ta' AAA.

7.8. **VALUR ĠUST**

Il-valur ġust stmat tal-ammonti mislufa jew missellfa mill-MFA u l-Euratom huwa stabbilit permezz ta' mudell ta' flussi skontati tal-flus. Skont dan il-mudell, il-flussi futuri mistennija tal-flus jiġu skontati bl-applikazzjoni tal-kurvi tar-rendita AAA li huma xierqa għat-terminu li jibqa' sal-maturità. Il-valur xieraq stmat ta' ammonti mislufa b'rati li jvarjaw huwa meqjus li jqarreb l-ammont kontabbli tagħhom peress illi dawn jingħataw prezz mill-ġdid b'rati tal-imgħax tas-suq kull 6 xhur.

Fid-data tal-karta tal-bilanċ, il-valur ġust stmat tal-ammonti mislufa u missellfa b'rata tal-imgħax fissa jammonta għal 90 miljun EUR (2006: 93 miljun EUR) u 89 miljun EUR (2006: 93 miljun EUR), rispettivament, imqabbla mal-valur kontabbli li jikkorrispondi magħhom ta' 87 miljun EUR (2006: 87 miljun EUR) u 87 miljun EUR (2006: 87 miljun EUR), rispettivament.

7.9. **POŻIZZJONI TAL-LIKWIDITà**

It-Tabella ta' hawn taħt tipprovdi analiżi tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-Fond ta' Garanzija skont ragruppamenti relevanti ta' maturità abbażi tal-perjodu li baqa' mid-data tal-karta tal-bilanċ sad-data tal-maturità kuntrattwali. Hija preżentata taħt il-kunsiderazzjoni l-aktar prudenti tad-dati ta' maturità. Għalhekk, fil-każ tal-obbligazzjonijiet tidher l-iktar data kmieni possibbli ta' ħlas lura, filwaqt illi għall-assi tidher l-iktar data tard ta' ħlas lura possibbli. Dawk l-assi u obbligazzjonijiet li m'għandhomx data tal-maturità kuntrattwali huma miġbura flimkien fil-kategorija "Maturità mhux definita".

*miljuni ta' EUR*

| Maturità | Anqas minn 3 xhur | 3 xhur sa sena | 1 sa 10 snin | Maturità mhux definita | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| **Assi f'EUR:** | | | | | |
| Kontijiet kurrenti | 1 | 0 | 0 | 0 | **1** |
| Depożiti ta' żmien qasir | 248 | 0 | 0 | 0 | **248** |
| *Li minnhom imgħax dovut* | *1* | *0* | *0* | *0* | *1* |
| Assi disponibbli għall-bejgħ | 38 | 109 | 754 | 3 | **904** |
| *Li minnhom imgħax dovut* | *7* | *13* | *0* | *0* | *20* |
| **Total** | **287** | **109** | **754** | **3** | **1 153** |
| **Obbligazzjonijiet f'EUR:** | | | | | |
| Ekwità | 0 | 0 | 0 | 1 152 | **1 152** |
| Pagabbli skont il-kontijiet | 1 | 0 | 0 | 0 | **1** |
| **Total** | **1** | **0** | **0** | **1 152** | **1 153** |
| **Sitwazzjoni ta' likwidità netta fil-31.12.2007** | **286** | **109** | **754** | **(1 149)** | **0** |
| **Sitwazzjoni ta' likwidità kumulattiva fil-31.12.2007** | **286** | **395** | **1 149** | **0** | |

*KOMUNITAJIET EWROPEJ TAL-FAĦAM U L-AZZAR (f'likwidazzjoni)*

**L-informazzjoni li ġejja tirrigwarda ammonti mislufa u missellfa, u kif ukoll attivitajiet tat-teżor imwettqa mill-Komunitajiet Ewropej permezz tal-Komunitajiet Ewropej tal-Faħam u l-Azzar (f'likwidazzjoni).** Aktar informazzjoni hija disponibbli fil-kontijiet tal-KEFA f'likwidazzjoni.

7.10. **POLITIKA TA' ĠESTJONI TAR-RISKJU U ATTIVITAJIET TA' KOPERTURA**

Wara li skada t-Trattat tal-KEFA fit-23 ta' Lulju 2002, f'konformità mad-Deċiżjoni 2003/76/KE l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-KEFA għaddew għand il-Komunità Ewropea, u l-likwidazzjoni tal-obbligazzjonijiet tal-KEFA qed tiġi ġestita mill-Kummissjoni. Għalhekk, l-ebda self ġdid u l-ebda finanzjament li jikkorrispondi miegħu ma huma previsti għall-KEFA f'likwidazzjoni. Self ġdid mill-KEFA huwa ristrett għall-finanzjament mill-ġdid bl-għan li titnaqqas l-ispiża tal-fondi.

Il-ġestjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet issir mill-Kummissjoni skont linji gwida interni. Manwali ta' proċeduri miktuba li jkopru oqsma speċifiċi bħall-ġestjoni tat-teħid u l-għoti b'self u tat-teżor ġew żviluppati u jintużaw mill-unitajiet operattivi relevanti. Riskji finanzjarji u operattivi huma identifikati u valutati u l-konformità mal-linji ta' gwida u proċeduri interni huma verifikati regolarment. Sa fejn għandhom x'jaqsmu operazzjonijiet tat-teżor, il-prinċipji ta' ġestjoni prudenti bil-ħsieb li jitnaqqsu riskji operattivi, riskji tal-kontroparti u riskji tas-suq għandhom jiġu applikati. L-investimenti huma essenzjalment ristretti għall-kategoriji li ġejjin: depożiti fissi mal-banek, strumenti tas-suq tal-flus, bonds b'rati fissi u li jvarjaw.

Il-limiti ewlenin tal-investiment skont il-kategorija huma kif ġej:

— Għal depożiti taż-żmien, l-anqas minn jew EUR 100 miljun għal kull bank jew 5 % tal-fondi proprji tal-bank sakemm il-klassifikazzjoni rispettiva għal perjodu qasir tkun mill-anqas ta' A-1 (S&P) jew ekwivalenti;

— Għal Bonds maħruġa jew garantiti minn Stati Membri jew istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, sa EUR 250 miljun għal kull Stat Membru jew istituzzjoni skont il-klassifikazzjoni tagħhom;

— Għal bonds maħruġa minn entitajiet sovrani jew sopranazzjonali oħrajn bi klassifikazzjoni tal-kreditu ta' mhux anqas minn AA (S&P) jew ekwivalenti sa EUR 100 miljun għal kull entità li toħroġ jew tiggarantixxi l-bonds;

— Għal bonds maħruġa minn entitajiet li għandhom klassifikazzjoni ta' mhux anqas minn AA jew AAA (S&P) jew ekwivalenti, sa 25 jew 50 miljun EUR rispettivament, skont il-klassifikazzjoni u l-istatus ta' min joħroġhom.

Il-KEFA f'likwidazzjoni tuża strumenti finanzjarji derivattivi sabiex tagħmel koperturi ta' ċerti esponimenti għar-riskju.(ara wkoll in-nota **E.2.3.4.2**).

7.11. **RISKJU TAS-SUQ**

## Riskji tal-kambju tal-valuti

Il-KEFA f'likwidazzjoni hija esposta għal riskju tal-kambju barrani kkawżat minn esponimenti tal-munita firrigward tad-Dollaru Amerikan u l-Isterlina Ingliża. Din it-tabella tippreżenta fil-qosor l-espożizzjoni tal-KEFA f'likwidazzjoni għar-riskji tal-kambju tal-muniti barranin fil-31 ta' Diċembru 2007.

L-assi u l-obbligazzjonijiet tal-KEFA f'likwidazzjoni fil-valuri nominali tagħhom ekwivalenti għall-EUR, kategorizzati skont il-munita huma murija fit-tabella.

*miljuni ta' EUR*

| | GBP | USD |
|---|---|---|
| Assi | 207 | 68 |
| Obbligazzjonijiet | (285) | (68) |
| **Pożizzjoni netta tal-karta tal-bilanċ** | **(78)** | **0** |
| *Effett ta' swaps fuq muniti u rati tal-imgħax* | *81* | — |
| **Esponiment nett** | **3** | **0** |

Il-pożizzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-GBP hija prinċipalment magħmula mis-somma ekwivalenti fl-euro ta' 204 miljun titolu tad-dejn li mhumiex ikkwotati maħruġa mill-Bank Ewropew tal-Investiment bħala sostitut ta' debitur li naqas milli jħallas (ara n-nota **E.2.4.2**). Skont il-manwal ta' proċeduri, ix-xiri tal-euro huwa l-unika operazzjoni ta' kambju tal-muniti awtorizzat għall-kummerċ tal-KE. Kull eċċezzjoni għal din ir-regola trid tiġi ġġustifikata.

## Riskju tal-prezz

Il-KEFA f'likwidazzjoni hija esposta għar-riskju tal-prezz tat-titoli tad-dejn minħabba investimenti kklassifikati fuq il-karta tal-bilanċ bħala disponibbli għall-bejgħ.

7.12. **RISKJU TAR-RATI TAL-IMGĦAX**

Ir-riskju tar-rati tal-imgħax tal-flussi tal-flus huwa r-riskju li l-flussi tal-flus futuri jvarjaw minħabba bidliet fir-rati tal-imgħax tas-suq. Riskju tal-imgħax tal-valur ġust huwa r-riskju li l-valur tal-istrument finanzjarju jvarja minħabba bidliet fir-rati tal-imgħax tas-suq. Minħabba n-natura tal-attivitajiet tagħha, il-KEFA f'likwidazzjoni hija esposta għall-effetti tal-varjazzjonijiet fil-livelli prevalenti tar-rata ta' imgħax tas-suq fuq ir-riskji tal-valur ġust tagħha u kif ukoll tal-fluss tal-flus.

(a) *Self mogħti minn fondi missellfa*

Ir-riskji tar-rata tal-imgħax li jiġu mit-teħid b'self huma ġeneralment paċuti b'għoti b'self li jkun ekwivalenti fit-termini u fil-kundizzjonijiet (operazzjonijiet back-to-back). Jekk ma tkunx tista' ssir tpaċija perfetta, strumenti finanzjarji derivattivi jintużaw sabiex inaqqsu l-esponiment għaċ-ċaqliq tar-rati tal-imgħax (ara n-nota **E.2.3.4.2**)

(b) *Titoli tad-dejn*

Titoli tad-dejn maħruġa b'rati varjabbli jesponu lill-KEFA f'likwidazzjoni għar-riskju tar-rata tal-imgħax tal-flussi tal-flus filwaqt illi t-titoli tad-dejn b'rati fissi jesponu lill-Komunità għal riskju tar-rata ta' imgħax tal-valur ġust. Bonds ta' rati fissi jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor 94 % tal-portafoll tal-investiment fid-data tal-karta tal-bilanċ (2006: 93 %).

Din it-tabella turi d-distribuzzjoni tal-holdings tal-KEFA f'likwidazzjoni (il-valur tas-suq eskluż l-imgħax dovut) fil-31 ta' Diċembru 2007:

*miljuni ta' EUR*

| Segmenti | Investimenti b'rata fissa | | | Titoli b'rata varjabbli | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| | Anqas minn 3 xhur | 3 xhur sa sena | 1 sa 10 snin | | |
| Kontijiet kurrenti | 7 | 0 | 0 | 0 | 7 |
| Depożiti għal perjodu qasir — nominali | 42 | 0 | 0 | 0 | 42 |
| Portafoll AFS | 15 | 106 | 1 179 | 87 | 1 387 |
| **Total** | **64** | **106** | **1 179** | **87** | **1 436** |
| **Perċentwal** | **4 %** | **7 %** | **83 %** | **6 %** | **100 %** |

Fil- 31.12.2007, l-imgħax dovut kien jammonta għal 29 miljun EUR għall-portafoll tal-AFS.

(c) *Analiżi tas-sensittività għar-rati tal-imgħax*

Il-prezz tas-suq ta' titolu tad-dejn jiddependi fuq it-tul taż-żmien sal-maturità, il-kupun tiegħu u r-rendita effettiva sal-maturità. Għall-finijiet tax-shock analysis, it-titoli kollha tad-dejn tal-portafoll (inklużi l-Biljetti b'Rata Varjabbli) jingħataw prezz darba skont ir-rendita effettiva, imbagħad jerġgħu jingħataw prezz skont rendita li tiżdied b'100 bps. Il-bidla fil-prezz tas-suq hija t-telf ipotetiku rappurtat tax-shock analysis. Il-qabża parallela ta' 100 bps titqies li ġrat b'mod istantanju, l-ebda medda ta' żmien ma hija kkunsidrata. Nhar il-31 ta' Diċembru 2007 dan it-telf ipotetiku kien ta' madwar EUR 53 miljun.

## 7.13. **RISKJU TAL-KREDITU**

Il-KEFA f'likwidazzjoni tesponi ruħha għar-riskju ta' kreditu li huwa r-riskju li kontroparti ma tkunx tista' tħallas l-ammonti kollha meta dovuti. Għandhom jiġu applikati linji gwida fuq l-għażla tal-kontropartijiet. Għaldaqstant, l-unità operattiva se tkun tista' tidħol fi ftehimiet biss ma' banek eliġibbli li jkunu parti minn "lista tan-negozju ta' banek awtorizzati" u li jkollhom limiti suffiċjenti tal-kontraparti. L-esponiment għar-riskju ta' kreditu huwa ġestit permezz ta' analiżi regolari tal-kapaċità ta' min jissellef li jissodisfa l-obbligi tal-ħlas tal-imgħax u tal-ħlas lura tal-kapital. Esponiment għar-riskju tal-kreditu huwa wkoll ġestit bil-kisba ta' garanziji kollaterali kif ukoll garanziji tal-pajjiż, korporattivi u personali. Fil-31 ta' Diċembru 2007, EUR 265 miljun kienu jitqassmu kif ġej:

*miljuni ta' EUR*

| | Nominal Amount |
|---|---|
| Self lill-istituzzjonijiet ta' kreditu | 41 |
| Self lill-klijenti | 224 |
| **Total** | **265** |

77 % tal-ammont totali pendenti huwa kopert minn garanziji minn Stat Membru jew korp ekwivalenti (istituzzjonijiet pubbliċi jew gruppi industrijali tas-settur pubbliku fl-Istati Membri). 17 % tas-self dovut ingħata lil banek jew ġie garantit minn banek. 6 % tad-debitu dovut (15 miljun EUR) huwa magħmul minn self mogħti lill-uffiċjali tal-istituzzjonijiet Ewropej minn dak li qabel kien il-fond ta' pensjoni tal-KEFA (fit-tabella mqassra ta' hawn fuq, is-self lill-uffiċjali huwa inkluż fis-self lill-klijenti), li huwa kopert minn assigurazzjonijiet dwar il-ħajja u d-diżabbiltà u s-salarji rispettivi.

Il-bilanċ tas-self li fadal biex jitħallas, jiġifieri 0,1 % għandu jiġi kkunsidrat bħala li jippreżenta grad ogħla ta' riskju. Dan ifisser li l-garanziji li ngħataw (bonds ta' garanziji ppreżentati minn gruppi industrijali privati u garanziji oħra speċjali) ġeneralment ma jipprovdux l-istess livell ta' sigurtà fil-każ ta' problemi.

Minn perspettiva ta' likwidità, is-self mogħti fuq fondi msellfa huwa kopert għal kollox minn riżerva ddedikata. Din ir-riżerva tammonta għal EUR 134 miljun fil-31 ta' Diċembru 2007. Is-self mogħti b'fondi proprji kienu koperti minn riżerva oħra, li qabel kienet magħrufa bħala "Riżerva Speċjali KEFA". Din ir-riżerva speċjali tammonta għal EUR 48 miljun nhar il-31 ta' Diċembru 2007.

(a) *Flus u depożiti ma' istituzzjonijiet tal-kreditu — profil tal-kontropartijiet*

Fid-data tal-karta tal-bilanċ, 43 % u 57 % tad-depożiti u tal-bilanċi tal-kontijiet kurrenti jinsabu f'banek ikklassifikati (Fitch) F1+ (jew ekwivalenti) u F1 (jew ekwivalenti), rispettivament. Id-depożiti u l-bilanċi ta' kontijiet kurrenti kollha jinżammu f'banek ġewwa l-OECD.

(b) *Għoti b'self u avvanzi — profil tad-debituri*

Konċentrazzjonijiet ġeografiċi tas-self mogħti minn fondi missellfa (espressi fl-ammont nominali dovut) fid-data tal-karta tal-bilanċ huma kif ġej: Għandha tittieħed nota wkoll tal-fatt li dawn l-ammonti mislufa kienu appoġġjati minn garanziji ta' korpi pubbliċi, banek jew gruppi industrijali minbarra għar-Renju Unit fejn ma ġew riċevuti l-ebda garanziji.

*miljuni ta' EUR*

| | 31 ta' Diċembru 2007 | Numru ta' ammonti mislufa |
|---|---|---|
| il-Greċja | 68 | 1 |
| Franza | 134 | 2 |
| l-Italja | 0 | 8 |
| ir-Renju Unit | 0 | 0 |
| **Total** | **202** | **11** |

Wara r-ristrutturar tad-djun ta' debitur li naqas mill-ħlas fl-1998, il-Kummissjoni akkwistat 204 miljun EUR f'biljetti negozjabbli mill-Bank Ewropew tal-Investiment (klassifikati AAA) sabiex jiġi stabbilit mill-ġdid il-karattru back-to-back tat-tranżazzjoni tal-għoti u t-teħid b'self u għalhekk jiġi kopert ir-riskju tar-rata tal-imgħax u tal-muniti. Dawn il-biljetti negozjabbli mhumiex inklużi fit-tabelli t'hawn fuq.

Fir-rigward tal-konċentrazzjonijiet ġeografiċi tal-ammonti mislufa mill-fondi proprji — għajr is-self lil uffiċjali tal-Istituzzjonijiet Ewropej — (espressi fl-ammont nominali pendenti tagħhom) fid-data tal-karta tal-bilanċ, 50 % tat-total ta' EUR 48 miljun huma mogħtija fil-Ġermanja, bil-bqija jitqassmu madwar 12-il Stat Membru tal-UE. Is-self kollu kien appoġġjat b'garanziji.

(c) *Strumenti finanzjarji derivattivi — profil tal-kontropartijiet:*

Ara n-nota **E.2.3.4.2**.

(d) *Titoli disponibbli għall-bejgħ — profil ta' dawk li joħorġuhom*

Dettalji tat-titoli tad-dejn (espressi fil-valur xieraq tagħhom) bit-tip ta' entità li toħroġhom u bil-klassifikazzjoni (ta' Standard & Poor's) fid-data tal-karta tal-bilanċ huma kif ġej:

*miljuni ta' EUR*

| | 31 ta' Diċembru 2007 | % |
|---|---|---|
| Sovrani | 430 | 30 % |
| Organizzazzjonijiet Multinazzjonali | 91 | 6 % |
| Banek u Istituzzjonijiet Finanzjarji | 622 | 44 % |
| Entità Pubblika Oħra | 274 | 20 % |
| **Total** | **1 417** | **100 %** |

*miljuni ta' EUR*

| | 31 ta' Diċembru 2007 | % |
|---|---|---|
| AAA | 839 | 59 % |
| AA+ | 124 | 9 % |
| AA | 215 | 15 % |
| A+ | 94 | 7 % |
| A | 82 | 6 % |
| A- | 40 | 3 % |
| BBB+ | 6 | 0 % |
| BBB | 17 | 1 % |
| **Total** | **1 417** | **100 %** |

Fir-rigward tal-konċentrazzjonijiet ġeografiċi tat-titoli tad-dejn (espressi fil-valur ġust tagħhom) fid-data tal-karta tal-bilanċ 18 % huma fil-Ġermanja, 9 % fl-Istati Uniti, 8 % fir-Renju Unit, 5 % fi Franza u 6 % kull wieħed fl-Awstrija, Spanja u Supranazzjonali. Il-bqija huma mqassma madwar pajjiżi tal-OECD.

### 7.14. **RISKJU TAL-LIKWIDITà**

Ir-riskju tal-likwidità li jiġi minn ammonti missellfa huwa ġeneralment paċut minn ammonti mislufa b'termini u kundizzjonijiet ekwivalenti (operazzjonijiet back-to-back). Fil-każ li ma jistax jintlaħaq qbil perfett, strumenti finanzjarji derivattivi jiġu użati sabiex jiġi paċut il-fluss tal-flus.

Għall-ġestjoni tal-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni, il-Kummissjoni tiġġestixxi rekwiżiti tal-likwidità fuq il-bażi tat-tbassir tal-infiq fuq medda ta' 11-il sena miksub permezz ta' konsultazzjonijiet mas-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni. Investimenti jsiru f'dan il-kuntest sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti annwali rispettivi.

### 7.15. **VALUR ĠUST**

*Għoti u Teħid b'Self*

Il-valur ġust stmat tal-għoti u t-teħid b'self huwa determinat bl-użu ta' mudell tal-fluss skontat tal-flus. Skont dan il-mudell, flussi futuri mistennija tal-flus jiġu skontati bl-applikazzjoni tal-kurvi tar-rendita AAA xierqa għaż-żmien li jkun baqa' għall-maturità.

Il-valur ġust stmat tal-ammonti mislufa b'rata ta' imgħax li tvarja huwa meqjus li jilħaq bejn wieħed u ieħor l-ammont kontabbli tagħhom peress illi l-prezzijiet ġodda bir-rati tal-imgħax tas-suq isiru kull 3 jew 6 xhur. Il-valur xieraq stmat tal-ammonti mislufa u missellfa b'imgħax fiss ma setgħux jinkisbu peress illi d-dejta meħtieġa sabiex jiġu kalkulati dawn il-valuri ma kenitx disponibbli.

*Titoli disponibbli għall-bejgħ*

It-titoli disponibbli-għall-bejgħ huma ppreżentati bil-valur ġust li huwa l-prezz tas-suq flimkien mal-imgħax dovut.

*Strumenti finanzjarji mkejla bil-valur ġust*

L-ammont totali tal-bidla fil-valur ġust stmat permezz ta' teknika ta' valutazzjoni li ġiet rikonoxxuta fil-kont tar-riżultat ekonomiku matul is-sena huwa ta' EUR 9 miljun (telf nett) imqabbel ma' EUR 1 miljun (profitt nett) fl-2006. Ma hemmx strumenti finanzjarji mkejla bil-valur ġust permezz ta' teknika ta' valutazzjoni li mhijiex appoġġjata minn prezzijiet jew rati tas-suq li jiġu osservati.

*Ammonti riċevibbli u pagabbli*

Il-valur nominali li minnu titnaqqas il-proviżjoni għat-tħassir tar-riċevibbli tal-kummerċ u l-valur nominali tal-pagabbli tal-kummerċ huma meqjusa li joqorbu lejn il-valur ġust tagħhom.

*Flus u ekwivalenti*

Il-valur ġust tal-flus u ekwivalenti inklużi kontijiet kurrenti u depożiti għal perjodu qasir (ta' anqas minn tliet xhur) huwa l-ammont kontabbli tagħhom.

## 8. DIKJARAZZJONIJIET DWAR IL-PARTIJIET RELATATI

Għall-għanijiet tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar tranżazzjonijiet tal-partijiet relatati fir-rigward tal-ġestjoni prinċipali tal-Komunitajiet Ewropej, dawn il-persuni jidħru hawn taħt ħames kategoriji:

**Kategorija 1:** Il-President tal-Kummissjoni u l-President tal-Qorti tal-Ġustizzja

**Kategorija 2:** il-Viċi Presidenti tal-Kummissjoni

**Kategorija 3:** il-Membri tal-Kummissjoni, l-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Membri tal-Qorti tal-Prim'Istanza, il-President u l-Membri tat-Tribunal Ewropew tas-Servizz Ċivili, l-Ombudsman u l-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data.

**Kategorija 4:** il-President u l-Membri tal-Qorti tal-Awdituri

**Kategorija 5:** l-uffiċjali fl-ogħla karigi tal-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji

**INTITOLAMENTI FINANZJARJI PRINĊIPALI TAL-ĠESTJONI**

*EUR*

| Intitolament (għal kull impjegat) | Kategorija 1 | Kategorija 2 | Kategorija 3 | Kategorija 4 | Kategorija 5 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Salarju bażiku** (fix-xahar) | 23 617,91 | 21 393,04 | 17 114,43 — 19 253,73 | 18 483,59 — 19 681,60 | 10 882,28 — 17 114,43 |
| **Allowance residenzjali** (% tas-salarju) | 15 % | 15 % | 15 % | 15 % | Mhux applikabbli |
| **Allowance għas-servizz barra mill-pajjiż** (% tas-salarju) | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | 16 % |
| **Allowances għall-familja:** | | | | | |
| Household (% tas-salarju) | 2 % + 158,86 | 2 % + 158,86 | 2 % + 158,86 | 2 % + 158,86 | 2 % + 158,86 |
| Tfal dipendenti | 319,27 | 319,27 | 319,27 | 319,27 | 319,27 |
| Pre-school | 67,83 | 67,83 | 67,83 | 67,83 | 67,83 |
| Edukazzjoni, jew | 235,53 | 235,53 | 235,53 | 235,53 | 235,53 |
| Edukazzjoni barra mill-post tax-xogħol | 471,06 | 471,06 | 471,06 | 471,06 | 471,06 |
| **Allowance tal-imħallfin li jippresiedu** | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | 500 — 810,74 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| **Allowance tar-rappreżentazzjoni** | 1 418,07 | 911,38 | 500 — 607,71 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| **Spejjeż tal-ivvjaġġar annwali** | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Iva |
| **Trasferimenti lill-Istat Membru:** | | | | | |
| Allowance għall-edukazzjoni ([1]) | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva |
| % tas-salarju ([1]) | 5 % | 5 % | 5 % | 5 % | 5 % |
| % tas-salarju mingħajr cc | 25 % | 25 % | 25 % | 25 % | 25 % |
| **Spejjeż ta' rappreżentazzjoni** | rimborżati | rimborżati | rimborżati | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| **Bidu tal-impjieg:** | | | | | |
| Spejjeż tal-istallazzjoni | 47 235,82 | 42 786,08 | 38 507,46 | 36 967,17 | rimborżati |
| Spejjeż tal-ivvjaġġar tal-familja | rimborżati | rimborżati | rimborżati | rimborżati | rimborżati |
| Spejjeż taċ-ċaqliq | rimborżati | rimborżati | rimborżati | rimborżati | rimborżati |
| **Tluq mill-kariga:** | | | | | |
| Spejjeż tar-reinstallazzjoni | 23 617,91 | 21 393,04 | 19 253,73 | 18 483,59 — 19 681,60 | rimborżati |
| Spejjeż tal-ivvjaġġar tal-familja | rimborżati | rimborżati | rimborżati | rimborżati | rimborżati |
| Spejjeż taċ-ċaqliq | rimborżati | rimborżati | rimborżati | rimborżati | rimborżati |
| Tranżizzjoni (% mis-salarju) ([2]) | 40 % — 65 % | 40 % — 65 % | 40 % — 65 % | 40 % — 65 % | Mhux applikabbli |
| Assigurazzjoni kontra l-mard | rimborżati | rimborżati | rimborżati | rimborżati | volontarja |
| **Pensjoni** (% tas-salarju, qabel it-taxxa) | Massimu 70 % | Massimu 70 % | Massimu 70 % | Massimu 70 % | Massimu 70 % |
| **Tnaqqis:** | | | | | |
| Taxxa tal-Komunità | 8 % — 45 % | 8 % — 45 % | 8 % — 45 % | 8 % — 45 % | 8 % — 45 % |
| Assigurazzjoni tal-mard (% salarju) | 1,8 % | 1,8 % | 1,8 % | 1,8 % | 1,8 % |
| Imposta speċjali fuq is-salarju | 3,79 % | 3,79 % | 3,79 % | 3,79 % | 3,79 % |
| Tnaqqis tal-pensjoni | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | 10,25 % |
| **Numru ta' persuni nhar il-31.12.2007** | **2** | **5** | **92** | **27** | **77** |

([1]) Bl-applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni ("cc").
([2]) Imħallsa għall-ewwel tliet snin wara t-tluq.

9. AVVENIMENTI WARA D-DATA TAL-KARTA TAL-BILANĊ

Fid-data tal-approvazzjoni ta' dawn il-kontijiet, ma ġew għall-attenzjoni tal-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, u ma ġew irrappurtati lilu, l-ebda kwistjonijiet materjali li kienu jeħtieġu li jiġu ddikjarati separatament taħt din it-taqsima. Il-kontijiet annwali u n-noti relatati ġew ippreparati bl-użu tal-informazzjoni l-aktar riċenti disponibbli u dan huwa rifless fl-informazzjoni ppreżentata hawn fuq.

10. ENTITAJIET KONSOLIDATI

A. **ENTITAJIET KONTROLLATI**

1. ***Istituzzjonijiet u korpi konsultattivi***

Il-Kumitat tar-Reġjuni

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Il-Kontrollur Ewopew tal-Protezzjoni tad-Data

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-Ombudsman Ewropew

Il-Parlament Ewropew

2. ***Aġenziji tal-Komunità***

L-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurezza u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

L-Aġenzija Ewropea tas-Sigurezza tal-Avjazzjoni

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Kontroll u l-Prevenzjoni tal-Mard

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali

L-Aġenzija Ewropea tal-Ambjent

L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol u tal-Ghajxien

L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza Marittima

L-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Drogi u tal-Abbuż mid-Drogi

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u tal-Informatika

Il-Fundazzjoni Ewropea għat-Taħriġ

Iċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea

L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva mal-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

L-Awtorita Ewropea ta' Sorveljanza (GNSS)

L-Uffiċċju tal-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trejdmarks u Disinni)

L-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea

L-Uffiċċju Komunitarju dwar il-Varjeta tal-Pjanti

L-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd [1]

3. ***Aġenziji Eżekuttivi***

Anness PARTC-3-14-1 — Aġenzija Eżekuttiva għall-kompetittività u l-Innovazzjoni

L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Audioviżjoni u l-Kultura

L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Programm tas-Saħħa Pubblika [1]

4. ***Entitajiet ikkontrollati oħra***

Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (f'likwidazzjoni)

Eurojust [2]

Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) [2]

[1] *Ikkonsolidat għall-ewwel darba fl-2007.*

[2] *Korp deċentralizzat tal-UE li jaqa' taħt il-pilastru "Pulizija u Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'materji kriminali".*

B. **IMPRIŻI KONĠUNTI**

Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Enerġija mill-Fużjoni ITER (sehem mill-interess/saħħa tal-voti: 45,5 %)

Impriża Konġunta SESAR (ivvalutata kemm swiet)

Impriża Konġunta Galileo f'likwidazzjoni (sehem mill-interess/saħħa tal-voti: 91,6 %/49,3 %)

C. **ASSOĊJATI**

Il-Fond Ewropew għall-Investiment (sehem mill-interess/saħħa tal-voti: 25 %)

11. ENTITAJIET MHUX KONSOLIDATI

Għalkemm il-Komunitajiet jieħdu ħsieb il-ġestjoni tal-assi tal-entitajiet imsemmija hawn taħt, dawn tal-aħħar ma jilħqux ir-rekwiżiti sabiex ikunu konsolidati u għalhekk mhumiex inklużi fil-kontijiet tal-Komunitajiet Ewropej:

11.1. **IL-FOND EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP (EDF)**

Il-Fond Ewropew tal-iżvilupp (EDF) huwa l-istrument prinċipali għall-għajnuna tal-Komunità għall-kooperazzjoni tal-iżvilupp fil-pajjiżi tal-AKP u l-Pajjiżi u t-Territorji Barranin (OCT). Kull Fond huwa konkluż għall-perjodu ta' ħames snin. Sa mill-konklużjoni tal-ewwel konvenzjoni ta' partenarjat fl-1964 (Konvenzjoni Yaoundé I), iċ-ċikli EDF ġeneralment imxew fuq dik tal-konvenzjonijiet ta' sħubija ta' Yaoundé u Lomé. Id-disa' EDF kien konkluż fl-istess ħin bħall-konvenzjoni ta' partenarjat l-aktar reċenti, l-hekk imsejjaħ Ftehim Cotonou, f'Ġunju 2000. Il-Ftehim Cotonou kien iffirmat minn 77 Stat: 48-il pajjiż tal-Afrika ta' taħt is-Saħara; 15-il pajjiż mill-Karibew u 14-il pajjiż tal-Paċifiku. Id-disa' EDF ġie allokat EUR 13,5 biljun għal perjodu ta' ħames snin, li skada f'Diċembru 2007. Il-Ftehim Cotonou għandu dispożizzjonijiet għall-żewġ strumenti finanzjarji biss taħt l-EDF: strument għall-għoti ta' sussidji għall-appoġġ għall-iżvilupp fit-tul (għajnuna mhux rimborsabbli); u faċilità tal-investiment għall-promozzjoni tas-settur privat fl-Istati tal-AKP. Il-Ftehim ta' Cotonou ġie revedut fil-Lussemburgu f'Ġunju 2005 u l-10 EDF relatat miegħu se jidħol fis-seħħ fl-2008.

L-EDF mhux iffinanzjat mill-Baġit tal-Komunitajiet iżda minn kontribuzzjonijiet diretti mill-Istati Membri, li jintlaħaq qbil dwarhom f'negozjati. L-ammont li Stat Membru jħallas huwa, fost affraijiet oħra, parzjalment ibbażat fuq il-PGN tiegħu u parzjalment ibbażat fuq il-konnessjonijiet storiċi tiegħu (i.e. dawk li kienu kolonji) mal-Istati AKP involuti. Il-Kummissjoni u l-EIB jamministraw ir-riżorsi tal-EDF.

L-EDF huwa kkontrollat mir-Regolament Finanzjarju tiegħu stess (ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1) li jipprevedi l-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tiegħu stess, separatament minn dawk tal-Komunitajiet. L-EDFs huma suġġetti għall-kontroll estern tal-Qorti tal-Awdituri u l-Parlament. Għal finijiet ta' informazzjoni, il-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku tal-EDF huma murija hawn taħt:

**KARTA TAL-BILANĊ — EDF**

*miljuni ta' EUR*

| | 31.12.2007 | 31.12.2006 |
|---|---|---|
| **Assi kurrenti:** | | |
| Riċevibbli | 8 | 217 |
| Prefinanzjament | 957 | 2 809 |
| Assi kurrenti oħra | (3) | 1 |
| Flus likwidi u ekwivalenti | 388 | 291 |
| Total | 1 350 | 3 318 |
| **Assi totali** | **1 350** | **3 318** |
| **Obbligazzjonijiet kurrenti:** | | |
| Kontijiet pagabbli | (704) | (2 096) |
| **Obbligazzjonijiet totali** | **(704)** | **(2 096)** |
| **Assi netti** | **646** | **1 222** |
| **Fondi u riżervi** | | |
| Kapital tal-fond imsejjaħ | 25 019 | 29 900 |
| Riżultat għas-sena | (3 256) | (2 924) |
| Riżultati trasferiti mis-snin ta' qabel | (22 411) | (26 788) |
| Riservi | 1 294 | 1 034 |
| **Fondi u riżervi** | **646** | **1 222** |

**KONT TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU — EDF**

*miljuni ta' EUR*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dhul totali** | 0 | 0 |
| **Spejjeż operattivi** | | |
| *Spejjeż Operattivi:* | | |
| Għajnuna tal-Programmi | 638 | 750 |
| Appoġġ makroekonomiku | 427 | 408 |
| Sussidji fuq ir-rati tal-imgħax | 1 | 1 |
| Għajnuna għal emerġenza | 155 | 130 |
| Għajnuna għar-refuġjati | (6) | 7 |
| Kapital tar-riskju | 58 | 63 |
| Stabex | 98 | 189 |
| Sysmin | 32 | 30 |
| Trasferimenti minn EDFs preċedenti | 5 | 15 |
| Aġġustamenti strutturali | (6) | 1 |
| Ħlas tad-djun | 180 | 17 |
| Politika settorjali | 1 149 | 911 |
| Kumpens għad-dħul mill-esportazzjoni | 84 | 53 |
| Appoġġ istituzzjonali | 30 | 32 |
| Proġetti intra-AKP | 382 | 339 |
| Fond speċjali R.D. Kongo | 17 | (13) |
| Total | 3 244 | 2 933 |
| *Spejjeż amministrattivi:* | 31 | 24 |
| | **3 275** | **2 957** |
| Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet trasferiti għas-sena N+1 | (3 114) | (745) | — | **(3 859)** |
| Approprjazzjonijiet tal-EFTA miġjuba mis-sena N-1 | (2) | 0 | — | **(2)** |
| Kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet mhux użati trasferiti mis-sena N-1 | 246 | 477 | — | **723** |
| Differenzi tal-kambju għas-sena | (124) | (3) | — | **(126)** |
| Riżultat tal-Eżekuzzjoni tal-Baġit | 1 542 | 86 | 0 | **1 628** |

TAQSIMA B: NOTI TA' SPJEGAZZJONI MAR-RAPPORTI KONSOLIDATI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT

1. PRINĊIPJI, STRUTTURI U APPROPRJAZZJONIJIET TAL-BAĠIT

1.1. **PRINĊIPJI TAL-BAĠIT**

Il-baġit ġenerali tal-Komunitajiet huwa rregolat minn numru ta' prinċipji bażiċi:

— **l-unità u l-preċiżjoni tal-baġit:** l-infiq u d-dħul kollu tal-Komunitajiet għandu jkun inkorporat f'dokument wieħed tal-baġit, għandu jkun reġistrat f'linja tal-baġit u l-infiq m'għandux jaqbeż l-approprjazzjonijiet awtorizzati;

— **l-universalità:** dan il-prinċipju jikkonsisti f'żewġ regoli:

  — ir-regola tan-non-assenjazzjoni, li tfisser li d-dħul tal-baġit m'għandux ikun assenjat speċifikament għal partiti speċifiċi ta' nfiq (id-dħul totali għandu jkopri l-infiq totali);

  — ir-regola tal-baġit gross, jiġifieri li d-dħul u l-infiq jiddaħħlu kompletament fil-baġit mingħajr ma jiġu aġġustati kontra xulxin;

— **l-annwalità:** l-approprjazzjonijiet imdaħħla huma awtorizzati għal sena waħda u għandhom għalhekk ikunu użati matul dik is-sena;

— **l-ekwilibriju:** id-dħul u l-infiq murija fil-baġit għandhom ikunu f'bilanċ (id-dħul stmat għandu jkun ugwali għall-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet);

— **l-ispeċifikazzjoni:** kull approprjazzjoni hija assenjata għal skop speċifiku u għan speċifiku;

— **l-unità tal-kontijiet:** il-baġit huwa mfassal u implimentat f'euro u l-kontijiet huma ppreżentati f'euro;

— **il-ġestjoni finanzjarja soda:** l-approprjazzjonijiet tal-baġit huma użati f'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja soda, jiġifieri skont il-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja;

— **it-trasparenza:** il-baġit huwa stabbilit u implimentat u l-kontijiet huma ppreżentati f'konformità mal-prinċipju tat-trasparenza — il-baġit u l-baġits ta' emenda huma ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

1.2. **STRUTTURA TAL-BAĠIT**

Il-baġit jikkonsisti:

a) f'dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul;

b) f'sezzjonijiet separati maqsuma fid-dikjarazzjonijiet tad-dħul u l-infiq ta' kull Istituzzjoni: Taqsima I: il-Parlament; Sezzjoni II: il-Kunsill; Sezzjoni III: Kummissjoni; Sezzjoni IV: il-Qorti tal-Ġustizzja; Sezzjoni V: il-Qorti tal-Awdituri; Sezzjoni VI: il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali; Sezzjoni VII: Il-Kumitat tar-Reġjuni; Sezzjoni VIII: L-Ombudsman; Sezzjoni IX: Il-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data.

Il-partiti ta' dħul u nfiq ta' kull Istituzzjoni huma klassifikati skont it-tip tagħhom jew l-użu li għalih ikunu assenjati taħt intestaturi, kapitoli, artikoli u partiti.

Parti mill-fondi tal-KEFA f'likwidazzjoni tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-baġit operattiv tal-KEFA f'likwidazzjoni. Dan il-baġit operattiv kien adottat annwalment mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kunsill u l-Parlament Ewropew. L-aħħar baġit kien imfassal għall-perjodu tal- 1 ta' Jannar sat- 23 ta' Lulju 2002. Sa mill- 24 ta' Lulju 2002, id-dħul u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-baġit operattiv huma inklużi fid-dħul u l-infiq tal-KEFA f'likwidazzjoni. L-impenji li għadhom iridu jiġu mwettqa huma murija fuq in-naħa tal-assi tal-karta tal-bilanċ.

1.3. **STRUTTURA TAL-KONTIJIET TAL-BAĠIT**

Il-baġit tal-Kummissjoni biss fih approprjazzjonijiet amministrattivi u approprjazzjonijiet operattivi. L-Istituzzjonijiet l-oħra għandhom biss approprjazzjonijiet amministrattivi.

Il-baġit jiddistingwi bejn żewġ tipi ta' approprjazzjonijiet: approprjazzjonijiet mhux differenzjati u approprjazzjonijiet differenzjati. L-approprjazzjonijiet mhux differenzjati huma użati sabiex jiffinanzjaw operazzjonijiet ta' natura annwali (li huma konformi mal-prinċipju tal-annwalità). L-approprjazzjonijiet differenzjati kienu introdotti sabiex jirrikonċiljaw il-prinċipju tal-annwalità mal-bżonn li jkunu amministrati operazzjonijiet multi-annwali.

a) **L-approprjazzjonijiet mhux differenzjati** jkopru:

— it-taqsimiet amministrattivi kollha tal-baġit (il-Kapitolu 1 tat-Taqsima tal-Kummissjoni u l-intier ta' kull sezzjoni oħra);

— l-approprjazzjonijiet ta' Garanzija tal-EAGGF ta' natura annwali; kif ukoll

— ċerti approprjazzjonijiet tekniċi (ħlas lura, garanziji għal għoti b'self u teħid b'self, eċċ.)

Fil-każ ta' approprjazzjonijiet mhux differenzjati, l-ammont ta' approprjazzjonijiet għall-impenji huwa l-istess bħal dak ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet.

b) **L-approprjazzjonijiet differenzjati** huma maħsuba biex ikopru operazzjonijiet multiannwali u jinkludu l-approprjazzjonijiet fil-Kapitoli kollha ħlief il-Kapitolu 1 tat-Taqsima tal-Kummissjoni (minbarra l-EAGGF.)

Dawn l-approprjazzjonijiet differenzjati jitqassmu f'approprjazzjonijiet għall-impenji u approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet:

— **l-approprjazzjonijiet għall-impenji**: ikopru l-ispiża totali tal-obligazzjonijiet legali li jkunu ġew assunti għas-sena finanzjarja kurrenti għal operazzjonijiet li jestendu fuq numru ta' snin. Madankollu, l-approprjazzjonijiet tal-baġit għal azzjonijiet li jestendu fuq aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu, skont l-Artikolu 76(3) tar-Regolament Finanzjarju, jitqassmu fuq numru ta' snin f'taqsimiet annwali fejn l-att bażiku jipprovdi għal dan. Għall-approprjazzjonijiet differenzjati, l-impenji tal-baġit li jkunu għadhom ma sarux għal snin futuri jintwerew bħala passiv kontinġenti barra mill-karta tal-bilanċ.

— **l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet**: ikopru l-infiq li joħroġ mill-impenji assunti fis-sena finanzjarja kurrenti u/jew snin finanzjarji ta' qabel.

## 1.4. ORIĠINI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET

Is-sors prinċipali tal-approprjazzjonijiet huwa l-baġit tal-Komunitajiet għas-sena kurrenti. Madankollu, hemm tipi oħra ta' approprjazzjonijiet li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju. Dawn jiġu mis-snin finanzjarji ta' qabel jew minn sorsi esterni.

### 1.4.1. *Approprjazzjonijiet Finali tal-Baġit*

#### Approprjazzjonijiet tal-baġit inizjali adottati

#### Trasferimenti

L-approprjazzjonijiet jistgħu jiġu trasferiti bejn il-linji skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 22 sa 24 tar-Regolament Finanzjarju (Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002).

#### Baġits ta' emenda

Il-baġit adottat jista' jkun emendat jew miżjud b'baġit ta' emenda. Ir-regoli huma stabbiliti fl-Artikoli 37 u 38 tar-Regolament Finanzjarju.

### 1.4.2. *Approprjazzjonijiet trasferiti 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti jew li jkunu disponibbli mill-ġdid*

#### Approprjazzjonijiet trasferiti awtomatikament għas-sena finanzjarja ta' wara

Dawn huma approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet mhux differenzjati li jistgħu jkunu trasferiti 'l quddiem awtomatikament għal sena finanzjarja waħda biss (m'hemmx limiti għall-KEFA f'likwidazzjoni) f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament Finanzjarju.

#### Approprjazzjonijiet trasferiti 'l quddiem b'deċiżjoni tal-Istituzzjonijiet

Istituzzjoni tista' tiddeċiedi li tittrasferixxi 'l quddiem approprjazzjonijiet mill-baġit preċedenti f'waħda minn żewġ każijiet: jekk l-istadji preparatorji jkunu tlestew (Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament Finanzjarju) jew jekk il-bażi legali tiġi adottata tard (Artikolu 9(2)(b)). Sew l-approprjazzjonijiet għall-impenji u kif ukoll l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet jistgħu jiġu trasferiti 'l quddiem (Artikolu 9(3)).

#### Approprjazzjonijiet li jerġgħu jsiru disponibbli minħabba diżimpenji

Dan jinvolvi d-dħul mill-ġdid ta' approprjazzjonijiet għall-impenji li għandhom x'jaqsmu ma' fondi strutturali li ġew diżimpenjati. Ammonti jistgħu jerġgħu jiddaħħlu bħala eċċezzjoni f'każ ta' żball mill-Kummissjoni jew jekk ikunu indispensabbli għat-tlestija tal-programm (Artikolu 157 tar-Regolament Finanzjarju).

1.4.3. ***Dħul assenjat***

**Ħlas lura**

Dawn l-approprjazzjonijiet joħorġu mill-ħlas lura ta' ammonti mħallsa bi żball, dħul mill-forniment ta' prodotti/servizzi lil korpi oħra tal-Komunitajiet, ħlasijiet ta' assigurazzjoni rċevuti u dħul minn kirjiet u bejgħ ta' pubblikazzjonijiet — l-ammonti huma assenjati bħala dħul fuq il-partita tal-baġit li minnha tkun ittieħdet in-nefqa inizjali, (Regolament Finanzjarju Artikolu 10 u Artikolu 18(1)(e), (f), (g), (h), (i), u (j)), u jistgħu jkunu trasferiti 'l quddiem mingħajr limitu.

**Approprjazzjonijiet tal-EFTA**

Il-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jipprovdi għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-membri tagħha għal ċerti attivitajiet fil-baġit tal-Komunitajiet. Il-partiti tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti proġettati huma ppubblikati fl-Anness III tal-baġit tal-Komunitajiet. Il-partiti kkonċernati huma miżjuda bil-kontribuzzjoni tal-EFTA. Approprjazzjonijiet mhux użati fl-aħħar tas-sena huma kkanċellati u rritornati lill-pajjiżi taż-ŻEE.

**Dħul minn partijiet terzi**

Kif jiġri bl-approprjazzjonijiet tal-EFTA, pajjiżi oħra kkonkludew diversi ftehim mal-Komunitajiet Ewropej li jinvolvu kontribuzzjoni finanzjarja għall-attivitajiet tal-Komunitajiet. L-ammonti rċevuti huma kkunsidrati bħala dħul minn partijiet terzi li hu allokat għall-partiti tal-baġit ikkonċernati (ħafna drabi fil-qasam tar-riċerka) u jistgħu jiġu trasferiti 'l quddiem bla limiti (Artikolu 10 u Artikolu 18(1)(a) u (d) tar-Regolament Finanzjarju).

**Xogħol għal partijiet terzi**

Bħala parti mill-attivitajiet tagħhom tar-riċerka, iċ-ċentri tar-riċerka tal-Komunitajiet jistgħu jaħdmu għal korpi esterni (Artikolu 161(2) tar-Regolament Finanzjarju). Bħad-dħul minn partijiet terzi, ix-xogħol għal partijiet terzi huwa assenjat għal partiti tal-baġit speċifiċi u jista' jkun trasferit 'il quddiem bla limiti (Artikolu 10 u Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju).

**Approprjazzjonijiet li jerġgħu jsiru disponibbli bħala riżultat ta' ħlasijiet fuq il-kont**

Dawn huma fondi tal-Komunitajiet li ġew imħallsa lura mill-benefiċjarji. Ħlas lura ta' ħlasijiet fuq il-kont huma mniżżla bħala dħul assenjat (Artikoli 10 u 18(2) tar-Regolament Finanzjarju) u jistgħu jiġu trasferiti 'l quddiem mingħajr limiti. Fil-qasam tal-Fondi Strutturali r-reiskrizzjoni hija bbażata fuq Deċiżjoni tal-Kummissjoni (Artikolu 18(2) tar-Regolament Finanzjarju u Artikolu 228 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni tagħha).

1.5. **KOMPOŻIZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET DISPONIBBLI**

— *Approprjazzjonijiet finali tal-baġit* = approprjazzjonijiet inizjali tal-baġit adottati + approprjazzjonijiet tal-baġit ta' emenda + trasferimenti;

— *Approprjazzjonijiet addizzjonali* = dħul assenjat (ara aktar 'il fuq) + approprjazzjonijiet trasferiti 'l quddiem mis-sena finanzjarja ta' qabel jew li jkunu reġgħu saru disponibbli wara diżimpenji;

— *Approprjazzjonijiet totali awtorizzati* = approprjazzjonijiet finali tal-baġit + approprjazzjonijiet addizzjonali;

— *Approprjazzjonijiet għas-sena* (kif użati biex jiġi kkalkulat ir-riżultat tal-baġit) = approprjazzjonijiet finali tal-baġit + dħul assenjat.

1.6. **IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT**

L-Artikolu 48(1) tar-Regolament Finanzjarju jgħid: "il-Kummissjoni għandha timplimenta... il-baġit skont dan ir-Regolament, fuq ir-responsabbiltà tagħha stess u fil-limiti tal-approprjazzjonijiet awtorizzati".

L-Artikolu 50 jgħid li l-Kummissjoni għandha tagħti lill-Istituzzjonijiet il-poteri meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-sezzjonijiet tal-baġit li jikkonċernaw lilhom.

1.6.1. ***Eżekuzzjoni tad-dħul***

Il-baġit juża l-previżjonijiet tad-dħul suġġetti għal kwalunkwe bdil li jirriżulta mill-adozzjoni tal-baġits ta' emenda li jaġġustaw il-previżjonijiet tal-baġit inizjali skont it-tnaqqis jew żieda fid-dħul stabbilit matul l-implimentazzjoni. Id-dħul tal-baġit ikopri l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet.

Ir-riżultat tal-eżekuzzjoni tad-dħul jinkludi intitolamenti stabbiliti, dħul effettivament miġbur minn dawn l-intotalamenti stabbiliti u l-bilanċ li jkun għad irid jiġi rkuprat.

Id-dħul effettiv għas-sena finanzjarja jikkorrispondi mad-dħul miġbur minn intitolamenti stabbiliti matul il-kors tas-sena u ammonti miġbura minn intitolamenti li jkunu għadhom iridu jiġu rkuprati mis-snin ta' qabel.

### 1.6.2. *Eżekuzzjoni tan-nefqa*

Bħal ma jsir bid-dħul, in-nefqa hija prevista fil-baġit inizjali. L-eżekuzzjoni tan-nefqa turi kif l-approprjazzjonijiet għall-impenji u l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet ikunu mibdula, użati, trasferiti 'l quddiem u jaqgħu matul is-sena.

**Użu tal-approprjazzjonijiet**

*Approprjazzjonijiet għall-impenn:*

L-approprjazzjonijiet awtorizzati huma disponibbli matul is-sena finanzjarja għad-dħul f'impenji.

*Approprjazzjonijiet għall-ħlas:*

L-approprjazzjonijiet awtorizzati huma disponibbli matul is-sena finanzjarja biex isiru *ħlasijiet*.

**Trasferimenti għas-sena ta' wara:**

*Approprjazzjonijiet għall-impenn:*

Xi tipi ta' approprjazzjonijiet li ma jkunux impenjati jistgħu jkunu trasferiti 'l quddiem awtomatikament, kif inhu l-każ bid-dħul assenjat (Artikolu 10 tar-Regolament Finanzjarju).

Trasferimenti 'l quddiem jistgħu jkunu awtorizzati mill-Istituzzjonijiet:

— jekk il-biċċa l-kbira tal-istadji preparatorji tal-proċeduri ta' impenn ikunu tlestew sal-31 ta' Diċembru (Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament Finanzjarju); jew

— jekk il-bażi legali tkun adottata fl-aħħar kwart tas-sena finanzjarja (Artikolu 9(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju.)

L-awtorità tal-baġit għandha tkun notifikata b'din id-deċiżjoni (Artikolu 9(5) tar-Regolament Finanzjarju).

*Approprjazzjonijiet għall-ħlas:*

Kif inhu l-każ għall-approprjazzjonijiet għall-impenji, approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet mhux użati li jkunu ġejjin minn dħul assenjat jiġu trasferiti 'l quddiem awtomatikament.

— approprjazzjonijiet mhux differenzjati: it-trasferiment 'il quddiem huwa ġeneralment awtomatiku jekk ikun biex jiġu koperti impenji pendenti (Artikolu 9(4) tar-Regolament Finanzjarju);

— approprjazzjonijiet differenzjati: approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet li ma jiġux użati normalment jiskadu; madankollu, huma jistgħu jiġu trasferiti 'l quddiem b'deċiżjoni tal-Kummissjoni jekk l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet tas-sena finanzjajra ta' wara ma jkunux ikopru l-impenji eżistenti jew impenji marbuta ma' approprjazzjonijiet għall-impenji li jkunu huma stess ġew trasferiti 'l quddiem (Artikolu 9(3) tar-Regolament Finanzjarju).

**Kanċellazzjoni tal-approprjazzjonijiet:**

Kwalunkwe approprjazzjoni għall-impenji u għall-ħlasijiet mhux użata u mhux trasferita 'l quddiem hija kkanċellata fl-aħħar tas-sena (Artikolu 9(1) tar-Regolament Finanzjarju).

## 1.7. RIŻULTAT TAL-EŻEKUZZJONI TAL-BAĠIT GĦAS-SENA

### 1.7.1. *Dħul*

L-ammonti ta' riżorsi proprji mdaħħla fil-kontijiet huma dawk kreditati matul is-sena għall-kontijiet miftuħa f'isem il-Kummissjoni mill-gvernijiet tal-Istati Membri. Id-dħul jinkludi wkoll, fil-każ ta' bilanċ pożittiv, ir-riżultat tal-baġit għas-sena finanzjarja preċedenti.

Id-dħul l-ieħor imdaħħal fil-kontijiet huwa l-ammont fil-fatt riċevut matul is-sena.

### 1.7.2. *Infiq*

Għall-iskopijiet tal-kalkolu tar-riżultat tal-eżekuzzjoni tal-baġit għas-sena, in-nefqa tinkludi l-ħlasijiet magħmula mill-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għas-sena flimkien mal-approprjazzjonijiet għal dik is-sena li jiġu trasferiti 'l quddiem għas-sena ta' wara.

Ħlasijiet magħmula mill-approprjazzjonijiet għall-ħlas għas-sena jfissru ħlasijiet li jsiru mill-uffiċjal tal-kontabilità sal-31 ta' Diċembru tas-sena finanzjarja. Fil-każ tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, il-ħlasijiet huma dawk magħmula mill-Istati Membri bejn is-16 ta' Ottubru 2006 u l-15 ta' Ottubru 2007, sakemm l-uffiċjal tal-kontabilità kien notifikat bl-impenn u l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Jannar 2008. In-nefqa ta' garanzija tal-EAGF tista' tkun suġġetta għal deċiżjoni ta' konformità wara kontrolli fl-Istati Membri.

### 1.7.3. *Riżultat tal-eżekuzzjoni tal-baġit għas-sena*

Ir-riżultat tal-eżekuzzjoni tal-baġit jinkludi żewġ elementi: ir-riżultat tal-Komunitajiet Ewropej u r-riżultat tal-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-EFTA li huma fiż-ŻEE. F'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 dwar ir-riżorsi proprji, dan ir-riżultat tal-eżekuzzjoni jirrappreżentat d-differenza bejn:

— id-dħul totali rċevut għal dik is-sena;

— u l-ħlasijiet totali magħmula mill-approprjazzjonijiet għal dik is-sena flimkien mal-ammont totali tal-approprjazzjonijiet għal dik is-sena trasferiti għas-sena ta' wara ([1]).

Dawn li ġejjin huma miżjuda mal-figura li tirriżulta jew imnaqqsa minnha:

— il-bilanċ nett tal-kanċellazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet trasferiti 'l quddiem mis-snin ta' qabel u kull ħlas li, minħabba ċ-ċaqliq fir-rata tal-euro, ikunu akbar mill-approprjazzjonijiet mhux differenzjati trasferiti 'l quddiem mis-sena ta' qabel,

— il-bilanċ tal-gwadanji u t-telf fir-rata tal-kambju rreġistrati matul is-sena.

**Ir-riżultat tal-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Komunitajiet Ewropej jingħata lura lill-Istati Membri matul is-sena sussegwenti permezz ta' tnaqqis mill-ammonti dovuti għal dik is-sena.**

## 1.8. IMPENJI PENDENTI

Bl-introduzzjoni tal-approprjazzjonijiet differenzjati, żviluppat differenza bejn l-impenji li ttieħdu u l-ħlasijiet magħmula: din id-differenza, li tikkorrispondi mal-impenji pendenti, tirrappreżenta d-differenza ta' żmien bejn meta jittieħdu l-impenji u meta jsiru l-ħlasijiet li jikkorrispondu magħhom.

# 2. SPJEGAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ TAL-BAĠIT U KUMMENTI DWAR IR-RIŻULTAT TAL-2007

## 2.1. BAŻI LEGALI U R-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-kontijiet baġitarji huma miżmuma skont ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006, (ĠU L 390, 30.12.2006)) dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament Finanzjarju, kif l-aħħar modifikat fit-28 ta' Marzu 2007. Il-baġit ġenerali, l-istrument prinċipali tal-politika finanzjarja tal-Komunitajiet, huwa strument li jipprovdi għad-dħul u l-infiq tal-Komunitajiet u jawtorizzahom għal kull sena.

Il-proċedura tal-baġit hija stabbilita fl-Artikolu 272 tat-Trattat KE li jistipula s-sekwenza tal-istadji u l-limiti ta' żmien li jridu jkunu rispettati miż-żewġ dirgħajn tal-awtorità tal-baġit: il-Kunsill u l-Parlament. Kull sena, il-Kummissjoni tagħmel stima tad-dħul u l-infiq tal-Istituzzjonijiet Ewropej għas-sena ta' wara u tfassal abbozz preliminari ta' baġit li tibagħtu għand l-awtorità tal-baġit. Fuq il-bażi ta' dan l-abbozz ta' baġit preliminari, il-Kunsill ifassal l-abbozz ta' baġit li mbagħad ikun is-suġġett ta' negozjati bejn iż-żewġ dirgħajn tal-awtorità tal-baġit. Il-President tal-Parlament jiddikjara li l-baġit ġie finalment adottat u dan għalhekk isir inforzabbli. L-eżekuzzjoni tal-baġit hija prinċipalment ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni.

## 2.2. KONSOLIDAZZJONI TAL-BAĠIT

Ir-rapporti kkonsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jinkludu, bħal fis-snin preċedenti, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istituzzjonijiet kollha peress li fi ħdan il-baġit tal-Komunitajiet huwa stabbilit baġit għal kull Istituzzjoni.

L-Aġenziji m'għandhomx baġit separat fi ħdan il-baġit tal-Komunitajiet u huma parzjalment iffinanzjati mis-sussidju tal-baġit tal-Kummissjoni. Sabiex tkun provduta d-data tal-baġit kollha rilevanti għall-Aġenziji, il-parti baġitarja tal-kontijiet annwali kkonsolidati tinkludi rapporti separati dwar l-implimentazzjoni tal-baġits individwali tal-aġenziji tradizzjonali kkonsolidati. Dawk ir-rapporti huma:

— Tabella dwar id-dħul tal-baġit li tindika l-ammont irċevut mill-baġit tal-Kummissjoni;

([1]) Fil-każ tal-pajjiżi tal-EFTA-ŻEE, il-volum tal-approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena n għas-sena n+1 isir magħruf wara li l-kontijiet ikunu ngħalqu. Għalhekk, il-kalkolu tal-bilanċ jinkludi trasferimenti ta' approprjazzjonijiet mis-sena n-1 għas-sena n.

— Żewġ tabelli dwar l-infiq tal-baġit (impenji, ħlasijiet) bid-dettalji għal kull aġenzija u t-tqassim tal-baġit u l-approprjazzjonijiet addizzjonali;

— Fil-qiegħ ta' kull tabella tqiegħed total parzjali li jagħti l-informazzjoni dwar l-impatt finanzjarju totali tal-Aġenziji skont it-tip ta' nfiq/dħul;

— Tabella bir-riżultat tal-eżekuzzjoni tal-baġit, li żżid ir-riżultat tal-baġit tal-Aġenziji mar-riżultat tal-Komunitajiet (billi telimina s-sussidji mħallsa min-nefqa tal-Komunitajiet u s-sussidji rċevuti bħala dħul tal-Aġenziji.)

2.3. **DĦUL**

Id-dħul mill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jista' jinqasam f'żewġ kategoriji prinċipali: riżorsi proprji u dħul ieħor. Dan huwa stabbilit fl-Artikolu 269 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, li jgħid: "Salv kull dħul ieħor, l-estimi għandhom ikunu ffinanzjati kompletament minn riżorsi proprji". Il-biċċa l-kbira tan-nefqa tal-baġit hija ffinanzjata mir-riżorsi proprji. Id-dħul l-ieħor jirrappreżenta biss parti minuri mill-iffinanzjar totali.

Hemm tliet kategoriji ta' riżorsi proprji: riżorsi proprji tradizzjonali, ir-riżorsa tal-VAT u r-riżorsa tal-DGN. Riżorsi proprji tradizzjonali, fihom infishom jinkludu d-dazji agrikoli, l-imposti fuq iz-zokkor u d-dazji doganali. Mekkaniżmu ta' korrezzjoni fir-rigward tal-iżbilanċi baġitarji jifforma wkoll parti mis-sistema tar-riżorsi proprji.

2.3.1. ***Riżorsi proprji tradizzjonali***

Riżorsi Tradizzjonali Proprji: L-ammonti kollha stabbiliti ta' riżorsi proprji tradizzjonali għandhom jitniżżlu f'waħda jew oħra mill-kontijiet miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti.

— Fil-kont ordinarju stipulat mill-Artikolu 6(3)(a) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000: kull ammont irkuprat jew garantit.

— Fil-kont separat stipulat mill-Artikolu 6(3)(b) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000: kull ammont li jkun għadu ma ġiex irkuprat u/jew garantit; ammonti garantiti imma kkontestati jistgħu jiddaħħlu wkoll f'dan il-kont.

Għall-kont separat, l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni dikjarazzjoni kull tliet xhur li tinkludi:

— il-bilanċ li għandu jkun irkuprat matul il-kwart ta' sena preċedenti,

— il-bilanċi rkuprati matul l-istess kwart ta' sena,

— aġġustamenti għall-bażi (korrezzjonijiet/kanċellazzjonijiet) matul l-istess kwart ta' sena,

— ammonti maqtugħa mill-kontijiet,

— bilanċ li għandu jkun irkuprat fit-tmiem ta' dak il-kwart ta' sena.

L-informazzjoni ppreżentata mill-Istati Membri ma tippermettix li l-ammonti rkuprati matul is-sena jkunu assenjati għas-sena li fiha jkunu nħolqu l-intitolamenti. Għalhekk, il-kolonna għall-ammonti rċevuti kontra l-ammonti trasferiti 'l quddiem fit-tabella "Sommarju tal-implimentazzjoni tad-dħul ġenerali tal-baġit, 2007" tinkludi l-ammonti rċevuti matul is-sena u l-ammonti tal-intitolamenti kkanċellati u sostitwiti mill-ammont il-ġdid tal-intitolamenti ddikjarati mill-Istati Membri meta jkunu qed jagħmlu d-dikjarazzjoni l-ġdida tagħhom. Huwa applikat tnaqqis fil-valur għall-intitolamenti tar-riżorsi proprji.

Meta r-riżorsi proprji tradizzjonali mill-kont separat ikunu rkuprati, huma jridu jiddaħħlu fil-kont tal-Kummissjoni mat-teżor jew mal-korp appuntat sa mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol wara d-19-il jum tat-tieni xahar wara x-xahar li matulu l-intitolamenti jkunu rkuprati. L-Istati Membri għandhom iżommu, bħala spejjeż tal-ġbir, 25 % tar-riżorsi proprji tradizzjonali.

2.3.2. ***Riżorsi tal-VAT u riżorsi tad-DGN***

Ir-riżorsi proprji tal-VAT joħorġu mill-applikazzjoni ta' rata uniformi, għall-Istati Membri kollha, għall-bażi tal-VAT armonizzata stabbilita skont ir-regoli tal-Artikolu 2(1)(c) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2000. Il-bażi tal-VAT għandha limitu massimu ta' 50 % tad-DGN għall-Istati Membri kollha.

Ir-riżorsa tal-GNI hija riżorsa varjabbli maħsuba sabiex tforni d-dħul meħtieġ, f'kull sena, sabiex tiġi koperta n-nefqa li taqbeż l-ammont miġbur mir-riżorsi proprji tradizzjonali, riżorsi tal-VAT u dħul mixxellanju. Id-dħul jiġi mill-applikazzjoni ta' rata uniformi mal-GNI aggregat tal-Istati Membri kollha.

Ir-riżorsi tal-VAT u tad-DGN huma determinati fuq il-bażi tal-previżjonijiet tal-bażijiet tal-VAT u d-DGN magħmula meta l-abbozz ta' baġit preliminarju jkun qed jitfassal. Dawn il-previżjonijiet huma mbagħad riveduti; iċ-ċifri huma aġġornati matul is-sena tal-baġit konċernata permezz ta' baġit ta' emenda.

Iċ-ċifri finali għall-bażijiet tal-VAT u d-DGN isiru disponibbli matul is-sena ta' wara s-sena tal-baġit konċernata. Il-Kummissjoni tikkalkula d-differenzi bejn l-ammonti dovuti mill-Istati Membri b'referenza għall-bażijiet finali u s-somom effettivament imħallsa fuq il-bażi tal-previżjonijiet (riveduti). Dawn il-bilanċi tal-VAT u d-DGN, sew pożittivi u wkoll negattivi, huma miġbura mill-Kummissjoni mingħand l-Istati Membri fl-1 ta' Diċembru tas-sena ta' wara s-sena tal-baġit ikkonċernata. Jistgħu jkomplu jsiru korrezzjonijiet għall-bażijiet finali tal-VAT u d-DGN fis-snin sussegwenti. Il-bilanċi kkalkulati aktar kmieni huma aġġustati u d-differenza hija miġbura fl-istess żmien bħall-bilanċi tal-VAT u d-DGN għas-sena tal-baġit preċedenti. Għandu jkun innutat li l-korrezzjonijiet magħmula fl-2007 li jirrigwardaw il-perjodu 1995-2006 għar-riżorsi tad-DGN kienu ta' EUR 2 857 miljun. Bl-istess mod, il-korrezzjonijiet li jirrigwardaw il-perjodu 1996-2006 għar-Riżorsi tal-VAT kienu ta' EUR 973 miljun.

Meta tkun qed twettaq kontrolli tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT u d-data tad-DGN, il-Kummissjoni tista' tinnotifika lill-Istati Membri b'riżervi dwar ċerti punti li jista' jkollhom konsegwenzi għall-kontribuzzjonijiet tagħhom għar-riżorsi. Dawn il-punti, pereżempju, jistgħu jirriżultaw minn assenza ta' data aċċettabbli, jew il-ħtieġa li tiġi żviluppata metodoloġija adattata. Dawn ir-riżervi għandhom jitqiesu bħala pretenzjonijiet potenzjali fuq l-Istati Membri għal ammonti mhux stabbiliti għaliex l-impatt finanzjarju tagħhom ma jistax jiġi kkalkulat bi preċiżjoni. Meta l-ammont preċiż jista' jiġi stabbilit, ir-riżorsi li jikkorrispondu miegħu tal-VAT u DGN jinġabru jew b'konnessjoni mal-bilanċi tal-VAT u d-DGN jew b'sejħa individwali għall-fondi.

### 2.3.3. *Il-Korrezzjoni tar-Renju Unit*

Dan il-mekkaniżmu jnaqqas il-ħlasijiet tar-riżorsi proprji tar-Renju Unit proporzjonalment għal dak li hu magħruf bħala "l-iżbilanċ baġitarju" tagħha u jżid il-ħlasijiet tar-riżorsi proprji tal-Istati Membri l-oħra b'mod li jikkorrispondi ma' dan it-tnaqqis. Il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tal-iżbilanċ baġitarju favur ir-Renju Unit twaqqaf mill-Kunsill Ewropew ta' Fontainebleau (Ġunju 1984) u d-Deċiżjoni tar-Riżorsi Proprji tas-7 ta' Mejju 1985 li ħarġet minnu. L-iskop tal-mekkaniżmu kien li jnaqqas l-iżbilanċ baġitarju tar-Renju Unit permezz ta' tnaqqis fil-ħlasijiet tiegħu lill-Komunitajiet.

## 2.4. **NEFQA**

### 2.4.1. *Il-Qafas Finanzjarju 2007-2013*

*miljuni ta' EUR*

| | | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Żvilupp Sostenibbli | 53 979 | 57 653 | 59 700 | 61 782 | 63 638 | 66 628 | 69 621 |
| 2. | Konservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali | 55 143 | 59 193 | 59 639 | 60 113 | 60 338 | 60 810 | 61 289 |
| 3. | Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja | 1 273 | 1 362 | 1 523 | 1 693 | 1 889 | 2 105 | 2 376 |
| 4. | L-Ewropa bħala msieħba globali | 6 578 | 7 002 | 7 440 | 7 893 | 8 430 | 8 997 | 9 595 |
| 5. | Amministrazzjoni | 7 039 | 7 380 | 7 699 | 8 008 | 8 334 | 8 670 | 9 095 |
| 6. | Kumpens | 445 | 207 | 210 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Approprjazzjonijiet għall-impenji** | | **124 457** | **132 797** | **136 211** | **139 489** | **142 629** | **147 210** | **151 976** |
| **Total tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet** | | **122 190** | **129 681** | **123 858** | **133 505** | **133 452** | **140 200** | **142 408** |

Din it-taqsima tiddeskrivi l-kategoriji prinċipali tan-nefqa tal-Komunitajiet, ikklassifikati skont l-intestaturi tal-perspettiva finanzjarja 2007-2013. Is-sena finanzjarja 2007 kienet l-ewwel waħda koperta mill-perspettiva finanzarja 2007-2013. Il-limitu massimu tal-approprjazzjonijiet għall-impenji għall-2007 huwa ta' EUR 124 457 miljun, ekwivalenti għal 1,04 % tad-DGN. Il-limitu massimu li jikkorrispondi miegħu għall-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet huwa ta' 122,190 miljun EUR, ekwivalenti għal 1,02 % tad-DGN. It-tabella ta' hawn fuq turi l-perspettiva finanzjarja bil-prezzijiet kurrenti

#### Intestatura 1 — Tkabbir sostenibbli

Din l-Intestatura tinqasam f'żewġ komponenti li huma separati, iżda marbuta bejniethom:

— 1a. Il-kompetittività għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, li tkopri n-nefqa fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ, in-netwerks tranż-Ewropej, il-politika soċjali, is-suq intern u l-politiki li jakkumpanjawhom.

— 1b. Il-koeżjoni għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, mfassla sabiex issaħħaħ il-konverġenza tal-Istati Membri u r-reġjuni l-anqas żviluppati, sabiex tikkumplimenta l-istrateġija tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli barra r-reġjuni li għandhom livell aktar baxx ta' prosperità u tappoġġja l-kooperazzjoni interreġjonali.

#### Intestatura 2 — Preżervazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali

L-intestatura 2 tinkludi l-politiki komuni tal-agrikoltura u s-sajd, l-iżvilupp rurali u l-miżuri ambjentali, b'mod partikolari Natura 2000. L-ammont iddedikat għall-politika agrikola komuni jirrifletti l-ftehim milħuq fil-Kunsill Ewropew ta' Brussell f'Ottubru 2002.

**Intestatura 3 — Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja**

L-intestatura l-ġdida nru 3 (Ċittadinanza, libertà, sigurtà, u ġustizzja) tirrifletti l-importanza dejjem tikber marbuta ma' ċerti oqsma fejn l-Unjoni ġiet allokata dmirijiet ġodda — il-ġustizzja u l-affarijiet interni, il-ħarsien tal-fruntieri, il-politika dwar l-immigrazzjoni u l-ażil, is-saħħa pubblika u l-ħarsien tal-konsumatur, il-kultura, iż-żgħażagħ, l-informazzjoni u d-djalogu maċ-ċittadini. Hija maqsuma f'żewġ komponenti:

— 3a. Libertà, Sigurtà u Ġustizzja

— 3b. Ċittadinanza

**Intestatura 4 — L-UE bħala msieħba globali**

L-intestatura 4 tkopri l-azzjoni esterna kollha, inklużi l-istrumenti tal-preadeżjoni. Fejn il-Kummissjoni kienet proponiet li tintegra l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) fil-qafas finanzjarju, il-Kunsill Ewropew u l-Parlament Ewropew qablu li din titħalla barra.

**Intestatura 5 — L-Amministrazzjoni**

Din l-intestatura tkopri l-infiq amministrattiv tal-istituzzjonijiet kollha, il-pensjonijiet u l-Iskejjel Ewropej. Għall-Istituzzjonijiet l-oħra barra l-Kummissjoni, dawn l-ispejjeż jiffurmaw il-parti l-kbira tan-nefqa tagħhom, iżda l-Aġenziji u l-entitajiet l-oħra għandhom infiq sew amministrattiv u kif ukoll operattiv.

**Intestatura 6 — Kumpens**

F'konformità mal-ftehim politiku li l-Istati Membri l-ġodda ma jsirux kontributuri netti għall-baġit fil-bidu nett tas-sħubija tagħhom, kien previst kumpens taħt din l-intestatura. Dan l-ammont se jkun disponibbli bħala trasferimenti lilhom sabiex jibbilanċja d-dħul u l-kontribuzzjonijiet baġitarji tagħhom.

2.4.2. ***Oqsma ta' politika***

Bħala parti mill-użu tagħha tal-Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività (ABM) il-Kummissjoni implimentat Ibbaġitjar ibbażat fuq l-Attività (ABB) fil-proċessi ta' ppjanar u ġestjoni tagħha. L-ABB jinvolvi struttura tal-baġit li fiha t-titoli tal-baġit jikkorrispondu għall-oqsma ta' politika u l-kapitoli tal-baġit għall-attivitajiet.

L-ABB jara li jipprovdi qafas ċar biex jittraduċi l-għanijiet tal-politika tal-Kummissjoni f'azzjoni, permezz ta' mezzi leġiżlattivi, finanzjarji jew ta' politika pubblika oħrajn. Billi x-xogħol tal-Kummissjoni jkun strutturat f'termini ta' attivitajiet, tinkiseb stampa ċara tal-impenji tal-Kummissjoni u fl-istess ħin ikun stabbilit qafas komuni għat-tfassil tal-prijoritajiet. Huma allokati riżorsi għall-prijoritajiet matul il-proċedura tal-baġit, billi l-iskopijiet ta' bbaġittjar jissawru abbażi tal-Attivitajiet. Billi tkun stabbilita din ir-rabta bejn l-attivitajiet u r-riżorsi allokati lilhom, l-ABB jara li jżid l-effiċjenza u l-effettività fl-użu tar-riżorsi fil-Kummissjoni.

Qasam ta' politika jista' jiġi definit bħala grupp omoġenju ta' Attivitajiet li jikkostitwixxu partijiet tal-ħidma tal-Kummissjoni, li huma rilevanti għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. B'kollox, 32 qasam ta' politika ġew identifikati, b'kull qasam ta' politika jikkorrispondi, b'mod ġenerali, għal DĠ, u li jiġbor fih medja ta' madwar 6 jew 7 Attivitajiet individwali. Dawn l-oqsma ta' politika huma fil-biċċa l-kbira operattivi, peress li l-attivitajiet ċentrali tagħhom għandhom l-iskop li minnhom jibbenefikaw terzi, kull wieħed fl-ambitu rispettiv ta' attività. Il-baġit operattiv jitlesta bin-nefqa amministrattiva neċessarja għal kull qasam ta' politika.

2.5. **KUMMENTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT 2007**

2.5.1. ***Riżultat tal-eżekuzzjoni tal-baġit 2007***

L-approprjazzjonijiet trasferiti 'l quddiem mis-sena finanzjarja ta' qabel fir-rigward ta' kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi u ħidmiet għalihom, li min-natura tagħhom qatt ma jiskadu, huma inklużi mal-approprjazzjonijiet addizzjonali għas-sena finanzjarja. Dan jispjega d-differenza bejn it-trasferimenti mis-sena ta' qabel fid-dikjarazzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-2007 u dawk trasferiti għas-sena ta' wara fid-dikjarazzjonijiet tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-2006.

L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet biex jerġgħu jintużaw u li jerġgħu jkunu disponibbli wara l-ħlas lura tal-ħlasijiet fuq il-kont m'humiex ikkalkulati meta jkun qed jinħadem ir-riżultat tal-eżekuzzjoni għas-sena.

Il-parti tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet li għandha x'taqsam mal-EFTA-ŻEE li ġiet trasferita 'l quddiem mill-Komunitajiet mill-2007 għall-2008 ma setgħetx tkun inkluża fil-bilanċ tal-2007 minħabba li hija suġġetta għall-approvazzjoni mill-EFTA tal-ammonti konċernati, u din ma tingħatax sa nofs l-2008.

L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet li ġew trasferiti 'l quddiem jinkludu: trasferimenti awtomatiċi u trasferimenti b'deċiżjoni. Dan jinkludi wkoll iż-żieda tal-approprjazzjonijiet fuq dħul identifikat ladarba approprjazzjonijiet mhux użati fl-aħħar tas-sena għandhom ikunu trasferiti 'l quddiem awtomatikament. It-tħassir tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet mhux użati trasferiti 'l quddiem mis-sena ta' qabel issa juri biss it-tħassir ta' approprjazzjonijiet trasferiti 'l quddiem awtomatikament u b'deċiżjoni.

### 2.5.2. *Sommarju tal-punti ewlenin dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-2007*

F'konformità mal-prinċipju tal-ekwilibriju, id-dħul u l-infiq tal-baġit (approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet) għandhom ikunu f'bilanċ. L-ammont tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet fil-baġit adottat inizjalment, iffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew fil-15 ta' Diċembru 2006, ġie ffisat għal EUR 115 497 miljun, li għandhom jiġu ffinanzjati mir-riżorsi proprji li jammontaw għal EUR 114 288 miljun. Għandu jiġi nnutat li l-estimi tad-dħul u l-infiq fil-baġit inizjali huma suġġetti għal aġġustament matul is-sena baġitarja, b'dawn il-modifiki jiġu ppreżentati fil-baġits ta' emenda. Aġġustamenti fil-ħlasijiet tar-riżorsi proprji bbażati fuq id-DGN tal-Istati Membri jassiguraw li d-dħul tal-baġit jibbilanċja eżatt l-infiq ibbaġitjat.

Matul l-2007 ġew adottati seba' baġits ta' emenda. L-impatt tagħhom fuq in-naħa tad-dħul tal-baġit tal-2007 irriżultaw fi dħul finali totali ta' EUR 113 846 miljun. Dan kien iffinanzjat minn riżorsi proprji li ammontaw għal EUR 106 203 miljun (għalhekk EUR 8 085 miljun anqas milli inizjalment previst) u d-differenza minn dħul ieħor. Il-ħtieġa iżgħar għar-riżorsi proprji kienet dovuta għal diversi fatturi bħall-inklużjoni ta' EUR 2 109 miljun li jirrigwardaw il-bilanċ pożittiv tas-sena ta' qabel flimkien mal-bilanċ pożittiv mill-Fond ta' Garanzija għall-miżuri esterni. Fl-aħħarnett, l-effett ikkombinat tat-tnaqqis fl-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet u ż-żieda fil-previżjoni tad-dħul fil-Baġit ta' Emenda nru 7/2007 rriżultat fi tnaqqis supplementari fir-riżorsi tad-DGN ta' EUR 5 976 miljun.

F'dak li jirrigwarda r-riżorsi proprji għandu jkun innutat li l-ġbir tar-riżorsi proprji tradizzjonali laħaq 100 % tal-ammonti previsti. Dan huwa spjegat mill-fatt li l-estimi tal-baġit kienu mmodifikati meta kien stabbilit il-Baġit ta' Emenda Nru 5/2007 (huma tnaqqsu b'EUR 775 miljun). Dan l-aġġustament kien ibbażat l-aktar fuq il-previżjonijiet il-ġodda tar-rebbiegħa 2007, li huma anqas ottimisti minn dawk preċedenti.

Il-ħlasijiet finali tal-VAT u d-DGN tal-Istati Membri wkoll jikkorrispondu mill-qrib ħafna mal-istima finali tal-baġit. Id-differenza bejn l-ammonti previsti u l-ammonti li tħallsu realment hija spjegata permezz tad-differenzi fir-rati tal-Euro użati għall-finijiet tal-baġit u r-rati fis-seħħ fiż-żmien meta dawk l-Istati Membri li ma jiffurmawx parti mill-EMU effettivament għamlu l-ħlas tagħhom.

Fuq in-naħa tal-infiq, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet fil-baġit tal-2007, l-ewwel sena tal-Qafas Finanzjarju l-ġdid, ammontat għal EUR 109 biljun (98 %). Wara t-trasferiment ta' madwar EUR 750 miljun f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet, li jirrigwardaw l-aktar l-infiq amministrattiv (mhux differenzjat), ir-rata tal-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet fil-baġit tal-2007 laħqet 99 %, li hija simili għal dik tal-approprjazzjonijiet għall-impenji. Dan jikkompara b'mod favorevoli mas-snin preċedenti.

L-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet għall-impenji fil-baġit tal-2007 ammontat għal EUR 119 biljun (96 %). L-approprjazzjonijiet għall-impenji li kien għadhom mhumiex użati fi tmiem is-sena kellhom x'jaqsmu l-aktar mal-adozzjoni ta' xi programmi operattivi għall-Koeżjoni u r-Riżorsi Naturali. Dawn l-approprjazzjonijiet se jiġu trasferiti għall-2008, jew riprogrammati għas-snin ta' wara tal-Qafas Finanzjarju. Wara t-trasferiment u r-riprogrammar mitlub (li jammontaw b'kollox għal madwar EUR 3,6 biljun), ir-rata tal-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet għall-impenji fil-baġit tal-2007 laħqet id-99 %. Dan jikkompara b'mod favorevoli mas-snin preċedenti, u partikolarment mal-2000, l-ewwel sena tal-Qafas Finanzjarju preċedenti, meta t-trasferiment u r-riprogrammar kellhom jintużaw fuq skala kbira.

### 2.5.3. *Rikonċiljazzjoni tar-riżultat tal-baġit tal-2007 mar-riżultat ekonomiku tal-2007*

Ir-riżultat ekonomiku għas-sena ppreżentat fil-Parti I, Sezzjoni B huwa kkalkulat abbażi tal-prinċipji tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti. Ir-riżultat tal-baġit huwa, madankollu bbażat fuq regoli modifikati tal-kontabilità bbażata fuq il-ħlasijiet, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju. Minħabba li dawn huma t-tnejn li huma r-riżultat tal-istess tranżazzjonijiet, huwa utli li jiġi aċċertat li huma rikonċiljabbli. It-tabella ta' hawn fuq turi din ir-rikonċiljazzjoni, u tenfasizza l-ammonti ewlenin tar-rikonċiljazzjoni, maqsuma bejn il-partiti tad-dħul u l-infiq.

**Il-partiti tar-rikonċiljazzjoni — Dħul**

Id-dħul baġitarju effettiv għal sena finanzjarja jikkorrispondi mad-dħul miġbur minn intitolamenti stabbiliti matul il-kors tas-sena u ammonti miġbura minn intitolamenti stabbiliti fis-snin ta' qabel. Għalhekk, **l-intitolamenti stabbiliti matul is-sena kurrenti iżda li għadhom mhux miġbura** għandhom jitnaqqsu mir-riżultat ekonomiku għall-finijiet tar-rikonċiljazzjoni għax ma jiffurmawx parti mid-dħul baġitarju. Għall-kuntrarju, **l-intitolamenti stabbiliti fis-snin ta' qabel u miġbura matul is-sena kurrenti** għandhom jiżdiedu mar-riżultat ekonomiku għall-finijiet tar-rikonċiljazzjoni.

Id-**dħul dovut nett** jikkonsisti l-aktar fi dħul dovut għall-imposti agrikoli, ir-riżorsi proprji u l-interessi u d-dividendi. Jitqies biss l-effett nett, jiġifieri d-dħul dovut għas-sena kurrenti b'dak li ġej mis-sena ta' qabel imnaqqas minnu.

**Il-partiti tar-rikonċiljazzjoni — Dħul**

**L-ispejjeż dovuti netti** jikkonsistu l-aktar f'dovuti magħmula għall-finijiet tal-għeluq fl-aħħar tas-sena, jiġifieri spejjeż eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji tal-fondi tal-Komunità iżda li jkunu għadhom mhux irrappurtati lill-KE.

Filwaqt li l-ispejjeż dovuti mhumiex meqjusa bħala spejjeż tal-baġit, il-ħlasijiet magħmula fis-**sena kurrenti fir-rigward tal-fatturi rreġistrati matul is-snin preċedenti** huma parti min-nefqa baġitarja tas-sena kurrenti.

**L-effett nett tal-prefinanzjament** huwa l-kombinazzjoni ta' (1) l-ammonti l-ġodda tal-prefinanzjament imħallsa matul is-sena kurrenti u rikonoxxuti bħala nfiq baġitarju għas-sena u (2) ir-rilaxx tal-prefinanzjament imħallas fis-sena kurrenti jew is-snin preċedenti billi jiġu aċċettati l-ispejjeż eliġibbli. Dawn tal-aħħar jirrappreżentaw spiża f'termini tad-dovuti iżda mhux fil-kontijiet tal-baġit ladarba l-ħlas tal-prefinanzjament inizjali diġà kien ġie kkunsidrat bħala nefqa baġitarja fiż-żmien ta' meta tħallas.

Minbarra l-ħlasijiet magħmula kontra l-approprjazzjonijiet tas-sena, l-approprjazzjonijiet għal dik is-sena li **huma trasferiti 'l quddiem għas-sena ta' wara** iridu wkoll jitqiesu biex jiġi kkalkulat ir-riżultat tal-baġit għas-sena (f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000). L-istess japplika għall-ħlasijiet tal-baġit magħmula matul is-sena kurrenti **minn trasferimenti 'l quddiem u t-tħassir ta' approprjazzjonijet għall-ħlasijiet mhux użati**.

**Il-moviment fil-proviżjonijiet** jirrigwarda l-estimi ta' tmiem is-sena magħmula fil-kontijiet ibbażat fuq id-dovuti (l-aktar benefiċċji tal-impjegati) li m'għandhomx impatt fuq il-kontijiet tal-baġit. **Ammonti oħra ta' rikonċiljazzjoni** jikkonsistu f'elementi differenti bħad-deprezzament tal-assi, l-akkwist tal-assi, il-ħlasijiet tal-kiri tal-kapital u l-parteċipazzjonijiet finanzjarji li għalihom it-trattament tal-baġit u tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti huma differenti.

Fl-aħħar nett, ir-riżultat ekonomiku **tal-aġenziji u tal-KEFA** li huma inklużi fir-riżultat ekonomiku kkonsolidat jidħru li huma esklużi ladarba l-eżekuzzjoni baġitarja tagħhom mhix parti mir-riżultat ikkonsolidat tal-baġit.

**RIKONĊILJAZZJONI: RIŻULTAT EKONOMIKU — RIŻULTAT TAL-BAĠIT**

*miljuni ta' EUR*

| | 2007 |
|---|---|
| **RIŻULTAT EKONOMIKU GĦAS-SENA** | **7 462** |
| **Dħul** | |
| Intitolamenti stabbiliti fis-sena kurrenti imma li għadhom ma nġabrux | (5 036) |
| Intitolamenti stabbiliti fis-snin preċedenti u miġbura fis-sena kurrenti | 2 543 |
| Dħul dovut (nett) | (1 068) |
| **Infiq** | |
| Spejjeż dovuti (netti) | 8 814 |
| Spejjeż tas-sena preċedenti mħallsa fis-sena kurrenti | (3 635) |
| Effett nett prefinanzjament | (6 810) |
| Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet trasferiti 'l quddiem għas-sena ta' wara | (3 116) |
| Ħlasijiet minn trasferimenti 'l quddiem u tħassir ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet mhux użati | 1 171 |
| Moviment fill-proviżjonijiet | 1 395 |
| Oħrajn | (33) |
| **Riżultat ekonomiku aġenziji + KEFA** | (145) |
| **RIŻULTAT TAL-EŻEKUZZJONI TAL-BAĠIT GĦAS-SENA** | **1 542** |